# *IL GIURNAL MALTI*

# U L-ISFOND STORIKU-KULTURALI TA' ŻMIENU

**HERBERT A. PENZA**

**Dissertazzjoni pprezentata**

**lill-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni**

**ta' l-Universita' ta' Malta**

**bi twettiq parzjali tal-ħtiġijiet mitluba**

**għall-grad ta'**

**Baċellerat ta' l-Edukazzjoni bl-Unuri fil-Malti**

**Mejju 1999**

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

MALT... 13..

# IL GIURNAL MALTI

Iohrog tliet darbiet fix-xahar. Jitthallas tliet xelini coll xitt xhur; u tnein coll tlieta: flus kuddiem. L'associazioni issir fl'Ufficiu tat-Tipografia Anglo-Maltese: Strada, Vicolo Teatro, No. 94.

Uara li ighaddu sitt xhur, is-Sinjuri Sorj jircievu il Fronte piziu u l'Indici gratis biex, icunu jistghu jillegau it-tmintax in-numru fi ctieb.

Numru uahdu jimbieh sitt soldi.

I. Sena.—I. Vol. 5 ta Jannar 1864. No. 1.

## Malta.

—:o:—

## LIL HBIEB TAGHNA

HIAHAGIA l'iggib verament hasra, li fost in-nazioniet colla, u popoli uisk icchen min taghna, issib mictub fil-lsien tahhom dac li jigrilhom, jeu dac li jigri il barranin li huma mahhom, ma duarhom u bghid minnhom: u haun Malta, mih ma jafx jakra b' Inglis, bittalian u b'ilsna ohra, ghandu jibka ma jafx tant huejjeg li grau u jigru fid-digna !

Bosta chien s'issa it-tfixchil li impedixxa dejjem ix-xandir ta giurnali bil malti; u nissoponu ahna ghaliex ma chienux ftit l' abusi ta min chien jictibhom, chif ucoll ta min chien jistampahom; li ankas ma sthau jigbru u ma ihalsux flus jn-nies; uniti ucoll ma nukkas ta gieh u kima, lein il murali tajba, u intoscati b'velenu l' izied morr. Dauna colla migburin fl' inchien iservu b'turia lil coll min irid ighaddi il koddiem, li biex jicconteuta il coll hatt, hem bzon ma joffendi il hatt.

Fuk dan 'l principiu immela jekaf *Il Giurnal Malti*: u ghalech ahna nesponu fiex tcun hajjitna f' dauna l' euuel sitt xhur.

*Articoli,* li iservu biex niddefendu u inxandru is-seua u it-tieba, u ghalech icunu jittrattau fuk dac collu li hu interessanti, li isir f'Malta u f' dauc il pajjisi colla li mahhom ghandna xi relazioni.

*Romanzi storici,* li fihom nistudiau fuk collox, chif inxerdu izied it-taghlim, chif nuru l'erruri li fihom jaka min ma iliggimx il passioniet tighu, u chif ucoll ghanda tinxtiek u tinhabb il virtù, jitbighed u jimbaghad il viziu, u biex huma jatu gost izied, inzejnuhom chem nistghu b'intrecci, u b'tahdidiet, b'descrizioniet ta lochiet, ta persuni, ta festi, ta drauuiet u costumi. Huma jidru taksima jeu tnein f' coll numru.

*Tifchiriet fuk pajjisna,* fein ingibu dauc il fat-tiet li nifmu naghzlu mil' Istoria taghna, u nirregistrau dauc l' ohrain, li jis-succiedu fi zmienna.

*Ahbariet fuk is-snaja* u *ix-xienzi,* fein jidru dauc l'invenzioniet curiusi u l'opri sbieh li isiru f'diversi pajjisi Per mez tahhom, in-nies tas-snaja

# ABSTRACT

**HERBERT A. PENZA**

***IL GIURNAL MALTI***

**U L-ISFOND STORIKU-KULTURALI TA' ŻMIENU**

This dissertation analyses the contents of *Il Giurnal Malti,* a newspaper which appeared in Malta between 1864 and 1866. It also highlights the works of contemporary writers in this newspaper. An account of the friction which existed between rival newspapers is given, namely that between *Il Giurnal Malti* and *Bertoldu*, *Stenterello*, *Il Portafoglio Maltese* and *The Maltese Observer*. The historical and cultural background will be highlighted. However, specific attention will be given to the writings from *Il Giurnal Malti* which are of literary value and which, very sadly are not so widely known.

B. Ed. (Hons.)

Mejju 1999.

**KEYWORDS:**

LITERATURE
NEWSPAPERS
POETRY
19th CENTURY
TAYLOR

**SUPERVISOR:**

Dr. Arnold Cassola B.A. (Hons.), D.Litt., Dip.Perf.

## FIL-QOSOR:

**HERBERT A. PENZA**

***IL GIURNAL MALTI***

**U L-ISFOND STORIKU-KULTURALI TA' ŻMIENU**

Analiżi u studju tal-kontenut ta' *Il Giurnal Malti,* gazzetta li ħarġet bejn l-1864 u l-1866, u ħarsa lejn il-kontribut li taw ċerti kittieba f'dan il-ġurnal. Jiġu analizzati wkoll xi polemiki li nqalgħu bejn *Il Giurnal Malti* u gazzetti oħrajn kontemporanji, fosthom *Bertoldu*, *Stenterello*, *Il Portafoglio Maltese* u *The Maltese Observer.* Din l-analiżi għalhekk għandha titfa' dawl ukoll fuq il-kultura u l-isfond storiku ta' dak iż-żmien. B'mod partikolari, jiġu mistħarrġa dawk ix-xogħlijiet ta' natura letterarja li ġew inklużi fil-ħarġiet ta' *Il Giurnal Malti,* u li, b'xorti ħażina, ftit huma magħrufa.

B. Ed. (Bl-Unuri)
Mejju 1999.

**MUFTIEĦ IL-KLIEM:**

LETTERATURA
GAZZETTI
SEKLU 19
POEŻIJA
TAYLOR

**SUPERVISOR:**

Dr. Arnold Cassola B.A. (Hons.), D.Litt., Dip.Perf.

Lil ommi u missieri,

li mingħandhom writt

is-sabiħ kollu li għandi.

## Dwar dan ix-xogħol

Il-kors tal-Malti li jsir fl-Universita' jiftaħ f'ħafna oqsma differenti, u minħabba li jittratta tant aspetti differenti, ftit kellna ċans biex bħala studenti nagħmlu tiftix fil-fond dwar qasam speċifiku, bħalma hija l-letteratura, kemm bħala studju dwar is-soċjeta' kif ukoll bħala storja letterarja.

Għalhekk, fi Frar ta' l-1997 tħaddItt ma' Dr. Arnold Cassola B.A. (Hons.), D. Litt., Dip.Perf., dwar din ix-xewqa tiegħi li nesplora fil-fond aspett wieħed tal-letteratura Maltija. Tlabtu jissuġġerili qasam jew perjodu tal-ġrajja letterarja Maltija. Dr. Cassola kien tal-fehma li l-ewwel irrid nagħti ħarsa lejn diversi ġurnali lokali li kienu joħorġu fis-seklu Dsatax biex nifforma opinjoni jien l-ewwel u nagħżel qasam jien. Minnufih bdejt it-tiftix tiegħi fil-Bibljoteka Nazzjonali, u l-ewwel ġurnal li laqatni kien *Il Giurnal Malti*, gazzetta li kienet tiddeskrivi ruħha bħala serja li kienet toħroġ bejn l-1864 u l-1866. Osservajt ukoll il-polemika qawwija li din il-gazzetta kellha ma' gazzetti oħra li kienu jidhru fl-istess żmien, bħal *Stenterello*, *The Maltese Observer* u *Ix-Xitan iz-Zopp*, fost l-oħrajn. Kien għalhekk li iddeċidejt li nkompli naħdem fuq dan il-qasam. Osservajt li diġa' saru ħafna studji s'issa dwar personaġġi partikolari u li baqgħu magħrufa għall-kontribut tagħhom għall-letteratura. Jien għalhekk għażilt gazzetta, u dan għamiltu l-ewwelnett għax gazzetta tinvolvi l-ideat u stili ta' kitba ta' diversi nies, u t-tieninett biex dan l-istudju tiegħu ikun oriġinali kemm jista' jkun u differenti, u jagħti ħarsa differenti minn studji li diġa' għandna, forsi anke biex bl-istil u l-analiżi tiegħi nuri aspetti differenti minn dawk li raw ta' qabli.

Inħoss li dan it-tiftix tiegħi għenni biex bħala student, niffoka fil-fond fuq qasam wieħed li jinteressani tal-letteratura Maltija. Bdejt ukoll napprezza l-letteratura Maltija mhux kif inhi llum, iżda kif issawret flimkien ħaġa waħda mal-ġrajjiet storiċi u ċ-ċirkustanzi differenti li Malta għaddiet minnhom tul is-sekli, kif ukoll xi nies li taw ħajjithom għall-iżvilupp tal-letteratura tagħna. Bdejt nara wkoll kif dak kollu li kont qiegħed naħdem fuqu kien jagħqad biċċa biċċa biex jagħti stampa aktar sħiħa, u għalhekk ix-xogħol kollu ħa sens ġdid għalija. Minn dan twieldet dik li nifhmu llum b'letteratura.

Dan il-ħsieb, flimkien max-xewqat tiegħi li ngħallem jew ngħarraf lil nies oħra dwar xi ġrajjiet li għaddiet minnhom l-letteratura ta' pajjiżna, ħeġġiġni biex infittex tagħrif dwar dawn l-aspetti kollha biex nippreżentahom bħala d-dissertazzjoni tiegħi. Nittama li bis-saħħa ta' dan ix-xogħol tiegħi, li jien għamilt l-isforzi li stajt biex nagħmlu ġenwin u informattiv kif ukoll siewi, inqajjem interess ġdid f'gazzetti li llum m'għadhomx jidhru u li taw sehem kbir fil-bini tal-letteratura ta' pajjiżna permezz tal-kitbiet li dehru fihom. Minn dan ukoll se joħorġu ħafna affarijiet li jitfgħu dawl fuq Malta tas-seklu Dsatax fuq bażi ġenerali, u mhux fuq bażi letterarja biss.

Din id-dissertazzjoni tiegħi ma setgħet qatt issir kieku ma kellix l-għajnuna ta' bosta nies. Nixtieq l-ewwelnett inrodd ħajr lil Dr. Arnold Cassola li minn dejjem wera interess fix-xogħol tiegħi u ħa tant paċenzja u għenni kulmeta mort u fittixtu għall-għajnuna. Ħajr imur ukoll għall-membri tal-familji tiegħi, ta' l-għarusa tiegħi Audrienne u l-familja tagħha, li dejjem raw li jgħinuni mill-aħjar mod possibbli matul il-fażijiet kollha tal-preparazzjoni tax-xogħol tiegħi. Nixtieq

ukoll inrodd ħajr lill-librara kemm tal-Bibljoteka Nazzjonali, kif ukoll ta' l-Universita' talli dejjem ipprovdewli l-materjal kollu li kelli bżonn, materjal li mingħajru dan ix-xogħol żgur ma kienx jieħu s-sura li għandu llum.

NOTA: Din id-dissertazzjoni tinkludi għadd ta' kwotazzjonijiet meħuda minn diversi ġurnali u foljetti li dehru f'Malta matul is-Seklu Dsatax. Dawn il-kwotazzjonijiet ma jidhrux hawnhekk kif jidhru oriġinarjament f'dawn id-dokumenti, iżda huma miktubin b'ortografija aġġornata għaż-żminijiet tal-lum.

## WERREJ


Daħla ġenerali ..... 2

**L-EWWEL TAQSIMA**
**L-isfond storiku, kulturali u letterarju Malti sas-Seklu Dsatax ..... 5**
1.1 L-ewwel stamperija f'Malta ..... 6
1.2 L-ewwel ħjiel ta' letteratura bil-Malti ..... 9

**IT-TIENI TAQSIMA**
**L-iżvilupp kulturali, soċjali u letterarju Malti tas-Seklu Dsatax ..... 11**
2.1 Is-seklu Dsatax ..... 12
2.2 Il-qagħda ta' l-istampa u l-kelma miktuba fil-bidu tas-Seklu Dsatax ..... 14
2.3 L-Italjanita' f'Malta ..... 16
2.4 L-għoti tal-liberta' ta' l-istampa f'Malta ..... 19
2.5 L-ewwel gazzetti ..... 23

**IT-TIELET TAQSIMA**
***Il Giurnal Malti* bħala strument ta' bidla ..... 26**
3.1 Dwar *Il Giurnal Malti* ..... 27
3.2 L-impenn politiku ta' *Il Giurnal Malti* ..... 37
3.3 Kitbiet polemiċi u marbutin ma' pika f' *Il Giurnal Malti* ..... 43

**IR-RABA' TAQSIMA**
***Il Giurnal Malti* u l-bini ta' identita' nazzjonali ..... 52**
4.1 Il-kitba b' tema kulturali u edukattiva f' *Il Giurnal Malti* ..... 53
4.2 Kitbiet ta' xejriet letterarji jew artistiċi *f' Il Giurnal Malti* ..... 61
4.3 Għeluq ..... 66
Bibljografija ..... 70

Appendici I: Id-dati tal-ħarġiet kollha ta' *Il Giurnal Malti* ..... 75
Appendici II: Indiċi tal-kitbiet kollha li jidhru f' *Il Giurnal Malti* ..... 78
Appendici III:Ġabra tal-poeżiji kollha li dehru f'*Il Giurnal Malti* ..... 171

# DAĦLA ĠENERALI

## Daħla ġenerali

Il-letteratura ġejja mill-ħtieġa tal-bniedem għall-komunikazzjoni. Il-kollettività' ta' nies li flimkien jibnu letteratura jiżgura li din ikun fiha dak li huwa essenzjali mhux biss fl-istorja, imma wkoll fil-mod tal-ħsieb. Għalhekk, letteratura hija rifless ħaj ta' nazzjon, il-frott tat-tiġrib u l-glorji li poplu sħiħ ikun għadda minnhom. Din l-espressjoni torbot flimkien lill-poplu permezz tat-tħaddim tal-kelma, u hija ħaġa waħda mal-grajjiet storiċi tal-poplu sa mill-bidu tal-ħolqien tiegħu.[1] Dan dejjem deher fix-xejriet li ħadu diversi letteraturi ta' pajjiżi kbar, bħall-Italja u l-Ingilterra. Min-naħa l-oħra, ladarba l-lingwa hija bżonn essenzjali ta' komunikazzjoni, il-bniedem kellu l-ewwel jiżviluppa tajjeb il-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex ikun jista' jiżviluppa bħala miġemgħa.[2] Storja letterarja ta' poplu ma tistax la teżisti u wisq anqas tinbidel jew tirriforma ruħha jekk ma jkunx hemm żvilupp fil-poplu,[3] u għalhekk jagħmel ħafna sens li naraw l-ewwel l-iżvilupp tal-poplu Malti biex wara naraw kif ftit ftit bdiet tifforma l-idea tal-letteratura hawn Malta.[4] Nistgħu ngħidu li l-letteratura hija l-barometru li juri s-sentimenti tas-soċjeta' bl-aktar mod ċar.

---

1 Friggieri, O., (1979), p. 11.

2 Il-bniedem fl-istat mill-aktar primittiv ma kellux komunikazzjoni żviluppata, u għalhekk lanqas ir-rabta ta' bejn gruppi differenti fi żmien missirijietna ma kienet żviluppata. Meta, imbagħad, bdiet tiżviluppa l-lingwa, tjiebu anke r-rabtiet bejn in-nies jew gruppi ta' nies li jgħammru fl-istess medda ta' art. Meta kien hemm ir-rabta bejn in-nies seta' jkun hemm idea ta' ġemgħa waħda.

3 Friggieri, O., (1979), p. 13.

4 Din l-idea damet ħafna ma daħlet f'Malta u ħadet ħafna aktar biex twettqet, kif se naraw f'dan ix-xogħol, u għal raġunijiet li semmejna u li se narawhom f'aktar dettall. Peress li Malta għandha storja ta' pajjiż dejjem imrażżan u miżmum taħt ħakma sovrana, jista' jkun li għalhekk li l-letteratura damet tant ma żviluppat. Kienet qiegħda tirrifletti b'mod l-aktar ċar il-mod ta' kif is-soċjeta' infisha kienet għadha ma żviluppatx.

Il-ġeografija ta' Malta, iċ-ċokon tagħha bħala gżira u t-taqlib politiku li gżiritna għaddiet minnu tul is-sekli flimkien iddeterminaw pass pass it-twettiq ta' l-istorja Maltija kif nafuha llum, u għalhekk anki kif issawret il-letteratura. Iċ-ċokon ta' gżiritna għen biex pajjiżna seta' jinħakem faċilment minn qawwiet barranija aktar b'saħħithom minna, filwaqt li l-pożizzjoni tagħna fil-Mediterran kienet waħda tajba strateġikament u faċli għat-trasport marittimu, li kien il-mezz tat-trasport waħdieni sas-seklu tagħna sa mill-bidu.[5]

Sa mill-ewwel ħakma, dik tal-Feniċi, l-atteġġjament tal-poplu Malti kien dejjem ta' sottomissjoni, qatt ma ndaħal fl-ebda deċiżjoni li tikkonċerna lilu, anki bl-aktar mod dirett. Il-Maltin kienu, bla ma jafu jew jifhmu għaliex, dejjem iħallu f'idejn il-barrani u jbaxxu rashom għal dak li jiddeċiedi jew jimponi l-ħakkiem, hu min hu.[6] Kull ħakma li ħalliet il-marka tagħha fuq l-istorja Maltija dejjem imxiet fuq ir-relazzjoni ta' bejn kmand ħakkiem u poplu maħkum, u dan żgur li affettwa l-qagħda letterarja ta' pajjiżna, kemm kif oriġinat u anki kif żviluppat. Kollha kellhom effett wieħed li ħadem ħafna kontra l-mentalita' u l-kultura tagħna: kemm it-tmexxija ta' gżiritna kif ukoll il-kultura tagħna qatt ma kienu Maltin, iżda kienu dejjem dawk mitfugħin fuqna mill-ħakkiem barrani. L-interessi ta' Malta kienu minn dejjem imwarrba jew minsija, u l-poplu Malti qatt ma ġie stmat bħala poplu magħqud fi gżira għalih.

---

5 Abela Ġ.F., (1984), pp. 7-8 u Castagna P.P., (1985), It-Tieni Volum, It-Tieni Ktieb, p. 4. Peress li P.P.Castagna mhux l-awtorita' fl-istorja ta' Malta, tajjeb li tagħrif meħud mingħandu jiġi konfermat f'sorsi oħra, bħalma għamilt jien f'dan il-każ mix-xogħol ta' Ġ.F.Abela.

6 Abela Ġ.F., (1984), pp.151-153 u Castagna P.P., (1985), *It-Tieni Volum, It-Tieni Ktieb*, pp. 5-6. Il-Maltin, bil-mod sottomess ta' kif kienu jimxu, kienu bla ma jridu jħeġġu lill-ħakkiem ikompli bil-mod tat-tmexxija tiegħu, għax qatt ma kienet issirlu reżistenza.

L-istorja twila ta' ħakmiet barranin li kellha Malta wassluha sas-Seklu Għoxrin.[7] Il-ħakmiet kollha kellhom għall-anqas fattur wieħed komuni: daħħlu fil-moħħ tal-poplu Malti l-idea li l-ħakkiem barrani jaqbeż hu għad-drittijiet tal-Malti. Il-Maltin qatt ma fehmu li għad-drittijiet tagħhom, iridu jkunu huma li jitkellmu. Din l-idea, kif se naraw 'il quddiem, affettwat il-mixja kollha ta' l-istorja tagħna.

[7] L-Ingliżi, l-aħħar ħakkiema tagħna, telqu għal kollox minn hawn fit-31 ta' Marzu 1979. Ara wkoll Grech J., (1997), pp. 95-96.

# L-EWWEL TAQSIMA

## L-isfond storiku, kulturali u letterarju Malti sas-Seklu Dsatax

## 1.1 L-ewwel stamperija f'Malta

Wieħed mill-passi l-kbar fl-istorja tal-letteratura ta' ħafna pajjiżi madwar id-dinja żgur li kienet l-istamperija. Din l-invenzjoni, li serviet għal tixrid ħafna akbar tal-kitba, ġiet id f'id mal-fatt li, kulma jmur, aktar nies kienu dejjem jitgħallmu jaqraw.[8] Kienet invenzjoni li kellha tibdel il-mod ta' kif jiżviluppaw il-letteraturi ta' ħafna pajjiżi madwar l-Ewropa. F'dan ir-rigward tajjeb li naraw kif intlaqtet Malta minn din l-invenzjoni.

L-istamperija ta' Johan Gutenberg, li malajr ħadet il-fama fl-Ewropa lejn nofs is-Seklu Ħmistax, ħadet żewġ sekli sħaħ sakemm daħlet u bdiet taħdem fuq bażi regolari f'Malta.[9] L-ewwel stamperija f'Malta ġabha ċertu Pompeo de Fiore, membru ta' l-Ordni b'dixxendenza Sqallija lejn nofs l-1642.[10] Għalkemm l-istamperija tiegħu kienet tiffunzjona tajjeb u kienet lesta biex titħaddem, De Fiore sab aktar xkiel qabel ikun jista' jibda. Talab lill-Granmastru Jean Paul Lascaris Castellar il-monopolju fuq l-istampar, u bħala raġuni għat-talba tiegħu semma li hu kellu l-ispejjeż u l-mertu ta' din l-inizjattiva privata tiegħu.[11] Mar tajjeb, għax il-monopolju ingħata lilu u lid-dixxendenti tiegħu għal għoxrin sena sħaħ. Il-Granmastru wettaq il-monopolju billi ipprojbixxa li xi pubblikazzjonijiet jidħlu minn barra.[12] Raġunijiet oħra, anki politiċi, wasslu biex rażżnu l-iżvilupp

---

[8] Il-kotba li qabel kienu jinkitbu minn patrijiet fil-kunventi u jinżammu fil-libreriji kbar li kellhom dawn l-istess kunventi, issa setgħu jiġu stampati, mixtrija u moqrija, anke jekk għal prezz sostanzjali, mill-poplu li kien jaf jaqra.

[9] Johan Gutenberg żviluppa l-invenzjoni tiegħu lejn nofs is-seklu Ħmistax, f'Malta daħlet, kif se naraw ftit aktar 'l isfel, fl-1642, jiġifieri lejn nofs is-seklu Sbatax.

[10] Grima, J. F., (1991), p. 3

[11] *ibid.*,p.3

[12] *ibid.*, p.3. Il-pubblikazzjonijiet kienu spiss reliġjużi, bħal *Indulgences pertaining to the Island of Malta*, *The Gospel of St. John*, u *Ricette della Pietra di S. Paolo.* Min kien jinqabad jikser din il-liġi kien jeħel multa, u l-kotba kienu jiġu konfiskati.

tal-kelma miktuba, u aktar tard, it-tixrid ta' l-arti tal-kelma f'Malta. Peress li kollox kien immexxi mill-Inkwiżitur, id-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu minnu f'dan iż-żmien kellhom importanza kbira għal kulma ġara wara. [13]

Il-letteratura miktuba tingħażel mit-tradizzjoni mitkellma għal diversi raġunijiet. Titlob li l-poplu jkun jaf jaqra. Kull xorta ta' kitba kienet issir bl-idejn, proċess li kien jitlob ħafna ħin u flus, minbarra li jkollok nies dedikati apposta għal dan it-tip ta' xogħol. Fl-Ewropa kien hemm sengħa żviluppata tajjeb ta' preparazzjoni ta' kotba miktuba bl-idejn, xi wħud minnhom imżejna b'disinji mill-isbaħ. B'xorti ħażina, dawn m'għandhom l-ebda valur letterarju, iżda kienu kotba ta' utilita', bħal per eżempju Bibbji u kotba oħra reliġjużi.[14] Ix-xogħol bil-kitba li kien isir fl-Ewropa kien isir fuq skala żgħira ħafna fi gżiritna, u ftit għandu importanza għalina għal din ix-xogħol. F'dan iż-żmien, l-Ordni ta' San Ġwann kellu t-Taljan tat-Toskana bħala l-ilsien uffiċjali tiegħu, ħaġa li torbot ħafna mal-fatt li Malta kienet tagħmel parti mir-Renju ta' Sqallija.[15]

Wara s-sena 1647, f'Malta bdew jidhru kotba mhux biss marbutin mar-reliġjon imma anki ta' l-istorja ta' pajjiżna, bħall-pubblikazzjoni ta' l-1648 ta' Ġan

[13] Il-kotba li qabel kienu jinkitbu minn patrijiet fil-kunventi u jinżammu fil-libreriji kbar li kellhom dawn l-istess kunventi, issa setgħu jiġu stampati, mixtrija u moqrija, anke jekk għal prezz sostanzjali, mill-poplu li kien jaf jaqra. Dan pero' kien żvilupp sostanzjali fil-firxa ta' materjal miktub għal dan iż-żmien.

[14] Xogħol bħal dan kien isir fil-monasteri, fejn patrijiet kienu jiddedikaw il-ħin tagħhom jikkupjaw bl-idejn. Ta' min jgħid li dawn il-manuskritti wieħed jista' faċilemt josserva id-disinji sbieħ li kienu jakkumpanjaw il-kitba.

[15] Cassola A., (1998), pp. 15-16

Franġisk Abela u ta' Fra Fabritio Cagliola.[16] L-istampa xorta ma kellhiex il-liberta' li tistampa dak li jidhrilha, u sa mill-1642 kull pubblikazzjoni kienet ċensurata minn Delegat ta' Granmastru u mill-Inkwiżitur.[17] Kull pubblikazzjoni kienet iġġorr fiha iskrizzjoni li turi li kellha permess li toħroġ minn awtoritajiet superjuri.[18] Fl-1656, kunflitt bejn min kellu joħroġ l-*imprimatur* bejn l-Isqof, il-Granmastru u l-Inkwiżitur wasslet biex l-istampa terġa' tieqaf għal kollox.[19] Peress li ħadd minn dawn it-tliet awtoritajiet ma kellu interess speċjali li l-istampa taħdem, kollox tħalla wieqaf, u x-xogħol ta' l-istamperiji waqaf għal kollox.

Aktar ma beda jgħaddi żmien, il-ħtieġa ta' l-istampa f'Malta kienet qiegħda tinħass, tant li dan wassal lill-Granmastru Raimondo Perellos biex, f'ittri ta' l-14 u l-21 ta' Ġunju, jitlob lill-ambaxxatur tiegħu f'Ruma sabiex jitħabat sabiex jinkisbu drittijiet taċ-ċensura għall-Ordni.[20] Malta kienet diġa' għamlet seklu sħiħ mingħajr l-istampa, ħaġa li rażżnet għal kollox xi tama għal xi żvilupp li seta' kien importanti. Il-Granmastru ġie mgħarraf li dawn id-drittijiet kienu se jiġu

---

[16] Grima, J. F.,(1991), pp. 8-9. Ir-riferenza għaż-żewġ pubblikazzjonijiet huma *Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano, colle sue Antichita' ed altre notizie*,(1647), ta' Ġan Franġisk Abela u *Elogio del Commendator Fra Rinaldo Bech la Buissiere Cavaliere Gersolmitano(1647)*, it-tnejn stampati minn Paolo Bonacota.

[17] *ibid.*, p.11. Ninnotaw li ż-żewġ awtoritajiet kienu jieħdu sehem attiv fid-deċiżjonijiet ta' natura politika li jittieħdu.

[18] Din l-*imprimatur* kienet il-permess miktub li kull pubblikazzjoni kellha ġġorr fuqha biex tkun skond ir-regolamenti. Min kienu dawn l-awtoritajiet superjuri li jieħdu d-deċiżjonijiet kien dubjuż sakemm dehret *imprimatur* sħiħa f' pubblikazzjoni ta' l-1643. Din hija l-unika *imprimatur* sħiħa li waslet għandna sal-ġurnata tal-lum.

[19] Cassola A., (1998), p. 94.

[20] Grima, J. F., (1991), p.15.

rikonoxxuti, u d-drittijiet taċ-ċensura ingħataw lill-Inkwiżitur, lill-Isqof u lir-rappreżentant ta' l-Ordni.[21]

## 1.2 L-ewwel ħjiel ta' letteratura bil-Malti

L-idea li ssir ġabra ta' tradizzjoni orali u ta' ġrajjiet li seħħew bdiet mill-istoriċi, bħal Ġan Franġisk Abela, li semmejnieh qabel f'dan ix-xogħol u li hu l-ewwel storjografu Malti. Dawn in-nies kienu jniżżlu ġrajjiet hekk kif seħħew biex xejn ma jintilef, u r-riżultat kien għadd ġmielu ta' manuskritti mxerrdin għand persuni differenti.[22] Il-kotba miktuba minn dawn l-istoriċi bdew il-proċess tal-letteratura. Aktar ma beda jgħaddi żmien, beda kulma jmur jinħass il-bżonn li patrimonju mhux biss marbut ma' l-istorja jinkiteb. F'Malta dan il-bżonn dam ħafna ma nħass, u l-bżonn li niktbu xi ħaġa marbuta ma' l-arti tal-kelma dam ħafna aktar.

Sa l-1966, kulħadd kien jaħseb u jemmen li l-Malti minn dejjem kien djalett ta' l-Għarbi mitkellem, u li l-eqdem kitba bil-Malti kienet ta' Ġan Franġisk Bonamico madwar is-sena 1672. Is-sejba tal-"Kantilena" ta' Pietru Caxaru fl-1966 hija manifestazzjoni ċara ta' forma Medjevali tal-Malti li teħodna ftit qabel l-1485. [23] Fil-manuskritti notarili li kien iżomm Brandano de Caxario bejn l-1533

[21] Waqt li qabel id-deċiżjonijiet dwar x'għandu jiġi stampat kienet taqa' fuq tnejn min-nies, issa bdiet tiddependi fuq tlieta, ħaġa li tat il-lok għal aktar nuqqas ta' qbil.

[22] Spiss anke l-fatti kienu jkunu mniżżlin differenti, peress li s-sorsi ma kinux daqshekk ta' min joqgħod fuqhom. Nafu wkoll li l-istoriċi l-qodma spiss kienu jieħdu materjal mix-xogħlijiet ta' xulxin, ħaġa li għenet biex l-ineżattezzi joktru.

[23] Pietru Caxaru miet f'din is-sena, allura bilfors li nkitbet ftit qabel. Din il-kopja li għandna hija l-unika waħda tal-*Kantilena*, u ma nkitbitx qabel l-1533. Ara wkoll Wettinger (1993), pp. 157-158. (Ara wkoll A Cremona, (1924)

u l-1536, tidher dik li hu sejħilha il-"Kantilena" ta' qaribu Pietru Caxaru.[24] B'xorti ħażina, għad li ma kinitx xi ispirazzjoni poetika li ħajret lil Brandano jinkludi l-"Kantilena" fil-ktieb tiegħu, it-tifsira li kellha l-għanja għen biex l-għanja tassew qadima li kien kiteb wieħed mir-razza tiegħu ħafna snin qabel, kellha tinkiteb f'dan il-ktieb biex tagħmel parti mill-patrimonju tal-letteratura Maltija.[25]

Wettinger jgħid li lsienna għadda minn proċess qawwi ħafna ta' "Latinizzazzjoni" , u dan xorta ma kissirx ir-rabtiet Semitiċi ta' lsienna.[26] Hu stess jipprova jispjega dan bil-fatt li l-l-biċċa l-kbira ta' l-immigranti Ewropej li jsibu ruħhom fi xtutna kienu jiżżewġu ma' nisa Maltin, u b'hekk l-ilsien tal-mara kien jiġi preservat.[27] Il-Malti ma żviluppax mill-Għarbi letterarju, jew Klassiku, imma minn varjeta' aktar djalettali.[28]

Ix-xogħlijiet marbutin ma' letteratura li nsibu qabel is-Seklu Dsatax huma ftit fil-għadd u jagħtuna stampa pjuttost dejqa ta' pajjiżna. Kif se naraw fit-taqsima li jmiss, dan li għadna kif iddeskrivejna ma jiħux l-importanza li ħaqqu jekk ma narawx għal xiex wassal fl-istorja tal-letteratura tagħna. L-attivita' tas-Seklu Dsatax, minbarra li kienet fuq skala ħafna akbar, kien fiha wkoll diversita' ta' skopijiet, ħaġa li wasslet għal twettiq u tħaddim aħjar ta' l-arti tal-kelma.

---

[24] *ibid.*, p. 11.

[25] Hija wkoll ħasra li s'issa ma ttieħdu l-ebda prekawzjonijiet mill-awtoritajiet preżenti Maltin biex dan id-dokument uniku jingħata l-importanza li ħaqqu u jiġi mħares, kif inhu xieraq, bħala l-eqdem biċċa letteratura li għandna.

[26] Wettinger G., (1993), p.144. B'dan it-terminu qed nifhmu reżistenza maħsuba li xxejjen rabtiet Semitiċi f'Malta u insistenza fuq kultura li tmur lejn dik Latina jew Taljana

[27] *ibid.*, p.144 u Wettinger (1988), p. 25.

[28] *ibid*, p.145.

# IT-TIENI TAQSIMA

## L-iżvilupp kulturali, soċjali u letterarju Malti tas-Seklu Dsatax

## 2.1 Is-seklu Dsatax

Il-qalba tas-Seklu Dsatax sabet kultura Taljana qawwija ħafna f'Malta, u l-mentalita' ġenerali f'Malta kienet li min kien jaf jitkellem bit-Taljan kien meqjus bħala bniedem kolt.[1] L-Ingliż ukoll, min-naħa l-oħra, ftit ftit kien qed jieħu l-importanza tiegħu. Kien il-Malti li kien għadu pass lura: sas-seklu Dsatax kien hawn ftit ħafna kelma miktuba bil-Malti, u din il-kitba kienet ristretta biss għal min kien kapaċi jaqra.[2] Dan jgħodd biss għan-nies li avvanzaw fis-soċjeta' u li kienu komdi. Min kien illitterat ma kellux aċċess għall-edukazzjoni u lanqas seta' javvanza soċjalment. Anzi, kellu bħal ċertifikat inviżibbli imwaħħal miegħu u li jistqarr li jibqa' għomru u żmienu illitterat u bla skola, ħaġa li imbagħad kienet iddum tintiret minn missier għall-ulied u tinġarr tul iż-żmien.

Malta tas-Seklu Dsatax kienet gżira maqsuma bejn il-kultura kolta Taljana u dik komuni, jew popolari Maltija.[3] Il-Malti kien, f'dan iż-żmien, jirrappreżenta l-għaqda sfurzata ta' kultura Taljana u l-fdalijiet ta' kultura oħra Semitika. Kien f'dan iż-żmien li nħasset il-ħtieġa minn partijiet tal-poplu li jkun hawn it-tagħlim, u li bit-tagħlim biss seta' jkollna soċjeta' li timxi 'il quddiem.[4] Naturalment, ma'

---

[1] Din il-mentalita' baqgħet tispikka sal-Kwistjoni tal-Lingwa ta' bejn l-1921 u l-1931. Dan juri x'rabta kulturali qawwija Malta kellha mal-penisola Taljana.

[2] Il-parti illitterata tas-soċjeta ma kinitx tifhem il-ħtieġa li pajjiżna jkollu letteratura. Lanqas ma setgħet tara l-importanza tagħha u tikkontribwixxi b'mod dirett għat-tiswir tagħha. Peress li l-poplu illitterat kien il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni Maltija, l-iżvilupp tal-letteratura kienet biċċa xogħol li ssir minn nukleju żgħir ta' nies b'nuqqas kbir ta' interess mill-bqija tal-poplu.

[3] L-Ingliż daħal fix-xena aktar tard, għalkemm kellu sehem ukoll minn din il-kwistjoni. Ara Friggieri, O (1992), p. 364

[4] Għedt li kienu partijiet minħabba l-fatt li fejn kien hemm l-injoranza, lanqas biss kien jidħol f'ras dak li jkun x'jista' jagħmel biex il-qagħda titjieb xi ftit. Kif se naraw aktar 'il quddiem, ir-refuġjati politiċi Taljani kellhom sehem mhux żgħir f'din il-kuxjenza li kienet qed tibda tinfirex bil-mod fost in-nies aktar kolti li kellna fi gżiritna. Pero', dawn raw ħtieġa ta' bidla mhux biss għall-ġid ta' Malta, imma anke bħala bidla favur il-kawżi tagħhom.

dan kien marbut il-fatt li tkun taf taqra u tikteb. Insibu nies bħal Ludovico Mifsud Tommasi (1795-1879), Richard Taylor (1818-1868), Ġuże' Muscat Azzopardi (1853-1927), Anton Muscat Fenech (1854-1910), Dwardu Cachia (1858-1907), Manwel Dimech (1860-1921) u Ninu Cremona (1880-1972), fost l-oħrajn. Il-kitbiet ta' dawn il-Maltin flimkien mal-filosofiji tagħhom jingħaqdu max-xogħol li nies barranin li sabu ruħhom f'Malta kitbu. Dwar il-kitba ta' dawn l-eżiljati Taljani u Sqallin li kienu f'Malta fis-Seklu Dsatax, u li se nitkellmu dwarhom aktar 'il quddiem, nistgħu ngħidu li żgur li kienu kapitlu kbir u importanti fil-ġrajja tal-letteratura tagħna.

Dan iż-żmien kien żmien fejn Malta bdiet tara bidliet radikali, bidliet li dejjem ġabu min japprova u min jopponi l-avvenimenti li kienu jseħħu. Il-letteratura ta' nazzjon timxi dejjem, kif rajna, id f'id ma' l-iżvilupp ta' nazzjon fl-oqsma l-oħra tal-ħajja, bħalma huma l-ekonomija u l-istabbilta'. Il-poplu Malti, maqsum u fuq livell nazzjonali bla direzzjoni, ftit ftit beda jagħraf il-bżonn ta' l-identita' li hija essenzjali għalih.[5] Il-ħsieb tal-Maltin dam s'issa biex beda joħroġ, u kellhom ikunu proprju l-libertajiet ġodda li għadda minnhom il-poplu li wassluh biex jifhem il-ħtieġa ta' dan kollu. B'hekk, nistgħu ngħidu li l-letteratura tagħna bħala Maltin taf il-bidu tagħha proprju f'dan iż-żmien.

L-istatus baxx ħafna li kellu l-Malti bħala l-ilsien tal-kotra torbot ħafna mal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-poplu Malti kienet illitterata u allura ma kienx hemm

---

[5] Il-poplu Malti, anke meta tħares lura fiż-żmien, kien poplu li dejjem mexa mar-rieda tal-ħakkiem barrani, u ġarrab ħsara minħabba f'dan ukoll. Kif nistgħu nifhmu minn dak li rajna s'issa, dan affettwa bil-kbir l-iżvilupp ta' l-oqsma kollha ta' l-ilsien Malti.

esponenti li jieqfu għall-kawża tal-lingwa.[6] Għall-affarijiet uffiċjali, fejn qabel żmien il-Kavallieri kien jintuża l-Isqalli, sa l-1800 kien qed jintuża t-Taljan tat-Toskana.[7] Kull min kien jaf bit-Taljan kien jitqies bħala bniedem kolt, u f'Malta li tkun taf bi jew li titgħallem it-Taljan u li tkun edukat kienu kważi sinonimi. Il-kultura Taljana li kien hawn f'Malta kienet waħda qawwija, u li tmur lura għal ħafna qabel żmien l-Ingliżi. Meta, imbagħad, bdiet il-ħakma tagħhom, jidher li għalkemm l-Ingliż kien il-lingwa amminstrattiva, it-Taljan baqa' l-ilsien tal-Qrati.[8] Barra minn hekk, f'dak kollu li kellu x'jaqsam ma' affarijiet uffiċjali kif ukoll ma' dawk ekkleżjastiċi, kienet tintuża l-lingwa Taljana flimkien ma' dik Latina.

Fiorentini (1982) tgħid li ma kinitx ħaġa rari li l-istampa Ingliża kienet tikteb bit-Taljan biex tintlaħaq aħjar mill-popolazzjoni. [9] Il-poplu Malti, quddiem din it-taqtigħa, xorta kien dejjem iġarrab il-konsegwenzi li ħaddieħor jitkellem għalih f'ċerti ċirkostanzi importanti, bħal fil-Qorti, bl-effetti kemm tajbin kif ukoll ħżiena ta' dan.[10] F'dan il-kwadru ta' pajjiż immexxi bħala kolonja Ingliża imma li għandu kultura Taljana qawwija ħafna, l-Ingliż kien użat biss minn minorita' kummerċjali ta' nies li kienu tgħallmu l-lingwa permezz tal-kuntatti tagħhom ma' l-Ingliżi, għax hawn Malta dik il-kultura ma kinitx preżenti.

---

[6] Barra minn dan, il-Malti kien meqjus lingwa tal-kċina u dlalett ta' l-Għarbi, ħaġa li ġabet kemm fuq il-Maltin kif ukoll fuq il-Malti prġeudizzji qawwijin razzisti li żammew l-istatus tal-Malti baxx.

[7] Cassola A., (1998), p. 92. It-Taljan kellu jibqa' l-lingwa uffiċjali ta' Malta taħt tliet mexxejja differenti: Ara Cassola, A.,(1998), pp.93-94.

[8] *ibid.*, p. 109.

[9] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp.23-24.

[10] Cassola, A., (1998), p.111. Il-lingwa li kienu jitkellmu l-Maltin hija eskluża totalment, u damet f'dan l-istat sa wara l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa, meta minoranza żgħira ta' gazzetti, bħal dik li hija ewlenija għal dan ix-xogħol, kienu joħorġu b'ortografija Taljanizzata tal-Malti.

## 2.2 Il-qagħda ta' l-istampa u l-kelma miktuba fil-bidu tas-Seklu Dsatax

Mal-qalba tas-Seklu, il-Gvern kellu monopolju assolut fuq l-istampa, u l-unika stamperija attiva f'Malta kienet l-Istamperija tal-Gvern.[11] Kienet mezz effettiv ħafna biex tikkontrolla t-tixrid ta' materjal mhux aċċettabbli, imma kienet ukoll is-sors ta' ħafna tgergir, l-aktar minn dawk in-nies li riedu b'ċerta qawwa li l-istampa tingħata l-liberta', ħaġa li diversi pajjiżi oħra kienu diġa' kisbu. [12] In-nuqqas ta' liberta' li kienu qed ibatu minnu l-Maltin xorta ma kienx ifisser li kitbiet ipprojbiti ma kinux jidħlu, għax minn dawn kien hawn kemm trid, l-aktar meta tqis li ma kien hemm l-ebda liġi tal-libell li tikkontrollahom. [13] Għad li kien hawn diversi stamperiji privati f'Malta, dawn ma setgħux jintużaw mill-Maltin. Għalhekk, min ried jistampa kellu jmur l-Istamperija tal-Gvern. L-Ingliżi għamlu kondizzjonijiet ibsin ħafna fuq x'seta' jiġi mitbugħ.[14] Barra minn hekk, il-prezzijiet biex tistampa f'Malta kienu għoljin ħafna, u xi għejjun kienu waslu biex jgħidu li kien jiġi irħas li tistampa ġewwa l-Italja milli hawn Malta. [15]

Ma nistgħux niddeskrivu t-tmexxija ta' l-Ingliżi bħala waħda liberali fil-qalba tas-Seklu Dsatax f'Malta. Iżda, l-Ingliżi minn dejjem xtaqu li jkun hemm ċertu ammont ta' liberta' fil-pajjiżi li kienu kolonji tagħhom, anki biex jekk jista' jkun

---

[11] Grima, J.F., (1991), p. 54

[12] Qed nirreferi b'mod partikolari hawnhekk għall-għadd ġmielu ta' eżiljati politiċi Taljani. Għad li l-liberta' ta' l-istampa waslet fl-1838, ma neskludux il-fatt li dawn kienu jagħmlu xi tip ta' pressjoni f'Malta bil-kitba permezz ta' fuljetti u materjal ieħor li kien isir bil-moħbi. Ta' min iżid li min kien jinqabad jistampa materjal jew ikollu makkinarju ta' stamperija bla permess kien jeħel pieni ħorox ħafna jekk jinqabad mill-awtoritajiet Ingliżi.

[13] Aktar 'l isfel se naraw kif il-liġi tal-libell daħlet għall-ewwel darba ma' l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa f'Mejju ta' l-1839.

[14] L-Ingliżi riedu li kitba tkun permessa biss jekk tkun ħielsa minn argumenti reliġjużi. B'hekk, l-Ingliżi irnexxielhom irażżnu kitbiet li jmorru kontra t-tmexxija tal-Gvern Ingliż u r-reliġjon li kien iħaddan, aktar u aktar meta tqis il-Kattoliċiżmu qawwi li kien hawn f'Malta.

[15] Grima, J.F., (1991), p. 56.

dawn ma jidhrux koroh iżżejjed mal-popli fil-kolonji tagħhom u jmantnu t-titlu tagħhom ta' 'protettriċi tal-liberta'.[16] Din ix-xewqa wasslet biex fl-20 t'Ottubru ta' l-1836, John Austin u George Cornwell Lewis żaru Malta bl-iskop li jitkixxfu dwar il-qagħda ta' Malta u niesha bl-għan ewlieni li titjieb il-qagħda tal-Maltin.[17] L-istampa ta' Malta li rat din il-Kummissjoni kienet ir-realta' kerha li l-Gvern kien ħeba għal xi żmien: rat il-bżonn ta' l-edukazzjoni fost il-poplu, u ssuġġeriet li tiġi kkonsidrata bis-serjeta' l-idea li Malta jkollha l-liberta' ta' l-istampa. [18]

## 2.3 L-Italjanita' f'Malta

Qabel f'dan ix-xogħol rajna kif xi nies kienu jaraw l-emigrazzjoni bħala l-uniku mezz ta' kif tevita ċerti problemi li jkun hemm fil-pajjiż tagħhom. Fir-reġjuni differenti ta' l-Italja ġara proprju dan bejn l-1804 u 1860, bir-riżultat li ħafna minn dawn ir-refuġjati sabu ruħhom Malta.[19] Filwaqt li Bonello [20] josserva li l-immigrazzjoni f'Malta bdiet fuq skala kbira viċin l-għoti ta' l-istampa fl-1839, Friggieri jispekula li kellna immigrazzjoni importanti anki qabel fiż-żmien, u jsemmi li l-ewwel immigrant Taljan kien Vittorio Barzoni, li wasal f'Malta fl-1804

---

[16] Ganado, (1974), p.113.

[17] Is-Sur John Austin, li ġie mas-sinjura tiegħu, flimkien mas-Sur George Cornwall Lewis kienu jiffurmaw din il-Kummissjoni Rjali , li waslet f'Malta fl-20 t'Ottubru 1836. Ara Laferla, A.V. (1945), pp.159-160.

[18] *ibid.*, pp. 161-162

[19] Friggieri, O., (1979), p.34.

[20] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp.23-177.

u li mill-ewwel taha għall-kitba ġurnalistika.[21] Il-medda ta' art li llum insejħulha l-Italja, li kienet biss isem fl-ewwel nofs tas-Seklu Dsatax, kellha tinfluwenza mhux ftit il-mixja ta' l-istorja tal-letteratura ta' gżiritna. Friggieri jara dan l-iżvilupp fuq żewġ livelli: 'tkomplija u addattament ġdid fuq livell letterarju, u imitazzjoni u tnebbih fuq livell politiku.'[22] Il-ġurnaliżmu tagħna, kif se naraw, kien qed jimmira għal dawn iż-żewġ livelli fl-istess waqt.

It-taqlib li kien hemm f'diversi reġjuni ta' l-Italja wassal biex nies intellettwali, professjonisti u attivisti Taljani, li sfaw telliefa fir-rewwixti kontra l-ħakkiema tagħhom, jaħarbu minn pajjiżhom.[23] Il-qrubija tagħna mal-penisola Taljana għenet biex dawn ir-refuġjati jkunu jistgħu jibqgħu jikkomunikaw ma' qrabathom u jsegwu dak li kien qed jiġri f'pajjiżhom.[24] Barra minn dan, tajjeb li ngħidu li l-Ingliżi taw il-permess lil mijiet ta' immigranti politiċi Taljani jiġu Malta, ħaġa li wasslet biex il-kultura Taljana tieħu post dominanti fil-xena ġurnalistika tagħna.

Malta kienet gżira ta' kenn ideali għal dawn ir-refuġjati minħabba li kellha tmexxija pjuttost tolleranti.[25] Dawn l-eżiljati ġabu magħhom l-ideat ta' poplu

---

[21] Friggieri, O., (1979) u Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p.27. Fil-fatt, waħda mill-gazzetti li tagħhom kien editur Vittorio Barzoni kienet appuntu *L'Argo*, li l-ewwel ħarġa tagħha dehret fit-23 t'April ta' l-1804, u *Giornale di Malta*, li ħarġet l-ewwel darba fis-7 ta' Jannar 1812. Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982) jattribwixxu l-gazzetta *Foglio d'Avvisi* (l-ewwel ħarġa dehret fit-8 t'Ottubru 1803) wkoll lilu, imma dan mhux ċert u jikkontradixxi dak li għedna qabel dwar id-data tal-wasla tiegħu f'Malta. Barra minn dan, Gsrima, J.F.,(1991),p.58 isemmi li Barzoni ġie fl-1803, u mhux fl-1804.

[22] Friggieri, O., (1979), p.34.

[23] *ibid.*, p.34. u Cassola, A., (1998), pp. 111. Ara wkoll Schiavone L, f' Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p.179-219 għal aktar dettalji ta' l-immigranti.

[24] Nafu wkoll li kien jgħaddi volum konsiderevoli ta' korrispondenza mhux biss familjari imma anke b'motivazzjoni politika matul il-permanenza ta' l-eżiljati f'Malta.

[25] *ibid.*, p.35.

magħqud f'Malta u b'ideat ta' patrija ideali, tant li l-kunċett ta' poplu beda jinbidel għall-Maltin, u bdiet tissawwar l-idea ta' poplu wieħed magħqud f'kuntest Malti. Flimkien ma' l-ideat politiċi, l-eżiljati Taljani kellhom ideali edukattivi, ħaġa li ħarġet tajjeb ħafna fl-attivita' letterarja u ġurnalistika li dawn l-eżiljati Taljani waqqfu f'Malta matul il-perjodu ta' żmien li damu fi gżiritna.

Minħabba l-importanza li kellha l-attivita' ta' l-eżiljati Taljani għall-ġurnaliżmu tas-Seklu Dsatax, tista' tgħid li dawn affettwaw b'mod mill-aktar sħiħ l-iżvilupp tiegħu u naraw kif inbidel tul iż-żmien. Nistgħu naqsmuh f'erba' partijiet distinti: [26]

(a) l-immigrazzjoni tan-nies kolti tal-bidu (1820 - 1839)

(b) l-immigrazzjoni viċin tal-liberta' ta' l-istampa (1839 - 1848). F'dan il-perjodu l-immigrazzjoni żdiedet ħafna minħabba li l-liberta' ta' l-istampa fi gżiritna ġibdet għadd kbir ta' eżiljati.

(ċ) l-immigrazzjoni ta' wara l-irvellijiet il-kbar ta' l-Italja (1848 - 1860)

(d) l-immigrazzjoni borbonika (1860 - 1870). L-eżiljati liberali taż-żminijiet ta' qabel telqu, u l-attivita' tagħhom tista' tgħid li waqfet. Kien hawn attivita' anqas qawwija ta' eżiljati borboniċi. F'dan iż-żmien l-attivita' ġurnalistika biddlet kemm il-qawwa kif ukoll l-għanijiet u l-aspirazzjonijiet tagħha.

Dawn l-erba' fażijiet ta' l-immigrazzjoni ftit jew wisq juruna kif inbidlu l-kurrenti politiċi ewlenin anki f'Malta fuq medda ta' ħamsin sena. Nistgħu naraw ukoll wkoll kif il-mewġa ta' mijiet ta' immigranti politiċi, miġbuda lejn artna bl-

għoti tal-liberta' ta' l-istampa, ġiet fix-xejn malli fl-Italja l-inkwiet kien beda jonqos. Dan, pero' kien biżżejjed biex iħalli marka kbira fil-ġrajja mqanqla ta' l-istorja ta' Isienna.

## 2.4 L-għoti tal-liberta' ta' l-istampa f'Malta

Il-gvern kolonjali ta' Malta, flimkien mal-Kleru, kienu żewġ istituzzjonijiet li dejjem mexxew kif qablilhom il-poplu tagħna fis-seklu Dsatax, nistgħu ngħidu b'suċċess kbir għax il-poplu kien injorant u ma kienx jaf mod ieħor. Kemm il-ġerarkija tal-Knisja f'Malta kif ukoll il-Gvern dejjem ħadmu b'mod li l-poplu jitħalla injorant. Insibu li l-Gvern kien ifaħħar is-sistema edukattiva ta' Malta dak iż-żmien, filwaqt li nafu kemm din kienet falluta u kienet tħalli l-injoranza meta suppost li tiġġilidha.[27] Taħt l-Ingliżi, il-Maltin bdew kulma jmorru jixtiequ l-liberta' ta' l-istampa, imma din dejjem ġiet miċħuda lilhom.[28] Pero', kienet privileġġ li kien jingħata biss lil ftit istituzzjonijiet magħżula, bħall-istituzzjoni reliġjuża tagħna u lill-Knisja Anglikana, li kienet tistampa xi kitbiet f'Malta bl-għan li xxerred it-tagħlim tagħha mal-firxa tal-Mediterran.[29] Meta l-Maltin kienu jitolbu dan id-dritt tagħhom mingħand l-Ingliżi, dan mill-ewwel kien jiġi rrifjutat. Barra minn hekk, il-liġi tal-libell kienet għadha ma ġietx approvata, u għalhekk il-liberta' ta' l-istampa ma setgħetx tingħata lill-Maltin.[30]

---

[26] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp.179-180.

[27] *Għarukaża*, *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.30.

[28] Friggieri, O., (1995) (ii), p. 122.

[29] Friggieri, O., (1995) (i), p. 56. u Friggieri, O., (1995) (ii), pp. 122 - 123 .

[30] Attard, J., (1988), pp.62-63.

L-istamperiji f'dan iż-żmien ma kinux ftit, u wisq anqas il-ġurnali jew ġurnaletti li kellhom jaraw id-dawl matul dan is-seklu. Tista' tgħid li l-istamperiji kollha ta' dan iż-żmien kienu armati lesti fl-istennija tagħhom ta' l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa. Ikkonċentrati fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-Belt Valletta, Friggieri jgħid li l-mewġa ta' xogħol lill-istamperiji sarrfet f'żewġ kurrenti ewlenin:

(a) il-gazzetti lokali li nibtu f'dan iż-żmien

(b) kitbiet oħra li kienu se jibdew jiġu stampati fi xtutna u li kienu se jitwasslu bil-moħbi fil-penisola Taljana, l-aktar fi Sqallija.[31]

F'dan ix-xogħol, għad li se jissemmew wkoll ir-rabtiet li l-istampa kellha b'modi diversi ma' pajjiżi oħra, l-aktar li se nħarsu hija lejn il-qagħda tagħna kif żviluppat hekk kif gżiritna ingħatat il-liberta' li tant nies kienu qed jistennew biex jisfruttuawha bl-aħjar mod possibbli biex iwasslu l-ideali tagħhom. Dan l-ideal jista' jiġi spjegat permezz ta' silta minn poeżija, li tiddeskrivi x'ħaseb u x'kiteb wieħed kontributur dwar il-bżonn tiegħu li jikteb:

" Inħabbel rasi
Noħroġ mill-but,
Patrijott nibqa',
U nikteb sa ma mmut.

Xejn ma jimporta
Għax m'għandix soċji,
Nikteb u nonfoq,
Sa ma ttini rasi." [32]

Imma jekk xi kittieba ħassew li jiktbu minkejja d-diffikultajiet li jsibu, sentiment ieħor rifless mill-istess gazzetta huwa dak ta' rabja. Xi kontributuri, anki numru ta' snin sew wara li ngħatat il-liberta' ta' l-istampa, kienu qed jisħqu kif din ġiet tard, kif il-Maltin damu tant jitolbu għal din il-liberta' u kif din kienet

---

[31] Friggieri, O., (1979), p. 48.

dritt sagrosant tagħhom. Fil-fatt, dan l-artiklu, li jidher f' *Il Giurnal Malti,* għad għandu dan it-ton meta jitkellem dwar il-ġrajja tant importanti ta' l-1839:

> "Dan id-dritt jew privileġġ tal-liberta' ta' l-istampa tatulna r-Reġina maħbuba tagħna wara tant talb li konna ktibna lill-Parlament Ingliż...biex permezz ta' din l-istampa nikxfu l-inganni, id-dispotiżmu u nippależaw il-qerq tas-superjuri meta ma jagħmlux is-sewwa, nitolbu d-drittijiet li jistħoqqulna u nitolbu wkoll lill-Gvern il-bżonnijiet tagħna kollha." [33]

Il-Knisja Kattolika, bil-filosofija konservattiva li kienet tħaddan, spikkat mhux ftit f'dan iż-żmien minħabba x-xettiċiżmu jew biża' li kellha quddiem kull tip ta' bidla, u kienet tagħmel bsaten fir-roti mhux ftit, fosthom għal dak li għandu x'jaqsam ma' kull avvanz fix-xjenza.[34] Ġabet ruħha bl-istess mod quddiem l-idea li l-istampa ġġib magħha ċerti libertajiet, u kien jidher ċar li l-Isqof ta' dak iż-żmien, Francesco Saverio Caruana, kien inkwetat mhux ftit b'din l-idea, u għalhekk għamel li seta' biex ifixkel milli tgħaddi. Anki ġewwa l-Vatikan kien hemm ċerti biżgħat dwar x'konsegwenzi seta' jkollu l-għoti tal-liberta' fuq il-qawwa tal-Knisja f'Malta. [35]

Kien f'dan l-ambjent imqalleb li twieldet il-letteratura Maltija. Issa kien wasal iż-żmien li l-affarijiet jinbidlu, u kien jidher ċar li l-kwistjoni ta' l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa ma setgħetx tiġi posposta aktar. Biex tagħqad, kien hawn diversi nies li kienu qed jistennew bil-ħerqa l-għoti tal-liberta' lill-kelma miktuba, u dawn kellhom metodi tajbin ħafna kif jagħmlu l-pressjoni fuq l-awtoritajiet. Filwaqt li l-Maltin xtaqu jinqdew biha għat-twelid xieraq tal-kuxjenza nazzjonali,

---

[32] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, p. 2.

[33] *L-Istampa Libera, Il Giurnal Malti,* Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.4

[34] Laferla, A.V., (1945), pp.164-165.

[35] *ibid.,* p.164.

li kienet għadha qed tiżviluppa, l-eżiljati politiċi Taljani xtaquha aktar u aktar għat-tixrid ta' l-għanijiet partiġġjani u patrijottiċi tagħhom.[36] Minn Malta, setgħu josservaw il-qagħda f'pajjiżhom. L-ispirtu diġa' ribelluż għenhom biex anki f'Malta jieħdu l-inizjattiva li l-Maltin għal diversi raġunijiet anki kulturali ma kinux kapaċi jieħdu, tant li l-Ingliżi waslu biex taw il-liberta' ta' l-istampa lill-Maltin. Friggieri jsemmi b'mod partikolari lil Emilio Sceberras, li kien ħabib ma' Giuseppe Lamberti. Esponent ewlieni fil-"Giovine Italia", dan Emilio Sceberras kien biss wieħed mill-ħafna nies li kienu jaħdmu bla heda għall-ideali politiċi tagħhom.[37] Fil-fatt, f'ħafna mill-gazzetti ta' dan is-seklu insibu l-pinna ta' l-eżiljati, u b'hekk il-ġurnaliżmu Malti ta' dan iż-żmien dejjem insibu fih l-eku tal-pinna qawwija tagħhom, li f'idejhom kienet għodda effiċjenti ħafna.[38] Kienet essenzjalment taqbida bejn min ried l-*istatus quo* għax kien komdu hekk u min ried il-bidla. Iż-żewġ tendenzi opposti għal xulxin kellhom argumenti sodi x'juru, imma l-argument favur il-bidla fl-aħħar rebaħ. It-tfixkil kollu ta' l-istituzzjonijiet tagħna dwar il-liġi ta' l-istampa ma sewa għal xejn, għax l-għoti ħareġ bħala abbozz iffirmata fis-16 ta' Frar 1839, u l-Ordinanza li tat b'mod effettiv din il-liberta' iġġib id-data ta' xahar wara, fil-15 ta' Marzu 1839.[39]

Kien mument storiku għal kulħadd. Għad li din l-ordinanza kellha tibdel id-dawl ta' kulma kellu jiġri fi gżiritna minn dik il-ġurnata 'il quddiem, kien hemm xi restrizzjonijiet importanti u bżonnjużi, fosthom il-liġi tal-libell, li kienet parti mill-

---

[36] F'dan is-sens, Malta serviet mhux biss ta' rifuġju għall-immigranti Taljani imma wkoll ta' pont politiku u kulturali.

[37] Friggieri, O., (1979), p.50. Fl-istess ħin kien qed iqajjem il-kawżi mgħaffġa tal-Maltin.

[38] Ma ninsewx li kienu nies kolti, u kellhom ħafna x'jgħallmu lill-Maltin ukoll.

[39] Ara l-Gazzetta tal-Gvern, Suppliment għal Nru. 1471, 16 ta' Frar, 1839 u Nru. 1476, 22 ta' Marzu, 1839.

istess ordinanza. Ma kienx għalxejn, għax l-ewwel każ ta' libell fl-istorja tal-ġurnaliżmu Malti ma damx ħafna ma deher. [40] Il-biża' li l-liberta' kienet se tfisser li se jintefgħu insulti kienet fondata, imma kif dan il-każ spiċċa wera lil kulħadd li l-liġi tal-libell kienet waħda effettiva, u xejnet ix-xettiċiżmu u l-biżgħat ta' diversi nies, l-aktar fil-Knisja u nies għolja fil-Gvern, li ħasbu li ma' l-għoti ta' din il-liberta', l-istampa kienet se ssir għodda f'idejn min irid jirridikola jew jinsulta lil ħaddieħor.

## 2.5 L-ewwel gazzetti

Il-ġurnaliżmu ta' qabel l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa, kif rajna tajjeb f'taqsima oħra f'dan ix-xogħol, kien miżmum taħt ir-restrizzjonijiet tal-ħakkiema kolonjali tagħna, u kull kelma mitbugħa setgħet toħroġ biss mill-Istamperija tal-Gvern, bil-prezzijiet għoljin li kienet iżżomm lill-kompilaturi. Minkejja dan, insibu li l-għadd ċkejken ta' gazzetti li dehru qabel l-1839 kienu l-qiegħa fertili għaż-żerriegħa ta' għadd ħafna akbar ta' gazzetti li ġew wara. Il-ġurnaliżmu kif nafuh illum beda fi żmien il-Gvernatur Sir Henry Frederick Bouverie. Insibu li dsatax-il gazzetta kienu jidhru f'Malta qabel il-liberta ta' l-istampa. Tnejn minnhom, *Lo Spettatore Imparziale* u *Il Portafoglio Maltese* kellhom permess speċjali biex joħorġu mogħti direttament mill-Gvernatur Bouverie. [41] Għażel li jagħmel dan il-pass minħabba li d-dewmien biex toħroġ il-liġi tal-libell kien qed idewwem il-proċess biex tingħata l-liberta' ta' l-istampa, u dan kien qed iqajjem ħafna

[40] Grima, J.F., (1991), p. 83. L-ewwel każ ta' libell ġie fil-21 ta' Marzu ta' l-istess sena, ġimgħa biss wara l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa.

[41] Laferla, A.V., (1945), p.166

tgergir.[42] Minn dawn id-dsatax-il gazzetta, tnejn biss ma kinux opra ta' eżiljati Taljani, u fost in-nies marbuta mat-tnejn l-oħra jista' jkun li l-eżiljati kienu jikkontribwixxu wkoll. Ix-xogħol ta' dawn l-eżiljati baqa' jiddomina x-xena ġurnalistika Maltija għal kważi mitt sena sħaħ. Dan ir-ritmu jidher ukoll wara l-1839, u Vittorio Barzoni, li tkellimna fit-tul dwaru qabel, kien biss wieħed min-nies li silfu l-pinna u l-għerf tagħhom għall-iżvilupp tal-letteratura Maltija, naturalment mhux bi skop ta' patrijottiżmu Malti, imma mod kif tilħaq u tipparteċipa fl-avvenimenti fl-Italja. Fl-istess żmien kellna f'Malta nies bħal Raffaele Poerio, Gabriele Rossetti u D. Pietro de Luca, u oħrajn.

L-ambjent ġurnalistiku tas-Seklu Dsatax ma kienx wieħed faċli. Ta' min jgħid li l-gazzetti kienu f'taqtigħa mhux biss ta' ideat, imma wkoll finanzjarja.[43] Kulħadd ried juri li l-gazzetta tiegħu hija aqwa mill-gazzetti l-oħra u tgħid il-verita' aktar minnhom, u meta l-għadd ta' ġurnali baqa' joktor fuq skala kbira, kull editur u l-kumpilaturi tiegħu kellhom interess li jiżguraw li l-gazzetta tagħhom ma titlifx l-abbonati, għax dan kien ifisser li minflok qligħ ikun hemm it-telf. Il-kompetizzjoni għall-qarrejja kienet waħda ħarxa, tant li kien hemm ħafna gazzetti ta' dan iż-żmien li kellhom iwaqqfu l-edizzjonijiet tagħhom minħabba n-

---

[42] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp.25-29 u Laferla, A.V., (1945), p.167.

[43] L-ideat li qed nirreferi għalihom huma prinċiparjament dawk politiċi, li damu jiddominaw mhux ħażin il-ġurnaliżmu bikri Malti. *Lo Spettatore Impaziale* kienet gazzetta ta' darba fix-xahar filwaqt li *Il Portafoglio Maltese* kienet tidher darba fil-ġimgħa. Ara wkoll Grech, J., (1997), p.27

nuqqas ta' abbonati.[44] Fil-fatt, ħafna kienu l-gazzetti li raw tmiemhom proprju b'dan il-mod.[45]

[44] Ħafna mill-għadd kbir ta' gazzetti li dehru fis-Seklu Dsatax kellhom ħajja pjuttost qasira. Xi wħud, bħal per eżempju *Ix-Xitan Izzopp*, damu jidhru biss ftit xhur. Oħrajn dehru biss, safejn nafu, darba jew tnejn, bħal *It Trumbetta* (Jannar 1867) u *Is Serduc* (Jannar 1867). Dwar dan ara Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp. 23-177.

[45] *ibid.*,pp. 23-177. Insibu wkoll diversi nies li kienu kontributuri għal aktar minn ġurnal wieħed, bħal Dun Ġużepp Zammit.

# IT-TIELET TAQSIMA

## *Il Giurnal Malti* bħala strument ta' bidla

## 3.1 Dwar *Il Giurnal Malti*

Il-kompetizzjoni ħarxa li jidher li kien hawn bejn il-gazzetti minn nofs is-Seklu Dsatax 'il quddiem ma kinitx waħda regolata minn xi regoli fissi ta' l-istampa, jew almenu ftit kienu dawk il-gazzetti li kienu jimxu magħha. Fil-fatt, spiss kien jiġri li l-kontributuri ta' gazzetta partikolari kienu jaslu f'polemika saħansitra ta' tgħajjir lejn gazzetta jew persuna importanti minn gazzetta rivali. Milli jidher dan ftit li xejn kien idejjaq il-qarrejja, anzi jidher li kien l-istess antagoniżmu li jagħtu l-ħajja tal-gazzetta nnifisha u jiggarantixxi l-interess. Artikli bħal dawn ftit jew xejn ikollhom valur letterarju, iżda għalina għandhom siwi informattiv, għax juruna min setgħu kienu dawn il-persuni, fiex kienu involuti u għalfejn kienu f'polemika bejniethom. Kif kien jidher dan kollu kien jiddependi min-natura ta' gazzetta li tkun. F'din it-taqsima u dawk li ġejjin wara, se jkollna l-okkażjoni naraw varjeta' sħiħa ta' kitbiet li dehru f'gazzetti li kienu jirrispondu lil *Il Giurnal Malti.*

L-istamperija li fiha kien jintebagħ *Il Giurnal Malti* kienet it-"Tipografija Anglo-Maltese", proprjeta' tas-Sur Francesco Saverio Micallef.[1] Kien ġurnal li jidher tliet darbiet fix-xahar, u l-kumpilaturi dehrilhom, kif kitbu anki fit-tieni ħarġa, li l-qarrejja jistgħu jiffrankaw il-flus talli, kif jgħid l-istess artiklu, "iħallsu bil-quddiem". Kull ħarġa kienet tiswa sitt soldi.[2] Milli jidher anki mill-kitba li tidher fil-gazzetta stess, is-sid tat-tipografija ma kienx involut biss fix-xogħol ta' stamperija imma kellu wkoll sehem fil-kumpilazzjoni tal-gazzetta. Diversi kitbiet,

---

1 *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 1, 5 ta' Jannar,1864, p.1 L-indirizz ta' din l-istamperija kien Strada Vicolo Teatro 94, il-Belt Valletta. L-istess isem ta' l-istamperija jurina li kien hemm xi konnessjonijiet bejn nies Maltin u Ingliżi fit-tmexxija ta' din l-istamperija.

2 *ibid.*, p.1.

li xi wħud minnhom se narawhom 'il quddiem, jagħtuna x'nifhmu li s-sid tat-tipografija kien fost jew jagħti l-għajnuna tiegħu lill-kompilaturi tal-gazzetta.[3] Bħal diversi tipografiji ta' dan iż-żmien, it-tipografija Anglo-Maltese kienet stamperija attiva f'dan il-qasam, u *Il Giurnal Malti* kienet biss waħda mill-gazzetti li ħarġu minn din l-istamperija tul iż-żmien kollu li din l-istamperija damet attiva. Qabel *Il Giurnal Malti*, fil-fatt, ħarġu wkoll gazzetti bħal *Il Monitore Maltese*, li l-ewwel ħarġa tagħha dehret fis-6 t'Awwissu 1859, *La Maschera*, bl-ewwel ħarġa fl-10 t'Ottubru 1860, u għal xi żmien il-gazzetti *Il Vessillo Maltese*, li twieled fl-1 t'Ottubru 1861, *La Voce del Popolo,* li beda fl-10 ta' Frar 1865 u *Il Pungolo*, li rat id-dawl għall-ewwel darba fil-15 ta' Jannar 1867. Gazzetta oħra li rat id-dawl sa mill-ewwel ħarġa minn din l-istamperija kienet *L' Emigrazione Maltese*, li għad li damet toħroġ mill-istamperija Anglo-Maltese għamlet xi tul ta' żmien mhux ħażin tiġi stampata fi stamperiji oħra.[4]

*Il Giurnal Malti*, li hija l-qofol ta' l-attenzjoni tagħna, kienet waħda mill-gazzetti li tiddeskrivi lilha nnifisha bħala ta' xejriet pjuttost serji. Filwaqt li tagħti ħarsa lejn il-qagħda tal-poplu Malti, hija tosserva li "bosta kien hemm xi jfixkel mix-xandir tal-kelma bil-Malti", u allura din il-gazzetta tipprova timla dan il-vojt. Fil-fatt, insibu li *Il Giurnal Malti* jimmira li "jgħaddi lill-poplu 'il quddiem, jikkuntenta lil kulħadd u ma joffendi lil ħadd" permezz tal-kitba bil-Malti.[5] Tajjeb li nsemmu li f'dan iż-żmien il-kultura Taljana qawwija kienet ħonqot kull

---

[3] Jista' jkun li sid it-tipografija kellu rwol anke fil-kumpilazzjoni, għax l-attakki li ġarrab *Il Giurnal Malti* ġieli nsibuhom riferiti għalih ukoll. Pero' ta' dan m'għandniex ċertezza assoluta. Jista' jkun li l-istampatur kien il-mira ta' l-attakki immirati lejn il-gazzetti sempliċement għax permezz ta' l-istamperija tiegħu kienet tixtered il-gazzetta.

[4] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), *cit* pp.127-169.

[5] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 1, 5 ta' Jannar, p. 1.

progress tal-Malti, u li ġurnal jidher bil-Malti u jeskludi l-lingwa Taljana kien pass li għalina jidher importanti, imma f'dan iż-żmien kien diffiċli, għax l-istima li kellu l-Malti kienet waħda baxxa. Argumenti li joħorġu spiss minn filosofiji bħal dawn jidhru ċari fl-argumenti fejn gazzetta tgħajjar lill-oħra li tikteb b'ortografija tal-Malti ħażina.[6] L-ideal tat-tixrid tal-kelma bil-Malti kien għan pjuttost nobbli min-naħa tal-kumpilaturi, u t-titlu li għażlu kien jirrifletti proprju dawn l-intenzjonijiet tajba li kellhom.[7]

F'*Il Giurnal Malti* nafu li kienu jiktbu Richard Taylor u Dun Ġużepp Zammit, tnejn min-nies li kienu magħrufa għall-kitba qawwija tagħhom u impenn qawwi ħafna mhux biss fl-ideali li kienu jħaddnu imma anki fin-numru ta' gazzetti differenti. B'xorti ħażina, liema kitbiet huma tagħhom fost dawk li nsibu f' *Il Giurnal Malti* nistgħu nipprovaw nobsru, imma xorta ma nistgħux inkunu nafu biċ-ċert, għax in-nuqqas ta' firma mal-kitbiet iħalli dell ta' dubju.

It-tlieta u sebgħin ħarġa ta' *Il Giurnal Malti* li nafu bihom bdew mill-5 ta' Jannar ta' 1864 u baqgħu sejrin sa l-20 ta' Frar ta' l-1866. [8] Minn Ħarġa 10, *Il Giurnal Malti* kien diġa' ċekken il-kontenut tiegħu bin-nofs, għax minflok bi tmien folji beda jidher b'erbgħa.[9] Insibu żewġ edizzjonijiet li jġibu n-numru 38, dik ta' l-

---

6 Artiklu *Lix-Xitan Iz-Zopp*, Ħarġa 8, 15 ta' Marzu, 1864, ikellem lix-"xitan" u jistaqsih għalfejn qed jippretendi li ħadd ma jaf jikteb il-Malti ħliefu. Fuq kollox, jikkritikalu l-ortografija u l-poeżija tiegħu.

7 It-titlu ta' dawn il-gazzetti spiss kien ikkumpanjat minn sottotitlu, li ħafna drabi kien ikompli jelabora mal-messaġġ ewlieni tal-gazzetta. It-titlu *Il Giurnal Malti* huwa titlu pjuttost imparzjali, l-aktar meta tqis l-ismijiet li għażlu ġurnali oħra, l-aktar il-gazzetti satiriċi bħall-*Giaħan*, *Bertoldu*, li kellhom titlu mimli insinwazzjoni jew żufjett.

8 Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), *cit* p.149.

9 *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.80.

20 u dik tat-28 ta' Frar 1865, għax l-aħħar ħarġa li tinstab iġġorr in-numru 72.[10] Insibu wkoll waqfa ta' xahar bejn Ħarġa 9 u 10 peress li l-ebda ħarġa ta' *Il Giurnal Malti* ma dehret f' April ta' l-1864. Huwa diskutibbli jekk kienx hemm aktar ħarġiet ta' din il-gazzetta li llum jinsabu mitlufa,[11] pero' nafu b'ċertezza li l-gazzetta kellha ċertu diffikultajiet finanzjarji lejn il-bidu ta' l-1865. Dawn joħorġu l-aktar fid-deher fil-poeżija *Is-Sena 1865*, li dehret f' Ħarġa 67, li hija l-aħħar waħda fis-sena 1865.[12] Din il-poeżija tirreferi għal sena li se tispiċċa ħażin kemm għal Malta, kif ukoll għal *Il Giurnal Malti*. Il-poeżija, li tindirizza lill-Gvernatur Gaspard le Marchant u tiddeskrivih saħansitra bħala "wiċċ ta' xadina", hija mibnija bi kwartini, u tattribwixxi biċċa mit-tort ta' dawn il-problemi li għandha Malta lilu u tittratta problemi tal-għejjer Maltin proprju b'dan il-mod :

> "il-ħajja għalja,
> is-suq infern,
> ix-xogħol skarsa,
> Kif ma jtikx ġenn? [13]

Barra minn hekk, ħarsa lejn il-kontenut ta' Ħarġa 72 ma tindika l-ebda ħsieb li l-gazzetta tintemm, anzi nsibu żewġ riferenzi li l-gazzetta qed tħares 'il quddiem. F'kitba bla titlu, *Il Giurnal Malti* jwieġeb lill-korrispondent li talab jekk dan il-ġurnal jistax joħroġ akbar ħalli jkun jista' jitkellem aħjar dwar il-qagħda ta' pajjiżna u jikxef aktar abbużi. It-tweġiba tal-ġurnal hija li dan isir malli jinstabu

---

[10] Għall-iskopijiet ta' dan ix-xogħol, it-tieni Ħarġa 38 tat-28 ta' Frar qed insejħilha Ħarġa 38A. Jista' jkun li hawn din id-diskrepanza fin-numri minħabba li din il-ħarġa dehret jumejn kmieni, ħaġa li turi li l-edituri tal-gazzetta riedu b'xi mod iżommu r-ritmu ta' tliet edizzjonijiet fix-xahar u fl-istess waqt jegħlbu d-diffikulta' minħabba l-qosor ta' Frar.

[11] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p.149 josservaw li l-gazzetta ntemmet f'Ħarġa 72 ta' l-20 ta' Frar 1866. Madankollu, tajjeb li wieħed jgħid li bosta huma l-gazzetti li xi ħarġiet tagħhom jinsabu mitlufa. Xi wħud minn dawn il-każijiet huma osservati fil-kummenti dwar gazzetti individwali f'Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp.25-177. Ma jidhirx li dan huwa l-każ f' *Il Giurnal Malti*.

[12] Poeżija Anonima minn *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru,1865, p. 1.

[13] *ibid.*, pp.1-2.

biżżejjed soċji biex ipattu għall-ispejjeż. [14] Fl-istess ħarġa, il-kitba intitolata *Teatru*, wara li tagħti xi deskrizzjonijiet mid-dinja tat-teatru ta' l-opra, twiegħed aktar dettalji fil-ħarġa li jmiss.[15]

Artikli u poeżiji li dehru fil-ħarġiet ta' *Il Giurnal Malti* minn żmien għal żmien juruna l-bżonn tal-flus li l-edituri u l-kittieba kellhom. F' poeżija li ġġib l-isem *Talba lis-Soċji ta' l-Editur u l-Istampatur, Il Giurnal Malti*, filwaqt li jfakkar lis-soċji li għadu jirrispettahom, ifakkarhom li jistenna r-rispett tagħhom u li jħallsuh fil-pront "għax l-ispejjeż għoljin" [16] Minkejja avviżi ta' din il-kwalita', xorta kien hemm soċji li għal xi raġunijiet ma kinux iħallsu fil-pront. *Avviż lill-Pubbliku* huwa avviż qasir li jgħid li min ma jkunx għadu ħallas il-ġurnal se jġibulu ismu fil-ħarġa li jmiss. Avviżi bħal dawn, li għandhom l-iskop li jimbarazza lill-abbonati sabiex iġġiegħelhom iħallsu fil-ħin, mid-dehra kienu effettivi , għax fil-ħarġa ta' wara ma jissemma' xejn dwar din il-kwistjoni. [17]

Nistgħu ngħidu li *Il Giurnal Malti* kienet gazzetta essenzjalment kontra l-amministrazzjoni Ingliża, u għalhekk dejjem uriet simpatija lejn il-kawża ta' l-Italja bħala qawwa governattiva u rabta kulturali.[18] Aktar minn hekk, *Il Giurnal Malti* kellu l-impenn li jikxef abbużi li qed iġarrab il-poplu l-baxx, li ssoltu jkomplu

---

[14] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.4. Dan juri li anke min kien imexxi *Il Giurnal Malti* xtaq li dan ikun akbar, għax b'hekk kien isir ukoll aktar b'saħħtu.

[15] *ibid.*, p.4. Dawn id-dettalji qatt ma waslulna, għax jew il-ġurnal baqa' ma ħariġx, jew ħareġ u għal xi raġuni jew oħra jinsab mitluf.

[16] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.1. Dan jista' jissuġġerixxi li l-ispejjeż li l-kumpilaturi tal-ġurnali kien ikollhom kienu jinfdew direttament mill-flus li jidħlu mingħand l-abbonati.

[17] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.4.

għaddejjin mingħajr ma jinduna. Fil-fatt, *Il Giurnal Malti* f'kull ħarġa jsemmi abbużi, jikkritika u jikkummenta fuq kif il-gvern Ingliż għakkes lill-Maltin. F'artiklu li jismu *Abbużi mill-Pulizija,* il-kittieb ifakkar li "Malta mhix ikkonkwistata imma mogħtija *a buona grazia* tal-Maltin." [19] Il-kitba li taqa' f'dan il-qasam hija kotrana, kif se naraw fit-taqsima tal-kitbiet politiċi. Dan kien juri x'tip ta' ideal kellu *Il Giurnal Malti:* ma kienx jgħajjar mingħajr skop, imma dejjem għal xi raġuni, li fl-amministrazzjoni Ingliża sab ħafna.

Il-kontenut ta' *Il Giurnal Malti* huwa wkoll maħsub li jqajjem interess, għax il-gazzetta twiegħed tagħrif lill-qarrejja sa mill-ewwel ħarġiet tagħrif fuq ix-xjenzi, ġrajjiet kurrenti u storiċi kif ukoll mogħdija taż-żmien. [20] Ħarsa lejn bosta gazzetti tas-Seklu Dsatax juru kif kien għad hemm gazzetti li m'għarfux il-ħtieġa tal-varjeta' fil-kontenuti tagħhom, u li ħafna minnhom ma kienx fihom tagħrif ta' din ix-xorta. *Il Giurnal Malti,* li jidher li sa mill-ewwel ħarġa kellu inkoraġġiment tajjeb minn ħafna nies, għaraf il-ħtieġa ta' din il-varjeta', u fl-istess waqt impenja ruħu għall-affarijiet li l-aktar li jqajmu interess fost il-poplu ta' dak iż-żmien. Għalhekk, *Il Giurnal Malti* juri interess għal attivitajiet relatati mat-teatru ta' l-opra, l-attivita' tad-diversi kumpanniji tat-teatrini, tal-festi reliġjużi u anki profani, u fl-aħħarnett tal-kompetizzjoni ma' gazzetti oħra, ħaġa li f'dan iż-żmien kienet issarraf f'tgħajjir mhux biss lejn dak li tgħid gazzetta u forsi tgiddibha, imma insulti li ftit jitbiegħdu minn dak li hu personali.

---

[18] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), *cit.*p.149. Il-kontributi ta' immigranti Taljani f'dan ir-rigward mhux eskluż.

[19] *Il Giurnal Malti* , Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.3.

[20] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 1, 5 ta' Jannar,1864, p.1.

*Il Giurnal Malti*, permezz tal-kitbiet tiegħu, irnexxielu jilħaq diversi skopijiet u jitfa' ħafna dawl fuq iż-żminijiet li fihom kien jidher. Il-kitba, anki jekk din mhux dejjem kien ikollha valur letterarju, kienet torbot ħaġa waħda mad-drawwiet li kellha s-soċjeta' tas-Seklu Dsatax, fosthom drawwiet dwar in-namur, iż-żwieġ u kif kienu jiġu ċċelebrati l-festi, fost oħrajn. Titfa' wkoll dawl fuq ċerti vizzji li kienu komuni fl-epoka, bħax-xorb, il-logħob u anki l-prostituzzjoni, li kienu minn dejjem u jibqgħu għal dejjem. Tajjeb li napprezzaw, pero', li dan iż-żmien kien iż-żmien meta kulma jiġri seta' jiġi espost mill-gazzetti, u għalhekk il-bniedem seta' jitkellem bil-miftuħ fuq affarijiet li qabel rari kienu jissemmew. Huwa għalhekk li kull artiklu li deher fil-ħarġiet ta' din il-gazzetta huwa ta' importanza kbira għalina, l-aktar biex ikollna stampa ċara u sħiħa kemm jista' jkun kemm tal-gazzetta kif ukoll tas-soċjeta' li minnha ħarġet.[21]

Il-ġurnaliżmu tagħna, sa l-epoka li fiha deher *Il Giurnal Malti*, kien laħaq għadda minn perjodu ta' tisħiħ, raffinar u tibdil. Il-qarrejja kienu għaddew minn fażi ta' familjarizazzjoni, u diversi kittieba bl-ideali tagħhom kienu magħrufa. Kienu diġa' għaddew ħamsa u għoxrin sena ta' ġurnaliżmu mill-għoti tal-liberta' ta' l-istampa, u dan kien numru ta' snin konsiderevoli, l-aktar jekk tqis ir-rata mgħaġġla li bih kienu qed jidhru ġurnali ġodda u edizzjonijiet ġodda ta' ġurnali preżenti.[22] Pero', għad li l-kitba kienet ħarġet fil-beraħ b'din ir-rata hekk qawwija, il-kitba bil-Malti kienet għadha ftit wisq fil-kwantita'. Il-Malti kien għadu lura ħafna fil-mixja tiegħu biex jibni stima ta' lingwa li tant kienet tixraqlu. Sa l-

---

[21] Għad-dettalji tal-kitbiet kollha li dehru f' *Il Giurnal Malti* ara l-appendiċi li qiegħed fuq wara ta' dan ix-xogħol, fejn il-kitbiet jinsabu mqassmin skond ġeneru u skond it-tema ewlenija li jittrattaw.

1864, ftit kienet il-kitba bil-Malti li kienet ta' livell raffinat biżżejjed li nistgħu nsejħulha ta' livell letterarju. Tajjeb li ngħidu li sa dan iż-żmien, pajjiżi bħal Franza, il-Ġermanja u r-reġjuni differenti ta' l-Italja kellhom letteraturi żviluppati sew u relevanti għal dak li qed jiġri fil-pajjiż stess.[23] Mhux talli aħna l-Maltin ma kellniex letteratura miktuba mill-Malti, talli ftit kienu l-kontributi mill-Maltin u dwar il-kuntest Malti, u kollox kien marbut ma' l-Italja u l-kultura tagħha. Ħarsa lejn il-kitba li għandna bil-Malti tindika li jista' jkun li xi nies, possibilment minn fost l-eżiljati Taljani li kellna f'Malta, kienu jiktbu anki bil-Malti biex jilħqu firxa differenti ta' qarrejja. L-eku ta' l-Unifikazzjoni, li seħħet fl-1861 fl-Italja, baqa' jinħass fil-ġurnali Maltin, tant li *Il Giurnal Malti* jagħmel riferenzi diretti għaliha, tliet snin wara. Minn dan nistgħu nassumu jekk tqabbel l-iżvilupp Malti ma' dak Ewropew fuq bażi ġenerali ssib li hemm baħar jaqsam.

Kien hemm gazzetti li, kif se naraw f'ċertu dettall fit-taqsima li jmiss, kienu jużaw mezzi anki ħżiena biex iwaqqgħu il-kredibbilta' ta' gazzetti rivali u n-nies marbuta magħhom. L-għanijiet, l-ispirazzjonijiet, ix-xewqat u l-mod ta' kif jesprimi ruħu l-ġurnaliżmu ta' żmien *Il Giurnal Malti* kien differenti għal kollox minn dak li kellna qrib l-1838. Ix-xenarju politiku tal-kulturi li Malta kellha rabtiet magħhom kien inbidel, u allura anki x-xenarju li fih jidħol *Il Giurnal Malti*. L-Italja ma kinitx għaddejja minn dak it-taqlib ta' l-irvellijiet, ħaġa li hija wkoll marbuta ma' l-immigrazzjoni, li tkellimna fit-tul dwarha qabel. Malta kellha tgħaddi minn dan kollu għax il-fatma mill-kultura Taljana kienet għadha ma seħħitx. Pero'

---

[22] Għal aktar dettalji dwar gazzetti, nies involuti u statistiċi oħra, ara Mintoff, D., (1971), Appendiċi I.

[23] Dan nistgħu norbtuh ukoll mal-fatt li dawn il-pajjiżi u reġjuni kellhom ukoll lingwa stabbilita li kienet tagħhom, ħaġa li Malta ma kellhiex.

issa kien hawn preokkupazjonijiet differenti, u allura gazzetti bħal *Il Giurnal Malti*, kif nistgħu nobsru, kienu jirriflettu l-ideat li kienu differenti mill-ewwel gazzetti li dehru viċin ta' l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa.

Kull xorta ta' kitba bil-Malti, sew jekk djalogu, sew jekk poeżija, kif ukoll kitba tipika ta' artiklu f'gazzetta, għandha mhux biss id-dimensjoni tal-bniedem li jiktibha u oħrajn li jaqrawha, imma wkoll id-dimensjonijiet taż-żmien meta nkitbet u l-ambjent li fih inkitbet. Għalhekk, biex nifhmu aħjar il-ġurnaliżmu ta' *Il Giurnal Malti* tajjeb li nagħtu ħarsa lejn is-soċjeta' li ipproduċietu. Ħsibt li tkun ħaġa tajba jekk naqsam il-kitbiet li sibt skond it-tema ewlenija li jittrattaw, biex diversi aspetti tal-kitbiet ta' *Il Giurnal Malti* jiġu analizzati skond it-temi ewlenin. Għażilt li nagħmel hekk ukoll biex l-ebda aspett ta' dawn il-kitbiet ma jiġi ittraskurat biex tingħata attenzjoni lill-oħrajn jekk irridu nagħmlu analiżi tajba ta' gazzetta. Għalhekk, għad li kitbiet differenti mhux se nittrattahom b'mod differenti, se nqassamhom fit-taqsimiet li ġejjin, biex bħala ħaġa waħda jagħmlu aktar sens għalina.

L-ewwelnett, *Il Giurnal Malti* beda jidher fiż-żmien fl-istorja meta Garibaldi u l-kawża politika tiegħu kienu ħarġu rebbieħa f'reġjuni differenti ta' l-Italja. Dan ġiegħel lill-eżiljati li kellna fostna biex jitilqu f'daqqa waħda minn Malta u jagħtu daqqa t'id fit-taqbidiet li kienu qed iseħħu f'arthom. L-unifikazzjoni kienet għadha avveniment frisk, u l-preokkupazzjoni Maltija ta' dan iż-żmien kienet waħda Taljana.[24] Meta, imbagħad, Garibaldi rifes fuq xtutna, dan kellu laqgħa

[24] Dan ġara wkoll għax l-istampa, fuq livell ġenerali, baqgħet tqajjem ferment fuq ġrajjiet li sa dan iż-żmien kienu għaddew.

kbira min-nies li kienu jaqblu mal-kawża tiegħu. Diversi kienu dawk, madankollu, li kienu kontra, u l-ġurnali, rifless tal-poplu ta' dak iż-żmien, fosthom *Il Giurnal Malti*, taw sehemhom fir-reazzjonijiet ta' kull xorta li ġabet magħha din iż-żjara politika. Insibu li l-*Corriere Mercantile di Malta*, *Il Mediterraneo*, *The Malta Times*, *The United Service Gazzette* u *The Maltese Observer*, kollha gazzetti li kienu fl-aqwa tal-ħajja tagħhom f'dan iż-żmien, kollha taw merħba mill-aħjar li setgħu lil dan il-personaġġ storiku.[25] Gazzetti oħra li l-ideali kienu jixbħu dak ta' *Il Giurnal Malti* marru fl-estrem politiku l-ieħor, u mhux talli ma tawx merħba lil Garibaldi, talli insistew li Garibaldi mhux veru li ntlaqa' mill-Maltin kif qalu xi gazzetti, [26] "u dak il-ftit rimi ta' zkuk li marru biex jakkompanjawh hu u ħiereġ mill-port, iddobbaw ħafna tislim ta' ġebel, għeruq tz-zunnarija...mingħand l-Isqallin". L-istess artiklu jgħid dwar Garibaldi li "l-akbar agħjat li sema' minn taħt it-tieqa kien dak ta' "Viva Piju IX!" [27] Din hija biss indikazzjoni taż-żewġ estremi politiċi li kellhom jieħdu l-gazzetti ta' żmien *Il Giurnal Malti*, u dawn il-polemiki ġieli ħorox li twieldu fil-ġurnali kienu l-ħamrija li fuqha kellha tinbet parti mil-letteratura tagħna. Kien bidu movimentat, u *Il Giurnal Malti* kienet waħda mill-gazzetti li servew ta' strumenti għal dan il-għan. In-nies li kienu jiktbu f'dawn il-ġurnali ħafna drabi kienu jispiċċaw f'battibekki anki ta' natura personali li, minflok ma jsiru ras imb'ras, kienu jużaw il-gazzetti kemm bħala mezz biex ħaġa ssir pubblika kif ukoll biex tagħmel aktar forza. B'xorti ħażina ħafna, din ix-xorta ta' kitba tistaħba wara l-paraventu ta' l-

---

[25] Friggieri, O., (1979), p.63. Nistgħu nosservaw li bejn *Il Giurnal Malti* u *The Maltese Observer* kien hemm antagoniżmu qawwi, li nafu li baqa' jirrifletti ruħu tul ħafna ħarġiet ta' *Il Giurnal Malti*.

[26] Ara Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p. 151.

[27] *Il Giurnal Malti*, n.9, 25 ta' Marzu 1864, p. 65.

anonimita', imma spiss nosservaw li xi kittieba, minkejja din l-anonimita', ikunu jafu min kien insultahom u lil min ikunu qed iwieġbu.[28] Ħafna drabi l-istil ta' kitba u s-suġġett li tkun qed tittratta jistgħu ikunu għalina ħjiel tajjeb ta' min seta' kien l-awtur ta' dik il-kitba partikolari.

## 3.2 L-impenn politiku ta' *Il Giurnal Malti*

Wieħed mill-akbar interess li qanqlu l-gazzetti tas-Seklu Dsatax kien proprju l-impenn politiku. Jidher li dan kien l-uniku interess ta' xi wħud mill-gazzetti tas-Seklu Dsatax, għax kienu jiddedikaw ħafna mill-ispazju tagħhom għal kitbiet ta' din ix-xorta. *Il Giurnal Malti*, għad li kellu interess qawwi fil-politika, ma kienx jillimita l-kontenut tiegħu għal dan biss. Kien aktar interessat li jolqot gosti differenti milli jissodisfa għan wieħed speċifiku, għax il-kitba politika hija biss parti waħda mill-kontribut ta' din il-gazzetta. Waqt li *Il Giurnal Malti* kkritika lil Garibaldi, in-nies tiegħu u ż-żjara tiegħu f'Malta, din il-gazzetta kienet tattakka l-aktar spiss u b'aktar konsistenza l-gvern kolonjali ta' żmienha, aktarx ippersonifikat fil-Gvernatur u l-eqreb tlieta min-nies li kellu madwaru, li ħafna drabi tirreferi għalihom bħala it-"Trianglu". Qed nirreferu għall-Kollettur, il-Kontrollur u l-Fiskal. F'dawn it-tlieta, flimkien ma' oħrajn, bħall-pulizija u s-sistema tal-ġustizzja, *Il Giurnal Malti* kien jara mudelli ta' korruzzjoni, u kien lest li jagħmel minn kollox biex jattakkaha, kif fil-fatt għamel. Fl-artiklu li jismu *Il-Partenza ta' l-Eċċellenza l-Gvernatur Sir J.G. Le Marchant* il-ġurnal juri tama li Sir Storks, il-Gvernatur il-ġdid ikun aħjar minn Sir Gaspard Le Marchant u "minn

---

[28] Fl-artikli tal-gazzetti, mhux ta' *Il Giurnal Malti* biss, ta' spiss insibu laqmijiet u riferenzi għal ċrieki ta' nies permezz ta' ismijiet magħrufa, indikazzjoni li spiss risposta tkun maħsuba bil-ħsieb ta' min hija indirizzata anke jekk dan ma jkunx ċar ma' l-ewwel daqqa t'għajn.

nagħġa ma jsirx lupu ħtija tat-Trianglu...".[29] Dan il-kumment, li jimplika li l-ħażen u l-għaks ta' Malta huwa dovut għall-imsemmi "trianglu", huwa biss eżempju wieħed ta' kritika diretta lil parti mill-amministrazzjoni. Il-kittieb hawnhekk qed iqabbel ukoll it-tmexxija ta' Gvernaturi differenti, u d-diskors jimxi għas-sors tal-korruzzjoni u ta' l-għaks li l-poplu Malti qed ikollu jġarrab.

Tajjeb li ngħidu li matul dan iż-żmien l-istampa kienet fil-proċess li tlaħħam dak li kien qed idejjaq lil ħafna nies, u allura kienet issemmi abbużi li jsiru b'mod dirett. Li tasal biex issemmi abbużi li jsiru u ssemmi n-nies involuti f'abbużi kien l-ordni tal-ġurnata, u gazzetti bħal *Il Giurnal Malti* kien ikollhom għallanqas taqsima sħiħa fi kważi kull ħarġa, spiss intitolata *Malta*.[30] Barra din is-silta regolari, spiss insibu wkoll kitbiet intitolati *Fatt Skandaluż*, *Avviż lis-Soċji*, *Avviż Importanti* jew *Għarukaża* jew xi titlu ieħor simili, fejn il-kittieb jiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja fuq xi abbuż jew u ilment komuni.[31] Kitbiet bħal dawn, li jlaħħmu l-ilmenti tal-Maltin, huma strumentali biex joħolqu pressjoni fuq l-amministrazzjoni, nies għolja oħra, pulizija jew kull min jinqabad fil-mira ta' dawn il-kitbiet, biex ilmenti jiġu mleħħna u mhux jintesew komodament mill-awtoritajiet. Raġunament bħal dan wassal biex *Il Giurnal Malti* jsir strument li jikxef abbużi, ilmenti u dwejjaq oħra tal-poplu biex is-soċjeta' ssir aħjar.[32] F' *Il*

---

[29] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.

[30] Artikli bit-titlu ta' *Malta* huma rikorrenti kważi fil-ħarġiet kollha ta' *Il Giurnal Malti*, u jixbħu dak li llum nifhmu b'editorjal f'gazzetta.

[31] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864,p.1; Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.4.; Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2 u Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju, pp.2-3.

[32] Din il-viżjoni ta' l-affarijiet tispjega għalfejn *Il Giurnal Malti* kien jattakka abbużi, nies li jagħmluhom u jidħol f'polemiki dwar affarijiet bħal dawn. Ma ninsewx li l-pressjoni li kien jagħnel *Il Giurnal Malti* tingħaqad mal-pressjoni li kienu jagħmlu l-gazzetti l-oħra kollha li kienu jidhru.

*Giurnal Malti*, il-kitba li timmira għal għanijiet bħal dawn se nsibuha spiss f'ħafna forom differenti ta' ilmenti, tkasbir dirett lejn il-Gvernatur ta' dan il-perjodu u lejn in-nies għolja fit-tmexxija ta' pajjiżna, li l-ġurnali spiss kienu jirreferu għalihom bħala "abbatini". F'*Malta* nsibu wkoll kitbiet li jsemmu abbużi mill-pulizija u li jinsabu fis-sistema tal-ġustizzja, li kienet tippreferi lill-Ingliżi u taħdem kontra l-Maltin. Kitbiet ta' din ix-xorta jsemmu wkoll l-inefficjenza tal-pulizija u kif meta ma jagħmlux dmirhom ikunu qed jisirqu lill-poplu.[33] F'żewġ artikli bla titlu, *Il Giurnal Malti* jagħmel kritika lill-amministrazzjoni għall-preferenzi li jsiru bejn il-Maltin u l-Ingliżi. Ta' l-ewwel jilmenta li meta kaċċatur ikun Malti, issir tiftixa fuqu mill-pulizija u jitolbuh jurihom il-permess. L-artiklu jistaqsi għalfejn jekk il-kaċċatur jinzerta jkun Ingliż dan ma jsirx.[34] Fuq l-istess linji, kitba oħra ssemmi ġrajja meta xi nies Ingliżi daħħlu l-klieb tagħhom fil-funtana tal-Mall fil-Furjana. Meta dehrilhom ħarġuhom mill-ilma u telquhom jiġru qalb in-nies bla rbit. Peress li bdew anki jxarrbu n-nies lebsin pulit, *Il Giurnal Malti* josserva b'sogħba li kieku l-kelb kien tal-Maltin dawn kienu jeħlu multa, imma għax inzertaw Ingliżi ħadd ma kellimhom. [35] *Il Giurnal Malti* juri d-dispjaċir u r-rabja għal aġir bħal dan, u sentenza minn *It-Triqat tal-Belt* turi l-qagħda kif inhi tal-Maltin hekk kif jaraha *Il Giurnal Malti*: tgħid li "aħna milgħubin mhux ftit minn erba' kbarat...imma paċenzja la m'għandniex min jaqbeż għalina." [36] F'ċertu sens, il-ġurnal qed iħossu li qed jaqbeż għall-imgħakkes, imma waħdu ma jistax jagħmel il-forza li ġġib il-bidla. Din il-kitba ssemmi wkoll li Malta teħtieġ

---

[33] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.1.

[34] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.4.

[35] *ibid.*, Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.

[36] *ibid.*, Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.2.

esponenti li jafu xi jridu, ħaġa li dak iż-żmien ma kellniex, jew ma kinux joħorġu fil-beraħ.

Il-kitba ta' tmaqdir lejn il-gvern kolonjali, li hija kotrana f' *Il Giurnal Malti*, hija ta' ton iebes lejn ċertu nies għolja, fosthom it-"Trianglu" li semmejna qabel. Huwa proprju dan it-ton li jikxef il-pinna jew almenu jwassalna biex insemmu xi ismijiet ta' min setgħu kitbu kitbiet bħal dawn. Fil-fatt, nafu li Richard Taylor ma kitibx biss kitbiet reliġjużi, li se nittrattaw f'taqsima oħra. Jekk kienx attiv ħafna f'kitba ta' natura politika fuq bażi regolari ma nistgħux ngħidu, imma żgur li kellu diversi kitbiet li fihom jipprova jagħmel bħalma jagħmlu ċerti kitbiet f' *Il Giurnal Malti*. *Il-Gideb fuq Malta fil-Parlament* hija eżempju wieħed ta' kitba li turi biċ-ċar din l-intenzjoni.[37] Hawnhekk Taylor, snin qabel it-twelid ta' *Il Giurnal Malti*, jassumi ton irrabjat u kritiku lejn nies bħal Sir Patrick Stuart, li kien Gvernatur ta' Malta bejn l-1843 u l-1847. Dan Stuart kien bniedem riġidu kemm fl-għemil kif ukoll fl-opinjoni tiegħu, u ma kien popolari xejn f'pajjiżna. Taylor jiddeskrivih bħala "raġel ħajjen" u jsemmi l-ħsara li dan għamel f'Malta.[38] Din il-kitba, li hija biss waħda mill-ħafna ta' Taylor, tista' sservi biex tixħet dawl fuq diversi kitbiet anonimi f' *Il Giurnal Malti* li fil-fatt setgħu kienu ta' Taylor. Għal din l-ipoteżi tiegħi, li għaliha fittixt provi kemm stajt, xorta m'għandix bażi li permezz tagħha nista' naghtiha ċ-ċertezza, madankollu tista' tkun possibilta'.

Fattur ieħor li jista' jgħinna nifhmu l-ambjent storiku li jagħmel ta' sfond għal din il-gazzetta hu marbut ħafna ma' ta' l-ewwel, imma jitfagħna

---

[37] Taylor, R., (1846), pp. 1-10

[38] *ibid.*, p. 12.

f'dimensjoni oħra tal-qagħda tan-nies fis-Seklu Dsatax f'Malta. Kellna diġa' l-okkażjoni li nsemmu l-influwenza u s-saħħa anki politika li l-Knisja Kattolika kellha kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa kollha. Parti mit-taqlib li kien hemm fl-Italja seħħ proprju minħabba l-konflitt tal-poter temporali tal-Papa. Kien hemm min ried li l-Papa jkun mexxej anki politiku, u kien hemm min jisħaq li l-Papa għandu jkun biss il-mexxej tal-Knisja. Din il-kwistjoni ħadet in-nar permezz ta' Garibaldi u t-taqlib politiku li kien qed iġib miegħu, u nistgħu nobsru kif din it-tensjoni waslet hawn Malta permezz tal-preżenza qawwija Taljana fostna. *Il Giurnal Malti* jiddefendi b'qawwa kbira l-Knisja Kattolika u l-kawża tagħha, u jidħol f'polemiki ma' gazzetti oħra proprju minħabba f'dan, u dan juri proprju l-qawwa li bih il-kittieba kienu jiddefendu dak li jemmnu fih, u allura minn dan l-aspett il-gazzetta kienet strument ta' difiża tar-reliġjon. Fuq kollox, *Il Giurnal Malti* jemmen li Garibaldi ma kienx se jkun mexxej. Fil-poeżija *L-Imposturita' ta' Stenterello*, fejn jirrispondi artiklu fil-gazzetta b'dak l-isem, kontributur ta' *Il Giurnal Malti* jikteb lill-kontributur ta' dik il-gazzetta:

> "Għalfejn trid issawwat lill-qassisin?..."
>
> ". . . U tgħidx l'int nisel minn tal-Maltin,
> Iżda koċċ karfa Garibaldin!." [39]

Il-mod kif din il-poeżija titkellem dwar it-Taljani u l-Maltin tagħti indikazzjoni ċara li min kiteb din il-poeżija wisq probabbli kien Malti, u li għandu għal qalbu mhux ftit is-saħħa tal-fidi tagħna, tant li jqabbilha mal-mibegħda u n-nuqqas ta' fidi li kien jassoċja mal-Garibaldini, waqt li jagħti wkoll l-idea tagħna bħala poplu Malti maqtugħ kemm jista' jkun mill-Italja.

---

[39] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 5, 10 ta' Mejju 1864, p.40.

Fl-istess waqt li kien qed jiġri dan kollu, il-Gvern kolonjali tagħna kien ukoll għaddej minn tibdil fil-mod tat-tmexxija tiegħu. Filwaqt li qabel il-liberta' ta' l-istampa, it-tgemgim minn taħt li kien isir min-nies ftit kien espost, issa l-Gvern kien qed isib kritika ħarxa, kontinwa u kultant esaġerata mill-istampa, għax kull sentiment, anki jekk kien esaġerat, kien qed jiġi ippubblikat. Kemm il-Maltin kif ukoll l-eżiljati Taljani f'Malta kienu qed ipattuha lill-Ingliżi talli dawn żammew id-drittijiet tagħna mgħaffġa, u fl-istess waqt kienu qed jagħrfu d-drittijiet tagħhom u jibdew jisfruttawhom.

Matul is-sentejn li dam fil-ħajja *Il Giurnal Malti*, f'Malta kien hawn żewġ Gvernaturi. L-ewwel wieħed, Sir John Gaspard le Marchant, dam f'Malta mill-1858 sa l-1864. Warajh ġie Sir Henry Knight Storks, u dan dam jokkupa l-post ta' Gvernatur mill-1864 sa l-1867.[40] Lit-tnejn li huma, *Il Giurnal Malti* ħaseb biex jagħtihom dak li ħaqqhom skond il-mod li bih ittrattaw lil pajjiżna. Fil-fatt, il-Ħarġa 28 tal-*Giurnal*, insibu artiklu bla titlu li jsellem lil Gaspard le Marchant permezz ta' termini xejn sbieħ, u jħabbar il-miġja ta' Sir Henry Knight Storks f'Malta. Fuq kollox "hemm tama li l-amministrazzjoni tkun aħjar."[41] Il-ġurnal stess jasal għall-konklużjonijiet tiegħu f'Ħarġa 66: "Fiex huwa aħjar minn gvernaturi oħra? Forsi għax għamel xi ġid lil Malta, f'temp ta' sena li ilu magħna?..." [42]

[40] Laferla, A.V., (1945), pp. 233-272.

[41] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864, p. 2.

[42] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p. 4.

Fost l-artikli li nsibu, bħal *Taħdita bejn Bertoldu u Bertoldinu* [43], li jittrattaw ukoll il-qerq tal-gvern kolonjali, *Taħdita bejn Salvu u Peppu* [44], li titkellem dwar l-għaks li kien hawn fost il-poplu fqir, nistgħu nosservaw kif b'mod l-aktar spontanju l-kittieb jgħaqqad diversi messaġġi li jixtieq iwassal. Jgħaqqad ukoll iż-żewġ tendenzi kulturali tal-klassijiet li kien hawn. Dawn id-djalogi, li *Il Giurnal Malti* kien jippubblika minn żmien għal żmien, jidhru li kienu mod favorit biex kittieb jirriproduċi b'fomm il-kelliem stess dak li kien jixtieq jgħid hu. [45]

## 3.3 Kitbiet polemiċi u marbutin ma' pika f' *Il Giurnal Malti*

Bl-istess mod li l-polemika bejn gazzetti ħadet in-nar fuq livell politiku, hekk ukoll għamlet b'qawwa anki fuq livell personali. It-taqtigħa tal-gazzetti sa l-anqas qarrej, kif rajna f'taqsimiet oħra, ma kinitx biss taqtigħa għall-flus, imma wkoll taqtigħa ta' kredibbilta' ta' stima u biex il-qarrej jibqa' jixtri l-gazzetta, għax jekk gazzetta ma kinitx fdata jew moqrija, kien hemm ħafna oħrajn minn fejn tagħżel. Fuq dawn iż-żewġ pedamenti tistrieħ jew twieldet dik li aktar qabel sejjaħtilha l-polemika bejn ġurnali. Peress li kitba li tittratta din it-tema hija kotrana fil-gazzetti, tkun ħaġa tajba jekk nagħtu ħarsa fit-tul lejha wkoll. Bosta kienu l-gazzetti li għenuna biex niksbu xi tagħrif dwar *Il Giurnal Malti.* Hija ħasra li ħafna mit-tagħrif li għandna wasal għandna b'dan il-mod, imma l-importanza kbira li għandu hija tant kbira li ħassejt il-ħtieġa li f'dan ix-xogħol

---

[43] Huma t-titli ta' diversi djalogi li għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess tema u li dehru fi żminijiet differenti u li jkomplu ma' xulxin fuq sens loġiku: *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 10, 10 ta' Mejju, 1864, p.4., Ħarġa 12, 31 ta' Mejju, 1864, p. 2,

[44] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju, 1864, pp.3-4

[45] F'dan is-sens, *Il Giurnal Malti* kien wieħed mill-ġurnali li wasslu lill-qarrejja tagħhom esperimentazzjoni bil-forma tal-kitba. Ma jfissirx li *Il Giurnal Malti* kien l-ewwel ġurnal li fih dehret kitba b'dan l-istil.

ninkludi d-dettalji ta' gazzetti oħra minbarra *Il Giurnal Malti*. L-edizzjonijiet ta' diversi gazzetti li kienu jidhru fl-istess żmien ta' *Il Giurnal Malti* daħħlu lil din il-gazzetta fil-ġlieda tat-taħlita ta' ideali, twemmin politiku u simpatiji tagħhom. Barra minn hekk, il-kontributuri ta' *Il Giurnal Malti*, jew almenu xi ftit minnhom, nistgħu nobsru li kienu jiktbu f'gazzetti oħra, anki għax il-ħajja tal-gazzetta kienet waħda qasira. Fil-fatt, spiss insibu li kontributur kien jikteb għal diversi gazzetti fl-istess żmien.

Il-ġlieda tal-gazzetti kienet fuq kollox ġlieda għall-identita'. Fil-fatt, se naraw kif kull gazzetta kellha ossessjoni kbira li tikxef l-identita', u wisq aktar affarijiet moħbija, li jagħmlu kontributuri ta' gazzetti rivali. *Il Giurnal Malti* jirreferi għall-gazzetta *Ix-Xitan Izzopp* u f'artiklu ieħor jgħidlu li jispera li "ma jiġborx il-flus bla ma jagħtihom il-ġurnal...bħal ma għamel ftit ilu il-*Giahan*, għalkemm il-*Giahan* u *Ix-Xitan Izzopp* huma ħaġa waħda..." [46] Mid-dehra ma kinitx ħaġa rari li gazzetta tkun ġabret il-flus bil-quddiem, u meta l-gazzetta jkollha tieqaf ħesrem minħabba diffikultajiet oħra. Fil-fatt, *Il Giurnal Malti* jwiegħed li jekk il-gazzetta ma tkomplix kull abbonat jingħata l-flus lura.[47] Il-kitbiet li ħarġu minn dan it-tip ta' ġurnaliżmu pjuttost antagonistiku kienu ħafna: l-aktar komuni huma l-artikli. Barra dawn, pero', insibu wkoll il-poeżiji, id-djalogi, u l-kitbiet l-oħra li kollha kienu jipprovaw imorru pass ogħla minn dak ta' l-istampa avversarja, ħaġa li kellna okkażjoni narawha f'ċertu dettall f'taqsimiet oħra.

---

[46] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 4, p.24

[47] Kull ħarġa kellha nota li tistqarr proprju dan taħt it-titlu, u ma tonqosx li taċċenna għal diversi drabi fl-artikli li kien fiha.

*Ix-Xitan Izzopp* dehret f'Malta bejn is-6 ta' Frar u s-26 ta' Lulju ta' l-1864. Kienet gazzetta ta' ħajja qasira, imma biżżejjed biex din il-gazzetta tagħmel parti mill-polemika mqanqla fil-ħarġiet ta' *Il Giurnal Malti.* Din il-gazzetta ta' isem mimli insinwazzjoni kellha bħala wieħed mill-għanijiet li tiġġieled l-inġustizzji ta' l-amministrazzjoni Ingliża u ttella' fil-wiċċ id-drittijiet tal-Maltin li skond dan il-ġurnal kienu qed jiġu imkasbra minn kittieba mibgħuta apposta fi gżiritna. Kienet iġġib din l-iskrizzjoni taħt it-titlu: "Ikteb u igdeb tant kemm tiflaħ, ħalli l-poplu żgur bik jifraħ." [48] Skond din il-gazzetta eżempju ta' kittieba bħal dawn kien ċertu William Bullock Webster.[49] Ma' dan l-għan, tajjeb li wieħed jinkludi għan ieħor li din il-gazzetta immirat għalih bla ma semmietu, jiġifieri li jinxteħet kemm jista' jkun tajn fuq l-isem ta' nies li jmorru kontra l-ideali tal-kontributuri ta' *Ix-Xitan Izzopp.* It-ton u l-qawwa li bihom kienet titkellem din il-gazzetta, li fiha kienu jiktbu s-satirista Dun Ġużepp Żammit, Ġan Anton Vassallo u Richard Taylor, kien differenti ħafna minn dak ta' *Il Giurnal Malti,* ħaġa li fil-fehma tiegħi serviet biex toħroġ id-differenza fil-ħruxija bejn dawn iż-żewġ gazzetti, allavolja kemm Taylor kif ukoll Zammit għamlu żmien jagħtu l-kontribut tagħhom fiha.[50] Jidher li forzi barra l-gazzetta qatgħu ħesrem l-edizzjonijiet ta' din il-gazzetta wara ħames xhur u tmintax-il ħarġa.[51] Ittra li

---

[48] Din l-iskrizzjoni kienet ikkritikata ħafna mill-avversarji ġurnalistiċi ta' *Ix-Xitan Izzopp*, inkluż *Il Giurnal Malti.* B'din l-iskrizzjoni, il-kitttieb ried jimplika li aktar ma gazzetta xxandar gideb, aktar il-poplu jixtriha.

[49] Poeżija anonima *Lil Webster - l-aħħar tislima billi se jsiefer,* minn *Ix-Xitan Izzopp,* N. 11, 16 ta' Mejju 1864, p. 1. Kienet proprju pubblikazzjoni ta' Webster li tefgħet lil dan il-bniedem fil-mira tal-kontributuri ta' dan il-ġurnal.

[50] *Il Giurnal Malti* kien iżomm pass lura milli jippubblika artikli ta' kliem oxxen, għad li kien jgħajjar fuq skala għolja ħafna wkoll. Gazzetti oħra, bħal *Ix-Xitan Izzopp*, iħallu l-lingwaġġ jilħaq livelli oxxeni ħafna, bħal per eżempju dik li semmejna aktar qabel iddedikata lil Webster. Dwar diversi aspetti tax-xogħlijiet ta' Dun Ġużepp Zammit ara Formosa (1997).

[51] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p. 150.

tidher fil-*Giurnal Malti*, iffirmata minn Dr. Son Chi Sono, issemmi lill-gazzetta *Ix-Xitan Izzopp*, u tgħid li 'qabel kienet *Giahan'*.[52] F'*Kelmtejn lill-Giurnal Malti*, artikolista tal-gazzetta *Ix-Xitan Izzopp*, li jiffirma l-artiklu tiegħu bl-istess isem, jgħid lill-*Giurnal Malti*: "il-mara mhix ilsira tar-raġel, ja Għarbi". Aktar 'l isfel fl-istess artiklu, jgħajru "ja nisel il-Għarab" [53] Din it-tgħajjira, aktar minn ħaġa oħra, tissuġġerixxi għall-anqas żewġ aspetti soċjali:

(a) li l-artikolista ta' *Ix-Xitan Izzopp* aktarx li mhux Malti u jrid iżomm ċerta distanza jew disprezz billi qed jassoċja lill-Maltin ma' l-Għarab.

(b) in-nuqqas ta' tolleranza razzjali li diġa' kien hawn f'dan iż-żmien. [54]

F'ħarġa oħra ta' *Ix-Xitan Izzopp*, insibu dan il-kumment: "Jiena huwa l-aħdar, l-abjad u l-aħmar bil-*buona grazia* ta' l-aħmar u sħabu. . ." [55] F'artiklu bla isem u bla firma, *Il Giurnal Malti* jgħid lil *Ix-Xitan Izzopp*,

> "Kemm se ddum b'din l-ambizzjoni u s-suppervja tiegħek li barra minnek u Brighella ħadd f'Malta ma jaf jikteb bil-Malti. Meta feħsiebek tliġġem ilsienek u ma tgħidx li Dr. Vassallo, Is-Sur [Annibale] Preca, [Wiġi] Rosato, Testa, Camilleri, Vella u oħrajn ma jafux jiktbu?" [56]

---

[52] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.3. Nistgħu niddeduċu li l-kittieb huwa tabib, u li kien Malti. Jekk tibda tara min kienu t-tobba Maltin li kienu jissemmew f'dan iż-żmien f'dan il-qasam, tista' tasal għal ismijiet partikolari bħal Dr. Nikola Zammit (1815 - 1899) , per eżempju, li kien jagħti kontribut konsiderevoli lill-ġurnali. Zammit kien magħruf l-aktar għall-gazzetti patrijottiċi li waqqaf u l-prinċipji simili li kien iħaddan u jikteb fuqhom b'saħħa kbira.

[53] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 3, 26 ta' Frar 1864, p.23.

[54] Minn dan kollu nistgħu nobsru li wieħed mill-kontributuri *Ix-Xitan Izzopp* kien Taljan jew xtaq li l-kitba tiegħu tissuġġerixxi hekk, għax kieku ma jassoċjax lill-Maltin ma' l-Għarab. Il-kittieb jagħmel dan b'disprezz anke lejn in-nies ta' dik ir-razza, u hawn nistgħu ngħidu li nsibu tendenza razzista wkoll.

[55] *Ix-Xitan Izzopp*, Ħarġa 15, 26 ta' Ġunju 1864, p.1.

[56] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 8,15 ta' Marzu, pp.63-64. F'dan l-artiklu twil paġna u nofs, l-artikolista jikkoreġi l-iżbalji ta' *Ix-Xitan Izzopp* fil-poeżija jisimha *Ix-Xitan Jgħarbel lill-poeta ta' Il Giurnal Malti*, minn *Ix-Xitan Izzopp*, Ħarġa 4, 6 ta' Marzu, 1864.

Din id-difiża li *Il Giurnal Malti* qed jagħmel turina xi ismijiet u fejn kienu s-simpatiji tagħhom. Iċ-ċans hu li dawn in-nies jew jikkontribwixxu lil *Il Giurnal Malti* jew juru appoġġ għall-kawża tiegħu.

Gazzetti oħra li mid-dehra kienu mqabbdin sewwa ma' *Il Giurnal Malti* kienu *Lo Stenterello* u *Il-Ħatar*. *Lo Stenterello* dehret għall-ewwel darba fis-7 ta' Diċembru 1860.[57] L-ewwel ħarġa tagħha dehret fil-31 ta' Mejju 1845 u damet toħroġ darbtejn u aktar tard tliet darbiet fix-xahar sa Ħarġa 922 tal-31 ta' Jannar 1871, fejn dehret bl-iskrizzjoni latina "Finis Coronat Opus".[58] *Stenterello* kienet toħroġ mit-Tipografija Izzo, deskritta minn *Il-Ħatar* bħala post fejn jiltaqgħu "carbonari e framassoni che stampano giornali infami e scellerati" [59] F'artiklu ta' dan il-ġurnal insibu dan il-kliem: "Maltin u Taljani ma jaqblux flimkien. . ." Jgħid li t-Taljani huma "imkeċċija" u "framassoni tal-Giovine Italia" u allura kontra l-Knisja, filwaqt li l-Maltin huma deskritti bħala "tfal ta' San Pawl u ta' Kristu." [60]

Fost l-oħrajn, f' *Il Giurnal Malti* nsibu riferenzi għal persuna magħrufa f'dan il-qasam, li ma nafux fiċ-ċert min hi u li l-kontributuri ta' diversi gazzetti jsejħulha *Bertoldu.* [61] Fir-realta' *Bertoldu* kien it-titlu li kellhom erba' gazzetti differenti, kollha kemm huma ta' ħajja qasira, u mill-inqas tlieta minnhom kienu dovuti

---

[57] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p.135.

[58] *ibid.*, p.68.

[59] *ibid.*, p.100

[60] *Gl' Italiani a Malta* minn *Il Ħatar,* Ħarġa 1, 15 t'Ottubru 1850, p.1.

[61] L-aktar li jiġri dan huwa permezz ta' kitbiet forma ta' djalogu, fejn naraw taħdita dwar varjeta' ta' suġġetti, imma spiss ħafna bejn Bertoldu u ġieli Bertoldinu.

għall-pinna tal-poeta satiriku Dun Ġużepp Żammit.[62] Madankollu, il-kontributuri ta' *Il Giurnal Malti* għadhom jirreferu għall-persuna ta' *Bertoldu* biex ifissru l-persuna li kien hemm wara dan l-isem, li ftit jifdlilna dubju min hu. Dan juri l-mod li bih il-ġurnali tas-Seklu Dsatax kienu jirreferu għal persuna partikolari assoċjata ma' isem, bl-assunzjoni li l-qarrejja qed jifhmu għal min ikunu qed jirreferu.[63] Ta' min jgħid li ma jidhirx li kien hemm gazzetta oħra li jisimha *Bertoldu* bejn l-1864 u l-1866, għad li l-persuna wara dan l-isem kienet attiva sew f'gazzetti oħra, bħal *Ix-Xitan Izzopp.* Bl-istess mod, insibu riferenzi għal Stenterellu, Xitan, Babel, u l-bqija. [64]

Mhux il-gazzetti kollha li jsemmi *Il Giurnal Malti* kienu daqstant ixxortjati li kellhom ħajja twila, u din ukoll kienet mod ta' kif tgħajjar gazzetta avversarja. Il-ħajja ta' sentejn li kellu *Il Giurnal Malti* nistgħu ngħidu li hija twila jekk tqabbilha ma' gazzetti oħra, speċjalment dawk oxxeni jew satiriċi, imma qasira jekk tqabbilha ma' oħrajn, speċjalment dawk li huma aktar serji. Fil-fatt, insibu diversi ġurnali li x-xorti daħkitilhom ftit aktar, għax damu jidhru fuq firxa akbar ta' żmien, u meta deher *Il Giurnal Malti* kienu ilhom li sabu ċerta popolarita'. *Il*

---

[62] L-ewwel waħda dehret fl-24 ta' Jannar ta' l-1839. Fuljett ieħor bl-istess isem b'ħajja daqstant qasira deher f'Settembru ta' l-1846, u ieħor li deher fl-17 t' Awwissu 1861 u li dam jidher seba' xhur: ara Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p.39, 80, 135. F'paġna 100 ta' l-istess edizzjoni, Bonello, V *et al* isemmu fuljett ieħor miktub bit-Taljan bl-istess isem, imma mid-dehra Dun Ġużepp Żammit mhux involut fih. Għalhekk, hemm ċans kbir li r-riferenzi għal dan Bertoldu huma għalih.

[63] Hemm probabbilta' kbira li l-persuna hija Dun Ġużepp Żammit stess, anke għax nafu kemm dan il-qassis kellu pinna tniggeż, u li wisq probabbli kien iqajjem ferment permezz tal-kitba tiegħu. Dwar il-ħidma ta' Dun Ġużepp Żammit, ara wkoll Formosa, J., (1997), l-aktar pp.33-130. Ninnotaw li Richard Taylor u Dun Ġużepp Zammit taw kontributi għal *Il Giurnal Malti,* prova li xi nies ma kellhomx rabtiet ma' ġurnal wieħed biss, imma ma' diversi, biex b'hekk jiġi żgurat li tintlaħaq firxa akbar ta' nies.

[64] Dan, filwaqt li jiżgura ċertu grad ta' anonimita', iħalli l-possibiltajiet miftuħa għal min ikun jaf ftit mhux ħażin dawn in-nies. Dan jispjega wkoll il-frażi, *U Min irid jifhem, ħa jifhem!*

*Portafoglio Maltese* huwa wieħed minn dawn ta' l-aħħar, u huwa l-ġurnal li l-aktar li dam joħroġ. L-ewwel ħarġa għandha d-data tat-12 ta' Mejju 1838, u l-ħarġiet tiegħu ġew mitbugħa f'diversi stamperiji fuq it-tul ta' żmien li dam joħroġ, fosthom anki it-Tipografia Anglo-Maltese, li kienet tistampa wkoll *Il Giurnal Malti.* Kif għedna f'taqsima qabel, dan il-ġurnal kien wieħed minn dawk li kien kiseb permess mill-Gvernatur Bouverie biex joħroġ qabel l-għoti uffiċjali tal-liberta' ta' l-istampa.[65] Il-ħarġiet ta' dan il-ġurnal damu sejrin sas-26 ta' Diċembru 1920 bil-5857 edizzjoni tiegħu.[66] Tajjeb li ngħidu li din il-gazzetta kellha numru mhux ħażin ta' kontributuri kemm Maltin kif ukoll Taljani, ħaġa li żgur għenet biex din il-gazzetta damet daqshekk b'saħħitha tul iż-żmien. Ta' min isemmi lil Michelangelo Mizzi, Evaristo Castaldi, Salvatore Debono, Paolo Manara, Zaccaria Roncali u Vincenza Debono, li għal xi żmien kienet ukoll direttriċi.[67] Il-gazzetta kellha wkoll firxa kbira ta' qarrejja li setgħu jgħinuha żżomm fuq saqajha anki fiż-żmien meta l-gazzetti kienu jitwieldu u jmutu fuq perjodu ta' xhur. Gazzetta oħra li damet ukoll toħroġ u li *Il Giurnal Malti* jkollu polemiki magħha kienet *Il Mediterraneo.* Għad li dehret għall-ewwel darba lura fl-1 t' Awwissu 1838, din il-gazzetta baqgħet sejra sa Ħarġa 1696, li ġġib id-data tat-28 ta' Jannar 1871. [68] In-nies assoċjati ma' dan il-ġurnal u l-kitbiet li kien fih jagħmlu huma wkoll parti mit-taqtigħa ta' ideali u ta' kliem li daħal fihom *Il Giurnal Malti.* Fil-kitba *Kelmtejn lil Arċimandrita: Mediterran*, naraw aktar insistenza fuq il-fatt li gazzetti b'ideali Taljani ma jaqblux ma' dak li jemmen *Il*

---

[65] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p. 30.

[66] *ibid.*, p. 32.

[67] *ibid.*, p. 32. L-isem ta' din il-mara jispikka għax in-nisa ftit kienu jipparteċipaw f'qasam bħal dan, anke minħabba l-kultura u d-drawwiet tagħna l-Maltin.

[68] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), pp. 34-35.

*Giurnal Malti.* Jakkużah li għandu miegħu "xi frustier garibaldin" u li jrid "jaqla' xi erba' ħabbiet bil-vilta' " [69]

*La Torre di Babele* kien fuljett satiriku li tiegħu jinstabu biss il-Ħarġiet minn 51 tas-6 ta' Marzu 1866 sal-Ħarġa 97 tat-3 ta' Novembru 1870.[70] Din hija ħasra, għax kif rajna qabel, spiss kien jiġri li l-gazzetti, bħalma ġara lil *Il Giurnal Malti*, kienu jgħaddu minn xi bidliet tul iż-żmien, anki minħabba kwistjonijiet ta' spejjeż, bidla fil-kontributuri, fil-kwantita' tagħhom u fl-għajnuna li kienu joffru. Għalhekk, għalkemm li fil-każ ta' *La Torre di Babele* għandna numru tajjeb ta' ħarġiet, il-bidu tagħha bħala gazzetta huwa interessanti ħafna għall-istudju tagħna ta' xi oqsma ġurnalistiċi. *La Torre di Babele* kienet gazzetta li damet għal żmien qasir ħafna tidher ma' *Il Giurnal Malti.* Fil-fatt, għad li l-ideali taż-żewġ gazzetti ma jaqblu xejn, ir-riferenzi għaliha huma ftit fil-għadd u mhux daqshekk vjolenti fit-ton li jaqbdu. Fil-ħarġa 66, *Il Giurnal Malti* jirreferi għar-rabta li hemm bejn l-isem ta' gazzetta u dak li jimplika, jiġifieri l-konfużjoni. [71]

Nistgħu ngħidu li xi gazzetti għexu u żammew sħaħ permezz tal-korrispondenza, sabiħa jew le, ma' gazzetti oħra. *La Torre di Babele* tikxef proprju l-ispirtu ta' erba' gazzetti oħra fil-Ħarġa 64 tagħha, f'perjodu li jiġi wara s-sentejn li fihom *Il Giurnal Malti* kien jidher. Filwaqt li ssellem "kif inhu xieraq" lil erba' gazzetti ġodda permezz ta' artiklu mxandar b'dan il-għan, *L'Imkas, Il*

---

[69] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.2-3.

[70] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), p. 154. Din l-idea ta' kaos ġiet użata minn dan il-ġurnal stess, ovvjament b'intenzjonijiet differenti. Għalkemm *Il Giurnal Malti* u *La Torre di Babele* huma essenzjalment kontra l-Gvern kolonjali, prinċipji oħra li kienu jħaddnu wasslu biex dawn iż-żewġ gazzetti jaslu f'konfront bejniethom.

*Frosta*, *It Trumbetta* u *Il Pungolo*, tgħid li l-ewwel tnejn wieġbu ħażin għal din it-tislima għax huma injoranti u suppervi, it-tnejn l-oħra ħaqqhom ir-rispett għax huma umli.[72]

[71] Poeżija anonima *Gwerra dikjarata bejn il-Ġeneral Giurnal Malti u il-Gran Torri ta' Babel,* minn *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru, 1865, pp.1-2.

[72] *La Torre di Babele,* Ħarġa 64, 28 ta' Jannar, 1867,p.2.

## IR-RABA' TAQSIMA

## *Il Giurnal Malti* u l-bini ta' identita' nazzjonali

## 4.1 Il-kitba b' tema kulturali u edukattiva f' *Il Giurnal Malti*

*Il Giurnal Malti* kienet gazzetta li ntgħażlet minn diversi ġurnali oħra ta' żmienha għall-interess li kienet turi fil-kultura u li temanċipa s-soċjeta' billi tedukaha. Il-kultura nistgħu ngħidu li hija sett ta' drawwiet li ħafna nies jgħixu u li maż-żmien isiru jagħmlu parti mid-drawwiet ta' poplu u hija s-sinsla tal-formazzjoni ta' poplu.[1] Pero' l-kultura għandha x'taqsam ukoll mal-mod ta' għajxien tan-nies. F'dan is-sens, il-kitbiet li nsibu f'*Il Giurnal Malti* jistgħu iwassluna biex niddeskrivu mhux ħażin is-soċjeta' li welldet *Il Giurnal Malti*, kemm fid-drawwiet li kellha kif ukoll il-mod ta' kif kienet tgħix.

Biex nifhmu l-kuntest kollu ta' dak li se ngħidu f'din it-taqsima, tajjeb li nagħtu ħarsa wkoll lejn is-soċjeta' ta' dan iż-żmien u kif kienet taħdem soċjalment. Kellna żewġ klassijiet distinti: waħda kienet klassi soċjali għolja, komda finanzjarjament, u li tgawdi minn ċerti privileġġi u kumditajiet. Fost dawn insibu l-professjonisti u n-nies kollha li jgawdu stima għolja f'soċjeta tipika tas-seklu Dsatax. Fuq in-naħa l-oħra, imbagħad, kellna klassi oħra baxxa, ħafna akbar fin-numru u li fiha persentaġġ għoli ħafna mill-popolazzjoni tal-gżira. Il-mod ta' għajxien tagħha kien totalment differenti. Filwaqt li waħda kienet marbuta mal-Belt, mal-Furjana u mat-Tlitt Ibliet, postijiet meqjusin bħala postijiet fejn issaltan il-kultura u marbuta mal-lussu, l-oħra kienet dik tal-kampanja, illitterata, nieqsa mill-edukazzjoni u l-kultura, mil-lussu u li biex tgħix trid taħdem u tbati. Din il-klassi kellha wkoll nuqqas ta' stima mill-klassijiet l-għolja tas-

[1] Din id-definizzjoni hija tentattiv li tiġbor l-ideat ewlenin li diversi nies kellhom u kitbu dwar il-kultura. Diversi nies tant taw definizzjonijiet differenti ta' kultura li huwa diffiċli li nagħżlu waħda li hija tajba u li tiġbor fiha dak kollu li nifhmu aħna bit-terminu.

soċjeta', li kienu jisfruttawha bl-aħjar mod għall-vantaġġ tagħhom, ħaġa li wkoll kienet suġġett għal ħafna kitba f' *Il Giurnal Malti.*

Meta deher *Il Giurnal Malti,* il-ħajja tal-poplu li jbati u li qiegħed fis-saffi l-aktar baxxi tas-soċjeta' ftit kienet stmata, analizzata u wisq anqas rappreżentata fil-gazzetti. Minħabba r-rabta ovvja tagħhom ma' kultura għolja, il-gazzetti kellhom it-tendenza naturali li jagħtu attenzjoni lill-kultura għolja u jinjoraw interessi tal-poplu ta' kultura baxxa. Sa l-1864, il-gazzetti kienu kotrana, u kienu laħqu bdew jokkupaw post importanti fis-soċjeta'.[2] F'dan is-sens, il-ġurnali saru wkoll mezz kif tleħħen l-ilmenti tal-batut, kemm dwar l-amminstrazzjoni tal-pajjiż, kif ukoll dwar id-differenza kbira kif kienu jiġu ittrattati n-nies ta' livell kulturali għoli u dak baxx. Dan id-diskors dwar bidla, mistiedna u mqanqla f'gazzetti bħal *il Giurnal Malti,* kien leħen ċkejken, li għad li fis-Seklu Dsatax ftit kienu n-nies li taw kasu, wassal biex il-poplu jintebaħ il-ħtieġa tal-bidla. Kienet bidla, fil-fehma tiegħi, meħtieġa, ukoll għax l-istampa li wieħed jieħu tas-soċjeta' mhix sħiħa jekk dawk ta' status baxx jiġu injorati. Il-firda li llum naraw bejn il-klassijiet soċjali fis-Seklu Għoxrin mhix xi ħaġa ġdida, u jekk irridu napprezzaw bl-aħjar mod is-soċjeta' tas-Seklu Dsatax, irridu nammettu li dawn id-differenzi welldu l-mod ta' kif iffurmat ruħha l-kultura tagħna.

Il-kultura li nsibu f' *Il Giurnal Malti* kienet waħda tipika tal-Belt Valletta, jew almenu waħda tipika tal-belt kapitali tagħna f'dan iż-żmien. Dan jagħmel sens l-

---

[2] B'dan qed nifhem li l-gazzetti, milli jidher, kienu mogħtija importanza kbira, u mhux biss kienu emmnuti u segwiti, imma kellhom effett kbir fuq il-ġrajjiet ewlenin tas-soċjeta' li fiha kienu joperaw. Ma ninsewx li l-gazzetti kienu strument mhux biss ta' tixrid ta' tagħrif, imma kellhow rwoli diversi, kif nistgħu naraw fit-taqsimiet dedikati għal *Il Giurnal Malti.*

aktar meta tqis li l-biċċa l-kbira ta' l-attivita' ġurnalistika kif kienet ġejja mill-Belt. Ħarsa lejn l-indirizzi tad-diversi stamperiji attivi tixhed proprju din l-konċentrazzjoni ta' stabbilimenti ta' din ix-xorta fil-Belt Valletta u xi ftit oħra fil-Furjana. Is-sens komun jissuġġerixxi wkoll li l-post fejn kienu jiġu kumpilati l-gazzetti kien viċin ta' fejn jiġu stampati jekk mhux fl-istess post, għalkemm m'għandna l-ebda ċertezza ta' dan.[3] L-uniku suġġeriment nistgħu insibuh f' *Assassini ta' bil-lejl.* [4] Dan l-artiklu, minbarra li jikkritika fuq bażi ġenerali lil kull min qed jinqeda bil-privileġġi li ngħataw mil-liberta' ta' l-istampa biex ixerred il-velenu, jimmira l-aktar għal dawk in-nies li qed jagħmlu l-ħsara ta' spiss fuq l-istabbilimenti li minnhom qed joħorġu l-ġurnali u jagħmlu vjolenza li saret fuq in-nies involuti fihom. Raġuni oħra li ssaħħaħ dan l-argument hija l-fatt li n-nies ta' livell soċjali baxx, li kif għedna kienu illitterati, ma setgħux ikunu fost il-qarrejja tal-ġurnal, u allura l-kitba li tidher fih mhux se tinteressa lilhom għar-raġunijiet li qed insemmu, u allura teskludihom għax ma setgħux jaqrawha. Fil-fatt, meta jiddeskrivihom, *Il Giurnal Malti* jiddeskrivihom skond il-lenti ta' kultura għolja u forsi b'sens ta' superjorita', u għalhekk narawhom deskritti bħala nies neqsin mis-sens komun, imbegħdin min-nies li jaqraw il-ġurnal u minn kull xorta ta' kultura, jew inferjuri b'xi mod mill-oħrajn, ħaġa li tirrifletti l-firda li kien hawn bejn il-klassi kolta u dik baxxa. L-impressjoni li dan jista' jagħtina hi li nobsru li *Il Giurnal Malti* kellu rabta mal-kultura għolja u maqtugħ minn dik baxxa, imma mhux hekk kien. Lanqas ma kien veru li n-nies ta' livell soċjali baxx huma bla kultura, fil-fatt *Il Giurnal Malti* giddeb dik l-idea wkoll.

---

[3] B'xorti ħażina, il-gazzetti u l-kitbiet li kienu jidhru ftit jagħtuna dawl fuq eżattament x'kien jiġri, u għalhekk kulma ngħidu jew niskopru jġorr miegħu ftit il-piż tad-dubju.

Dan il-ġurnal, fid-deskrizzjoni tiegħu tal-ġrajjiet tal-klassi soċjali għolja, jorbot iż-żewġ klassijiet biex b'hekk jipprovdi stampa tal-klassi li rarament tiġi deskritta. Barra minn hekk, tal-klassi għolja mhux dejjem huma mfaħħra lanqas. F'*Il-Għerf tat-Tobba Maltin: tifħira lil kull nisel*, per eżempju, insibu kritika lit-tobba, li l-ġurnal iqiegħdhom f'keffa waħda kollha flimkien. Jgħid li minflok ma jfejquk joqtluk għax mhumiex kapaċi jagħrfu l-mard, aħseb u ara li jfejqu lill-marid.[5] Fl-istess qies huma mqiegħda nies għolja fit-tmexxija ta' istituzzjonijiet f'pajjiżna, ħaġa li f'dan ix-xogħol niddiskutuha f'ħafna aktar dettall meta nħarsu lejn l-impenn politiku qawwi li xi kitbiet ta' *Il Giurnal Malti* kellhom.

Wieħed mill-mezzi ta' divertiment għal qalb in-nies ta' klassijiet l-aktar għolja kien li jattendu għall-opri fit-teatru u dak tat-teatrini. *Il Giurnal Malti* jiżgura ruħu li ma jinqatax lanqas minn dawn, tant li fil-ħarġiet tiegħu insibu kemm avviżi dwar xogħlijiet li jkunu se jittellgħu kif ukoll kummenti u artikli li jittrattaw proprju din it-tema. Fl-artikli *L-Importanza tat-Teatru* u *It-Teatrini Maltin*, l-artikolista jistqarr fi ftit kliem li t-teatru huwa importanti, huwa ta' kultura u li din il-kultura hija essenzjali biex wieħed ikun stmat u jimxi fis-soċjeta'. Jixtieq ukoll juri xi differenzi li kien qed jara bejn it-teatrini u t-teatru, ħaġa li mill-ewwel tidher ċara u li tagħmel sens minħabba l-fatt li l-udjenzi tat-teatru ta' l-opra u dik tat-teatrin kienu differenti.[6] It-teatru attiv ta' l-opra f'dan iż-żmien kien it-Teatru Rjal, u *Il Giurnal Malti* janalizza l-attivita' tiegħu permezz ta' artikli bħal

---

4 *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.2.

5 *Il Giurnal Malti* , Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.1.

6 *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, pp.17-18. It-teatrin għandu tendenza li jkun eqreb u ħafna aktar aċċessibbli għall-poplu ta' klassi baxxa, ghalkemm nies ta' klassi għolja ġieli kienu jattendu għat-teatrin u fl-istess ħin it-teatru ta' l-opra.

*Il-Kumpannija tar-Real Teatru għas-sena 1864-1865* [7]u *Real Teatru ta' Malta.*[8] Mat-teatru ta' l-opra kien hawn ukoll għadd ta' kumpanniji tat-teatrini, illi l-interess fihom kien qawwi, kemm minħabba l-attivita' qawwija tagħhom kif ukoll minħabba li kien hemm ċerta rivalita' kemm bejn il-kumpanniji tat-teatrini infushom kif ukoll bejn dawn u tat-teatru ta' l-opra. Kważi f'kull ħarġa ta' *Il Giurnal Malti* nsibu riferenzi għal dawn il-kumpanniji bħall-kumpanniji *L'Aurora* u *L'Indipendente* u *L'Armonia.*[9] F'kitbiet bħal *Circolo Independent,* [10]*It-Teatrin ta' Circolo Independent,*[11] *Teatro l-Aurora*[12] u *It-Teatrin l'Armonia*[13], fost l-oħrajn, insibu, minn żmien għal żmien, dettalji ta' serati li kienu jtellgħu dawn il-kumpanniji. F'dan is-sens, *Il Giurnal Malti* serva biex tiżdied il-pika bejn dawn il-kumpanniji. F'artiklu li jsemmi *Circolo Independent,* kumpannija tat-teatrin li sejra tajjeb, *Il Giurnal Malti* jgħid b'disprezz li din sejra "'il quddiem bħal grottlu", mhux bħalma qiegħed jiġri lil ta' l-*Aurora.*[14]

Kontrarjament għat-teatru ta' l-opra, it-teatrin kien milħuq ħafna aktar minn nies ta' livell ekonomiku baxx, ħaġa li żgurat li kumpanniji tat-teatrin ikollhom

---

[7] *ibid.,* Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.1. Artikli b'dawn it-titli dehru f'diversi mill-ħarġiet tal-ġurnal, u kienu dejjem jittrattaw l-istess tema: ix-xogħlijiet li jittellgħu, xi atturi msemmija u dettalji oħra tas-serati.

[8] *ibid.,*Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.

[9] Il-kumpannija *L'Aurora* nafu li kellha involviment ta' Luigi Rosato, li kien ukoll kantant fit-Teatru Rjal. Il kumpannija *Independent* kellha bħala l-esponent ewlieni tagħha lil Carmelo Camilleri

[10] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.2

[11] *ibid.,* Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.3.

[12] *ibid.*

[13] *ibid.,* Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. pp.3-4.

[14] *ibid.,* Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.2. *Il Giurnal Malti* baqa' sa l-aħħar ħarġiet tiegħu juri ċerta simpatija lejn il-kumpaniji tat-teatrin *L'Indipendente* u *L'Armonia,* filwaqt li jitfa' kritika, ġieli ħarxa, lejn il-kumpannija rivali *Aurora.*

udjenzi mdaqqsa u rappreżentazzjonijiet spissi. Minbarra dawn ir-rappreżentazzjonijiet, il-kalendarju Malti tas-seklu Dsatax kien imżejjen ukoll b'diversi festi li jipprovdu divertiment mod ieħor, fosthom dawk tas-solennitajiet tal-qaddisin patruni, tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid, tal-Karnival u ta' l-Imnarja, fost l-oħrajn.

Il-kitbiet ta' *Il Giurnal Malti* li għandhom rabta mal-festi jgħinu biex dan il-ġurnal joħloq bilanċ bejn kitba li tilmenta jew titkaża u kitba li tfaħħar sforzi li jsiru minn ċerti nies. Fil-fatt, serje ta' tliet poeżiji marbutin mal-festi reliġjużi, *Il-Messija: Il-Kbir jum tat-Twelid Imqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu* ta' Richard Taylor [15], *It-Taqtigħ u l-Mewt Ħarxa ta' l-Innoċenti f'Betlem ta' Ġuda*[16] u *Il-Kbir Jum ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Nawfraġju,* poeżija akrostika miktuba minn Richard Taylor [17] huma eżempji fejn *Il Giurnal Malti* jiddeskrivi t-tifsira tal-festi, jagħti ħarsa lejn il-mod ta' kif jiġu iċċelebrati dawn il-festi, jew iħares lejn il-fidi tal-poplu u kemm hija ħaġa sabiħa kif tidher. Fuq l-istess linja, insibu poeżija oħra li b'ton mill-aktar ferrieħi tixtieq is-sena t-tajba lill-qarrejja kollha. *Is-Sena t-Tajba lis-Soċji Kollha* hija poeżija ta' xewqat sbieħ lil kulħadd, issemmi nies għolja u importanti u tixtiqilhom is-sena t-Tajba.[18]

Bl-istess mod li *Il Giurnal Malti* juri interess fil-festi reliġjużi, huwa jpinġi f'dawl tajjeb ukoll il-festi oħra, bħall-Karnival. Ħaġa li tolqotna hija li *Il Giurnal*

[15] Suppliment għal *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. Din hija waħda mill-ftit kitbiet iffirmati li dehru f' *Il Giurnal Malti.*

[16] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.1-2.

[17] *ibid.,* Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.

[18] *ibid.,* Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. pp.1-2.

*Malti* mhux biss isemmi l-Karnival meta jkun wasal, imma jipprepara għalih minn qabel, bħalma jagħmel f' *Stedina għall-Karnival tas-Sena 1865.* Hija poeżija b'ton brijuż, li barra li tirreferi għall-briju attwali fil-Belt Valletta, iddur biex tirreferi għall-maskri ta' l-ipokrisija ta' xi gazzetti, bħal *Mediterraneo* u *Lo Stenterello:*

> "Kull min il-maskra qala',
> Huwa l-għaref l-aktar kbir." [19]

*Il Giurnal Malti*, sa ċertu punt, huwa ġurnal li pprova jqarrab iż-żewġ estremi tas-soċjeta' flimkien. Sa mill-ewwel ħarġiet, naraw il-fehma ċara li kemm is-soċjeta' li nsejħulha kolta kif ukoll dik ta' klassi baxxa huma importanti u jirċievu ċertu ammont ta' attenzjoni. Pero', il-poplu li jbati kien dejjem il-parti li qed tingħafas minn problemi li l-oħrajn, għax komdi u mhux neqsin mill-flus, ma jħossux, u dan wassal biex l-ilmenti tal-baxx joħorġu fil-beraħ permezz ta' ġurnali bħal dan. Fis-siltiet bħal *Il-Matematiku u Gaħan* u *Żewġ fuliet* , il-kittieb jittratta l-injoranza ta' xi Maltin permezz tal-logħob bil-kelma "żewġ fuliet" u billi jqabbel kif jirraġunaw il-matematiku u Ġaħan. Il-kitbiet jimplikaw li f'Malta hawn ħtieġa kbira ta' edukazzjoni, ħaġa li mingħajrha s-soċjeta' ma tistax timxi 'il quddiem. [20]

L-istess impenn li l-poplu jkun edukat jaslilna permezz ta' artiklu li jiddeskrivu kif il-ħajja suppost tkun. F' *Lista ta' doveri tal-mara miżżewġa li ma tagħti kashom xejn* u *Imħabba*, il-kittieb jiddeskrivi xi doveri li l-mara għandha

---

[19] *ibid.*, Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.1. Din il-poeżija turina kif f'poeżija waħda, spiss kien jiġri li d-diskors jibdel kemm it-ton kif ukoll l-argument, u minn poeżija ta' briju u tifħir timxi għal waħda li tgħajjar.

[20] *ibid.*, Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.

lejn żewġha u jipprova jfisser x'inhi l-imħabba.[21] Bl-istess mod li jara ħtieġa kbira għall-edukazzjoni, *Il Giurnal Malti* jfittex imkejjen fejn wieħed jista' jsib din l-edukazzjoni. Wieħed minn dawn l-imkejjen huma t-teatri u t-teatrini. Fil-fatt, f'*Avviż lis-Soċji*, li huwa artiklu li jsemmi li kumpannija tat-teatrin kriet dar akbar, il-kittieb iqajjem il-kwistjoni ta' l-edukazzjoni li hija tant meħtieġa għall-poplu tagħna, u jara f'dan l-iżvilupp f'din il-kumpannija bħala mod kien dan il-mezz jista' jintlaħaq.[22]

Hemm ħafna x'itina x'nifhmu li *Il Giurnal Malti* kellu ratba u simpatija mal-parti batuta finanzjarjament tal-popolazzjoni. Bħala ġurnal li jaqbeż għad-drittijiet tal-Maltin anki għax ma jafux jew ma jistgħux jaqbżu għalihom infushom, *Il Giurnal Malti* għaraf jattakka dawk in-nies li jistagħnew fuq dahar il-poplu jew jinsabu indifferenti għat-tbatijiet tiegħu. F' *Mhux Kulma Jleqq Deheb*, il-kittieb jikkritika lil kull min iħobb jiżżejjen u jiddandan biex jidher aħjar minn ħaddieħor, nies li jirreferi għalihom bħala "petiti".[23] F' *Avviż lill-Lixandrini Maltin*, *Il Giurnal Malti* jirreferi għalihom hekk: "billi jġibu biċċa ċarruta fil-kappell iridu jinnamraw ma' kull ġuvna li jaraw..."[24]

Il-ġabra ta' kitbiet b'tema kulturali f'*Il Giurnal Malti* hija essenzjalment waħda li serviet biex jintlaħqu żewġ għanijiet ewlenin, l-ewwelnett li jikkritika dak li kien hemm ħażin fis-soċjeta' u jidentifika l-persuni jew raġunijiet wara dak il-

---

[21] *ibid.*, Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15. Għal-lum, xi valuri bħal dawn li l-artiklu jsemmi bħala doveri tal-mara żgur li ma jkunux aċċettati hekk kif jidhru.

[22] *ibid.*, Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.4.

[23] *ibid.*, Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.1.

[24] *ibid.*, Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.4.

ħażin. It-tieni għan, aktar pożittiv u interessanti għalina, kien li ssir enfasi fuq l-aspetti sbieħ tas-soċjeta' tiġbed l-attenzjoni fuqhom, u tistieden li dak kollu li jgħin kulturalment jiġi imitat u inkoraġġut. Kitba li għandha dawn l-għanijiet, *Il Giurnal Malti* kien iqisha importanti biżżejjed li jiddedika parti sostanzjali mill-isforzi tiegħu għaliha.

## 4.2 Kitbiet ta' xejriet letterarji jew artistiċi f' *Il Giurnal Malti*

Nistgħu ngħidu li kulħadd jaqbel li kemm l-arti kif ukoll il-letteratura huma parti mill-kultura ta' pajjiż. *Il Giurnal Malti* wera li kellu jiktbu fih nies konxji kif ukoll attivi kulturalment Hawnhekk ukoll, *Il Giurnal Malti* spikka mhux biss bħala wieħed mill-ftit ġurnali miktubin bil-Malti, imma wkoll bħala wieħed mill-ftit li kien jagħti importanza kemm għall-iżvilupp artistiku kif ukoll il-kwistjoni ta' l-iżvilupp tal-lingwa, li f'Malta kienet suġġett fi stat bikri ta' żvilupp. In-numru ta' kitbiet li jaqgħu f'din il-kategorija ta' kitba huwa numru konsiderevoli meta tqabblu man-numru ta' ħarġiet li kellu *Il Giurnal Malti* u ma' dak li kien jidher f'gazzetti oħra, imma xorta waħda mhuwiex rappreżentazzjoni tajba għal dak li ssib f'letteratura tipika ta' pajjiż sħiħ.

Fil-fatt, f'dan iż-żmien dehru gazzetti oħrajn li l-kontribut tagħhom kien biss li jagħtu tagħrif ta' natura politika jew reliġjuża, u allura nistgħu insejħulhom dedikati lejn orjentazzjoni definita u speċjalizzata. Kien hemm oħrajn li jimmiraw biss li jagħmlu ħsara lil kull min ma jimxix ma' l-ideali tagħhom, u oħrajn li kienu jikkonsistu biss f'ċajt, doppju sens u battuti ta' natura sesswali. Bħala eżempju wieħed, insibu li *L'Imkas*, ġurnal li deher għall-ewwel darba fl-1867, isemmi bħala għan "li jagħmel ħsara lill-proxxmu", u li kif nistgħu nobsru,

il-kontenut tiegħu m'għandu l-ebda valur letterarju.[25] *L'Imkas* kellu d-destin li jingħaqad mal-lista mdaqqsa ta' ġurnali li jintemmu f'qasir żmien. F'dan ir-rigward, *Il Giurnal Malti* nistgħu ngħidu li spikka peress li żamm ma' normi tajbin ta' diċenza u ta' siwi għas-soċjeta' u ta' ideali li mill-punt tat-tluq jidhru tajbin, u kellu tul ta' ħajja biżżejjed biex inkunu nistgħu nieħdu stampa ta' l-għanijiet li ried jilħaq u l-filosofiji li kien iħaddan.

Fl-esperimentazzjonijiet primittivi ta' letteratura li se nosservaw f'*Il Giurnal Malti*, nistgħu naraw sa mill-ewwel ħarġiet kitbiet mhux biss li għandhom forma ta' artikli li kienu jagħtu prominenza lil avvenimenti artistiċi, imma wkoll kitbiet oħrajn li jidhru forma ta' poeżija, poeżija akrostika u djalogi, fost l-oħrajn. Ħafna drabi, il-poeżiji huma magħmula minn kwartini bil-versi tat-tmienja, ir-ritmu popolari ta' l-għana, għalkemm insibu l-użu ta' versi oħra, bħal tal-ħamsa.[26] Drabi oħra, *Il Giurnal Malti* jieħu l-inizjattiva hu u jirriproduċi xogħol ta' kitba li jieħu xejriet artistiċi. Sa mill-ewwel ħarġa, din il-gazzetta tibda ġġib episodji minn dak li ssejjaħ 'Rumanz Storiku' jismu *It-Trovatur*.[27] *It-Trovatur* huwa, f'sens wiesa' ħafna, wieħed mill-ewwel ġenerazzjoni ta' dawk li fis-seklu tagħna nsejħulhom "rumanzi tal-faxxikli".[28] Għad li din l-idea żviluppat ħafna fi żmienna permezz tat-teknoloġija u tibdil fil-mod ta' kif il-kelma miktuba tiġi ppreżentata u sfruttata fis-seklu tagħna, il-kunċett warajha, kif qed naraw, żgur li jidher ċar fi stejjer ta' din il-kwalita'. F'ħarġa 28, imbagħad, insibu l-uniku każ ta' traduzzjoni

---

[25] *L' Imkas*, Ħarġa 1, Jannar 1867, p. 1.

[26] Eżempju hija l-poeżija *Kelmtejn lil Wiċċ ta' Indannat*, Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, pp.1-2.

[27] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.1.

[28] *Trovaturi* kienu t-*troubadours*, jew "*daqqaqa ta' arpi, kitarri, mandolini u strumenti oħra li kienu jiġġerrew mat-toroq jew jidħlu fid-djar u fil-ħwienet biex idoqqu u jgħannu, speċjalment fuq il-vittorji li kienu jsiru fil-battalji.*". Ara *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 3, 25 ta' Jannar, 1864, p.24.

ta' poeżija f' *Il Giurnal Malti*, permezz ta' *La Favola dei Pignotti.* F' din il-ħarġa nsibu kemm il-verżjoni oriġinali bit-Taljan kif ukoll it-traduzzjoni għall-Malti.[29]

Il-biċċa l-kbira ta' l-artikli li nsibu f'*Il Giurnal Malti* huma kitbiet forma ta' proża, jew bl-istil li l-aktar jixbaħ il-forma mitħaddta tal-lingwa. *Il Giurnal Malti* mar lilhinn mill-kelma mitħaddta u mexa għal forom aktar astratti. Il-poeżija, forma raffinata ta' kitba imma ħafna aktar raffinata u astratta, mhix komuni daqs il-kitba l-oħra *f'Il Giurnal Malti*, imma nsibuha spiss biżżejjed biex nistgħu naslu għal xi konklużjonijet dwar l-identita' ta' l-awtur. Minbarra l-fatt li diversi poeżiji li dehru f'dan il-ġurnal huma iffirmati bl-isem ta' Richard Taylor, il-poeżija tirrapreżenta esperimentazzjoni fil-forma li qabel ma kinitx issir. Dan kollu jurina li fost in-nies li kienu jiktbu u jibnu l-ħarġiet ta' *Il Giurnal Malti*, kien hemm nies, li fosthom żgur li kien hemm Taylor imma wkoll oħrajn, li kienu jaħdmu bis-sħiħ biex joħolqu firxa wiesgħa kemm ta' temi rikorrenti, kif ukoll ta' stil li bihom iżewqu l-ġurnal. Dan wassal biex, fil-fehma tiegħu, jasal għandna ġurnal li fih kontenuti li għal żmienhom kienu professjonali ħafna u ta' mertu kbir.

Qabel f'din it-taqsima irreferejt għal fergħa ta' kitba li kienet ħajja ħafna fis-Seklu Dsatax. Qed nirreferi għall-kitba reliġjuża. F'*Il Giurnal Malti*, din tidher l-aktar mod dirett permezz ta' poeżiji, għad li kitbiet oħra ispirati mir-reliġjon huma kotrana. F'*Il Giurnal Malti*, dawn sabu posthom ukoll, u permezz ta' dan il-ġurnal bdew iduqu aktar popolarita', li tiżdied mal-popolarita' kbira li kitbiet bħal dawn kellhom fi gżiritna anki minħabba l-isfond qawwi reliġjuż li l-gżejjer tagħna

[29] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. pp.1-2. Il-poeżija ġġorr l-inizjali ta' Richard Taylor.

għandhom. L-artikli li jittrattaw r-reliġjon huma importanti wkoll, imma dawn jittrattaw l-okkażjonijiet reliġjużi b'mod ieħor. Jikkonsistu f'tagħrif fattwali aktar milli ħaġa ta' devozzjoni, u l-poeżija li nistgħu nosservaw hija, f'dan ir-rigward, eċċezzjoni. Hija ħasra li għakemm nafu li Richard Taylor kien jagħti sehmu f' *Il Giurnal Malti*, imma fejn mhemmx il-firma tiegħu dan nistgħu nippruvaw nobsruh mill-istil. Pero' il-poeżija reliġjuża hija dik il-ġeneru li ma jikkomprometti qatt lill-awtur, għax ma taqlax polemika, u b'hekk hija każ uniku fejn il-kitbiet huma iffirmati bl-akbar kumdita' . Fil-fatt, il-poeżiji reliġjużi kollha li nsibu jġorru l-firma ta' Richard Taylor. *Il Giurnal Malti* ma kienx iħalli festa importanti f'Malta tgħaddi mingħajr ma jħabbarha u jagħtiha l-qima. Fil-fatt, f'*Tifħira - Fil-Kbir Jum tat-Twelid Imqaddes - 25 ta' Diċembru 1864* nistgħu naraw l-ispirtu ta' qima lejn is-solennita' tal-Milied.[30] Bl-istess mod Taylor ifakkar il-qtil ta' L-innoċenti minn Erodi permezz tal-poeżija *It-Taqtigħ u l-Mewt Ħarxa ta' l-Innoċenti f'Betlem Art ta' Ġuda.*[31] Il-festa ta' San Pawl hija milqugħa bil-poeżija *Il-Kbir Jum ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Nawfraġju*[32]

Il-ġibda lejn il-lingwa, li wasslet għal żviluppi anki fil-qasam letterarju ta' *Il Giurnal Malti,* nistgħu ngħidu li timxi ħaġa waħda ma' l-iżvilupp ta' l-arti. Għad li f'dan il-ġurnal dan isir fuq skala ħafna iżgħar, tajjeb li napprezzaw li Malta tas-Seklu Dsatax kienet tiddependi fuq it-tbaħħir għall-komunikazzjoni. Għad li *Il Giurnal Malti i*xandar aħbarijiet fix-xena artistika, nosservaw li dawn spiss huma kurżitajiet tal-kittieb aktar milli fatti li ġraw, bħalma naraw fl-artikli intitolati *Malta*

[30] Suppliment għal *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864.

[31] *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. p.2.

[32] *ibid.,* Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.

kważi f'kull ħarġa ta' dan il-ġurnal. Bħala eżempju, *Il-Kwadri tal-Palazz* hija kitba li tagħti deskrizzjoni dwar xi kwadri li jinsabu fil-palazz tal-Granmastru. [33] Kitba oħra, *Il-Poeta Ingliż* tirrakkonta ġrajja kurjuża dwar il-poeta Ingliż Milton.[34] B'xorti ħażina, meta *Il Giurnal Malti* ċekken il-ħarġiet tiegħu minn tmien paġni għal erbgħa [35], kitbiet bħal dawn tista' tgħid ma baqgħux jidhru, u l-ġurnal beda jikkonċentra l-isforzi u l-ispazju fil-gazzetta għal kitbiet ta' xorta oħra.

Bl-istess mod kif l-espressjoni ta' poplu tista' tkun espressa b'diversi modi, kemm l-arti kif ukoll il-letteratura jistgħu ikunu ta' mezz differenti biex jitlaħħmu dawn l-espressjonijiet. Bħala wieħed mill-ftit espressjonijiet bil-lingwa Maltija u dwar poplu Malti, *Il Giurnal Malti* joħroġ bl-unuri kollha ta' ġurnal patrijottiku, jew almenu li jħaddan prinċipji li l-poplu jemmen fihom, iħaddan u li għandu għal qalbu. L-impenn li wera dan il-ġurnal, l-aktar meta tqis iż-żmien li dan joħroġ u d-daqs tiegħu, kien wieħed deċiż, u l-esperimentazzjoni kemm fit-tema kif ukoll fil-forma, għalkemm primittivi, huma xhieda ħajja ta' kif dan il-ġurnal xtaq jasal għall-ideali tiegħu. Wieħed mill-għanijiet li xtaq jilħaq *Il Giurnal Malti* kien li "jgħaddi lill-poplu 'il quddiem, jikkuntenta lil kulħadd..."[36] Kien għan li baqa' jaħdem sa' l-aħħar għalih, u nistgħu ngħidu li wasal għalih b'mod tajjeb ħafna.

---

[33] *ibid., Ħ*arġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.6.

[34] *ibid.*, p.7.

[35] Bonello, V., Fiorentini, B., u Schiavone, L., (1982), *cit* p.149. Ara wkoll it-taqsima ġenerali dwar *Il Giurnal Malti* fl-ewwel parti ta' din it-taqsima.

[36] *Il Giurnal Malti*, Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.1

## 4.3 Għeluq

Jekk infittxu fil-fond tal-ġurnaliżmu ta' kull pajjiż u ta' kull żmien, insibu li wieħed mill-għanijiet l-aktar bażiċi hija li xi ħadd ixerred informazzjoni bit-tama li tinteressa lil ħaddieħor. Naturalment, il-proċessi li bihom gazzetta tinbena jibdew minn kwistjonijiet finanzjarji, għażla ta' kontenut, nies li se jibnu dan il-kontenut u l-mezzi li se jużaw. Meta dan kollu jkun deċiż, gazzetta tista' tħares lejn l-istil ta' kitba li se taddotta, għal min se tkun immirata u xi skopijiet se sservi. Kull kitba għandha wkoll skop aħħari, li jekk ma jiġix sodisfatt din tkun inkitbet għalxejn.

Fi żmien *Il Giurnal Malti*, fi gżira żgħira bħalma hija Malta, lanqas kien hawn komunikazzjoni tajba bejn irħula u bliet fuq l-istess gżira. Anki fuq livell nazzjonali, Malta tas-Seklu Dsatax kienet limitata mhux ftit min-nuqqasijiet kemm tal-komunikazzjoni bejn il-pajjiżi kif ukoll minħabba l-ħakkiema li minn dejjem kellha. Illum, it-teknoloġija wasslet biex il-ġurnaliżmu jieħu dimensjonijiet ta' l-għaġeb, u t-terminu "komunikazzjoni" ħa tifsira li fis-seklu li għadda lanqas biss setgħu joħolmu bih.

Il-ġurnaliżmu avvanzat tal-lum jaf l-ewwel passi tiegħu lura lejn dak iż-żmien li fih deher *Il Giurnal Malti* u forsi ftit qabel, meta dehru l-ewwel gazzetti bil-Malti. Kien ġurnaliżmu mimli impenn, mimli kunflitti, diffikultajiet, imma kellu għan wieħed: li jiġġieled in-nuqqas ta' komunikazzjoni, li hija l-qerda ta' kull soċjeta', u li jiġġieled l-iżvantaġġi li ġġib magħha l-insularita' mhux biss ta' pajjiż imma wkoll ta' l-individwu, u li kien sar parti mill-kultura tagħna.

Fi żmien *Il Giurnal Malti* la kien hawn kompjuters, la televiżjoni u lanqas radju. It-teknika ta' l-istamperija wkoll ma kinitx avvanzata, imma kienet attiva ħafna. Kienet tieħu l-ħin u tiswa l-flus. Filwaqt li dan kollu llum isir bl-akbar kumdita' permezz tal-proċessi avvanzati ta' l-istamperija, il-kompjuter jew teknoloġiji oħra, l-iskop ewlieni baqa' l-istess wieħed: ta' komunikazzjoni. Il-livell ta' kontenut li laħaq *Il Giurnal Malti* kien wieħed għoli ħafna, kemm jekk tqabblu ma' gazzetti oħra kontemporanji, kif ukoll ma' gazzetti li dehru eżattament ma' l-għoti tal-liberta' ta' l-istampa, ħamsa u għoxrin sena qabel.

Fl-aħħarnett, nixtieq ngħaddi kumment dwar kull kelma miktuba u l-esperjenza tiegħi waqt li kont qed naħdem fuq dan ix-xogħol. Kieku l-bniedem ma tgħallimx juża diversi organi tal-ġisem tiegħu biex jikkomunika, ma kienx jitgħallem jitkellem. Skond xjentisti ta' l-evoluzzjoni, meta l-bniedem beda jitkellem kien mument storiku fl-evoluzzjoni tal-bniedem. Kieku ma tgħallimx jitkellem, żgur li ma kienx jasal biex jikteb dak li jitkellem. Kieku l-kitba ma kinitx teżisti, kieku gazzetti bħal *Il Giurnal Malti* ma kinux jeżistu. Dan qed ngħidu bħala enfasi kif il-proċessi kollha li wasslu lill-bniedem biex jikteb kienu kollha ġejjin mill-ħtieġa ġewwiena tal-bniedem biex jikkomunika.

Dak kollu li għedt dwar *Il Giurnal Malti* f'dan ix-xogħol huwa frott ta' żmien li għadda u mar, imma li l-fdalijiet miktuba tiegħu, li ma ntilfux, huma pedamenti li fuqhom inbniet is-soċjeta' tal-lum. Nista' ngħid li għalija, dan ix-xogħol se jfisser diversi affarijiet. L-ewwelnett serva biex tidher l-imħabba li kelli u għandi għal kull avvanz tal-lingwa Maltija, ħaġa li tfisser il-ġibda li dejjem kelli biex nitgħallmu, li fl-aħħar se twassalni biex ngħallmu lil ħaddieħor bħala għalliem fil-

klassijiet ta' l-iskola. Raġuni oħra hija li dan ix-xogħol huwa eżempju ċar ta' esplorazzjoni ta' kitbiet li għandhom ħafna sens fil-kuntest ta' żmienhom u li fadlilhom rilevanza llum, l-aktar meta wieħed jarahom, jifhimhom bir-reqqa u jħares lejhom bħala l-bidu ta' proċess ta' komunikazzjoni li llum bela' d-dinja bis-saħħa tat-teknoloġija.

Il-kitbiet li dehru *f'Il Giurnal Malti* kienu kitbiet li forsi ftit nies rawhom u jafu bihom, u din hija ħasra għax l-istampa li jagħtu tas-soċjeta' tas-Seklu Dsatax ftit tinstab f'gazzetti oħra bil-Malti. Raġuni oħra hija li l-preparazzjoni ta' dan ix-xogħol tatni sodisfazzjoni kbir personali u ħadt pjaċir nagħmilha. Saret fi żmien f'ħajti fejn kompliet issaħħaħ il-ġibda li għandi lejn il-lingwa Maltija, u nixtieq li ħaddieħor, anki meta jara dan ix-xogħol tiegħi, japprezza s-sabiħ kollu li għandna fi lsienna bl-istess mod.

# BIBLJOGRAFIJA

# Bibljografija

## i. Kotba u Artikli:


**ABELA** Giovanni. F. (1984), *Della Descrittione di Malta Isola nel Mare Siciliano, con le sue Antichita' ed altre Notizie*, Edizzjoni *Facsimile* ta' l-Ewwel Edizzjoni (1647), Malta, Midsea.

**ABELA** Joseph S. (1997), *Malta: a panoramic history of the Maltese islands*, Malta, Pubblikazzjonijiet PEG.

**ATTARD** Joseph (1988), *Britiain and Malta: the story of an era*, Malta, Pubblikazzjonijiet PEG.

**ATTRIDGE** Derek (ed) (1997), Jacques Derrida - *Acts of literature,* London, Routledge.

**BONNICI** Alexander (1998), *Medieval and Roman Inquisition in Malta*, Malta Pubblikazzjonijiet PEG.

**BORG** J.R., (1981), *Printing Press in Malta 1642 - 1839*, Teżi tal-P.G.T.T.C., Universita' Rjali ta' Malta, Valletta.

**CARTER** Ronald and Michael Long (1987), - *The web of words; exploring literature through language,* Cambridge, Cambridge University Press.

**CASSAR** Raymond (ed) (1989), *Malta's Timeline: a handbook of Maltese chronology*, Malta, Laga.

**CASSAR PULLICINO** Ġuże' (1964), *Kitba u kittieba tal-Malti*, Malta, Universita' Rjali ta' Malta.

**CASSOLA** Arnold (1994) *Il-letteratura u l-poplu*, f' *L-Identita' Maltija lejlet seklu ġdid,* Malta, PIN.

**CASSOLA** Arnold (1998), *L-Italiano di Malta*, Malta, Malta University Press.

**CASTAGNA** Pietro Paolo (1985), *Lis Storja ta Malta bil gzejer tahha - L-Ewwel Volum*, Edizzjoni *Facsimile* ta' l-Ewwel Edizzjoni (1865), Malta, Midsea Books.

**CASTAGNA** Pietro Paolo (1985), *Lis Storja ta Malta bil gzejer tahha -It-Tieni Volum*, Edizzjoni *Facsimile* ta' l-Ewwel Edizzjoni (1865), Malta, Midsea Books.

**CREMONA,** Antonio (1924), *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, Xogħol maħruġ mill-Għaqda Kittieba tal-Malti, Malta 1924,)

**DUFF** Alan and Maley Alan (1991), *Literature*, London, Oxford University Press.

**ELLUL-MICALLEF**, Roger & **FIORINI** Stanley, (eds.), (1992), *Collected Papers*, Malta, University of Malta.

**FIORENTINI**, B., **BONELLO**, V. u **SCHIAVONE**, L., (1982) *Echi del Risorgimento a Malta*, Malta, Societa' Dante Alighieri.

**FORMOSA** Joseph (1997) *Dun Ġużepp Zammit "Brighella" u l-kitba tiegħu fil-gazzetti Maltin*, Teżi tal-B.Ed bl-Unuri, Universita' ta' Malta.

**FRENDO** Henry (1992), *Language and Nationhood in the Maltese Experience,* in **ELLUL-MICALLEF**, R. & **FIORINI**, S., (eds.), (1992), *Collected Papers*, Malta, University of Malta, pp. 439-471.

**FRIGGIERI** Oliver (1979), *Storja tal-letteratura Maltija, Volum I: Il-poeżija mill-bidu sa Dun Karm,* Malta, Klabb Kotba Maltin.

**FRIGGIERI** Oliver (1981), *A History of Maltese Literature: its nature and extension,* minn *Revue de l'Association des Critiques Littéraires* n.20, Août 1982, pp. 28-30.

**FRIGGIERI** Oliver (1981), *La letteratura maltese: l'espressione di un piccolo popolo mediterraneo,* minn *Impegno 80* (Mazara), 13-15, 1983, pp.8-11.

**FRIGGIERI** Oliver (1986), *L-Idea tal-letteratura - Daħla għall-istudju ta' l-arti tal-kelma*, Malta, Pubblikazzjonijiet Buġelli.

**FRIGGIERI** Oliver (1990), *Maltese literature and national consciousness during British Colonial rule, 1800-1964*, minn *Canadian review of studies in Nationalism*, 17:1-2 (1990) pp. 205-217

**FRIGGIERI** Oliver (1992), *Points of Contact between Italian Romanticism and Maltese Literature,* minn *Forum Italicum,* Vol.2, No. 6, Fall 1992, pp. 364- 379.

**FRIGGIERI** Oliver (1995)(i), *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija - Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*, Malta, Pubblikazzjonijiet PEG.

**FRIGGIERI** Oliver (1995)(ii), *Letteratura ribelle e liberta' di stampa: il Risorgimento italiano a Malta*, minn *Apulia, rassegna trimestrale della Banca Popolare pugliese* (Lecce), dicembre 1995, pp. 116-126.

**FRIGGIERI** Oliver (1995)(iii), *Main trends in the history of Maltese Literature,* minn *UNIMAR* (Brazil) 17:1 (1995), pp. 17-26.

**FSADNI** Mikiel (1997), *Qlubija, Tweghir u Faraġ f'Sekli Mqallba,* Malta, Pubblikazzjoni Dumnikana.

**GALEA** Joseph (1989) *Malta's Timeline: a handbook of Maltese chronology,* in **CASSAR** Raymond (ed), (1989), pp.11-121, Malta, Laga.

**GALEA** Joseph (1994), *Art twelidi: dizzjunarju storiku,* Malta, Pubblikazzjonijiet PEG.

**GALEA** Michael (1995), *Dizzjunarju ta' kittieba Maltin u Għawdxin ilbieraħ u llum,* Malta, Pubblikazzjonijiet Buġelli.

**GANADO** Herbert (1974), *Rajt Malta Tinbidel - L-Ewwel Volum*, Malta, Stamperija Il-Ħajja.

**GRECH** Jesmond (1997), *Malta taħt l-Ingliżi: ġrajjiet il-poplu Malti fl-Imperu Ingliż*, Malta, Klabb Kotba Maltin.

**MALLIA-MILANES** Victor (ed) (1988), *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, Malta, Mireva.

**MICALLEF** Daniella u **MIFSUD** Roberta (1997), *L-edukazzjoni fil-gazzetti 1855-1864*, Fakulta' ta' l-Arti, Tal-Qroqq, Universita' ta' Malta.

**MIFSUD BONNICI** Robbie (1960), *Dizzjunarju bijo-bibljografiku nazzjonali,* Malta, Dipartiment ta' l-Informazzjoni.

**MINTOFF** Dionysius, (1971), *Journalism in Malta: an Account*, Teżi ta' l-M.A., Malta, Universita' Rjali ta' Malta.

*Journal of Maltese Studies* (1993), Ħarġiet 23-24, Oliver Friggieri (ed), Malta, Malta University Press.

**SAPIENZA** Anthony F. (1977), *A Checklist of Maltese Periodicals*, Malta, University of Malta.

**SINFIELD** Alan (ed.) (1983), *Society and Literature 1945-1970*, London, Methuen.

**TAYLOR** Richard (1846), *Id-Dispotiżmu u l-Inġustizzji fuq Malta imgħottijin fil-Parlament bil-Ħiena*, Malta, Tipografia Anglo-Maltese.

**TAYLOR** Richard (1981), *Understanding the elements of literature: its forms, techniques and cultural conventions*, London, Macmillan.

**VAN PEER** Willie *(ed.)* (1991), *The taming of the text: explorations in language, literature and culture*, London, Routledge.

**VASSALLI** Mikiel Anton (1796), *Ktyb yl Klym Malti 'Mfysser byl Latin u byt Taljan*, Roma, A. Fulgonio.

**VASSALLI** Mikiel Anton (1828), *Motti, Aforismi e Proverbii maltesi,* Malta.

**VASSALLO** Giovanni Antonio (1948), *Storja ta' Malta*, Malta, Giov. Muscat.

**WELLEK** Rene' & Austin Warren, (1985) *Theory of literature*, New York, Penguin.

**WELLEK** Rene' & Austin Warren, (1949) *Theory of literature*, Harcourt Brace, New York, Penguin.

**WETTINGER** Godfrey (1972), *Arabo-Berber Influences in Malta: onomastic evidence,* in *Proceedings of the First Congress on Mediterranean Studies of Arabo-Berber Influence, 3.4-6.4,* 1972, pp. 484-495, Algiers.

**WETTINGER**, G., (1978), Non *Arabo-Berber Influences on Malta's Medieval Nomenclature,* in *Proceedings of the Second International Congress on Studies of the Western Mediterranean II,* S.N.E.D., 1978, pp. 199-213, Algiers.

**WETTINGER** Godfrey. (1999), *The Nature of Maltese Politics*, in **MALLIA-MILANES** Victor (ed.)(1988), *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*, pp. 19-34, Malta, Mireva.

**WETTINGER** Godfrey (1993), *Pluralism and Cultural Change in Medieval Malta*, in *Mediterranean Language Review* 6-7, (1990-1993), pp. 144-161, Wiesbaden, Harrassowitz Verlag.

**WETTINGER** Godfrey & **FSADNI** Mikiel (1983) *L-Għanja ta' Pietru Caxaru*, Malta, Printwell.

**ZAMMIT** Joseph C. (1968), *Maltese Migration in the Nineteenth Century*, Teżi tal-Baċellerat ta' l-Arti, Universita' Rjali ta' Malta, Valletta.

ii. Ġurnaletti u Ġurnaletti:

**Bertoldu** - Foljett Buffu, Serju, Kritiku, Satiriku, Politku, Liberali, eċċ (1861-1862), Valletta, Tipografija Strada Stretta.

**Il Giurnal Malti,** (1864-1866), Valletta, Tipografia Anglo-Maltese.

**Ix-Xitan Izzopp,** (1864), Malta.

**La Torre di Babele** - Periodico-Caos, (1866-1870) Ħarġiet 55-97, Malta, Tipografija ta' Enrico Franz.

**Stenterello** - Foglietto Serio-Scherzevole (1845-1871), Malta, Tipografija Izzo.

**Gazzetta tal-Gvern**, Suppliment għal Numru 1471, Is-Sibt 16 ta' Frar 1839, Malta, pp.61-64.

**Gazzetta tal-Gvern**, Ħarġa 1476, Il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 1839, Malta, pp.97-103.

# APPENDIĊI I

## Id-dati tal-ħarġiet kollha ta' Il Giurnal Malti

| | |
|---|---|
| *Ħarġa 1* | 5 ta' Jannar 1864 |
| *Ħarġa 2* | 15 ta' Jannar 1864 |
| *Ħarġa 3* | 25 ta' Jannar 1864 |
| *Ħarġa 4* | 5 ta' Frar 1864 |
| *Ħarġa 5* | 15 ta' Frar 1864 |
| *Ħarġa 6* | 25 ta' Frar 1864 |
| *Ħarġa 7* | 5 ta' Marzu 1864 |
| *Ħarġa 8* | 15 ta' Marzu 1864 |
| *Ħarġa 9* | 25 ta' Marzu 1864 |
| *Ħarġa 10* | 10 ta' Mejju 1864 |
| *Ħarġa 11* | 20 ta' Mejju 1864 |
| *Ħarġa 12* | 31 ta' Mejju 1864 |
| *Ħarġa 13* | 10 ta' Ġunju 1864 |
| *Ħarġa 14* | 20 ta' Ġunju 1864 |
| *Ħarġa 15* | 30 ta' Ġunju 1864 |
| *Ħarġa 16* | 10 ta' Lulju 1864 |
| *Ħarġa 17* | 20 ta' Lulju 1864 |
| *Ħarġa 18* | 30 ta' Lulju 1864 |
| *Ħarġa 19* | 10 t'Awwissu 1864 |
| *Ħarġa 20* | 20 t'Awwissu 1864 |
| *Ħarġa 21* | 30 t'Awwissu 1864 |
| *Ħarġa 22* | 10 ta' Settembru 1864 |
| *Ħarġa 23* | 20 ta' Settembru 1864 |
| *Ħarġa 24* | 30 ta' Settembru 1864 |
| *Ħarġa 25* | 10 t'Ottubru 1864 |
| *Ħarġa 26* | 20 t'Ottubru 1864 |
| *Ħarġa 27* | 30 t'Ottubru 1864 |
| *Ħarġa 28* | 10 ta' Novembru 1864 |
| *Ħarġa 29* | 20 ta' Novembru 1864 |
| *Ħarġa 30* | 30 ta' Novembru 1864 |
| *Ħarġa 31* | 10 ta' Diċembru 1864 |
| *Ħarġa 32* | 20 ta' Diċembru 1864 |
| *Ħarġa 33* | 30 ta' Diċembru 1864 |
| *Ħarġa 34* | 10 ta' Jannar 1865 |
| *Ħarġa 35* | 20 ta' Jannar 1865 |
| *Ħarġa 36* | 30 ta' Jannar 1865 |
| *Ħarġa 37* | 10 ta' Frar 1865 |
| *Ħarġa 38* | 20 ta' Frar 1865 |
| *Ħarġa 38(A)* [1] | 28 ta' Frar 1865 |
| *Ħarġa 39* | 10 ta' Marzu 1865 |

1 Din il-ħarġa, it-tielet waħda ta' Frar ta' l-1865, hija mmarkata bħala Ħarġa 38 ukoll, u jiena f'dan ix-xogħol sejjaħtilha Ħarġa 38A biex ma tinħoloqx konfużjoni u tintgħaraf mill-ħarġa ta' qabilha.

| | |
|---|---|
| *Ħarġa 40* | 20 ta' Marzu 1865 |
| *Ħarġa 41* | 30 ta' Marzu 1865 |
| *Ħarġa 42* | 10 t' April 1865 |
| *Ħarġa 43* | 20 t' April 1865 |
| *Ħarġa 44* | 30 t' April 1865 |
| *Ħarġa 45* | 10 ta' Mejju 1865 |
| *Ħarġa 46* | 20 ta' Mejju 1865 |
| *Ħarġa 47* | 30 ta' Mejju 1865 |
| *Ħarġa 48* | 10 ta' Ġunju 1865 |
| *Ħarġa 49* | 20 ta' Ġunju 1865 |
| *Ħarġa 50* | 30 ta' Ġunju 1865 |
| *Ħarġa 51* | 10 ta' Lulju 1865 |
| *Ħarġa 52* | 20 ta' Lulju 1865 |
| *Ħarġa 53* | 30 ta' Lulju 1865 |
| *Ħarġa 54* | 10 t'Awwissu 1865 |
| *Ħarġa 55* | 20 t'Awwissu 1865 |
| *Ħarġa 56* | 30 t'Awwissu 1865 |
| *Ħarġa 57* | 10 ta' Settembru 1865 |
| *Ħarġa 58* | 20 ta' Settembru 1865 |
| *Ħarġa 59* | 30 ta' Settembru 1865 |
| *Ħarġa 60* | 10 t'Ottubru 1865 |
| *Ħarġa 61* | 20 t'Ottubru 1865 |
| *Ħarġa 62* | 30 t'Ottubru 1865 |
| *Ħarġa 63* | 10 ta' Novembru 1865 |
| *Ħarġa 64* | 20 ta' Novembru 1865 |
| *Ħarġa 65* | 10 ta' Diċembru 1865 |
| *Ħarġa 66* | 20 ta' Diċembru 1865 |
| *Ħarġa 67* | 30 ta' Diċembru 1865 |
| *Ħarġa 68* | 10 ta' Jannar 1866 |
| *Ħarġa 69* | 20 ta' Jannar 1866 |
| *Ħarġa 70* | 30 ta' Jannar 1866 |
| *Ħarġa 71* | 10 ta' Frar 1866 |
| *Ħarġa 72* | 20 ta' Frar 1866 |

# APPENDIĊI II

## Indiċi tal-kitbiet kollha li jidhru f' Il Giurnal Malti

Nota: Diversi kitbiet li jidhru f' *Il Giurnal Malti* huma bla titlu, mingħajr l-isem ta' l-awtur jew it-tnejn. Għalhekk, anke għal raġunijiet ta' spazju, kitbiet huma anonimi fejn jien ma nżżiltx awtur, u jinsabu bla titlu f' *Il Giurnal Malti* fejn it-titlu mhux imsemmi hawnhekk.

**Artikli:**

*Il-Kwadri tal-Palazz* - deskrizzjoni dwar xi kwadri li jinsabu fil-palazz tal-Granmastru.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.6.)

*Il-Gass* - Jitħabbar li beda jinxtegħel id-dawl permezz tal-gass fl-Isla, Bormla u l-Birgu.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.6.)

*Iż-Żwieġ* - Kitba li turi li ladarba miż-żwieġ ma terġax lura, għalhekk tagħti parir biex dak li jkun jaħsibha sewwa qabel jieħu pass bħal dan.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*Pittura ta' Murillo* - fatt li seħħ tassew dwar żewġ pitturi li ma nbigħux fi rkant biex spiċċaw inbiegħu aktar tard bil-moħbi, u l-bejjiegħ tant daħħal flus li tkixxef, u nstab li kienu xogħlijiet oriġinali tal-pittur Murillo.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.8.)

*Kanturi Ċelebri* - deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet u ħlasijiet ta' l-artisti fl-opra Taljana fit-teatru tal-belt Russa ta' San Pitruburgu.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.8.)

Artiklu qasir u bla titlu li javża dwar opri teatrali li ttellgħu: *Gemma di Vergi* u *Lucia di Lammermoor* ta' Gaetano Donizetti.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.14.)

*L-Importanza tat-Teatru* - Artiklu li jenfasizza l-bżonn tat-teatrini Maltin u kif dawn huma parti essenzjali mill-kultura tal-poplu tagħna.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.17.)

*It-Teatrini Maltin* - Artiklu ieħor dwar kif il-bniedem hu differenti mill-annimali u mżejjen b'doni aqwa, fosthom il-kant u r-reċta. Li tirreċta huwa don, u kemm it-teatru hu utli. Jorbot ħafna ma' l-artiklu *L-Importanza tat-Teatru* fl-istess ħarġa allavolja jidher separat minnu.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.17.)

*Daqqa t'Għajn* - kummenti dwar kif jiġi manifestat il-kant fil-knisja, u li qed isir bħal tat-teatru. L-istess għall-ilbies, u l-artikolista jgħid li dak li għandu x'jaqsam mat-teatru ma jidħolx fil-knisja.
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, p.41.)

*Teatrin fl-"Aurora"* - kitba li tiddeskrivi serata li ttellgħet minn din il-kumpannija teatrali. Fost ix-xogħlijiet li ttellgħu hemm *Il Ħsieb Ħażin* ta' P.P. Pellegrini, *La Bugia Corretta*, farsa Taljana, *L-Ittra u l-Ħatem* ta' Wiġi Rosato, *L-Imġienen* ta' Columetta. Ħaġa interessanti hija li jissemma l-karattru ta' Stenterellu, li ovvjament ifakkarna fil-gazzetta b'dak l-isem u l-persuna li nistgħu norbtu magħha.
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, p.46.)

*Teatru* - Artiklu mimli kummenti dwar opri teatrali li saru fit-Teatru Rjal.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.53.)

*Il-Bandi* - riferenza għall-apparenza tal-baned fit-toroq tagħna. Il-kittieb jgħid li jkun nuqqas jekk il-baned ma jingħatawx permess idoqqu fit-toroq.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.53.)

Artiklu li jsemmi *Circolo Indipendent*, kumpannija tat-teatrin li sejra tajjeb, mhux bħalma qiegħed jiġri lil ta' l-*Aurora,* li l-gazzetta tgħid b'disprezz li sejra " 'il quddiem bħal grottlu".
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.2)

*It-Teatrin ta' Circolo Independent* - artiklu li ma jonqosx li jfaħħar ix-xogħol ta' din il-kumpannija teatrali. Minbarra li jsemmi l-ismijiet tax-xogħlijiet li kemm lokali kif ukoll Taljani li nħadmu, isemmi wkoll in-nies li ħadmu f'dawn id-drammi. Isemmi rappreżentazzjonijet li għad iridu jsiru.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.3)

*It-Teatrin ta' Circolo Independent* - tkomplija fuq dak ta' Ħarġa 11 (ara fuq). Insibu aktar deskrizzjonijiet ta' xogħlijiet li qed jittellgħu fil-mument, bil-lista ta' nies li ħadmu u x-xogħlijiet li ttellgħu. Fosthom insibu farsa bil-Malti, *il Kuġin*, ta' Carmelo Camilleri..
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.3)

*Teatro l-Aurora* - aktar dwar l-attivita' tat-teatrini f'Malta, din id-darba mill-Kumpannija *L'Aurora*, Anke fix-xogħol ta' din il-kumpannija nsibu xogħol bil-Malti, *Iż-Żwieġ bil-Moħbi*, imma fl-artiklu ma nsibux isem il-kittieb.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.3)

*Teatro* - Kitba li ssemmi xi xogħlijiet teatrali li ttellgħu: fosthom *Żanu Migdum mit-Trenta*, farsa Maltija ta' Wiġi Rosato. Il-kumpannija hija ta' Salvu Savona. Fl-istess waqt, l-artisti tal-kumpannija L'Aurora ġew "imsaffrin" u "insultati b'xi klimiet."
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*It-Teatrin il-Ġdid* - jintroduċi kumpannija tat-teatrin ġdida. Il-ġurnal jitlob imparzjalita' fit-tqassim tal-biljett minn din il-kumpannija. Jitlob ukoll qima lejn is-soċji, "mhux bħalma jagħmel ta' l-*Aurora.* Isemmi, fost l-oħrajn, li dan għandu dejn mal-mastrudaxxa, tal-gass u oħrajn.
(Ħarġa 21, 20 t' Awwissu 1864, p.4.)

Ittra ffirmata *Assoċjat tat-Teatrin l'Aurora* li tkompli tixgħel il-polemika bejn mhux biss bejn il-gazzetti imma kumpanniji tat-teatrin.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.3.)

*Il-Kumpannija tar-Real Teatru għas-sena 1864-1865* - isemmi n-nies ewlenin li se jkunu involuti f'dan l-istaġun teatrali. Dettalji ta' l-atturi u l-kantanti.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.1.)

*L-Apertura tat-Teatrin L'Aurora* - Isemmi l-ftuħ ta' kumpannija tat-teatrin ġdida. L-artiklu jiddeskrivi serata ta' din il-kumpannija u jsemmi, fost l-oħrajn , nies magħrufa li kienu hemm. *Il Giurnal Malti* jawgura lil din il-kumpannija tat-teatrin li "tgħaddi 'il quddiem."
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. pp.2-3.)

*Teatrin taż-Zejtun: Rivoluzzjoni għall-ġid bdiet u żbrigat fis-6 ta' Ottubru 1864 fit-Teatrin tas-Soċjeta' taż-Żejtun fid-dar tas-Sur Diacono bejn Cain Ottu u Abel* - rakkont ta' kunflitt li nqala' f'din is-soċjeta' u kif xi nies ma jagħmlux l-unur lis-soċjeta li jkunu assoċjati fiha.
(Ħarġa 25, 10 t'Ottubru 1864. pp.2-3.)

*Real Teatru ta' Malta* - kritika ħarxa lill-orkestra u lill-Impreżarju ta' dan it-teatru. *Il Giurnal Malti* jgħid li ta' min isuqhom f'Wied Inċita. Tgħid lill-Impreżarju li tajjeb li jistaħba, l-aktar quddiem nies tas-sengħa.
(Ħarġa 25, 10 t'Ottubru 1864. pp.3-4.)

*Real Teatru ta' Malta* - Kitba li tkompli tibni fuq l-artiklu mimli kritika li deher fil-ħarġa ta' qabel. Tkompli l-kritika, speċjalment lill-Impreżarju. Il-kittieb jinqeda bl-argument biex jgħid li l-gazzetta *Il Giurnal Malti* ma nxtratx mill-gideb bħalma għamel *Stenterello.*
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. pp.2-3.)

*Teatrin L'Armonia* - deskrizzjoni ta' programm li ttella' minn din il-kumpannija tat-teatrin. Tfaħħar l-isforzi tajbin li qed isiru minn din il-kumpannija u ssemmi xi xogħlijiet li qed isir xogħol fuqhom.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.3.)

*Real Teatru ta' Malta* - aktar kritika lill-Impreżarju ta' dan it-teatru li keċċa nies tajba f'dan il-qasam biex idaħħal lil min ried u deherlu. Jgħid lill-Impreżarju: "lill-professuri tal-kuntrabaxx ħallejthom jippassiġġaw fit-triqat... ", u lil dawn in-nies ġodda *Il Giurnal Malti* jsejħilhom "ġuglari tal-kampanja." Jakkuża lill-Impreżarju li mhux vera li hu patrijotta.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.3.)

*Real Teatru ta' Malta* - tissokta l-kritika lill-Impreżarju (ikompli ma' *Real Teatru ta' Malta* aktar 'il fuq)
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Real Teatru ta' Malta* - kritika ħarxa lill-Impreżarju tat-Teatru Rjal. Jissemmew aktar ġrajjiet skandalużi li ġraw fl-istorja ta' din il-kumpannija ta' l-opra.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.1.)

*Real Teatru ta' Malta* - kitba li tikkritika lill-Impreżarju Lebrun u l-mod kif qed imexxi.
(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. p.3.)

*It-Teatrin l'Armonia* - kitba li titfa' dawl fuq manipulazzjoni ta' artisti minn xi partiti, fosthom is-Sur Pellegrini. "Hemm bosta forzi ta' partit li jriduh jaqa' ". Għalhekk dan il-bniedem jeħtieġ xi ftit ta' l-inkoraġġiment.
(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. p.3.)

*Teatrin l'Armonia* - rendikont ta' serata li saret fil-kumpannija tat-teatrin *l'Armonia*. Jissemmew xogħlijiet li tellgħu u atturi li ħadmu. Tissemma farsa bil-Malti minn P.P. Pellegrini. Ifaħħar ċerti atturi filwaqt li jmaqdar oħrajn "vili" u "buffi". Jidher ċar li din il-kumpannija dejjem sejra 'il quddiem: awgurju li tibqa' sejra hekk.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.4.)

*Teatrin l'Armonia* - rakkont ta' din il-kumpannija. Tama li dan it-teatrin ikompli jgħaddi 'il quddiem. L-artiklu fih rendikont ta' xogħlijiet ewlenin u atturi li taw sehemhom fis-serata li qed jiddeskrivi hawnhekk.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. p.3.)

*Teatrin l'Armonia* - dettalji fuq xogħlijiet li jittellgħu, tfaħħar tiżjin, l-atturi u x-xogħlijiet.
Fost ix-xogħlijiet li jissemmew hemm xogħol ta' P.P. Pellegrini.
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. p.4.)

*Teatrin l'Armonia* - rendikont ta' programm ieħor ta' din il-kumpannija li ttella' l-Ħadd 29 ta' Jannar 1865. Minbarra li jfaħħar l-atturi, jsemmi wkoll xi xogħlijiet, fosthom ix-xogħol Malti *Bażlakku fit-Taħbila tal-Magna*, li minn sorsi oħra nafu li hija ta' Pietru Pawl Castagna.
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. pp.3-4.)

*L-Għarukażijet tal-Karnival* - kritika lil drawwa marbuta mal-Karnival, li dak li jkun jinqeda b'dan iż-żmien biex ipattiha lil għajru, jisraq, jinsolenta għax jaf li ma jintgħarafx. Il-kitba tgħid li l-Karnival m'għadux li kien.
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.3.)

*It-Teatrin l'Armonia* - kitba li tħabbar it-tkabbir ta' dan it-teatru. Issemmi l-programm l-aktar riċenti u tiddeskrivi t-tibdil li sar għall-aħjar. Il-kitba tkompli bl-argument li dan it-teatrin huwa neċessarju għan-nies ċivilizzati.
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. pp.3-4.)

*Real Teatru ta' Malta* - deskrizzjoni detteljata ta' programm imtella' f'dan it-teatru, u tifħir lil xi atturi, li l-artiklu jsemmihom b'isimhom.
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.3.)

*Real Teatru ta' Malta* - artiklu li jkompli jibni fuq l-artikli kollha li jġibu l-istess titlu. Dettalji ta' xogħlijiet li ttellgħu u atturi.

(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.4.)

*Kelmtejn għall-Għaqal* - dan il-ġurnal iwissi persuna li inqeda b'persuna oħra biex iwassal rigal lil kantant, possibilment xi wieħed minn dawn li jissemmew f'din it-taqsima. *Il Giurnal Malti* javża lil dan il-bniedem biex joqgħod attent għax il-ġurnal jikxfu.
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.4.)

Artiklu bla titlu li jagħti dettalji tal-Kumpannija *Real Teatro* u l-aħħar programm tagħha. Insibu wkoll dettalji ta' atturi u xogħlijiet.
(Suppliment għal Ħarġa 42, 10 t' April 1865.)

*Real Teatru ta' Malta* - aktar kritika lill-Impreżarju ta' dan it-teatru Lebrun. Jiddeplora azzjoni fejn mużiċist tajjeb tkeċċa biex minfloku iddaħħal wieħed idoqq "illi la jaf jekk huwa obwe jew żummara".
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. pp.2-3.)

*Tifħira lil Mertu* - tifħira lill-aħwa Darmanin, mgħallmin fix-xogħol ta' l-irħam, għall-artal li għamlu fil-knisja ta' San Duminku fil-Belt Valletta.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. p.3.)

*Tifħira lil Mertu* - kitba bit-ton ta' l-oħra tal-ħarġa li għaddiet bl-istess titlu, fejn tiġi mfaħħra pittura ta' Giuseppe Calleja mill-Belt Valletta.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Real Teatro ta' Malta* - aktar dwar dan it-teatru u kif min hu bis-sengħa m'għandux jingħata bis-sieq u jitwarrab mill-Impreżarju.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. pp.2-3.)

*Aħbar Teatrali* - tħabbar li Serazzi huwa skritturat mill-ġdid (jiġifieri ġie konfermat għal staġun ieħor) u miżjud fil-paga, ħaġa li se tiżgura li se jibqa' Malta u li l-Maltin se jgawdu mill-professjonalita' tiegħu.

(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.4.)

*Avviż lill-Pubbliku* - aktar kritika lill-Impreżarju tat-Teatru Rjal, l-aktar minħabba t-trattament ħażin li qed jirċievi l-Prof. Giuseppe Fenech.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.4.)

*It-Trasfigurazzjoni ta' l-Anġli tal-Karmelu* - dwar pittura li saret fi knisja, u peress li kienet kerha ferm, din serviet biex titfarrak ir-reputazzjoni tajba li kellu dan il-pittur. Jissemma pittur ieħor, mhux b'ismu, li kapaċi jagħmel biċċa xogħol ferm aħjar. Iż-żewġ pitturi ma jissemmewx b'isimhom, imma nistgħu nassumu li xi qarrejja kienu jafu għal min din il-kitba kienet qed tirreferi.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Real Teatru* - talba biex il-protetturi ta' dan it-teatru jinbidlu.
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.3.)

*Teatrin L'Armonia* - jissemma programm ieħor imtella' minn din il-kumpannija tat-teatrin, fosthom ix-xogħlijiet li ttellgħu. Jissemma bħala xogħol bil-Malti *L-Impreżarju fit-Taħbila* ta' Paolo Albanese.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, p.4.)

*It-Teatru* - kitba li tfaħħar il-kantanti l-ġodda tat-Teatru Rjal. Jissemmew il-Primi Donni, it-Tenuri u l-Baritoni li huma skritturati għal din is-sena, fosthom it-tenur Serazzi li smajnieh is-sena l-oħra. Skond *Il Giurnal Malti*, dawn l-artisti għandhom "mertu mhux applawdit" għax ma jagħtux kunfidenzi lil ħadd "u fi djarhom ma jdaħħlu lil ħadd."
(Ħarġa 70, 30 ta' Jannar 1866, pp.3-4.)

*Teatrin* - dettalji mit-teatru ta' l-opra. Din il-kitba toffri dettalji tas-surmast u l-orkestra. *Il Giurnal Malti* jwiegħed aktar tagħrif fil-ħarġa li jmiss. (Li ma tinstabx)
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.3.)

**Poeżiji:**

*Il-Partitarji tar-Real Teatru ta' Malta u li jmiss magħha* - tikkritika lil dawk in-nies li jmorru t-Teatru Rjal u n-nies li jmorru hemm "petiti" u "żmagati"
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.1.)

*Għall-Insult li sar lill-Prima Donna Bosisio u t-Tenur Serrazzi* - tifħir lil dawn it-tnejn u tgħajjira lil min insulta lil dawn iż-żewġ esponenti tat-Teatru Rjal. *Il Giurnal Malti* jinsisti li dawn it-tnejn min-nies huma nies ta' kalibru għoli ħafna.
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.4.)

*Il-Partenza tal-Kantanti u l-Biki u l-Ilfieq tal-Partitarji* - poeżija ta' sogħba għat-tluq tal-Prima Donna, it-Tenur u l-Baritonu tar-Real Teatru. Jissemma wkoll il-każ li kien hemm min mar jagħti l-aħħar insulti lil dawn it-tlieta, u l-ġurnal juri d-dispjaċir tiegħu għal dan.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.1.)

*Il-Partitarji Ridikoli Nanisti u Buġejisti Maltin* - poeżija li tittratta r-rivalita' li hemm bejn il-partitarji ta' surmastijiet. Din il-poeżija tgħid li min jikkritika l-ewwel irid imur jitgħallem, u li l-pika hawnhekk hija verament ridikola għax it-tnejn huma tajbin.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. pp.1-2.)

*Il-Konverżazzjoni tal-Petiti u xi Mastranza fil-Ħwienet: Lir-Ridikoli* - kritika għan-nies imġebbdin (il-Petiti) li tant hawn jiġru mas-saqajn. Aktar kritka lil dawn il-Petiti.
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. pp.1-2.)

**Artikli:**

*Mewt Malajr* - Rakkont tal-mewt tal-Kappillan ta' Ħal Luqa waqt funzjoni pubblika nhar is-27 ta' Diċembru ta' qabel.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.6.)

*Il-Poeta Ingliz* - rakkont dwar il-poeta Ingliż Milton
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*Il-Bluha tad-Dwell* - kitba li turi kemm id-dwell hu ħaġa stupida u kemm hu sew li tevitaha.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*L-Itwal u l-Akbar Orgni li hawn fid-Dinja* - jgħaddi ż-żufjett u jgħid li lsien in-nisa hu l-itwal, l-aqwa u l-isbaħ orgni għax dejjem idoqq.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*Id-Difna ta' Kampanjol* - kitba dwar Alexandre Dumas li ltaqa' ma' xi tallaba u tahom il-karita' anke jekk kienu qed jitolbuh wisq aktar milli kien verament jisħoqqilhom.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*Moda Ġdida* jirreferi għall-mod li donnu sar moda f'dan iż-żmien li bih tinsulta artisti li jkunu qed jaħdmu fuq palk billi minflok ma tissuttahom immedjatament fuq il-palk, l-ewwel tapplawdi imbagħad tinfexx f'insulti wara. Il-gazzetta tmaqdar aġir bħal dan.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.10.)

*Kavallier Ġdid* - tittratta t-tiżjin militari li ngħata lin-Nobbli Luigi Fontani della Siena.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.14.)

*Lista ta' doveri tal-mara miżżewġa li ma tagħti kashom xejn* - artiklu ta' nofs paġna dwar doveri li l-mara għandha lejn żewġha.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15.)

*Imħabba* - jipprova jfisser x'inhi l-imħabba.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15.)

*Is-Sħana* - kitba taż-żufjett li tgħid li s-sħana trid tkun fil-kenur u mhux fil-mara, għax minflok ma ssajjar il-borma taħraq lir-raġel.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15.)

*Twiddiba* - kitba li donnu twiddeb lill-qarrejja li min iħobb hu bħal min jinqabad fil-kurrent fi xmara: ma jkunx jista' joħroġ u jinqabad hemm.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15.)

*L-Aktar Sikkina li taqta'* - tgħaddi ż-żmien bit-tobba għax il-ġustizzja ma tilħaqhomx.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.15.)

*Sentenza* - Tagħrif dwar każ kriminali famuż li ġie maqtugħ.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Skwadra Ingliża li hawn fil-port* - Tissemma flotta navali Ingliża li kien hawn fil-Port il-Kbir, bil-kaptani rispettivi tagħhom.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Festa f'Ruma* - Tagħrif dwar il-konsagrazzjoni ta' Isqof f'Ruma fit 12 ta' Jannar.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Min jitkaża jaqa' fil-każa* - każ ta' spiżjar li insulta tabib, u dan qallu li se jmut. Hekk ġara, u t-tabib stqarr li ntebaħ bil-marda ta' l-ispiżjar mid-daħka. Nistgħu ngħidu li għandha skop didattiku.

(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Żewġ fuliet* - tittratta l-injoranza tal-Maltin permezz tal-logħob bil-kelma "żewġ fuliet"
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Il-Matematiku u Ġaħan* - tittratta l-injoranza ta' xi Maltin.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Staqsi 'l-Imġarrab* - dwar bniedem li ngidem mill-għerusija u żgur li ma jerġax jidħol f'każ simili.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Jekk Jogħġbok* - Dwar qassis li waqt li qed iżewweġ koppja, meta staqsa lill-għarusa jekk tridx tiżżewweġ qaltlu "Jekk jogħġbok!" Tittratta wkoll it-tema ta' l-injoranza li xi nies għandhom.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.22.)

*Ħsara* - deskrizzjoni tal-ħsarat l-aktar riċenti fil-gżejjer Maltin minħabba l-maltemp.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.30.)

*Għomor* - tislima lill-gazzetta *Corriere Mercantile di Malta* f'għeluq id-disa' snin tiegħu.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.30.)

*Kif tlifna Soċju* - tirrakkonta ġrajja ta' żufjett dwar soċju, li l-qarrejja jew almenu numru minnhom jafu min hu, u tirridikolah talli qata' minn soċju ta' *il Giurnal Malti.* Ovvjament il-ġrajja hija fittizja u l-ġurnal qed jirrakkontaha biex idaħħak.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.31.)

*Ħlas Xieraq* - ġrajja ta' bniedem li kien jieħu gost ixerred id-deni ta' għajru u darba sab min pattiehelu bl-ikraħ għax qatlu.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.38.)

*Żwieġ sewwa u f'Waqtu* - artiklu li jitkellem dwar iż-żwieġ, jgħid li ħaqqu kull rispett u attenzjoni kemm mill-mara kif ukoll mir-raġel.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.54.)

*Għama* - jittratta d-drawwa li l-ġenituri jħobbu jżewġu lil uliedhom lil nies li ma jkunux jafu wisq dwarhom u jingidmu wara li ż-żwieġ ikun seħħ, għax ikun wara ż-żwieġ li l-ġenituri jindunaw jekk dak li jkun daħal fil-familja tagħhom ikunx sinjur jew le, jew jekk hux ġej minn nies sewwa jew le.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.57.)

*Serq alla Filosofika* - jinsisti fuq il-ħażen u l-qerq li hawn bħalissa - serq li hu differenti mis-serq normali tal-flus. Qiegħed jirreferi għas-serq li jisirquk il-kerrejja meta tmur biex tikri għandhom.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.58.)

*Aħbarijiet* - isemmi li f'Port il-Kbir inqalbet dgħajsa minħabba li n-nies li kien hemm fiha qamu f'daqqa.
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Diżgrazzji f'Malta* - silta li tirrakkontra diversi avvenimenti riċenti, fosthom li raġel fera raġel ieħor daqqa ta' ġebla, il-ħarba mill-Qorti ta' wieħed miżmum hemm, raġel li spara fuq ieħor b'arma tan-nar u ieħor li weġġa' lil sieħbu daqqa ta' sikkina.
Jissemma rakkont aċċidentali ta' tifel li waqa' u ġie fil-mekkaniżmu ta' mitħna u ttertaq fiha.
(Ħarġa 21, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Miraklu: Ħaġa ta' l-Għeġubijiet* - dwar li l-Impreżarju tar-Real Teatru ma ħalliex lit-Tenur ikanta għall-Għid fil-Kolleġġjata tal-Belt biex ma jissograx li jibqa' bla tenur għall-għada. L-għada it-tenur marad, u xorta ma setax imur għas-serata, ħaġa li l-ġurnal jagħtiha interpretazzjoni reliġjuża. Il-ġurnal josserva li kieku ma kinux it-tenur Serazzi, il-Prima Donna Bosisio u l-Baritonu Brandini, it-teatru jista' jagħlaq!
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.4.)

*Tas-Sliema* - dwar il-kwistjoni tal-kerrejja. Xi nies li "mhumiex tal-galbu" ingħataw post jikru fejn nies li huma tal-galbu, skond il-ġurnal. Għalhekk, il-kitba ddur fuq is-"Sur Kerrej" biex joqgħod attent lil min jikri, għax dan ma jsirx addoċċ. Jintefa' dawl fuq stratifikazzjoni soċjali li kienet teżisti.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. pp.3-4.)

*Amministrazzjoni ħażina tal-Gvern* - aktar kummenti dwar il-biċċerija u l-kwistjoni tas-Sanita' f'dak li għandu x'jaqsam ma' bejgħ ta' laħam.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.4.)

*Avviż Importanti lis-Soċji* - *Il Giurnal Malti* jitlob skuża talli ma dehritx fil-ħin, imma dan sar minħabba li l-editur xtaq jinkludi kummenti dwar il-*"Gran Lotterija ta' San Vinċenz de Paule"*.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.4.)

Kitba li ssemmi kif tfajla welldet tarbija barra fit-triq, qatlet it-tarbija u difnitha.
(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, p.3.)

**<u>Poeżiji:</u>**

*Tapp għal Toqba* - Poeżija fuq id-drawwiet taż-żwieġ u l-egħrusija.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.55.)

*Il-Farfett u l-Warda* (Favola dei Pignotti) - poeżija ta' Richard Taylor li tinqeda bil-ħarsa tal-poeta li qed josserva farfett idur ma' warda. Tittratta t-tema tal-bidla, taż-żmien li jgħaddi u jibdel kollox. Hemm riferenzi vagi għaż-żminijiet u ġrajjiet kontemporanji għad-dehra ta' din il-verżjoni tal-poeżija.
F'din il-ħarġa ta' *Il Giurnal Malti* jidhru kemm verżjoni Maltija kif ukoll dik Taljana.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

*Briedel Pubbliċi* - tittratta l-problema tal-ħwienet tax-xorb, u l-imġieba laxka li dawn ikun fihom, tant li l-poeżija xxebbaħhom ma' briedel.
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.1.)

*Mhux Kulma Jleqq Deheb* - tikkritika lil kull min iħobb jiżżejjen u jiddandan biex jidher aħjar minn ħaddieħor - Il-"Petiti".
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. pp.1-2.)

*Il-Għerf tat-Tobba Maltin: tifkira għal kull nisel* - kritika lit-tobba li minflok ma jfejquk joqtluk għax mhumiex kapaċi jagħrfu l-mard, aħseb u ara li jfejqu lill-marid.
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.1.)

*Taħrika bil-Magħluq* - rakkont ta' fatt dokumentat, fejn tfajla tiġi mqarrqa minn ġuvni. Kitba dwar it-tema tan-namur u ż-żwieġ, u l-qerq li jsir f'dan il-qasam u li qed jirrovina tant familji.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. pp.1-2.)

*Il-Kolera Morbus* - poeżija li tagħti xi dettalji tal-kolera, il-biża li l-poplu għandu minnha, u bir-raġun, u kif it-tobba ma jafux jagħrfuha. Kritika lit-tobba li huma ikompetenti fix-xogħol tagħhom.
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865. p.4.)

*Ix-Xiħ imkeċċi minn Ġannina* - rakkont dwar raġel li ltaqa' ma' mara fil-ħanut tax-xorb u ħabbha. Wara li ħabbha u nefqitlu kulma kellu, telqitu. Poeżija li għandha l-iskop li tgħallem.
(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.1.)

*Xebgħa Lill- Ommijiet* - poeżija b'tema ta' żwieġ ma' persuni barranin. Ħafna drabi, meta ommijiet kienu jżewġu 'l uliedhom lill-'frustieri', l-inkwiet kien iqum meta l-familji jsiru jafu aktar dwar il-frustier li jkun sar parti mill-familja tagħhom, jew jekk dan jaħrab mir-responsabbilta' li jkun daħal fiha.
(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, p.1.)

*Ir-Rovina ta' Balalu wara n-Namrata* - storja ta' tfajla li tħalli n-namrat tagħha wara li tonfoqlu ġidu kollu.
(Ħarġa 70, 30 ta' Jannar 1866, p.1.)

**<u>Rumanz Storiku:</u>**

*It-Trovatur* - L-Ewwel Taqsima - *Il-Waħx*
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, pp.3-6.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - It-Tieni Taqsima - *It-Tarbija.*
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, pp.11-14.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - It-Tielet Taqsima - *L-Imħabba.*
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, pp.19-22.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Ir-Raba' Taqsima - *It-Taqriqa.*
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, pp.27-30.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Il-Ħames Taqsima - *Id-Dwell*
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, pp.35-38)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Is-Sitt Taqsima - *Iż-Żingara*

(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, pp.42-45)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Is-Seba' Taqsima - *Il-Firda*
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, pp.50-53.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - It-Tmien Taqsima - *Is-Soru*
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, pp.59-60.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Id-Disa' Taqsima - *Il-Priġuniera.*
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, pp. 60-61.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - L-Għaxar Taqsima - *Iż-Żwieġ.*
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, pp.66-67.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - Il-Ħdax-il Taqsima - *Il-Ħniena,*
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, pp.67-68.)

Jissokta r-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - It-Tnax-il Taqsima - *Il-Laqgħa*
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, pp.68-70.)

Jagħlaq ir-Rumanz Storiku *It-Trovatur* - It-Tlettax-il Taqsima - *L-Iben u l-Omm.*
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, pp.70-72.)

**Artikli:**

*Il-Qamar Kometa* - spjegazzjoni primittiva li l-qamar huwa kometa li nġibdet u nżammet mid-dinja.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Invenzjoni Ġdida* - jirreferi għall-invenzjoni tal-gramofon.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Għaraq u Ksuħa tar-Riġlejn* - pariri marbutin mas-saħħa.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Kif ma titħassarx il-patata* - istruzzjonijiet agrikoli li jistgħu ikunu ta' siwi għal ħafna nies.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Mostru tal-Baħar* - deskrizzjoni u reazzjonijiet għall-ewwel dehriet ta' sottomarin.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Il-Qawwa tal-Martell* - kitba li turi kif din l-għodda hija l-qofol ta' tant snajja', bħax-xogħol fid-deheb, metalli, injam, tal-faħam fil-minjieri, tal-ħajjata, naġġara, skulturi, skrapan u qlafat, fost l-oħrajn.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.23.)

*Sajjetta* - aħbar li fl-Amerika sajjetta qaċċtet blata minn muntanja, u din il-blata kien fiha waħedha xi elfejn tunellata ta' metall.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.23.)

*Xogħol tal-Bizzilli* - kummenti ta' tifħir għal dak li qed isir fl-iskola tal-bizzilla li nfetħet xi żmien qabel.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.26.)

*Inġinieri Maltin* - tifħira għax-xogħol tajjeb li qed isir minn inġiniera Maltin ġewwa fabbrika f'Kordin.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.26.)

*Velenu lis-Siġar* - pariri agrikoli dwar l-użu ta' l-arseniku.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.32.)

*Nar taħt il-Baħar* - deskrizzjoni ta' attivita' vulkanika fl-oċejan Paċifiku.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.32.)

*Kwalita' ta' Torċi Ġodda* - Deskrizzjoni tat-torċi tal-gass u kemm huma invenżjoni tajba.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.39.)

*Skoperta tal-Gass* - deskrizzjoni dettaljata ta' kif isir il-gass, u l-benefiċċji tiegħu biex idawwal.
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, p.47)

*Kimika* - tagħrif li mid-dehra huwa ġdid għal dan iż-żmien dwar l-istruttura ta' l-atmosfera tad-dinja.
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, p.47)

*Sodda bħal Magna* - kitba dwar invenzjoni li sservi biex tqajmek. Din, permezz ta' mekkaniżmu li f'dan is-seklu huwa avvanzat, tqajmek bilwieqfa fil-ħin li trid.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.54.)

*Għajxien tas-Siġar* - artiklu li huwa aktar kitba ta' kurżita'. Jitkellem dwar siġar li jinsabu fl-Amerka u li għandhom eluf ta' snin. Dan ġie skopert permezz tax-xjenza.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.55.)

Artiklu bla titlu li jfaħħar esibizzjoni marbuta mas-snajja'. Tfaħħar l-isforzi siewja tas-Sur Carlo Maria Mifsud, negozjant, li għamel li seta' biex din il-wirja tkun suċċess.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.2.)

Artiklu bla titlu li jkompli jżid u jfaħħar il-wirja tas-snajja' li semmejna fil-ħarġa ta' qabel (ara fuq). L-artiklu jitlob attendenza u inkoraġġiment mill-pubbliku, u jħabbar li l-wirja se ddum miftuħa sal-21 tax-xahar.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

Silta li tħabbar id-dehra ta' kometa. Ma jinstabux wisq dettalji fl-artiklu.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Esposizione d'Industria Maltese Agricola, Manifatturiera e delle Belle Arti - La Distribuzione delle Medaglie e Certificato di Menzione Onorevole il 20 marzo 1865.* - titlu bit-Taljan imma kitba bil-Malti li tikkritika l-mod ta' kif ingħataw il-medalji. Il-kitba tosserva li min ħadem ġenwinament intesa u min le ingħata medalji li ma kienx jixraqlu. Kixfa ta' aktar qerq.
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. pp.2-3.)

**Djalogu:**

*Taħdita bejn Salvu u Peppu* - iż-żewġ partijiet jitkellmu fit-tul dwar il-wirja tas-snajja' li ssemmiet bosta drabi fil-ħarġiet l-aktar riċenti ta' *Il Giurnal Malti.* Anke hawn, insibu appell biex in-nies jattendu u japprezzaw ix-xogħol u d-dedikazzjoni li tidher fil-wirja.
Dan id-djalogu, pero' jmaqdar il-Kontrollur li ma jiħux ħsieb biżżejjed ta' l-orfni, li fil-wirja kienu ħafjin u lebsin l-ingwanti.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

**Artikli:**

*Moda Ġdida* - artiklu li jsemmi kif in-nies jibdlu l-mod li bih ipattu lil xulxin għal xi inġustizzja li jkunu sofrew.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.10.)

Artiklu bla titlu dwar il-kitba, l-aktar fil-gazzetti - l-argument li l-pinna għandha '*iżjed qawwa mix-xabla*'.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.25.)

*Lil Ħabibna* - kelmtejn lill-kittieb ta' *A Few Words of Advice to the Maltese people by one who wishes them well,* li kiteb ukoll fil-*Maltese Observer.* It-tema hija l-kwistjoni tal-lingwa fejn il-kittieb jargumenta li meta fil-Malti jinstema' kliem missellef, dan ma jibqax Taljan iżda jsir Malti. L-istess għall-Ingliż. Dan l-artiklu jidher bħala risposta għall-artiklu msemmi ta' dan il- "ħabib" li jirridkola s-sitwazzjoni tal-lingwa. *Il Giurnal Malti* iwieġeb li jekk ikun irid, dan il-"ħabib" jista' jagħti xi parir ieħor, forsi jdaħħakna ftit u permezz tiegħu ngħaddu jkwarta żmien.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.25.)

*Bidu ta' Ġlieda* - deskrizzjoni tal-polemika ħarxa li qamet bejn il-gazzetti *Maltese Observer, Corriere Mercantile di Malta* u *Il Portafoglio Maltese.*
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.30.)

*Għarukaża* - *Il Giurnal Malti* jikxef x'ideali kellu l-ġurnal rivali *Il Portafoglio Maltese*, u jirakkonta proprju r-raġunijiet biex isaħħaħ dan l-argument.
(Ħarġa 4, 5 ta' Frar 1864, p.30.)

*Korrispondenza* - Artiklu fejn *Il Giurnal Malti* jagħti prominenza lil ittri li jirċievi mingħand is-soċji: isemmi Ħarġa 1 ta' *ix-Xitan Iz-Zopp* u turi kif din il-gazzetta bdiet mill-bidu tirridikola lil "kull min jikteb bil-Malti." Din il-kitba hija iffirmata minn *Dr. Son Chi Sono.* Tgħid li "qabel kien *Giaħan*".

L-editur ikompli jsaħħaħ dak li tgħid l-ittra u tkompli żżid b'kummenti bħal "wild tax-xitan" u tgħid li "ilu mibgħud u misħut għal bosta snin."
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.40.)

Artiklu bla titlu fuq *Ix-Xitan iz-Zopp* - isemmi lil Dr. Vassallo, Is-Sur Preca, Rosato. Testa, Balzan, Camilleri u Vella. Xi wħud minnhom, peress li jsemmi biss kunjomhom, xorta ma nafux min huma.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.55)

*Lix-Xitan iz-Zopp* - artiklu li jistaqsi għalfejn ix-"Xitan" qed jgħid li ħadd ma jaf jikteb sewwa bil-Malti ħliefu. Jikkritikalu l-ortografija u l-poeżija tiegħu. Jistaqsih ukoll għalfejn qed jiddettalu l-morali. Jgħidulu: "Int qiegħed tippriedka, li ftit xhur ilu kont il-ħabs?" Ifaħħar nies li jiktbu tajjeb bil-Malti.
L-artiklu jinsinwa wkoll li dan il-ġurnal jiġbor il-flus, bħalma kien jagħmel qablu il-*Giaħan*, u ma jagħtix il-ġurnali, skond *Il Giurnal Malti.* Din mid-dehra kienet tgħajjira insolenti ħafna u żgur li tistieden tweġiba mill-ġurnal rivali.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.63.)

*Id-Dilettanti tat-Teatrin Aurora* - silta li tittratta l-panorama teatrali f'Malta u għalhekk torbot ma' l-artiklu li jidhru fit-taqsima marbuta mal-kultura u l-arti. Pero' din is-silta ddaħħal il-polemika bejn diversi gazzetti. Xi dilettanti kitbu f'*Ix-Xitan iz-Zopp* u wieġbu għal dak li kiteb *Il Giurnal Malti*, u dan l-artiklu qed iwieġeb lura.
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Il-Ħlewwa ta' Stenterellu - Spurġatur ta' Arċimandrita* - artiklu li jattakka lil Stenterellu, jgħajru "garibaldin", u wkoll fuq fatt li d-dettalji tiegħu ma nafuhomx li ġara sentejn qabel inkiteb dan l-artiklu. L-artiklu jispiċċa: "Min irid jifhem, jifhem!"
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.3.)

*Kelmtejn lill-partit kontrarju tal-Professur Dr. Sur Paolo Nani - Il Giurnal Malti* jistaqsi għalfejn xi nies ħaduha bi kbira li dan il-ġurnal faħħar lill-imsemmi Nani. "Dr. Paolo Nani għamel unur lil Malta.", jsostni l-ġurnal, "u dan qaluh diversi Taljani li jinsabu Malta."
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.1.)

*Il-Giddieb Għomru qasir* - dwar kitba li dehret fil-gazzetta *The Morning Post,* fejn il-kittieb inqabad fi żbalji. Dan kiteb dwar dak li ġara waqt il-festa tal-Karmnu, li semmejna bnadi oħra f'din it-taqsima. Pero', jkompli *Il Giurnal Malti,* "il-Maltin qatt ma insolentat lill-Ingliżi la fir-reliġjon u lanqas fil-festi tagħhom, imma imbagħad meta il-Maltin tiġi insolentata, taf titħallas tajjeb minn dan li jinsolentahom."
(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, p.2.)

*Min jgħid li jrid jisma' minn dak li ma jridx* - pika bejn il-partitarji Nanisti u Buġejisti - anke permezz ta' din il-pika *Il Giurnal Malti* jkompli jsaħħaħ polemika li bdiet mill-qasam tal-mużika. Il-kitba tittratta wkoll it-tema ta' ikkupjar ta' mużika minn xogħol għal ieħor.
(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, pp.2-3.)

*Disgħin Lira Rigal* - Kritika lil Webster u l-pubblikazzjoni tiegħu. L-artiklu hu sarkastiku għall-aħħar u joffri Disgħin Lira Rigal lil kull min hu kapaċi jikteb għal darb'oħra is-*2nd Tom* (riferenza dispreġjattiva għall-istess pubblikazzjoni ta' Webster)
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Kolp ta' Ġenn* - artiklu dispreġjattiv li jgħid li l-editur ta' *Stenterello* qiegħed jiġġennen, aktar issa li jaf li l-Papa Piju IX jinsab f'saħħtu u tajjeb. L-awtur ta' dan l-artiklu jsostni li aktar ma l-garibaldini jixtiequ deni lill-Papa, aktar dan jitqawwa u jissaħħaħ. "Mela ikkrepaw", jgħid *Il Giurnal Malti* lil nies bħal *Stenterello.*
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Opri taħt it-torkju li jkunu pubblikati x-xahar id-dieħel* - Artiklu sarkastiku li jsemmi pubblikazzjonijiet bi skop li jirridikola lil nies fil-mira tas-sarkażmu. Ovvjament il-pubblikazzjonijiet huma fittizji, u l-iskop tad-dehra ta' l-artiklu fil-ġurnal hija biss li tniggeż:

Ġabra tad-drammi ta' *L'Aurora* li tinbigħ fl-istalla ta' Żabbett għall-prezz ta' tliet ħabbiet il-faxxiklu

*Il-Misteri tat-Teatrin d'Aurora* - rakkont ta' kif din il-kumpannija se tagħmel biex tħallas id-dejn, 3000 paġna.

(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Manifesti d'Introduzione* - artiklu li jkompli fuq l-istess nota ta' Opri taħt it-torkju li jkunu pubblikati x-xahar id-dieħel (Ara l-istess ħarġa p.3). Din id-darba, il-mira huwa l-editur ta' *Stenterellu*, u l-artiklu jħabbar l-ordni ta' kunsinja ta' rdieden, suffarelli, trikkitrakki lill-editur ta' *Stenterellu* meta jlesti l-ktieb tiegħu lejlet il-festa ta' San Pawl.

(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.4.)

*Lil Min Biegħ l-Observer* - tkompli l-polemika bejn il-gazzetti. L-artikolista jgħid li issa l-*Observer* m'għadux jikteb kontra l-Gvernatur bħal qabel għax "ħakkulek idejk". L-artiklu jispiċċa bi strofa mqabbla tixbaħ poeżija.

(Ħarġa 21, 30 t'Awwissu 1864. p.2.)

*Manifesti d'Introduzione* - artiklu li jixbaħ dak li deher f'Ħarġa 20, din id-darba jittratta 'l-*Observer*, fejn *Il Giurnal Malti* jgħid li l-*Observer* ordna l-istoppa għal dawk ta' *L'Aurora* biex meta jissuttawhom ikollhom biex jilqgħu.

(Ħarġa 21, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Il-Laqgħa ta' l-editur ta' Stenterello f'Wied Inċita* - ikompli mal-ġrajja li dehret fil-ħarġiet li għaddew. L-artiklu jitkellem dwar kif *Stenterello* huwa ffissat li l-Papa qed imut u li ttieħed għall-kura f'Wied Inċita. Tawh banju, u r-rakkont *Il Giurnal Malti* jħallih maqtugħ ikompli fil-ħarġiet li jmiss.
L-artiklu fih taqbila forma ta' poeżija.
(Ħarġa 21, 20 t' Awwissu 1864, p.4.)

Artiklu li jgħid li l-editur ta' *Idee e Fatti* qal li ma kkummentax dwar opra għax ma setax imur; imma *Il Giurnal Malti* jgħid li dan ipprefera ma jikkummentax għax kien jaf xi fjask għamlu ta' l-*Aurora*.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.2.)

Artiklu mimli kritika lill-ġurnal rivali *Idee e Fatti* - *Il Giurnal Malti* josserva li Ħarġa 5 ta' dan il-ġurnal tikkontradixxi dak li qal hu stess fl-ewwel ħarġa. L-artiklu jissokta billi jgħid li *Idee e Fatti* jikteb favur il-Maltin u kontra l-Gvern mhux għax verament jemmen hekk imma biex jakkwista s-soċji.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.2.)

*Stenterellu* - tikkundanna lil din il-gazzetta ppersonifikata f'dan il-persunaġġ li jinqeda bil-gazzetta biss biex jimmalafama u jiddisprezza diversi gazzetti oħrajn.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864, p. 2)

Kitba bla titlu li terġa tattakka lill-gazzetta rivali *Stenterello.* Tirreferi għal kitba partikolari li dehret f'dan il-ġurnal, u *Il Giurnal Malti* jgħid li mhux talli jaf min hu l-awtur, talli dan sejjer imqarraq jekk jaħseb li se jaqbeż għall-Impreżarju tat-Teatru Rjal. "Dak li qal il Currier hu verita'", jkompli l kittieb, u jgħajjar lil *Stenterello* "imdorri fil-briedel". Jgħid lil *Stenterello* li "fil-kalepin tat-tgħajjir mhemmx kelma li ma toqgħodlux", imma imbagħad jkompli jżid li "bit-tgħajjir ma tiħux palju", l-aktar jekk ma jkollokx provi.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.2.)

*Lil Bosta Nies bil-Għaqal* - kitba li tfakkar lil kull min iħobb jikkritika lil ħaddieħor (il-ġurnal qed jirreferi għal kategorija partikolari ta' nies) aħjar li ma jikkritikax meta jagħmel agħar.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.1.)

*Assassini ta' bil-lejl* - kritika lil kull min qed jinqeda bil-privileġġi li ngħataw mil-liberta' ta' l-istampa biex ixerred il-velenu. L-artiklu, pero', jimmira għal dawk li qed jagħmlu l-ħsara ta' spiss fuq l-istabbilimenti li minnhom qed joħorġu l-ġurnali u vjolenza fuq in-nies involuti. Jissemmew il-każijiet ta' nies li ħebbew għall-editur ta' *Il Portafoglio Maltese,* u li xi nies ipprovaw joqtlu lill-editur tal-*Corriere Mercantile di Malta.* Dan kollu għax kitbu favur il-patrija.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.2.)

*Kelmtejn lil Arċimandrita: Mediterran - Il Giurnal Malti* mhux biss jirreaġixxi għal attakki diretti lejh imma anke għal gazzetti li jħaddnu l-istess ideali: jgħid lil *Mediterraneo*:"X'ridtu lill-*Corriere?"* Jakkużah li għandu miegħu "xi frustier garibaldin" u li jrid "jaqla' xi erba' ħabbiet bil-vilta'"
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.2-3.)

*Kelmtejn lil min jaf jifhimhom* - kitba li tgħajjar lil xi ħadd li l-qarrejja nassumu li jafu min hu. Il-poeżija akrostika marbuta ma' dan l-artiklu tindikalna li huwa Sqalli, u allura nistgħu nippruvaw inbassru s-sentiment tal-gazzetta lejn din il-persuna.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.4.)

*Foljett infernali msejjaħ Il Consiglio e il Teatro - Il Giurnal Malti* jeħodha ma' dan il-foljett li għadu kif deher, u jgħid li jiġi "ħu *Stentorello* mill omm" għax jiżra l mibegħda. Jgħajru talli qed "isawwat" lill-kunsillieri.
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.3.)

*Avviż Importanti* - kitba li ssemmi ċertu bejjiegħ tad-deheb fuq il-Monti, li bil-kliem żejjed tiegħu qed jagħmel isem ħażin "lil bosta familji tal-galbu". Il-ġurnal jikkummenta li dan il-bniedem aħjar jara l-qerq li għamel u għadu jagħmel fil-kummerċ tiegħu.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

Kitba bla titlu li ssemmi lil ċertu Sur Ċikorju, li qed jindiehes ma' ċerta Sinjorina M.F. Il-ġurnal jgħid lil dan il-bniedem li m'għandux xi jridha u aħjar joqgħod attent anke minn dan il-ġurnal għax jikxef min hu.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

*It-Tieni Rabta tas-Sinjurina Bomba Numru Wieħed* - kritika lil ċerta sinjurina mlaqqma "il-Bomba" u rakkont ta' ġrajja li għaddiet minnha bl-iskop li tkun ikkritikata.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.3.)

*Lil Min Jaqra* - isemmu ċertu Sur F.C., li kien jgħajjar lil C.C.C.M. għax huwa injorant. Kitba li tgħajjar kemm lil dan kif ukoll lill-gazzetti *Ward u Zahar* u *Stenterello.*
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.4.)

*Kelmtejn lil Lord Wiżu* - tgħajjira lil dan il-bniedem, u tgħid li l-qarrejja jistgħu isiru jafu min hu. Jgħidlu li qed ikun ta' piż finanzjarju għal zijuh. Artiklu li ma tantx jitbiegħed minn kritika personali.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.4.)

*It-Tielet u l-Aħħar Rabta tas-Sinjorina Bomba Numru Wieħed* - artiklu satiriku dwar ir-rabta li se ssir bejn is-Sinjorina Bomba Numru Wieħed u wieħed raġel, ridikolat daqsha f'din is-silta.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Xebgħa minn Mara* - dwar l-editur ta' *Idee e Fatti* li nstab minn mart it-tenur Serazzi. Il-mara pattiet dak kollu li dan il-ġurnal qal dwar żewġha u ħadet il-liġi b'idejha u refgħet idha fuqu u avvilietu quddiem għadd kbir ta' nies.
L-artiklu jħares lejn il-ġrajja kollha u jfakkar li min ikun offiż b'xi kitba stampata ma jistax jerfa' jdejh għax kollox idur kontrih. Anzi, ikun aħjar tirrikorri għand il-ġustizzja permezz tal-liġi tal-libell. *Il Giurnal Malti* jagħmel dawn il-kummenti anke minkejja l-fatt li maqdar mhux ftit is-sistema tal-ġustizzja tagħna (ara t-taqsima tal-kitbiet b'impenn politiku)
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Kelmtejn lill-Arċimandrita ta' Mediterran* - kitba li tgħid lill-editur ta' *Mediterraneo* biex ma joqgħodx jgħajjar lill-*Corriere Mecantile* permezz ta' *Stenterello* imma jiktbu"fl-imbeċilli Mediterran". Il-kittieb ikompli: "jekk għandek il-għali kontra il-Corriere*, L'Ordine,* u *Il Portafoglio Maltese*, ikkrepa."
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.3.)

*Avviż* - aktar tgħajjir lil *Stenterellu.*
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.4.)

*Il-Mediterran irrabjat fuq il-Ġiżwiti* - riferenza għall-gazzetta *Mediterraneo*, li ħaditha mal-Konslu ta' l-Italja għax dan qabeż għall-Ġiżwiti.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.4.)

*Acqua Abela* - kritika għal tabib kunjomu Abela, li jgħid li jaħdem għall-fqir, u issa li ġiet ix-xoqqa f'moxtha li juri r-rispett tiegħu għall-fqir, wera li m'għandu l-ebda sentiment għall-fqir.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.4.)

Kitba bla titlu, waħda mill-ftit bit-Taljan, li tikkonsisti f'tgħajjir u sarkażmu immirat lejn il-gazzetti li ssoltu jkunu fil-mira tat-tgħajjir ta' *Il Giurnal Malti*, fosthom *Stenterello*, *Il Portafoglio Maltese*, *Mediterraneo* u *Ix-Xitan Izzopp.*
(Suppliment għal Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865.)

*Kelmtejn lil Ġurnal Mibjugħ, Ġuda Traditur, imsejjaħ Observer* - kitba li tgħid li l-Maltin mhux vera li jobogħdu lill-Ingliżi bħalma l-*Observer* qal lill-*Corriere* u lil *Mediterraneo*, imma l-Maltin qed jitolbu dak li hu tagħhom. *Il Giurnal Malti* jixtieq lill-*Observer* u jixtieqlu li l-kolera ssibu u ttemmu sabiex id-dinja tistrieħ bħalma straħet żmien ilu minn Webster. (Ara Ħarġiet 24 u 25)
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, pp.2-3.)

*L-Isporkafolju Iddisprat* - kitba li ssemmi kif l-Isporkafolju, logħob bil-kelma *Portafoglio*, kien ifaħħar lill-Gvernaturi biex jingħoġob, u wara li ma' Sir Gaspard le Marchant dan it-tifħir ma sewa għal xejn, dan dar kontrieh u beda jikteb kontrih. Issa li f'Malta ġie Sir Henry Storks, l-Isporkafolju reġa' beda jfaħħar lill-Gvernatur. *Il Giurnal Malti* jgħid li dan huwa "kattoliku għall-fini tiegħu, biex jimpostura lill-injoranti..."
(Ħarġa 57, 10 ta' Settembru 1865, p.3.)

Kitba bla titlu li tgħajjar lill-gazzetta *Mediterraneo*, fejn din kitbet kontra l-Isqof għax dan ma tax biżżejjed kumpens lill-familji li l-missirijiet tagħhom mietu bil-kolera.
(Ħarġa 57, 10 ta' Settembru 1865, p.3.)

*Avvertiment* - twiddiba lis-Sur S., li qed jaqla' l-inkwiet bejn *Il Giurnal Malti* u l-*Corriere Mercantile di Malta.* Jekk dan ma jiskotx, ikompli l-istess artiklu, "inkunu kostretti li nġibulu l-ħajja twila tiegħu u ma jiddispjaċihx ftit meta nibdew insemmulu xi affarijiet antiki..."
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.3.)

*L-Għedewwa tal-Poplu Malti taħt il-maskra ta' l-Ipokrisija* - dwar l-għedewwa tal-poplu Malti, bħall-kittieba ta' ċerti gazzetti bħal *Stenterello, Il Portafoglio Maltese* u *The Observer.* *Il Giurnal Malti* jgħidli dawn il-kittieba jiktbu kif jaqblilhom.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, pp.2-3.)

Kitba li tirrakkonta kif l-editur ta' *Don Basilio* siker f'ħanut u beda jitkellem kontra l-editur tal-*Corriere Mercantile di Malta.* Miegħu kellu l-editur ta' l-*Observer.* L-istess kitba tagħmel enfasi fuq il-fatt li madwarna hawn ħafna nies li taparsi ħbieb u huma spjuni mibjugħa. Jissemma wkoll spiżjar fil-Belt, li għalkemm ma jissemmiex b'ismu, qed jinqeda bil-ħanut tiegħu biex jimmalafama lin-nies, anke jekk dawn ikunu nies serji.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.3.)

Kitba li tirreferi għall-*Portafoglio* u l-*Observer*, u jirreferi għal ċertu Sqalli, li *Il Giurnal Malti* se jitlob lill-Avukat tal-Kuruna jkeċċih minn Malta.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.3.)

Kitba bit-Taljan li tgħajjar lill-*Portafoglio* "patriarca dei buffoni".
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.4.)

Kitba li tirreferi għal "Fra Gawdenzju", persunaġġ ukoll fil-mira ta' l-attakki ta' *Il Giurnal Malti.* Tgħidlu jaqbad u jitlaq minn Malta. Takkużah, fost l-oħrajn, li "jikteb kontra l-Gvern, u issa kontra l-Maltin skond ma jdur ir-riħ tal-*Portafoglio.*
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, pp.2-3.)

Kitba mimlija zufjett li tibni fuq ta' qabilha. Tgħid li "Fra Gawdenzju" se jsir Isqof ta' Filfla. Ingħata wkoll midalja, li fuq naħa fiha ritratt ta' Ġuda, fuq l-oħra stampa tat-tlettax-il biċċa tal-fidda li bihom ġew mibjugħa l-Maltin.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.3.)

*Inserzjoni Komunikata* - kitba bit-Taljan li taqbeż għal Ramiro Barbaro di San Giorgio kontra l-attakki ta' l-istampa avversarja u mill-attakk ta' G.D. Il-kitba tkompli li dan G.D. aħjar ma joqgħodx idejjaq lil ħaddieħor bil-kitba tiegħu għax se jispiċċa ħażin.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.4.)

*Malta* - aktar tgħajjir bejn gazzetti, din id-darba fejn *Il Giurnal Malti* juri x-xewqa li l-frustieri ma jiktbux f'gazzetti u ma jistampawx f'Malta.
(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, pp.2-3.)

*Varjeta'* - kitba bit-Taljan dwar kitbiet li dehru fil-*Portafoglio Maltese. Il Giurnal Malti* jistaqsi fejn fil-Bibbja jeżisti l-kmandament li tista' tikkalunja lil ħaddieħor.
(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, p.4.)

Kitba dwar gazzetta ġdida, *Il Commercio. Il Giurnal Malti* jikkummenta li issa minn tlieta ġew erbgħa. Qed jirreferi għat-tliet rivali ewlenin tiegħu.
(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.3.)

*Manifesti d'Introduzione* - kitba mimlija żufjett fejn *Il Giurnal Malti* jsemmi ordni fittizja li saret minn gazzetta rivali. Fosthom hemm bettija rum biex *Il Commercio* aktar jisker u jikteb aktar affarijiet skumnikati, u velenu għal diversi gazzetti.
(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.4.)

*Manifesti d'Introduzione* - kitba mimlija żufjett tixbaħ ħafna lil dik li dehret f'Ħarġa 65 (ara fuq). Din id-darba, l-ordni hija ta' nases, ħbula, sapun u "correttivo delle bile". Aktar insinwazzjonijiet fini lill-istampa avversarja.
(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.4.)

Kitba dwar is-safra ta' Sir Henry Storks: jissemma l-fatt li xi gazzetti qabel kienu jiktbu kontra Gaspard le Marchant u issa qed jiktbu favur Storks.
(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, p.4.)

*L-Isfaċċataġni tal-Panjottisti* - dwar il-partitarji ta' Storks li mhux biss waqqfu gazzetta f'Malta, li jisimha *Il-Kummerċ* (din il-kitba tikkwota l-isem tal-gazzetta bil-Malti), imma qed jiktbu f'gazzetti oħra fl-Ingilterra.
(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, p.2)

*Il Commercio* - kritika għal kitba li dehret f'dan il-ġurnal, fejn dan qal li l-għadam u l-fdalijiet umani jistgħu jintużaw biex idemmlu r-raba'.
(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, p.3.)

*Kwistjoni fuq il-Munita* - ilment ieħor lill-amministrazzjoni tagħna, din id-darba dwar il-kwistjoni tat-tisrif. *Il Giurnal Malti* josserva li l-poplu qed jagħmel telf kull darba li jkollu jsarraf, ħaġa li bilfors trid issir. "Vergonja għalina l-Maltin, donna m'aħniex nazzjon wieħed..." L-artiklu jkompli li din id-deċiżjoni saret min-nies ta' fuq imma l-poplu hu li jbati.
(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, p.4.)

*Kwistjoni fuq il-Munita* - kitba li tkompli fuq dik tal-ħarġa li għaddiet, fejn jissemma kif il-poplu jkollu bilfors isarraf bejn munita u oħra, u meta jagħmel dan jitlef il-flus.
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, pp.1-2.)

*Kwistjoni fuq l-Abbuż tat-Tneħħija tar-Rota* - *Il Giurnal Malti* jargumenta li t-tneħħija hi ta' ħsara għal Malta. Fuq din il-kwistjoni jaqbel ma' *Mediterraneo.*
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.2.)

**<u>Poeżiji:</u>**

*Kaptan Ingliż u Vitor* - tittratta dwar li tkun taf aktar ilsna minn tiegħek u kif hemm opinjonijiet diversi dwar min hu verament injorant.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.39.)

*Ix-Xitan iz-Zopp*, poeżija li tittratta l-poeżija ta' l-istess gazzetta, l-aktar il-kitbiet tagħha ta' Ħarġa 1.
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, pp. 46-48.)

*Ballu in Mascra* - iffirmata minn *Bertoldu* u hija kritika lejn il-Gvern u nies għolja fit-tmexxija ta' pajjiżna.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.1)

*L-Impusturita' ta' Stenterellu* - poeżija li hija kollha kemm hi polemika u tgħajjir lil *Stenterellu.*
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.3)

*Lezzjoni lill-Ħatar* - poeżija ta' tgħajjir, li ma tiqafx biss għal affarijiet relatati mal-gazzetta nnifisha, imma tmur ukoll għal affarijiet 'il barra. Fosthom *Il Giurnal Malti* ifakkar lill-qarrejja li l-*Ħatar* kien il-ħabs.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.3)

*Stenterello qiegħed Jhewden* - poeżija li titfa' tagħrif fuq il-polemiċi li kien hemm bejn il-gazzetti ta' dak iż-żmien. Dan l-artiklu jkompli jibni fuq l-artiklu *Kolp ta' Ġenn* li jidher fl-istess ħarġa ta' *Il Giurnal Malti.*
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

*Kelmtejn għall-Għaqal* - tirreferi għall-editur tal-gazzetta *Stenterello* u jgħidlu li aħjar "jagħmel il-għaqal" u ma jaqlax ħama kontra il-*Corriere*. Jgħidlu:

"Ar'qatt tmissilna - Il-Knisja tagħna,
Għaliex ingħidu - imbagħad m'intix magħna."

(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

*Sqalli* - poeżija marbuta ma' artiklu li tirreferi għal xi ħadd Sqalli li ma nafux min hu. Is-sentiment tal-gazzetta lejh hi waħda tipika tal-gazzetta lejn nies ġejjin mill-penisola Taljana.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.4.)

*In-Nases tal-Gazzettieri* - *Il Giurnal Malti* jgħajjar diversi gazzetti oħra. Lil *Mediterraneo* tgħidlu "xibka tax-xitan", "Stentarell - pulċinell" u lill-"garibaldini - ġakbini". Din il-poeżija tgħid li l-Pastorali ta' l-Isqof tbeżża' lil *Mediterraneo*, u jirċievi aktar tgħajjir talli bil-kitbiet tiegħu jipprovoka anke għalxejn lil *Stenterello.*
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

*Kelmtejn tal-Ħbiberija* - poeżija akrostika ta' Richard Taylor. Tittratta l-pika bejn gazzetti, u turi biċ-ċar kif f'ħafna mill-kitba b'din it-tema (u anke temi oħrajn) hemm hu involut. Fost l-oħrajn jgħid:

"Aktar mela ma jnassuna,
Triq il-għerf iżjed juruna."

Il-poeżija tirreferi għat-tnassis bejn gazzetti u kif dan ma jnaqqasx mill-mertu ta' gazzetta serja, anzi jżidulha. Torbot ukoll ma' l-isem li tifforma, Alfredo Gatt. Riklam u tweġiba tajba lil ħafna mingħand *Il Giurnal Malti* lir-rivali kollha.
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.4.)

*In-Nassiesa fin-Nassa tal-Ġrieden* - jiddeskrivi u jikkritika lil dawk kollha li jsejħu lilhom infushom 'il-puliti'. Aktar minn hekk, jinsisti li n-nies għandu jkollhom rispett lejn min irid jgħallem jew huwa mgħallem. Poeżija li tittratta lil dawk il-gazzetti li jikkritikaw lill-Prima Donna u t-Tenur tar-*Real Teatro. Il Giurnal Malti* jgħid li dawn in-nassiesa lanqas biss jafu x'inhu kontralt jew tenur!
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.1.)

*Talba lis-Soċji ta' l-Editur u l-Istampatur* - appell lill-abbonati biex ma jinsewx iħallsu, għax l-ispejjeż għoljin. Il-ġurnal ifakkar li għadu jirrispetta lill-abbonati tiegħu, u allura jistenna rispett mingħandhom.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.1.)

*Kelmtejn lil Stenterellu* - poeżija li tgħajru "miġnun" u "garibaldin".
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Kelmtejn lis-Sur Fantanġlu* - jidher li dan is-Sur Fantanġlu qed jiġi mitlub minn *Il-Giurnal Malti* biex issir il-paċi bejniethom.
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, pp.1-2.)

*Dun Bażilju sar Isqof* - polemika u rivalita' bejn gazzetti ta' dak iż-żmien. '*Don Basilio*' hija gazzetta oħra, u *Il Giurnal Malti* jeħodha ma' din il-gazzetta anke b'sarkażmu :

"Kontra il-Corrier ħadtha,
Mingħajr raġun..."
(Ħarġa 57, 10 ta' Settembru 1865, p.4.)

*It-Telfa tan-Namrat* - storja ta' editur ta' gazzetta oħra li kien namrat ħażin ta' xbejba, u li meta mar jgħanni taħt it-tieqa tagħha safa' mkeċċi bi tfigħ ta' ilma jinten, li ħaslu minn fuq s'isfel. Kitba bħal din timmira li tniggeż, u li din il-persuna li għaliha qed tirreferi din il-kitba taqraha tifhem li qed jgħidu għaliha.
(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, pp.2-3.)

*Pulpetta lill-Portafolju* - tgħajjir u kritika lil diversi gazzetti rivali, fosthom l-*Observer,* u l-*Portfoglio.*
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, pp.1-2.)

*Il-Borma fuq Tlieta toqgħod* - aktar polemika bejn il-gazzetti: it-tlieta li jsemmi huma l-*Observer,* il-*Portfoglio* u l-ieħor "sqalli". Targumenta li l-Isqallin imisshom jitkeċċew kollha minn Malta.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.1.)

Kitba li tirrakkonta kif l-editur ta' *Don Basilio* siker f'ħanut u beda jitkellem kontra l-editur tal-*Corriere Mercantile di Malta.* Miegħu kellu l-editur ta' l-*Observer.* L-istess kitba tagħmel enfasi fuq il-fatt li madwarna hawn ħafna nies li taparsi ħbieb u huma spjuni mibjugħa. Jissemma wkoll spiżjar fil-Belt, li għalkemm ma jissemmiex b'ismu, qed jinqeda bil-ħanut tiegħu biex jimmalafama lin-nies, anke jekk dawn ikunu nies serji.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.3.)

*L-Għedewwa kontra l-Maltin* - tgħajjir lil *Stenterello, Il Portafoglio Maltese* u n-nies li għandhom filgħodu.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.1.)

*Kelmtejn lil wiċċ ta' indannat* - kontra il-gazzetta *The Observer,* mgħajjar anke għall-fatt li hu Protestant u li jikteb kontra l-Maltin.
(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, pp.1-2.)

*Gwerra dikjarata bejn Il-Ġeneral Ġurnal Malti u il-Gran Torri ta' Babel* - riżultat ieħor ta' polemiki bejn gazzetti.
(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, pp.1-2.)

*Proklama tal-Ġeneral Kmandant Ġurnal Malti fl-10 ta' Jannar 1866* - polemiki bejn ġurnali. Din id-darba, il-mira qiegħda fuq il-gazzetta *Torre di Babele.*
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, pp.1-2.)

**Djalogi:**

*Taħdita bejn Bertoldu u Bertoldinu* - djalogu fejn iż-żewġ personaġġi jservu ta' mezz biex issir kritika lil gazzetta oħra, din id-darba *Idee e Fatti.* Fid-djalogu tiġi mlaqqma *Idee senza Fatti,* għax din il-gazzetta, skond id-djalogu, titkellem (ideat) mingħajr ma jkollha provi (fatti). Il-logħob bil-kliem tat-titlu tal-gazzetta huwa tipiku imma effettiv.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.5.)

**Artikli:**

*Il-Ħaqq* - kelmtejn marbutin ma fatti storiċi: jitfakkar li wara li l-Ingilterra għenet l-Unifikazzjoni ta' l-Italja kontra Franza, l-Italja ssieħbet ma' Franza, att ingrat, skond il-kittieb.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*Riġment Malti* - Juri tħassib dwar li r-riġment tas-suldati Malti jitħassar u jonqos fl-effiċjenza tiegħu meta jirreklutaw niea ta' ħajja ħażina,
(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, p. 45.)

*Serq* - rapport dwar serq li sar mill-bini tad-Dwana. Jgħid li huwa tort tat-traskuraġni aktar milli ħaġa oħra, u juri tama li l-ħatja jinqabdu u jgħaddu ġustizzja kif jisħoqqilhom.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.53.)

*Kummerċ La Moda* - dwar l-għatx li l-bniedem għandu għall-flus u l-qerq li n-nisa jużaw biex "żwieġhom" jaqilgħu il-flus. Il-kittieb hawnhekk qed jirreferi għan-nisa li jkunu barra l-ħwienet tax-xorb, u b' ġisimhom, l-ilbies u l-manjieri żienja tagħhom jiġbdu bn-nies ġewwa biex jixorbu.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.49)

*Ġuri* - iħabbar id-dati ta' ġuri msemmi f'dan iż-żmien.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.62.)

*Serqa* - rapport dwar serqa mingħand is-Sur Ġorġ Preca, negozjant tad-deheb u l-fidda.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.58.)

*Il-Miġja u l-Mawra ta' Giuseppe Garibaldi* - tinsisti li Giuseppe Garibaldi mhux veru li kien milqugħ tajjeb f'pajjiżna kif qalu xi gazzetti, iżda xi nies marru għandu għan-nom tal-Maltin. *Il Giurnal Malti* jgħid li Garibaldi, waqt it-tluq, kien mogħti tislima bi tfigħ ta' ġebel u għeruq taz-zunnarija. Fuq kollox, in-nies bdew jgħajtu: "Viva Piju Disgħa!"
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, p.65.)

*Omnibus Ġdid* - artikli li jsemmi li ġie importat omnibus, jew mezz ta' trasport tal-priġunieri, maqsum minn ġewwa sabiex il-priġunieri jkunu separati. Fuq kollox, dan l-artiklu huwa kritika ħarxa lil Gaspard le Marchant li jagħmel u jonfoq għal affarijiet inutli u jittraskura l-bżonnijiet l-aktar kbar tal-poplu.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.1)

Artiklu li jsemmi l-ġrajja ta' xi inkwatri li Sir Maitland ħadhom minn Malta għal Corfu'. *Il Giurnal Malti* ma jistax ma jsemmix u ma jfakkarx ġrajja bħal din, u jitlob li dawn l-inkwatri jinġabu lura Malta fuq kollox għax għandhom x'jaqsmu ma' Malta u l-fidi tagħha.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.2)

*Malta* - artiklu dwar abbużi fil-pulizija u fis-sistema tal-ġustizzja li tippreferi lill-Ingliżi u kontra 'l-Maltin. Issemmu wkoll l-ineffiċjenza tal-pulizija u kif la ma jagħmlux dmirhom qed jisirqu lill-poplu.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.1.)

*Malta - Emigrazione* - jittratta l-problema ta' l-emigrazzjoni, li kienet tissemma tajjeb ukoll fis-Seklu Dsatax. Tissemma fost l-oħrajn il-proposta li parti mill-poplazzjoni tagħna tmur tgħammar fl-Arfika ta' Fuq, jew il-Barberija, kif kienu jsejħulha.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.1.)

*Is-Serq tal-Furnari minn fuq il-ħobż* - jittratta s-serq tal-furnara, li jgħollu l-prezz tal-ħobż waqt li l-prezz tal-qamħ dejjem jitbaxxa. Isemmi wkoll li aħna suppost li għalina l-qamħ hu irħas minn postijiet oħra minħabba l-kummerċ tajjeb li għandna. Tissemma wkoll il-kwalita' dejjem inferjuri ta' inbid bi prezz ogħla.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

*L-Isptar* - ilment dwar il-Kontrollur dwar qagħda fl-isptar, fejn in-nies li jiġu jaraw lil qrabathom fl-isptar ma jitħallewx jiġru barra għalxejn, aktar u aktar jekk ikun diġa' ħin id-dħul. *Il Giurnal Malti* jiddeplora meta jsir ħin id-dħul u n-nies tħallew barra għall-pjaċir ta' l-awtoritajiet.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

*Gvern ta' Dejjem* - artiklu li jargumenta li "bħalma huwa l-Isqof", il-Gvern għandu jkun għal dejjem. Jgħid li hekk kif Gaspard le Marchant għamel il-ġid f'Malta, neħħewh minn Gvernatur "għall-kbira disgrazzja tal-poplazioni".
(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, p.1.)

*L-Ispjuni* - turi tħassib dwar l-impjieg ta' spjuni. Tgħid li affarijiet bħal dawn jeħduna għal żmien l-Inkwiżizzjoni.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

*Kulma mmorru għall-agħar* - tirreferi għall-avvenimenti fl-Afrika ta' Fuq fejn l-istat ta' anarkija li l-gazzetta qed tiddeskrivi donnu qed jaħrab jew qed jiġi evitat mill-awtoritajiet Ingliżi, Franċiżi u Taljani.
(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, p.2.)

*Il-Gass* - turi d-dispjaċir għall-fatt li t-Tlitt Ibliet ma nxtegħlux bil-gass u tgħid li mhux tort ta' Le Marchant imma ta' nies li hemm madwaru, jirreferi għat-*Trianglu* , li huma l-Kollettur, il-Kontrollur u l-Fiskal.
(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, p.2.)

Artiklu li jitkellem dwar il-ġuri ta' każ kriminali magħruf, u l-pieni li ngħataw.

(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, p.3.)

Artiklu li jitkellem dwar regoli tad-dwana u importazzjoni: iħabbar il-miżuri li permezz tagħhom qrun, ġlud, dwiefer u għadam ta' annimali jridu jkunu soġġetti għar-regoli tas-sanita'.
(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, p.3.)

*Gvern ta' Dejjem* - silta li tkompli ma' dik li dehret f'Ħarġa 13. Tikkritika lill-Gvern u ssemmi żbalji "ħoxnin" li l-Gvern għamel. Fost dawn iż-żbalji, hemm is-sistema tal-ġustizzja li mhix qed timxi sew, li jinsa lill-batuti u li jafda żżejjed lill-uffiċjali għolja. Il-gvern, tgħid is-silta, imissu "jqalleb kulma jara ħażin, u Malta jġibha kwieta u sabiħa."
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, pp.1-2.)

*Il-Faqar u t-Tluq tax-Xebbiet* - tittratta l-faqar, l-aktar tax-xebbiet bla ġenituri li jinsabu fi stat ħażin u bla manteniment. Titlob l-isforzi tas-soċjeta' San Vinċenz de Paule, u tagħmel appell lil din is-soċjeta' tagħmel bħalma tagħmel soċjeta' oħra, dik tas-Sorijiet ta' San Ġużepp, li tagħmel dak kollu li tista' mingħajr m'għandha appoġġ tal-Gvern, imma biss tal-Provvidenza. Talba ta' petizzjoni quddiem ir-Reġina biex jinħoloq stabbiliment li jipprovdi l-manteniment neċessarju.
Tkompli ma' siltiet bl-istess titlu li dehru f'ħarġiet imgħoddija.
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, pp.2-3.)

*Aħbarijiet* - Minħabba taqlib kbir li hemm f'Tunis, Monastir u Susa, il-Maltin li jinsabu hemm ġejjin lura. Hemm ukoll il-biża' li jibdew ġejjin ukoll il-Franċiżi wkoll.
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*It-Tluq tax-Xbejbiet* - artiklu li jkompli fuq il-ħarġa ta' qabel. Isemmi fondi li nġabru u li minflok ma marru għall-fqar spiċċaw għall-kapriċċi tal-Gvern.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, pp.1-2.)

*Fatt l-Aktar Skandaluż* - ġrajja ta' raġel li kellu l-mara miġnuna u me setax iħallsilha. Keċċewha 'il barra marida kif kienet. Artiklu li jitfa' dawl fuq kif kienu jaħdmu ċerti istituzzjonijiet ta' dak iż-żmien.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, pp.2-3.)

*Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija* - tagħrif dwar żewġ każi importanti fil-Qorti, dettalji tagħhom u kif inqatgħu.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.3.)

*Il-Ġuri* - tagħrif dwar ġuri ieħor li jolqot l-attenzjoni tal-qarrejja.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Kelmtejn fuq ir-riġment R.M.F.A.* - isemmi l-fatt li hemm ħafna nies li ma jixtiqux li dan ir-riġment ikompli sejjer tajjeb u qed jagħmlu minn kollox biex jisfrattawh. Isemmi wkoll li tort ta' nies bħal dawn, dan ir-riġment mar għall-agħar.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Il-Knisja u l-Kunvent tal-Maddalena* - artiklu li jirrakkonta kif persuna ħalliet ġidha kollu sabiex jiġi mwaqqaf kunvent tas-sorijiet, u dan ma seħħx fil-Vatikan. Il-Gvern, imbagħad ippossessa ruħu mir-renti għall-iskaptu ta' l-erwieħ ta' dawn in-nisa, li skond l-artiklu huma esposti għall-ħażen.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, pp.1-2.)

*L-eżami tal-kandidati fir-riġment R.M.F.A.* - tfaħħar ir-riżultati li tħabbru rigward dan l-eżami u tfaħħru għax skond l-artiklu kien nieqes mill-korruzzjoni li ssoltu nisimgħu biha.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.2.)

*Ix-Xewqa tat-Taljani tal-Mewt ta' Piju IX* - tgħid u ttenni kemm it-Taljani, li saru "ma jemmnu b'xejn", jixtiequ li dan il-Papa jmut. Fuq id-driegħ t'Alla m'hemm ħadd, iwieġeb *Il Giurnal Malti*, u għad li jekk imut dan il-Papa jagħmlu ieħor, Alla qed jippermetti li aktar ma jixtiqulu deni t-Taljani, aktar dan il-Papa jgħix għomor twil u mimli saħħa. Kitba mimlija insinwazzjonijiet politiċi.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, pp.1-2.)

*Avviż lill-Pulizija* - il-gazzetta tagħmel osservazzjonijiet tagħha waqt il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu u titlob biex il-pulizija ma jħallux min iqiegħed siġġijiet fin-nofs tat-triq.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.2.)

*Aħbarijiet ta' Barra* - rendikont dettaljat tas-seduta tal-Kamra tad-deputati fit-8 ta' Ġunju 1864 - l-aktar affarijiet importanti li ntqalu fiha u l-aktar li jista' jitfa' dawl fuq il-gvern preżenti.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, pp.3-4.)

Artiklu li jitkellem dwar movimenti militari li l-Ingliżi għamlu fl-Afrika Oċċidentali.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.4.)

Artiklu li jitkellem dwar il-ħelsin ta' sittin kundannat għall-mewt mill-ħabs ta' Corfu' mill-grazzja tar-Re Ġorġ ta' Ateni.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.4.)

*Malta* - kritika lill-Gvern kolonjali Ingliż, u li huwa responsabbli għall-biċċa l-kbira tat-tbatijiet u dwejjaq li bihom qed ibati l-poplu Malti.
(Ħarġa 17, 20 ta' Lulju 1864, p.1.)

*Kelmtejn fuq il-festa tal-Karmnu* - dwar fatt li seħħ waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Xi uffiċjali għolja Ingliżi insultaw in-nies Maltin, xi Maltin irrispondewhom, kulħadd beda jgħajjar lil xulxin u spiċċat fi ġlieda. Il-festa sfrattat, u l-artiklu jikkritika lill-Ingliżi għalfejn kellhom jagħmlu dan ġo festa reliġjuża tagħna.
(Ħarġa 17, 20 ta' Lulju 1864, pp.1-3.)

*Kelmtejn lis-Supretendent tal-Pulizija* -jirreferi għall-ġrajja li ssemmiet qabel, tal-festa tal-Karmnu. L-artikolista jikkritika lill-pulizija wkoll li m'għamlu xejn lil dawk l-uffiċjali li pprovokaw lill-Maltin.
(Ħarġa 17, 20 ta' Lulju 1864, p.3.)

Artiklu li jġib aħbarijiet ta' barra, li jsemmi l-ftuħ ta' knisja fl-Ingliterra, u dejn li l-Amerka għandha.
(Ħarġa 17, 20 ta' Lulju 1864, p.3.)

*Malta* - artiklu li jfaħħar ix-xogħol li qed isir mill-kamra tal-Komuni mill-Maltin, l-aktar fuq kwistjonijiet politiċi.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.1.)

Artiklu li jkompli jżid fuq ix-xenata li semmejna qabel waqt il-festa tal-Karmnu fil-Belt. *Il Giurnal Malti* jistaqsi jekk din il-biċċa għaddietx lixxa għal dawk li pprovokaw lill-Maltin. Il-gazzetta tistaqsi għalfejn min jinsulta l-Gvern Ingliż jeħel multa, filwaqt li min jinsulta r-reliġjon ikun liberat. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma li "il-Maltin qegħdin taħt il-kmand tad-dispotiżmu."
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.2.)

*Il Giurnal Malti* jagħmel appell biex issir sorveljanza mill-pulizija fuq tal-laħam fis-Suq tal-Belt, għax fosthom hemm min qed ibigħ laħam mhux tajjeb biex jittiekel: ("jinten")
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.1.)

*Specifico biex ifejjaq l-imġienen - Invenzjoni prelibata tal-Kontrollur bil-privativa tas-Sun Gaspru.* - artiklu li jikkritika lill-Kontrollur, din id-darba fuq l-abbużi li qed isiru fl-isptar mentali ta' Wied Incita - ara wkoll *Fatt l-Aktar Skandaluż,* Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, pp.2-3., li l-kumment dwar jinsabu f'din l-istess taqsima.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.3.)

Silta li ssemmi l-għaks li Napli tinsab fih kemm ilha taħt it-tmexxija ta' Vittorio Emanuele.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

Tissemma kif kospirazzjoni sfrattat. Dan seħħ fl-Italja, meta kospiraturi kontra Vittorio Emanuele inqabdu.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

Dan il-ġurnal iħabbar li l-Istati Papali ssellfu somma kbira ta' flus mingħand l-Imperatriċi Franċiża.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Orfanatrofji* - jirrakkonta u jikkundanna l-każ fejn impjegata ta' orfanatrofju "protetta mill-Kontrollur" sawtet tfajla bi vjolenza kbira. *Il Giurnal Malti* ma jistax iħalli każijiet bħal dawn jgħaddu mingħajr kumment kif jixraq.
(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, p.1.)

*Qima u Tifħir lil min imissu* - tifħir u sodisfazzjon lejn l-ispezzjoni li saret fis-suq tal-ħut fil-Belt Valletta, fejn bejjiegħ instab li kellu ħut jinten pesta. *Il Giurnal Malti* jitkaża minħabba li ħut ta' din il-kwalita' kien diġa inbigħ. *Il Giurnal Malti* jitlob li spezzjonijiet bħal dawn isiru wkoll fil-ħwienet tal-laħam. Tifħir lil min ħa dan il-pass meħtieġ, ikompli l-ġurnal.
(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, p.4.)

*L-Għedewwa tal-Poplu Malti* - artiklu li jikkritika l-ammininstazzjoni tal-Gvern preżenti. Isemmi xi nies għolja fil-Gvern Ingliż u r-riklam ħażin li qed jagħmlulna madwar id-dinja.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.1.)

Artiklu li jħabbar in-nomina ta' tenent fl-R.M.F.A.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.1.)

*Il-Mandraġġ tal-Belt* - isemmi t-tbatija tan-nies hawnhekk u n-nuqqas ta' ilma li hawn. Il-ħtija hija ta' min qed jaqta' l-provvista' ta' l-ilma fiż-żewġ għejjun li hawn fil-mandraġġ.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.1.)

Artiklu li jħabbar it-tluq minn Malta tal-Gvernatur Sir Gaspard le Marchant u l-miġja ta' Sir Henry Storks. *Il Giurnal Malti* jħares b'ottimiżmu lejn il-miġja ta' dan il-Gvernatur.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.1.)

*Is-Sejħa tal-Gvernatur Sir Gaspard le Marchant* - isemmi t-tluq ta' Gaspard le Marchant. Jgħid li dan il-Gvernatur telaq minħabba l-ispjuni li huma "imħallsin bil-munita tad-dlam".
(Ħarġa 21, 30 t'Awwissu 1864. pp.1-2)

*Malta* - tħabbar u tirreaġixxi għall-laqgħa dwar il-Petizzjoni Popolari, li għaliha kienu preżenti diversi Maltin magħrufa.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.1.)

*Il-Qamħ* - artiklu li jikkritika lill-Gvern għall-għoli tal-prezz tal-qamħ. L-artiklu jargumenta li diversi pajjiżi jgawdu minn prezzijiet baxxi, u l-Maltin, li suppost li qed igawdu minn prezzijiet orħos minħabba l-kummerċ, qed jeħduh ogħla tort ta' "xi erba' sanglotti li qed jissassnaw tant familji."
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.1.)

*Disgrazzja l-aktar kbira għall-Maltin kienet sejra tissuċċiedi* - Id-diżgrazzja li qed isemmi hija l-aħbar li l-"Ħanin Kontrollur" kien se jsir Kollettur minflok ċertu Giovanni Vella. *Il Giurnal Malti* jitlob 'l Alla "jilliberana minn wieħed tirann, li jista' jagħmel id-deni lill-proxxmu tiegħu."
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.2.)

Artiklu li jsemmi kif suldati ta' l-R.M.F.A. kienu nvoluti fi ġlied u f'sakra. Il-ġurnal isostni li dak li hu tort tas-suldati mhux sewwa li jeħel għalih is-Surġent.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.2.)

Artiklu li jerġa' jsemmi aktar dettalji dwar każijiet li qed isiru fil-Qorti.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.3.)

Kitba li targumenta li l-piena kapitali (il-forka) hija ħaġa "barbara" u li ma tgħoddx għalina jekk irridu nsejħu rwieħna pajjiż ċivilizzat. Għalhekk għandha titneħħa.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.1.)

Artiklu bla titlu li jsemmi li se jiġi nominat Sir Henry Storks bħala l-Gvernatur ta' Malta. Billi fil-gżejjer Jonji kien imfaħħar għat-tmexxija tiegħu, *Il Giurnal Malti* juri xewqa li Malta tgawdi wkoll minnu.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. P.2.)

Artiklu ieħor li jsemmi li Sir Gaspard le Marchant qed jistenna l-kummissjoni biex jitlaq f'nofs ix-xahar id-dieħel.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.2.)

Artiklu li jħabbar li Franġisku II se jerġa' jitla' fuq it-tron tiegħu, għax Franza, l-Awstrija, il-Prussja (l-Awstrija) u Spanja jixtiequ jirritornawh. Isemmi wkoll li din l-aħbar se tkompli ġġennen lil Stenterello. Il-qawwa tal-Papa tidher dejjem qawwija. Artiklu li jimxi minn aħbar politika għal kummenti ta' tgħajjir.

(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. pp.3-4.)

Bla titlu - ilment li meta kaċċatur ikun Malti, issir tiftixa fuqu u jitolbuh il-lingwa permess. L-artiklu jistaqsi għalfejn jekk il-kaċċatur ikun Ingliż dan ma jsirx. Irritazzjoni li l-Maltin huma ittrattati agħar mill-Ingliżi f'arthom stess.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.4.)

*Malta* - artiklu li jsemmi li ġiet ippubblikata t-tweġiba li l-ministru bagħat lill-Gvernatur Sir J.G. Le Marchant. Artiklu b'ton ta' rabja li jfakkar li l-Maltin kien bi pjaċir tagħhom ċedew arthom lill-Ingliżi, u dawn m'għandhomx jeħdulna dak li hu bi dritt tagħna, isostni l-artiklu.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.1.)

Kitba b'riferenza għal kitba li dehret fil-gazzetta *Torre di Babele* iffirmata *Min jaħqar lill-Maltin ikun maħqur* : *Il Giurnal Malti* f'dan l-artiklu jgħid li din il-gazzetta hija miktuba tajjeb. Issemmi l-fatt li l-ġustizzja ma ddisponietx sewwa minn Webster (ara kummenti oħra dwaru f'din it-taqsima - Ħarġa 20). Xi nies Maltin sabuh, tawh xebgħa u spiċċa l-isptar. Wara, ħarab lejn il-Kajr.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.2.)

Kitba dwar it-trattat li Napuljun iffirma biex fi żmien sentejn ineħħi t-truppi kollha; u jirreferi għall-gazzeta *Lloyd Maltese,* u jgħid li Napuljun qed jgħaddi ż-żmien b'Garibaldi. Artiklu li jieħu l-okkażjoni biex jirridikola l-ideat garibaldini.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.3.)

Kitba li ssemmi dettalji fil-kunflitt fin-"*'Nuova Olanda"*
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.4.)

*Mewt bil-Ħaqq* - kitba li terġa' ssemmi lil Sir Bullock Webster. Tgħid li mal-wasla tiegħu fl-Eġittu, sabuh Maltin Insara li kienu jinsabu fl-Eġittu li ħassewhom insultati bil-kitba tiegħu, tawh xebgħa u qatluh. Żvilupp fuq dak li jissemma dwaru fil-ħarġa li għaddiet (ara aktar 'il fuq)

(Ħarġa 25, 10 t'Ottubru 1864. pp.2-3.)

*Malta* - tittratta l-faqar u t-tbatija li xi nies ikkawżaw: riferenza diretta għall-Gvern Kolonjali. "Jekk dawn il-lpup ta' madwar il-Gvern ma jitbiddlux, nibqgħu dejjem fl-istess mużikata."
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

*Kelmtejn 'l-Awtorita'* - Kitba fejn il-kittieb jilmenta dwar il-fatt li nies militari jitħallew iduru fit-toroq bix-xwabel, u, biex tkompli tagħqad, jisiltuhom għall-pubbliku anke jekk ħadd ma jipprovokahom jew jinsultahom. Jirreferi għal fatti li ġraw.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.4.)

*Malta* - kitba li tkompli tattakka l-Gvern kolonjali, u l-manuvri kontra l-Maltin li jagħmlu l-erbgħa min-nies ta' madwar il-Gvernatur u li tort tagħhom hawn tant tbatija f'Malta.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.2.)

*Kelmtejn lill-Poplu Malti* - kitba li tindirizza lill-poplu Malti. Tirreferi għall-elezzjonijiet tal-kunsillieri, li minnhom jiddependi d-destin tal-poplu Malti. L-artiklu jfakkar lil kulħadd li ċerti kunsillieri lagħbu lill-poplu Malti, u minflok ħbieb kienu għedewwa tiegħu. "Din it-twiddiba nittamaw li tibqa' stampata fi qlubkom għall-vantaġġ tal-patrija."
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.2.)

*Il-Gvern tal-Gżira* - tirreferi għall-kunsillieri u tikkritikahom. Il-kitba tgħid li jagħmlu affarijiet mill-agħar u jiftaħru kemm huma patrijotti.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Il-Partenza ta' l-Eċċellenza l-Gvernatur Sir J.G. Le Marchant* - kitba li tipprovdi dettalji tat-tluq ta' Sir Le Marchant minn Malta u kemm ftit nies marru jarawh sejjer, ħafna minnhom għall-kurżita' aktar milli rispett, jgħid *Il Giurnal Malti.* Issemmi l-isforzi tiegħu biex jimbarazza l-Knisja f'Malta. Il-kitba tagħlaq billi turi tama li Sir Storks ikun aħjar minn Le Marchant u "minn nagħġa ma jsirx lupu ħtija tat-Trianglu...". Dan it-Trianglu huwa tlieta min-nies fil-mira ta' dan il-ġurnal: Il-Kollettur, Il-Kontrollur u l-Fiskal. *Il Giurnal Malti* jkompli jisħaq li minn dan it-trianglu li ġejja ħafna mit-tbatija tal-Maltin.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Fuq is-Suq* - ilment biex isiru spezzjonijiet fuq tal-laħam, għax dan ġieli ma jkunx tajjeb. *Il Giurnal Malti* jkompli s-sehem tiegħu li jsemma' leħen dwar l-ilmenti tal-poplu.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.3.)

*Lill-Pulizija* - appell lill-pulizija biex jieħdu passi ħalli jitrażżan il-ġiri u s-sewqan bl-addoċċ ta' min ikun bil-karettuni u karozzini.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.3.)

*Machinam Magistratorum* - artiklu sarkastiku li jikkritika l-qagħda politika f'Malta. Iħabbar sarkastikament li l-Istat xtara magna li tirranġalu ċ-ċitazzjonijiet skond kif irid *in nuova formula.*
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.4.)

*Il-Gvern tal-Gżira* - kitba li tittratta t-tema tal-faqar f'pajjiżna, ħaġa li jħossuha l-aktar il-batuti, l-iltiema, l-għomja, u tant oħrajn.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.1.)

*Is-Suq tal-Belt* - aktar ilmenti li *Il Giurnal Malti* jixtieq li jesponi sabiex jittieħdu passi kontra l-abbużi tal-bejjiegħa.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Kontravenzjoni* - kitba qasira dwar persuna li nqabdet tipprattika ta' tabib f'Malta mingħajr ma kellha l-permess biex tagħmel dan.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Avviż lill-Pubbliku* iffirmat *Nittamaw li ma Tonqsux*: Appell ieħor serju li dan il-ġurnal qed jagħmel lill-qarrejja tiegħu biex joqogħdu attenti lil min jivvotaw bħala Kunsillieri għal din l-elezzjoni li ġejja.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Il-Ġuri* - tagħrif dwar il-każ ta' raġel li qatel lil martu. Il-kittieb jinqeda biex iqanqal il-kwistjoni tal-ġustizzja fil-pajjiż.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Avviż lill-Pubbliku Malti* - kitba li ssostni li l-preżenza ta' Sir Henry Storks bħala Gvernatur ta' Malta se sservi ta' ġid għal pajjiżna.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.3.)

*Regia Corte di Sua Maesta' Criminale* - dettalji ta' każ ta' ġuri . L-artiklu jissokta billi joqgħod jargumenta fuq x'tip ta' ġustizzja għandna.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. p.4.)

*Malta* - ħarsa lejn kif il-Gvern jaħqar u jagħfas lill-poplu tagħna biex jistagħna hu. Jgħid li l-Ingliżi u n-nisa tagħhom jgħixu ħajja komda filwaqt li l-Maltin huma dejjem imċaħħda u maħqura.
(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

*Il-Monti di Pieta'* - tirreferi għall-gazzetta *Idee e Fatti.* Jirreferi għal dan l-istabbiliment, li ġieli jiswa ta' rovina għal ħafna nies, u li mhux jitmexxa tajjeb. "Hekk sew, Sur Kollettur?", tistaqsi l-gazzetta. L-artiklu jsostni li din id-diżorganizzazzjoni ssir apposta sabiex il-Kollettur japprofitta ruħu. *Il Giurnal Malti* jgħid: "ara sew kif se tirranġa din il-biċċa, għax inkella swat minna tistenna."

(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. pp.2-3.)

*L-Amministrazzjoni Ħażina tal-Gżira, u l-Pulizija mir-ras sat-tarf* - aktar kritika ħarxa għall-gvern u l-pulizija, l-aktar fuq il-mod ta' kif jiġu ittrattati dawk li jkunu arrestati.
(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. p.3.)

*Malta* - ħarsa lejn it-tip ta' tmexxija li addotta Storks għal Malta. Il-kitba, pero', tagħti l-ħtija lill-Gvern ta' l-għawġ kollu li hawn f'Malta. Issemmi l-prostituzzjoni u t-tnassis bla rażan, fost l-oħrajn. L-istess artiklu jsemmi n-nies kollha li se jikkontestaw għall-elezzjonijiet tal-kunsillieri.
(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. pp.1-2.)

*Is-Suq tal-Belt* - kritika lil dan l-istabbiliment, li din id-darba ddur lejn il-kera għolja li l-bejjiegħa jridu jħallsu. Tissemma ż-żjara ta' Storks f'dan il-post, u kif Storks tħasseb meta ra l-qagħda ta' dawn il-posti.
(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. pp.2-3.)

*Avviż lil Kulħadd* - talba lill-Maltin biex iqumu għal dak li tagħhom u jsemmgħu leħenhom meta jingħataw iċ-ċans u ma joqogħdux lura, l-aktar permezz ta' l-elezzjonijiet tal-kunsillieri.
(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. p.3.)

*Il-Pulizija* - tgħid li n-numru ta' pulizija fit-toroq hu ftit wisq biex il-pulizija tkun tista' tagħmel xogħolha sew.
(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. p.3.)

*Malta* - tkompli d-deskrizzjoni tas-Suq tal-Belt. It-tbatija li qed toħroġ mill-qagħda tan-nies hija ħtija tal-Kollettur.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.1.)

*Avviż* - tkompli t-twiddiba li n-nies iridu joqogħdu attenti lil min se jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-kunsillieri.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.2.)

*Brigata* - tissemma l-ewwel brigata għall-unur ta' Storks. Insibu fl-artiklu deskrizzjoni ta' x'ġara. Jissemma t-*Trianglu*, kompost mill-Fiskal, Il-Kollettur u l-Kontrollur.
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. pp.3-4.)

*Malta* - kitba li tirreferi għall-imposturi li f'idhom għandhom it-tmexxija ta' Malta. Tkompli tibni fuq it-tema ta' kritika lill-Gvern kolonjali.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. p.2.)

*Avviż lill-Pulizija* - kritika għan-nuqqas ta' għassa u sigurta' fl-Belt, l-aktar fi nħawi mwarrbin u fejn hemm nuqqas ta' dawl.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. pp.3-4.)

*Kelmtejn lill-Pulizija tal-Marina* - issostni li l-pulizija tal-Marina, peress li fuqha jiddependu il-portijiet u l-interessi pubbliċi, iridu jkunu edukati. Għalhekk, korpijiet differenti ta' pulizija m'għandhomx jitħalltu.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. p.4.)

*Malta - L-Elezzjoni* - dwar it-tnassis u l-qerq li jużaw il-kandidati biex isiru kunsillieri. *Il Giurnal Malti* ma jonqosx li javża li hawn ħafna "nies foloz"
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.3-4.)

*Il-Pulizija tal-Marina* - jitkompla l-argumant li deher fl-aħħar ħarġa (ara fuq) dwar dawn il-pulizija. Din id-darba, il-ġurnal jgħid li dawn għandhom jiġu ittrattat aħjar u fuq bażi separata mill-pulizija l-oħra.
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.3-4.)

*Malta* - jissemmew il-kunsillieri kollha li ġew eletti, bin-numri ta' voti li kisbu. Dan l-artiklu jkompli jzid mal-poeżija li tidher fl-istess ħarġa (ara t-taqsima dedikata lill-poeżiji b'tema politika)
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. pp.2-3.)

*It-Triqat tal-Belt* - forma ta' ilment dwar l-istat ħażin tat-toroq tal-Belt, u mhux biss għall-qiegħa, imma ilmenti oħra bħal nuqqas ta' dawl xieraq. Jissemmew ukoll abbużi marbutin ma' dan l-istat ħażin: "sewwa sodomija, sewwa adulterji, kif ukoll xbejbiet li joħorġu minn djar ommhom, jiltaqgħu ma' min għandhom jiltaqgħu . . . u hemm jinqdew bħallikieku darhom."
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.3.)

*Avviż fuq l-Għejjun tal-Belt* - dwar li xi ħadd kisser l-għejjun ta' l-ilma u dan qed jintilef. Minħabba f'hekk qed ibatu nies oħra. Il-kitba titlob lill-awtoritajiet jagħtu attenzjoni lil dan il-fatt u jirrimedjaw mill-aktar fis.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.3.)

*Pulizija tal-Marina* - tkompli l-kritika lil dak "l-imbeċilli" li għaqqad iż-żewġ korpi tal-pulizija flimkien, kwistjoni li dan il-ġurnal kien qajjimha qabel.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. pp.3-4.)

*Il-piż kbir li qed iġġarrab il-gżira mill-pensjonati kollha* - ilment li filwaqt li nies tajbin għas-servizz jintbagħtu bil-pensjoni, oħrajn li jkunu taw servizz tajjeb lill-Kuruna jingħataw pensjoni "tal-laqx" jew xejn.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.4.)

*Malta* - Dwar il-kunsillieri u l-elezzjonijiet tagħhom l-artiklu jgħid li dal li jagħmel u jiddeċiedi l-kunsill għandu jkun fid-deher u mhux fis-satra, għax b'dan il-mod biss jista' jiġi żgurat li dak li jsir isir fl-interess tal-poplu kollu.
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.2.)

*Il-Kunsillieri* - aktar dwar il-Kunsillieri, imma l-aktar dwar il-*Mediterraneo.* Jgħidlu li għandu "skrittur ateju".
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.2.)

*Pulizija tal-Marina* - tkompli l-polemika li qed isaħħan dan il-ġurnal dwar x'għandu jsir minn dan il-kopr u kif għandu jiġi ittrattat.
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.4.)

*Qorti tal-Maġistrati* - dettalji ta' każijiet kriminali li dehru quddiem il-ġustizzja u kif inqatgħu.
(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.4.)

*Rakkomandazzjoni lill-Kunsillier għall-ħtieġa tal-gżira* - artiklu li jindirizza l-Kunsillieri biex dawn jieqfu għall-ħtiġijiet tal-poplu tal-gżira, u mhux kif għamlu xi kunsillieri oħra, jagħmlu kif jgħid il-Gvernatur.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. pp.1-2.)

*Darb'Oħra fuq il-Foqra tal-Gżira* - kritika għall-Gvern li jikkawża l-faqar. Issemmi li l-għażż hu ħażin u ġej mill-għaks, li t-tfajliet li jkunu fil-għażż ituha għat-triq tal-ħażen, u s-subjien isiru ħallilin u qattiela għax minħabba li jkunu draw fil-għażż ma jkunux tajbin imiddu idejhom għal xejn. U dan kollu tort ta' min qed imexxi.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

*Avviż lill-Pulizija* - kritika għall-ineffiċjenza tal-pulizija u talba għal aktar għassa fit-toroq tat-Tlitt Ibliet. Flimkien ma' dan hemm talba biex is-sistema tad-dawl titjieb.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

*Avviż leħor lill-Pulizija* - aktar dwar kif il-pulizija tippreferi lill-Ingliżi u kif dawn il-ġustizzja ma tilħaqhomx.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

*Malta* - tirreferi għall-kriminalita' li dejjem qed tiżdied kulma jmur. Issemmi li l-pulizija mhix effiċjenti, li taqdi biss lill-Ingliżi u wkoll li hija żgħira wisq fin-numru.
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.2.)

*Il-Gvern tal-Gżira* - tħassib għar-rata għolja ta' kriminalita'u kritika lill-Gvern u l-Pulizija. L-artiklu jsemmi każijiet ta' serq li seħħew u li l-ġurnal ma jixtieqx li jintesew.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. p.1.)

*Avviż lill-Pulizija* - appell minn dan il-ġurnal biex il-pulizija trażżan lil kull min isuq bl-addoċċ fit-toroq. Qed jirreferi għall-karettuni u karozzini biż-żwiemel.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. pp.2-3.)

*Is-Suq tal-Belt* - kitba li tkompli tinsisti fuq il-kirjiet għolja, imma kif ma sar xejn, u ntreħa kollox f'idejn il-Kollettur. Kritika għas-sistema kif tinjora l-ilmenti tal-Maltin.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. p.4.)

*Qorti tal-Maġistrati* - kritika lis-sistema tal-ġustizzja li taġevola lill-Ingliżi bla skruplu u tinjora u tgħakkes lill-Maltin.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. p.4.)

*Il-Gass tal-Belt* - abbużi li qegħdin isiru fis-sistema ta' l-illuminazzjoni tal-gass fil-Belt, fejn il-fanali jew ma jinxtegħlux jew jintfew malajr.
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.2.)

*It-Triqat tal-Belt* - kitba li terġa' tenfasizza l-istat ħżiena tat-toroq fil-Belt. Fuq kollox tgħid: "aħna milgħubin mhux ftit minn erba' kbarat...imma paċenzja la m'għandniex min jaqbeż għalina."
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.2.)

*Fuq il-Qrati ta' Malta* - kritika lis-sistema tal-ġustiżżja għad-dewmien u l-qerq fil-ġustizzja. Jissemmew kemm il-Prim Awla, kif ukoll il-qorti ta' l-appelli li mhi ġusta xejn.
(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.4.)

*Il-Għaks tal-Gżira* - kitba li tittratta dwar l-għaks, ħaġa li twassal biex iż-żgħażagħ jaqbdu t-triq il-ħażina minħabba l-għażż. Dan huwa wkoll tort tal-Gvern, tinsisti din il-kitba.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.2.)

*L-Isparar minn fuq is-swar* - kitba li tilmenta dwar l-isparar ta' kanuni minn fuq is-swar. *Il Giurnal Malti* qed iwassal dan l-ilment minħabba li dan l-isparar qed jikkawża inkonvenjent għal kulħadd u jeħtieġ li jinqata'.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.3.)

*Il-Ħwienet ta' l-Ibliet u tal-Furjana u kulma jmiss magħhom* - tkompli fuq it-tema tal-poeżija *Briedel Pubbliċi* li dehret f'Ħarġa 39 (ara t-taqsima tal-poeżiji b'dik it-tema)
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.2.)

Kitba bla titlu fejn insibu kritika għall-atti koroh li n-nisa fil-ħwienet li semmejna qabel jagħmlu "bis-saħħa tas-Sur Eċċellenza Le Marchant li kien ippermetta dan kollu." (ara *Briedel Pubbliċi* li dehret f'Ħarġa 39) Ir-raġuni hi li fejn qabel għall-permess tal-ħwienet ridt tħallas somma flus sew, illum le. L-artiklu jkompli jikkundanna dawn il-ħwienet li tinsisti li m'huma xejn inqas minn briedel.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. p.2.)

*Malta - Dispotiżmu tal-Maġistrati taħt il-Kostituzzjoni Libera ta' l-Ingliterra* - kitba ta' kritika għat-tmexxija, din id-darba iffokata fuq meta jkollok tgħaddi ġuri jkollok tqatta' l-ħin ta' l-istennija tiegħek f'post maħmuġ u nieqes minn kull diċenza civili.
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.2.)

*L-Isptar* - kritika għan-nuqqas ta' varjeta' ta' ikel fl-isptar, tan-nuqqas ta' ħin tad-dħul li qed isir tort ta' l-awtoritajiet.
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.2.)

*Wied Inċita* - kritika għan-nuqqas ta' serjeta' fl-istituzzjonijiet importanti ta' pajjiżna. Jissemma n-nuqqas ta' sorveljanza fil-manikomju wara l-ħarba ta' mara li kienet taħt kura.
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.3.)

*Il-Viġilanza tal-Pulizija* - tkompli n-nota ta' kritika lill-Gvern, din id-darba mleħħna lejn il-pulizija. Kritika li dawn ġieli jħarrku n-nies bla raġuni fis-suq imbagħad iħallu affarijiet agħar jgħaddu bħallikieku xejn. Jgħidilhom: "Għassu lill-ħalliel, u lill-galantom ħalluh bi kwietu, nies ta' bla ġustizzja!"
(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. pp.3-4.)

*Malta u s-Sanita'* - aktar ilmenti dawr il-kwistjoni mqajma qabel ta' laħam ħażin li qed jinbiegħ fis-suq tal-Belt.
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.2.)

*Il-Valigia* - ilment dwar is-servizzi postali tagħna. Jallega li fl-uffiċċju tal-posta qed jinsterqu ħwejjeġ importanti. Il-kitba tindirizza lill-Gvernatur biex jara li abbużi bħal dawn ma jsirux.
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.2.)

*Abbużi mill-Pulizija* - kitba li ssemmi attentati mill-awtoritajiet Ingliżi biex jinqatgħu festi relatati ma' l-Irxoxt, u l-istess ġara fil-każ tal-Karnival. Din il-kitba hija ħarxa, u b'ton ta' rabja tfakkar li "Malta mhix ikkonkwistata imma mogħtija a buona grazia tal-Maltin."
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.3.)

*Malta* - kitba ta' dispjaċir kif il-Maltin qed ibatu u jiġu mċaħħda minn dak li hu tagħhom biex jiġu ikkomodati l-Ingliżi.
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.2.)

*RMF Artillery* - dwar il-korruzzjoni li qed tirrenja f'dan ir-riġment ta' suldati. Il-kitba tittratta wkoll ir-reklutaġġ ta' rekluti ġodda.
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.3.)

*Ġranet Ilu* - tifħira għad-deċiżjoni li mal-mewt ta' maġġur fl-R.M.F.A., sar floku ċertu Giuseppe Giordimaina, li ħaqqu jokkupa dan il-post. (ara wkoll il-poeżija relatata ma' dan il-bniedem imsemmija *Giordmaina)*
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.3.)

*Malta* - artiklu dwar il-qagħda u t-trattament ħażin li x-xjuħ qed jirċievu f'diversi djar li huma mwaqqfa għalihom.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Is-Sanita' ta' Malta* - kritika lill-awtoritajiet, din id-darba fuq is-sanita', lit-tobba inkarigati mill-kwarantina li bit-traskuraġni tagħhom setgħu idaħħlu l-pesta f'Malta.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. p.3.)

*Il-Ħwienet Pubbliċi* - ilment li jsemmi kif il-pulizija tordna li l-ħwienet ikunu magħluqin "fl-aħjar ħinijiet tal-ġurnata". Il-kittieb jitlob aktar komprensjoni u għal raġunament mill-Pulizija.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Malta* - aktar ilmenti għall-kwalita' ta' laħam u ta' ħut li qed jinbiegħ fis-suq tal-Belt.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.1.)

*It-Triqat* - kitba ffirmata *Għad Għandna xi Ngħidu* li ssemmi l-abbużi li qed isiru minn min qed isewwi t-toroq u li l-qagħda tagħhom hija ta' diżunur. Jiddeskrivi lil min hu nkarigat isewwi t-toroq bħala ħallilin.
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Malta* - kitba li tagħti dettalji ta' l-arrest ta' ċertu Rosario Messina.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Alloġġ Ġdid* - dwar ħanut imsejjaħ alloġġ li mid-dehra jservi għal skopiiet oħrajn, josserva dan il-ġurnal. Il-post, li hu msemmi bl-indirizz, fih "xbejbiet brunetti" li jekk tmur fih u jkollok il-flus "tkun moqdi minn fuq s'isfel!" *Il Giurnal Malti* jikkummenta mhux ftit għal dak li qed isir fi ħwienet bħal dawn.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.3.)

*Malta: Kwarantina* - dwar it-tmexxija ħażina tal-kwarantina f'Malta u bit-traskuraġni tista' sseħħ xi disgrazzja fuq pajjiżna għax ninħakmu minn xi marda kerha.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. pp.2-3.)

*Ċitazzjoni fil-Maġistrati* - dwar każ u kif inqata' fil-Qorti tal-Maġistrati.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.3.)

*Il-Kwarantina u l-Lazzarett ta' Malta* - tissokta l-kritika tat-tmexxija tas-sistema tal-kwarantina u tal-Lazzarett.
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*R.M.Г. Artillery* - dwar is sistema ħażina ta' tmexxija ta' dan ir-riġment ta' suldati.
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Ix-Xjuħ tal-Furjana* - dwar tmexxija ħażina f'dan l-istabbiliment, fejn il-Kontrollour ġab avukat minflok tabib, meta dan miet. Il-ħtieġa f'dan il-post mhux ta' avukat, imma ta' tabib, josserva l-ġurnal.
L-istess kitba tgħid li ċertu xeni li jidhru f'dawn il-postijiet huma ta' l-akbar stmerrija.
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.3-4.)

*Ir-Rovina ta' l-Irġiel Miżżewġa fil-Ħwienet ta' L-ispirti immexxijin minn nisa ta' ftit unur*- riferenza għall-ħwienet tax-xorb, li jkunu mmexxija minn nisa ta' ftit unur, li bl-aġir tagħhom, qed iservu ta' ħsara għall-irġiel miżżewġa. Din il-kitba twassal l-idea li n-nisa huma s-sors tal-ħażen, u li huma l-miżerja tagħna minħabba t-tixrid tal-vizzjijiet tax-xorb u "oħra koroh".
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.4.)

*Malta: Lazzarett u l-Inkonvenjent kbir tal-Kwarantina*- kitba li tagħti daqqa t'għajn sewwa lejn in-nuqqas ta' serjeta', ta' iġjene f'dan il-post. Il-kitba tisħaq l-importanza li dan il-post ikun immexxi sewwa.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.2.)

*Il-Gvern tal-Gzira* - tittratta l-kwistjoni ta' l-emigrazzjoni. *Il Giurnal Malti* jisħaq: "għanda bosta lokijiet (jiġifieri postijiet) jekk wieħed irid jirrimedja, iżda għall-Maltin biss u mhux għall-frustieri". Kif qed naraw, anke f'dan il-qasam hemm biża' li ħaddieħor jiġi stmat aktar u aħjar mill-Maltin.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. pp.2-3.)

*L-Ilsna Xellerati tan-Nies* - dwar il-mewt ta' waħda mara, li n-nies bdew jaħsbu li ġrat minħabba l-kolera. Il-kitba tikxef il-biża' li kien hawn minħabba din il-marda (li kienu jgħidulha "il-korla") minħabba r-rimedji primittivi tas-saħħa.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Avviż ta' Importanza* - dwar il-fatt tas-siġġijiet tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Il-ġurnal juri x-xewqa li avvenimenti koroh jiġu evitati, u li l-problemi ġejjin minn "erba' sfaċċendati ta' ksir il-għonq!"
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Malta: Lazzarett* - aktar kritika dwar it-tmexxija ħażina ta' dan il-post.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.2.)

*Il-Ħwienet Kullimkien - Liċenzji Illeċti għax Assolutament Briedel* - dwar il-qżież li qed jidher fi ħwienet bħal dwan, u li għax persuna għamlet ċitazzjoni spiċċat ħażin "minħabba d-dispotiżmu tal-Maġistrat."
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. pp.2-3.)

*Foggia ġdida ta' Passiġġieri Orjentali* - dwar barranin li jinsabu f'Malta, deskritti hawn bħala 'skart ta' l-artijiet'. Minbarra li jikkritika l-ilbies, ir-reliġjon u d-deportazzjoni ta' dawn il-barranin, l-artiklu jiddeskrivi l-imġieba ħażina tagħhom u tiddeskrivihom bħala li "jridu jinnamraw ma' kull xebba Maltija li jaraw".
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.4.)

*Avviż lis-Soċji* - aktar dwar is-suq tal-laħam u tal-ħut fil-belt. Il-ktiba targumenta li l-biċċiera għandhom ikunu mgħallma u li l-pulizija għandha tagħmel xogħolha u tiżgura li ma jsirux abbużi.
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.4.)

*Malta: Il-Kumitat Sanitarju*- aktar argumenti dwar il-qagħda tas-sanita' f'Malta. L-artiklu jargumenta li jekk għandna l-kolera f'Malta, "din ġabuhielna dawn tal-Kumitat u ħadd ieħorl Biex? Bit traskuraġni..."
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.2.)

*Tax-Xjuħ* - il-ġurnal jiddeplora l-mod ta' kif qed jiġu ttrattati x-xjuħ fl-istabbilimenti tagħhom.
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.2.)

*L-Isptar Ċentrali tal-Furjana* - artiklu li jixbaħ lil ta' qablu, fejn jissemmew abbużi li qed isiru f'dan l-isptar ukoll.
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.2-3.)

*L-Isqof u l-Gvern* - ilment fejn il-Gvern qed jerġa jipprova joħnoq il-drawwiet u l-festi reliġjużi. Din id-darba, il-Gvern ordna li ma jsirx daqq ta' qniepen u tal-banda mal-Vjatku.
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Is-suq tal-Belt* - appell ieħor biex tingħata attenzjoni għall-mod li bih qed jitmexxa dan is-suq.
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.2.)

*Fatt Barbru* - il-kittieb josserva kif il-karru ta' l-infirmerija beda jgħabbi n-nies mejtin bl-istess mod li bih kienu jerfgħu l-iġsma tal-mejtin fi żmien il-pesta. Il-kittieb jitlob ftit prudenza. L-artiklu jikkritika wkoll il-fatt li l-kwarantina mhux qed issir kif suppost. Il-kitba tagħlaq hekk:
"L-aħwa Maltin, nitolbu lil Marija Santissma, u lil San Pawl biex jaqilgħulna l-grazzja mingħand il-Gran Alla li jilliberana minn dan il-kiefer flaġell."
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, pp.2-3.)

*Avviż lill-Pulizija* - aktar ilmenti dwar bejjiegħa fis-suq, din id-darba dwar nies li jbigħu frott mhux tajjeb u jitħallew jagħmlu dan mill-awtoritajiet, inklużi l-pulizija.
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.4.)

*Malta: Amministrazzjoni ta' dan il-Gvernatur u s-Suċċessuri tiegħu kollha* - kitba li tqabbel it-tmexxija ta' Bouverie tas sena 1837 mat-tip ta' tmexxija li qed jagħmel Storks.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.2.)

*Id-Dispotiżmu u l-Moħqrija tal-poplu Malti* - artiklu li jħares lejn il-fatt li konna aħna li tlabna lill-Ingliżi li jkunu fuqna. Issa li ħaduna taħt idejhom, qed jaħqruna u jisfruttawna, jgħid dan l-artiklu.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, pp.2-3.)

*Nies li qegħdin jaħdmu fil-Kolera* - tirreferi għal kull min jaħrab mill-effetti tal-kolera billi jaħrab fil-kampanja (jiġifieri 'il bogħod mill-bliet).
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.3.)

*It-Tobba li ħadmu fil-kolera ta' l-1830 u li qegħdin jaħdmu fil-kolera tal-lum* - kitba li tfaħħar tobba magħrufa li qed jagħmlu kulma jistgħu biex inaqqsu t-tbatija ta' ħaddieħor bla ħlas.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, pp.3-4.)

*Appello al Popolo* - kitba li ssemmi appell mill-Gvern għall-karita' għal dawk in-nies li ntlaqtu mill-kolera. l-artiklu jistaqsi: Il-Gvern qed jistaqsi għall-karita' wara li tort tad-dispotiżmu u t-traskuraġni tiegħu ninsabu infettati?
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.4.)

*Malta* - aktar ilmenti dwar il-firxa tal-kolera f'Malta. Jissemmew il-forzi tal-Gvern u tas-Saħħa li ma rnexxielhomx irażżnu t-tixrid tal-mard.
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, pp.2-3.)

*Fuq il-Kolera* - avviż li jtenni li tort tal-Gvern, il-kolera s'issa qatlet 700 ruħ, u mill-inqas 1,299 persuna jinsabu infettati. Il-kitba tosserva li l-marda qed tonqos.
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, p.4.)

*X'għandna nagħmlu sabiex inbiegħdu minna l-kolera* - kitba li tagħti lista ta' prekawzjonijiet, jew pariri biex il-marda tal-kolera ma tixteridx.
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, p.4.)

*Malta - Kummenti dwar il-Kolera u l-effetti tagħha f'Malta* - aktar tagħrif dwar il-kolera u kemm laqtet ħażin lill-poplu. Insibu wkoll kritika lilll-awtoritajiet, li jingħataw it-tort kollu.
(Ħarġa 57, 10 ta' Settembru 1865, p.1.)

*Malta - Il-Kolera f'Pajjiżna* - kitba li tfakkar li din il-marda ilha ddur magħna tliet xhur "a kapriċċ tal-Kumitat tas-Sanita'". Jissemmew forom differenti ta' tbatija li ġabet magħha din il-marda, fosthom kemm tfal saru iltiema, kemm nisa saru romol.
(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, pp.2-3.)

*Il-Kolera* - rakkont ta' l-effetti tal-marda fuq il-popolazzjoni ta' Malta. L-artiklu jsemmi li mietu ħafna nies, imma nsibu l-aktar tgħajjir lill-*Portafoglio Maltese*, li jgħid li huwa patrijottiku meta jfaħħar lill-Gvernatur.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, p.2.)

*Appello ai Rabbatani* - kitba bit-Taljan li tkompli tittratta politika bl-istess mod li jagħmlu l-kitbiet bil-Malti. Fuq kollox, din tmaqdar lill-garibaldini.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, pp.2-3.)

Kitba li ssemmi kif il-Kumitat taż-Żejtun wera x-xewqa li jitwaqqaf sptar fiż-Żejtun. *Il Giurnal Malti* josserva li ħaġa bħal din mhix ħaġa tal-Kumitat imma ħaġa tal-Gvern.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, pp.3-4.)

*Malta* - Dwar il-kitba *Il-Kolera ed il Governo* ta' Ramiro Barbaro di San Giorgio. *Il Giurnal Malti* jfaħħar lil Ramiro Barbaro u l-pubblikazzjoni tiegħu. L-istess kitba ssemmi l-qerda li l-kolera għamlet fost il-popolazzjoni Maltija, u tfaħħar in-nies li ħadmu biex tittaffa t-tbatija tan-nies.
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.2.)

*Il-Pulizija* - talba biex il-pulizija jkunu armati, u mhux jissugraw ħajjithom mal-kriminali. Kif inhi s-sitwazzjoni, jgħid *Il Gurnal Malti*, il-pulizija tibża' mill-ħalliel u mhix *vice versa.*
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.2.)

*Qorti tal-Maġistrati ta' Malta* - dettalji tal-każ ta' l-editur tal-*Corriere Mercantile di Malta*, li kien mixli li f'Ħarġa 2885 inġurja lil P.L. Salv. Debono. Peress li kulħadd baqa' b'li ħa, *Il Giurnal Malti* jikkummenta: "dejjem kienu li min jiflaħ jagħti u min ma jiflaħx jeħtieġlu jċedi baxx baxx..." *Il Giurnal Malti* jgħid li ħwejjeġ bħal dawn imorru "fil-Mużew ta' Mawmettu"
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.4.)

*Malta* - kitba dwar il-Kumitat tas-Sokkors għal dawk li mitulhom in-nies bil-kolera. Insibu li dan il-kumitat mhux jagħmel xogħlu u huwa ikkritikat.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.1.)

*Qorti tal-Kriminal* - tagħrif dwar ġuri li nstema' f'din l-awla tal-Qorti.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.3.)

*Is-Suq tal-Belt* - dwar abbużi fil-bejgħ, u issa li pajjiżna għadda mit-tbatija tal-kolera kulħadd irid joqgħod aktar attent.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, pp.3-4.)

*L-Assistenza tas-Saċerdoti* - tifħira lis-saċerdoti li waqfu ma' kulħadd waqt il-marda tal-kolera. L-istess artiklu jispera li l-Isqof jippremja lil dawn is-saċerdoti għall-ġid li għamlu.
(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, pp.3-4.)

*Malta* - ilmenti dwar il-fatt li l-Gvern qatt ma jgħin lill-poplu jew jaqbeż għalih.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, pp.1-2.)

*In-Nisa fil-Ħwienet ta' l-Ispirti* - aktar argumenti dwar dawn il-ħwienet, u kif in-nisa li jkun hemm fihom qed iservu ta' rovina għal diversi rġiel miżżewġa u ġuvintur.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, p.3.)

Kitba bla titlu li tilmenta dwar il-bejgħ ta' laħam u ħut mhux frisk. Appell lill-awtoritajiet.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, p.3.)

Naraw li t-tbaħħir minn Malta se jkompli bħalma kien qabel, wara li kien waqaf għal kollox minħabba l-kolera. L-Isqof hu mistenni li jintona t-*Te Deum.*
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, p.3.)

*Ġuri* - kitba li ssemmi każ ta' qtil, fejn żewġ ġuvintur qatlu lil missierhom.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, pp.3-4.)

*Malta* - Kitba dwar il-vjaġġ ta' Storks, li sar għall-għarrieda u bil-moħbi. *Il Giurnal Malti* jispekula possibiltajiet għal din is-safra ta' Storks.
(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.1.)

*Malta* - Kitba li tieħu l-okkażjoni biex tikkritika lill-Gvern, imma ma tiqafx hemm. Tikkritika bl-aħrax ukoll lill-Kunsillieri.
(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, pp.2-3.)

Kitba dwar każ fejn zewġ uffiċjali tal-pulizija kienu mixlija li sawtu żewġ uffiċjali oħra. L-istess kitba tindirizza lil ċertu Sur Otton li aħjar ma joqgħodx ilablab għalxejn dwar *Il Giurnal Malti*, għax dan jaf jitħallas tajjeb minnu.
(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.3.)

*L-Istampa Libera* - Kitba li tfakkar li d-dritt tal-liberta' ta' l-istampa mogħti mir-Reġina, serva biex jinkixfu l-abbużi li jsiru kontra l-poplu u jintalbu d-drittijiet li jistħoqqulna.

(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.3.)

*L-Arlekkini ta' Malta* - dwar persuna li ħallset il-multi taż-żewġ ġuvintur li semmejna qabel (ara Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, pp.3-4.) biex joħorġu mill-ħabs.
(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, p.3.)

*Malta* - kitba li tistaqsi għalfejn tneħħa l-Gvernatur.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, pp.2-3.)

Kitba li titlob biex ir-riġment ta' l-artillerija jkun imħarreġ aħjar.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.3.)

*Malta* - kritika għall-qagħda ta' Malta taħt il-Gvern Ingliż, li dejjem issir agħar tort tal-mexxejja ta' pajjiżna.
(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, pp.2-4.)

Kitba li titkellem dwar maneġġi u dispotiżmu, din id-darba minn uffiċjali għolja tal-Gvern.
(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, p.4.)

*Il-Flus tal-Kaxxa* - kitba li tosserva kif il-flus ta' Malta qed jintefqu għall-kumditajiet tan-nies għolja u mhux għall-bżonnijiet veri ta' Malta. Kitba li tikkritika bl-aħrax lill-Kunsillieri.
(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, p.4.)

*Malta* - kitba li titkellem dwar il-Gvernatur li ġej flok Storks u s-sentiment dwaru f'Malta. F'din il-kitba, dan il-bniedem ma jissemmiex, imma talludi għalih kontinwament.
(Ħarġa 70, 30 ta' Jannar 1866, pp.2-3.)

*Id-Diżonesta' f'Malta* - aktar dwar il-ħwienet ta' l-ispirti u n-nisa diżonesti li jkunu fihom. Il-ħtija hija kollha tal-Gvern u l-Gvern u l-Kunsillieri.
(Ħarġa 70, 30 ta' Jannar 1866, p.3.)

*Is-Serq fil-belt* - kitba dwar diversi serqiet li saru fil-Belt Valletta fuq diversi ħwienet tad-deheb waqt il-lejl. Kritika lill-pulizija li l-ħallilin vili ma nqabdux.
(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, p.3.)

*Il-ħajja tagħna mhix żgura* - rakkont ta' fatt veru, fejn suldat Ingliż spara bl-azzarin fuq in-nies u mmanka tifel. Kritika lill-Gvern li jippermetti li jsiru abbużi bħal dawn u jibqgħu għaddejjin.
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.4.)

**Poeżiji:**

*Is-Sellum tal-Lanterna Maġika* - poeżija ffirmata minn *Gagasennu* li tittratta l-Gvern kolonjali, tikkritikah mhux biss fuq il-mod li bih jimxi f'Malta imma wkoll affarijiet li ġraw f'pajjiżi oħra li jmisshom iġibu mistħija lill-Ingliżi
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, pp.3-4)

*Aħbar tal-Miġja Fis ta' Gvernatur Ġdid għall-Gżira* -poeżija ta' kritika għall-gvernaturi l-qodma u tama fil-Gvernatur il-ġdid ta' Malta.
(Ħarġa 25, 10 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

*All the World is a Stage* - tikkritika l-inġustizzji li jsiru fis-sistema tal-ġustizzja. Bħala tema tieħu vers minn xogħol ta' William Shakespeare, ħsieb li jkompli jiġi msaħħaħ fil-poeżija.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

*It-Tama tal-Gżira* - poeżija ffirmata *Malti*, li tgħid li s-saħta ta' Malta hija l-mibegħda u l-għira. Jekk tneħħi din, ikompli l-artiklu, jkollna l-paċi.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

*Fuq l-Ilsiera* - poeżija li titratta l-qagħda tal-Maltin taħt il-Gvern kolonjali. Il-poeżija tikkritika n-nies għolja tal-Gvern u tikkonkludi li aħna l-Maltin bħal ilsiera ta' l-Ingliżi.
(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. pp.3-4.)

*Il-Miġja ta' Sir H.Storks ħakem ta' Malta u ta' Għawdex: Merħba Bik !!!* - merħba u tifħira lill-Gvernatur Storks tal-ġid li għamel. Twissih joqgħod attent mit-*Trianglu* (li kif għedna qabel huma l-Fiskal, il-Kollettur u l-Kontrollur) Jgħidulu:

"jekk taħkimna kif kont l-Isoli,
Minn ġo qalbna ma tmut qatt." (jirreferi għal Corfu')

(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. p.4.)

*L-Elezzjoni saret - Il-Kunsilliera li nġibdu fid-19 ta' Jannar 1865* - issemmi xi kunsilliera li ntgħażlu u l-ideali tagħhom. Il-ġurnal jara min huma u l-kontribut tagħhom f'oqsma oħra.
(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

*Il-Hemm u t-Tjassir tal-Gżira imnissel mill-Impjegati u l-Kbarat Maltin* - poeżija iffirmata *Leħen tal-Poplu Muġugħ.* It-tema ewlenija ta' dan l-artiklu hija li l-Gvern qed iqarraq bil-Maltin u jagħmilhom ilsiera.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. pp.1-2.)

*Giordmaina* - dwar bniedem li sar Maġġur fl-R.M.F.A. u li skond *Il Giurnal Malti,* ħaqqu jokkupa dan il-post. Il-kittieb iffirma *Leħen il-Pubbliku.*
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.4.)

*Tħejjija għal Kunsillier Ġdid għall Gżira ta' Għawdex lill-Poplu Għawdxi* - isemmi kif il-Kunsilliera jippruvaw jagħmu lill-poplu bil-wegħdiet imma dan ikun kollu kliem fieragħ.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. pp.1-2.)

*Il-Garibaldini u l-Antipasti Maltin: Frieħ t'Għożżieb bla Skola* - tgħajjira lill-Garibaldini li qed jiċħdu l-fidi tagħhom u tal-Maltin għall-partit politiku tagħhom.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. pp.1-2.)

*Il-Lussu kbir tal-Gżira ta' Malta* - kritika għan-nies li jiddandnu u li jsejħulhom il-"petiti" u li allavolja bil-paga ċkejkna jiddandnu.
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. pp.1-2.)

*Is-Supplikanti Nisa fil-ħwienet l-aktar fl-Erbat Ibliet u fil-Furjana* - poeżija li tkompli tibni fuq dak li tgħid silta oħra: *Ir-Rovina ta' l-Irġiel Miżżewġa fil-Ħwienet ta' L-ispirti immexxijin minn nisa ta' ftit unur* (Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.4.) L-artiklu jagħti t-tort lill-Gvern għat-tixrid ta' ċerti vizzji.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.1.)

*Il-Kunsillieri u s-Sanita' mat-tobba ilkoll kemm huma* - poeżija ta' kritika għad-diżorganizzazzjoni li biha qed titmexxa l-kwarantina u s-saħħa mill-Gvern.
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.1.)

*Il-Għażż u l-Għera mas-Sinjuri Deputazioni* - kritika li tkompli żżid ma' dik ta' l-istess ħarġa, Paġna 1. Aktar kritika lill-awtoritajiet responsabbli mill-kwarantina u s-saħħa.
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.4.)

*It-Tobba u l-Ispiżjara Kollha* - kritika lit-tobba, li mhumiex kapaċi, li jqarrqu li tort tat-traskuraġni tagħhom hawn ħafna inkwiet u tbatija fil-gżira.
(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.1.)

*Masu qatgħulu mnieħru* - poeżija dwar digriet li sar u sfratta. Nassumu li "Masu" huwa xi persuna importanti fl-amministrazzoni ta' dak iż-żmien.
(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, pp.1-2.)

*L-Ispjuni f'Malta* - poeżija li tittratta l-preżenza ta' spjuni f'Malta, li hemm ħafna min jilgħabha ta' ħabib imma jagħmel il-ħsara minn taħt.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, p.4.)

*Il-Miġja u l-Mawra ta' Malti bħalna li ilu nieqes tletin sena minn Malta* - poeżija li tittratta l-qagħda politika ta' Malta, li fiha din il-persuna tosserva nuqqas ta' xogħol, kera għolja, il-kolera u l-gvern dispotiku. Dan il-bniedem itemm il-poeżija billi jaħlef li f'Malta ma jiġi lura qatt iżjed.
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, pp.1-2.)

*In-Negozjanti tal-Qamħ* - dwar l-aġir tan-negozjanti tal-qamħ f' Malta u s-serq li qed jisirqu lill-poplu.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, pp.1-2.)

*Is-Sena 1865* - Poeżija li tħares lejn tmiem is-sena b'nota ta' tama dwar il-futur ta' *Il Giurnal Malti,* iżda fl-istess ħin qalb kemmxejn maqtugħa. Ħarsa wkoll lejn l-avvenimenti politiċi ewlenin ta' din is-sena.
(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, pp.1-2.)

*Is-Sena 1866* - tgergir kontra l-Gvernatur, u nota pessimista għal Malta, peress li ċ-ċans li nkunu aħjar huwa żgħir, għax, kif jgħid l-artiklu, il-Gvernaturi huma kollha ta' ġens wieħed u ma fihomx x'tagħżel.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.2.)

*Malta* - poeżija li titkellem dwar is-sbuħija ta' Malta, fosthom il-fidi qawwija tagħna. Titkellem ukoll dwar il-kruha tagħha, fosthom il-fatt li għandha tmexxija mill-agħar li qed tagħmlilha ħafna ħsara.
(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, pp.1-2.)

<u>Djalogi:</u>

*Taħdita bejn Bertoldu u Bertoldinu* - djalogu iffirmat minn Gagasennu. Għandu bħala tema tal-gvern taż-żmien u l-qerq li fihom huwa involut.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.4)

*Taħdita bejn Bertoldu, Bertoldinu u s-Surmastru tiegħu* - djalogu iffirmat minn Gagasennu u li jkompli fuq dak li deher f'Ħarġa 10 (ara fuq). Għandu bħala tema tal-gvern taż-żmien u l-qerq li fihom huwa involut.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.4)

*Taħdita bejn Salvu u Peppu* - issemmi serqa ta' biċċa tal-baħar minn Tas-Sliema. Is-silta tirrakkonta fatti kif ġraw u tikkritika lill-pulizija u kif mhi qiegħda tagħmel xejn biex tiżgura s-sigurta' ġewwa pajjiżna.
(Ħarġa 13, 10 ta' Ġunju 1864, pp.3-4.)

Artiklu li jingħaqad mal-lista twila ta' artikli li jikxfu abbużi li jagħmlu l-Ingliżi biex jinkixfu l-għarukażijiet tagħhom. Isemmi ġrajja meta xi nies Ingliżi daħħlu l-klieb tagħhom fil-funtana tal-Mall, u meta dehrilhom ħarġuhom u telquhom qalb in-nies. Peress li bdew anke jxarrbu n-nies lebsin pulit, *Il Giurnal Malti* jgħid li kieku l-kelb kien tal-Maltin kienu jeħlu multa, imma għax Ingliżi ħadd ma kellimhom. Kritika ħarxa lill-amministrazzjoni inġusta.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.)

*Viva l-Pulizija ta' Malta* - jirrakkonta serqa fejn ħallilin fetħu dar, daħlu fil-ħanut biswit, u serqu kulma ġie għal idejhom. Kritika ħarxa lill-pulizija li mhux talli ma qabditx il-ħallilin talli lanqas sabet irkaptu ta' dan il-każ. Tgħid li aġir bħal dan jinkoraġġixxi l-kriminali jkomplu jisirqu u jagħmlu diżordni.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.)

*Taħdita bejn Girgor mill-Mosta u Peppu ta' Majsi minn Ħal Luqa* - taħdita li ssemmi ġrajjiet kurrenti taż-żmien, bħall-bidla fil-Gvern. It-taħdita ssemmi wkoll li dawk li kienu kontra Sir Gaspru, jew Gaspar le Marchant, saru ħbieb ta' Sir Henry Storks.

(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, pp.2-3.)

**Artikli:**

*Il-Festi tal-Milied* - deskrizzjoni ta' kif saru l-festi tal-Milied li għadu kif għadda f'diversi lokalitajiet importanti madwar Malta, fosthom il-Belt Valletta, Bormla, il-Birgu u l-Isla.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.6.)

*San Pawl* - isemmi l-importanza li jsiru t-tifkiriet ta' dawn il-festi. Jagħti deskrizzjoni ta' kif saru l-festi ta' San Pawl fil-Belt Valletta.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.33)

*Il-Karnival* - artiklu li juri l-biża' li l-festi tal-Karnival jispiċċaw fix-xejn minħabba parteċipazzjoni dejjem tonqos tan-nies.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.38)

*Diżgrazzja* - Jissemma inċident li seħħ waqt il-festa ta' San Pawl fil-Belt Valletta, meta bniedem waqa' minn fuq ċinta għal isfel u miet ftit wara li rċieva s-Sagramenti Mqaddsa.
(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.38)

*Via Crucis* - riferenza għal kemm il-poplu tagħna huwa reliġjuż u l-qima li wera waqt li saret il-*Via Crucis* u jirreferi għall-quddiesa li saret mir-Rev. Ludovik Mifsud Tommasi f'Bormla. L-artiklu jfaħħar ukoll il-kelmtejn tiegħu.
(Ħarġa 8, 15 ta' Marzu 1864, p.62.)

*Aħbar Ġdida* - kitba li tilmenta mill-fatt li l-Għawdxin iridu Isqof għalihom u b'għemilhom qed iwaqqgħu id-drittijiet tal-Maltin.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.2)

*San Ġwann* - artiklu li jiddeskrivi kif kienet tiżvolġi ruħha l-festa. Tinstema' nostalġija peress li hemm xi drawwiet li qegħdin jinqatgħu. L-artiklu jfakkar li din hija l-festa tal-kavallieri. Jirrakkonta x'klien isir fi żmien il-Kavallieri, ifaħħar il-preparamenti li qed isiru, u jsaħħaħ dak li qal qabel.

(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.3.)

Artiklu bla titlu dwar kif l-Għawdxin, fix-xewqa tagħhom li jkollhom Isqof għalihom, kitbu ittra favur il-Gvern kolonjali. Pero', il-kittieb ikompli jisħaq li anke jekk ikun hemm, l-Isqof t'Għawdex jibqa' suġġett għal dak ta' Malta.
(Ħarġa 14, 20 ta' Ġunju 1864, p.3.)

*L-Imnarja* - artiklu interessanti li jiddeskrivi d-drawwiet ta dan iż-żmien. Isemmi d-daqq, iż-żfin u l-ferħ li kien ikun hawn. Jirrakkonta wkoll kif din il-festa kienet issir fi żmien il-Granmastri. Dan kollu spiċċa, jgħid l-istess artiklu, u ma fadal xejn. Fuq kollox, hemm tħassib dwar x'għad irid isir minn din il-festa.
(Ħarġa 15, 30 ta' Ġunju 1864, p.4.)

*Il-Festa ta' San Duminku tal-Belt* - deskrizzjoni u tifħir lil San Duminku u l-festa li saret għall-unur tiegħu. Issemmi inkonvenjent: wieħed mill-kapijiet tal-kunvent beda jdur madwar il-ġuvintur, u beda jistieden kummenti mhux tant sbieħ. Il-gazzetta tgħid li aġir bħal dan iqajjem disprezz u mibegħda mhix f'lokha, u tajjeb li n-nies ta' san Duminku jipprovaw jagħmlu bħal ta' San Pawl f'dan ir-rigward, jekk iridu jgawdu r-rispett li huwa dejjem mixtieq.
(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, pp.3-4.)

*Il-Festa ta' Santu Wistin* - ifaħħar l-inizjattiva u l-brija imma tmaqdar l-aġir ta' nies wara l-bieb tal-knisja li bdew jagħmlu minn kollox biex jisfrattaw is-solennitajiet ta' ġewwa l-knisja.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.4.)

Artiklu li jittratta affarijiet reliġjużi u jorbothom xi ftit max-xena politika: Malta u Għawdex saru żewġ djoċesi separati skond aħbar mhux uffiċjali tal-Vatikan. Il-kittieb jgħid li l-Għawdxin għandhom għax iħobbu lill-Papa għax ġabuha żewġ. L-artiklu jtenni l-istennija għal aktar aħbarijiet uffiċjali.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. pp.2-3.)

*Il-Knisja ta' San Publiju* - tirrakkonta t-titijib u s-sebbiħ tal-Knisja ta' San Publiju fil-Floriana. Jissemma t-tberik ta' inkwatru ġdid mill-Isqof Pace Forno, li saret grazzi għall-benefatturi.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.3.)

*Għawdex* - Titħabbar l-għażla ta' l-Isqof ta' Għawdex. Tifħir lill-Papa Piju IX. L-artiklu jsemmi l-fatt li bosta qassisin Għawdxin qabel ġieli ma setgħux jiġu ordnati minħabba li ma setgħux jiġu Malta.
Wara l-kitba hemm kwartina li tlaħħam is-sentiment li *Il Giurnal Malti* għandu lejn il-Papa.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.4.)

Bla titlu - kitba li titkellem dwar il-festi tat-22, it-23 u l-24 tax-xahar li saru f'Għawdex u li marru tajjeb. L-artiklu ftit fih dettalji dwar in-natura ta' dawn il-festi.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. pp.2-3.)

*Għawdex* - rakkont ta' ġrajjiet festivi marbutin mal-festi ta' l-Għoti tal-Pussess ta' L-Isqof il-ġdid fil-gżira Għawdxija.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Il-Festa tal-Kunċizzjoni Immakulata fil-Knisja Titulari tagħha tal-Belt Cospicua nhar it-8 ta' Diċembru 1864* - tfaħħar il-festa ta' ġewwa l-knisja, l-orkestra li daqqet fuq il-mużika tas-Surmast Bugeja, għad li miet. Insibu deskrizzjoni tal-purċissjoni, it-tiżjin u l-briju.
(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. p.3.)

*Bniedem li jaqleb ir-reliġjon:* Artiklu ta' kritika fuq min jaqleb ir-reliġjon, l-aktar għall-imħabba ta' mara.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. p.2.)

*Il-Festa tal-Milied* - kitba li turi kemm kulħadd qed jonora u jiċċelebra mill-aħjar li jista' l-festi tal-Milied.
(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. p.4.)

*San Kalċidonju tal-Furjana* - kitba li tirrakkonta l-attivitajiet li qed isiru fil-Furjana b'rabta mal-festi tal-Karnival.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. pp.3-4.)

*Il-Festa ta' San Ġużepp ta' l-Imdina* - deskrizzjoni tal-festa, tiżjin fil-knisja u fit-toroq u tal-logħob tan-nar. Tifħira xierqa lill-organizzaturi minn dan il-ġurnal.
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.2.)

*Il-Festa tal-Ġimgħa l-Kbira* - rakkont ta' kif marru ċ-ċelebrazzjonijet tal-Ġimgħa l-Kbira f'diversi parroċċi tal-Belt.
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.3.)

*Il-Festa tal-Patroċinju tal-Patrijarka San Ġużepp imfakkar solennement fit-Tlitt Ibliet* - deskrizzjoni dettaljata ta' kif saru l-festi ġewwa Bormla, Birgu u l-Isla.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. p.3.)

*Il-Festa ta' San Vinċenz Imfakkra fil-Parroċċa u l-Matriċi tar-Rev. V. Padd* - deskrizzjoni ta' din il-festa fil-Knisja tad-Dumnikani fil-Belt.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Ħal Għargħur* - issemmi s-solennita' ta' San Ġużepp f'Ħal Għargħur.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

*Il-Festa tal-Madonna tal-Ġuvintur* - tifħir għal kif marret il-festa, li saret fil-kunvent tal-Patrijiet Tereżjani f'Bormla. Jingħata tagħrif dwar il-festa, il-paniġierku u t-tiżjin
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.3.)

*Ta' Liesse* - tifħir għall-organizzaturi ta' din il-festa għax marret tajjeb ħafna.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.4.)

*Is-Solennita' tal-Madonna tal-Karmnu* - rendikont ta' kif marru l-festi ta' din is-solennita' fil-Belt. Il-ġurnal josserva li l-festi marru tajjeb ħafna, anke forsi biex joħloq kuntrast ma' dak li ġara s-sena l-oħra.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Il-Vitorja* - rakkont dettaljat tal-festa ta' Marija Bambina fin-Naxxar. Insibu dettalji tat-tiżjin tal-knisja, tat-toroq, iċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja u baned, fost l-oħrajn.
(Ħarġa 57, 10 ta' Settembru 1865, pp.1-3.)

*Malta - Id-Daqq tal-Qniepen* - dwar ittra pastorali ta' l-Isqof Pace Forno li pprojbixxiet id-daqq tal-qniepen f'diversi okkażjonijiet, bħall-Vjatku u f'ċerti festi. Jissemmew reazzjonijiet oħra għal dan, imma *Il Giurnal Malti* jgħid: "Il-knisja m'għandha qatt titlef il-privileġġi tagħha."
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.2.)

*Il-Kolera f'Malta* - aħbar li t-tixrid tal-kolera kważi waqaf għal kollox. *Il Giurnal Malti* jispera li ftit żmien ieħor l-Iasqof ikun jisat' jintona t-*Te Deum* bħala radd ta' ħajr lil Alla.
(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.3.)

*Il-Festa ta' San Pawl* - kitba li ssemmi kif din id-darba l-festa ta' dan il-qaddis ħabtet f'Sibt il-Karnival, imma l-poplu xorta ma naqasx mid-devozzjoni għal din il-festa tant importanti.
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.3.)

**Poeżiji:**

*Tifħira* - poeżija ta' Richard Taylor li tfaħħar il-jum tat-twelid ta' Marija Santissima, lil Alla li ħalaqha, u lill-Papa. Poeżija li tikkundanna lill-eretiċi.

(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. p.4.)

*Stedina lis-Soċji għal Nhar il-Milied* - poeżija li tfaħħar din il-festa tant għażiża. (Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.2.)

*Il-Messija: Il-kbir jum tat-Twelid Imqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu* ta' Richard Taylor. Poeżija li tfaħħar il-ġrajja tal-Milied u s-sbuħija ta' din il-festa tant għażiża għalina.
(Suppliment għal *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864.)

*Is-Sena t-Tajba lis-Soċji Kollha għall-bidu ta' l-1865* - poeżija ta' xewqat sbieħ lil kulħadd: poeżija li ssemmi nies għolja u importanti u tixtiqilhom is-sena t-Tajba. (Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. pp.1-2.)

*It-Taqtigħ u l-Mewt ħarxa ta' l-Innoċenti f'Betlem ta' Ġuda* ta' Richard Taylor - poeżija bi sfond reliġjuż li tirrakkonta l-ġrajja biblika tal-qtil ta' l-Innoċenti
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

*Ta' kull Qassis Ġdid li qaddes l-ewwel jum ta' l-ewwel quddiesa - 25 ta' Dicembru 1864* - Poeżija oħra reliġjuża ta' Richard Taylor li ssemmi kemm hija sabiħa x-xorti ta' kull qassis li permezz tiegħu jitwasslu s-Sagramenti lil tant u tant nies.
(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. p.2.)

*Il-Kbir Jum ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Nawfraġju* - Poeżija akrostika miktuba minn Richard Taylor li tittratta l-festa ta' San Pawl Appostlu u l-importanza ta' din il-festa għalina bħala Nsara.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

*Stedina għall-Karnival tas-Sena 1865* - poeżija b'ton brijuż li titfa' dawl fuq id-drawwiet tal-Karnival taż-żmien. Pero', il-poeżija tirreferi għall-maskri mhux biss tal-Karnival imma ta' l-ipokrisija ta' xi gazzetti, bħal *Mediterraneo* u *Stenterello:*

"Kull min il-maskra qala',
Huwa l-għaref l-aktar kbir."
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.1.)

*Il-Festa ta' San Pawl Nawfraġju, festa popolari għall-Maltin mill-kbir saż-żgħir fl-10 ta' Frar 1865.* Dettalji tal-festa ta' San Pawl, kummenti fuq it-tiżjin, il-knisja, id-deheb, il-baned u fuq kollox il-fidi qawwija li ma jirbħilna għaliha ħadd.
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. pp.2-3.)

*L-Aħħar Jum tal-Karnival* - poeżija b'tema festiva li fiha deskrizzjoni tal-Karnival. Tikkritika l-frugħa li din il-festa ġġib magħha, l-maskra ta' l-ipokrisija li kulħadd jilbes.
(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. p.1.)

*Tħejjija għal San Ġorġ* - poeżija li tagħti ħarsa lejn l-avvenimenti ewlenin tas-sena liturġika tagħna, bħar-Randan, l-Għid u San Girgor. Issa waslet ukoll il-festa ta' San Ġorġ, li skond il-poeżija timmarka fażi ġdida fis-sena, dik tal-festi.
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. pp.1-2.)

*Il-Festa tal-Milied* - poeżija ta' burdata ferrieħa bi tħejjija għall-festi tal-Milied.
(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.1.)

**Artikli:**

*Lill-Ħbieb tagħna* - josserva li kien hawn ħafna s'issa li fixkel ix-xandir ta' ġurnali bil-Malti. Huwa indirizz lill-qarrejja tal-ġurnal, u jgħid li l-għan ta' *Il-Ġurnal Malti* hu li :

1. Jgħaddi lill-poplu 'il quddiem;
2. Jikkuntenta lil kulħadd u ma joffendi lil ħadd.

Jitkellem ukoll dwar is-sid u minn fejn jiġi stampat *Il Giurnal Malti.* Jiddeskrivi wkoll it-taqsimiet li se jkun fih dan il-ġurnal. Jgħid li dan il-ġurnal se jkun fih:

- Rumanzi Storiċi biex ixerred it-tagħlim.
- Tifkiriet fuq pajjiżna: Kitbiet li llum niddefinixxuhom aħjar bħala ġrajjiet kurrenti u li jittrattaw grajjiet madwar id-dinja u l-qofol ta' l-attenzjoni tas-Seklu Dsatax;
- Tagħrif fuq ix-xjenzi, jew tagħrif dwar invenzjonijiet u snajja';
- Mogħdija taż-żmien, jew kitbiet ta' interess ġenerali;
- Korrispondenzi, jew reazzjonijiet għal ittri li l-editur ikun irċieva.

(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.1.)

*Korrispondenza* - jirreferi għall-ittri tas-Sinjura Ġannina, B.G. u G.G.C. L-editur jieħu ħsieb ifakkar ukoll xi regoli li *Il Giurnal Malti* iżomm bħala essenzjali meta xi ħadd jikteb ittra.
(Ħarġa 1, 5 ta' Jannar 1864, p.7.)

*In-Navi l-Ġdida* jirreferi għal vapur ġdid li ġie inawgurat f'dawn il-ġranet.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.9.)

*Maltemp Qawwi* - kummenti dwar it-temp ikrah li gziritna raw f'dawn l-aħħar jiem.
(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.14.)

*Korrispondenza* - tweġiba lis-Sur Feliċ illi mid-dehra talab li *Il Giurnal Malti* jistampa poeżiji u materjal simili, ħaġa li l-ġurnal se jagħmel ma jdumx.

(Ħarġa 2, 15 ta' Jannar 1864, p.16.)

*Korrispondenza* - tweġiba lil diversi kitbiet ta' inkoraġġament minn diversi qarrejja. L-istess kitba ma ssemmix ismijiet ta' korrispondenti, imma titlob li min jista' jipprovdi lil *Il Giurnal Malti* gazzetti ta' barra biex minnhom jittieħdu affarijiet li jistgħu isebbħu dan il-ġurnal.
(Ħarġa 3, 25 ta' Jannar 1864, p.23.)

*Żball* - artiklu qasir li jgħid li *Il Giurnal Malti* ma rċeviex il-Ħarġa Numru 3 ta' *Ix-Xitan iz-Żopp,* imma minflok irċieva n-numru 2. Il-fatt li avviż bħal dan deher fil-ġurnal jagħtina x'naħsbu ħafna.
(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.53.)

Artiklu bla titlu li jgħid li *Il Giurnal Malti* minn issa 'l quddiem se jkun imqassam mod ieħor u se jkun fih erba' paġni u mhux tmienja.
(Ħarġa 9, 25 ta' Marzu 1864, p.72.)

*Malta*, artiklu bla titlu li juri l-fehma ta' *Il Giurnal Malti* li jgħid li aħjar jitkellem fuq l-inġustizzji li qed isiru f'pajjiżna milli jxerred ir-rumanzi. Għalhekk, mhux se jidhru aktar rumanzi f'dan il-ġurnal.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.2.)

*Avviż* - Javża li għall-gazzetta *Ix-Xitan iz-Zopp,* Richard Taylor mhux risponsabbli għajr sad-disa' numru.
(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.4)

*Aħbar lid-Dinja Kollha* - dwar serqa vili. Il-kittieb, li jiffirma *Bertoldu,* jgħid li l-ħalliel ma seraqx biss dak li sab taħt idejh, imma l-pajjiż kollu għax l-għassa li kien hemm fil-post m'għamlitx id-doveri tagħha.
(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, p.2)

Aħbar dwar inċident li seħħ fi Tripli fil-1 ta' dan ix-xahar meta maħżen mimli porvli ħa n-nar, u l-isplużjoni qatlet xi mija u ħamsin ruħ.
(Ħarġa 12, 31 ta' Mejju 1864, p.2.)

Artiklu li jittratta l-anniversarju minn meta l-Papa preżenti tela' fuq it-tron tiegħu. (Illum nużaw l-espressjoni ħa l-Pontifikat.)
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.4.)

Artiklu li jħabbar il-mewt ta' Surmast tal-Kalligrafija ġewwa l-Universita' Rjali ta' Malta. Ħalla fondazzjoni biex tkun tista' titħallas il-ħsara u l-manutenzjoni fuq l-istatwa ta' San Pawl li tinstab ġewwa Selmun.
(Ħarġa 16, 10 ta' Lulju 1864, p.4.)

Avviż dwar serqa li saret minn karru tal-frott. Is-sewwieq għaraf wieħed mill-ħallilin u b'hekk inqabdu.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.3.)

Tissemma l-aħbar tal-mewt ta' tifla ta' ħames snin li ġrat wara li waqgħet mill-għoli.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.3.)

Tħabbira tal-wasla tal-vapur *Arno* f' Port il-Kbir.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.3.)

Titħabbar l-għarqa ta' vapur *Corinthian* viċin Vienna.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.4.)

Silta li tirrakkonta kif seħħ serq ta' merkant u r-rikatt li sofra.
(Ħarġa 18, 30 ta' Lulju 1864, p.4.)

*Varjeta'* - Ċajta intenzjonata li tinftiehem b'doppju sens: il-ġurnal jitkaża b'dak li qalet waħda sinjura, imma waqt li jagħmel dan qiegħed ixandar l-istess kliem.

(Ħarġa 19, 10 t' Awwissu 1864, p.4.)

Artiklu li jsemmi każ ta' meta suldat spara fuq surġent u qatlu.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.)

Tħabbira tal-mewt ta' Calcidonio Parnis.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.4.)

Kurżita' :miet ftit żmien ilu raġel li kellu mija u sentejn f' Bilbeo, ġewwa Spanja.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.)

Tħabbira ta' l-effetti ta' uragan fil-port ta' Danubio.
(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.2.)

Tħabbira tal-mewt ta' Kanonku Don Filippo Amato D.D.LL.D., Vigarju ta' l-Isqof.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.4.)

*Għaġeb* - Kitba dwar tifel nanu twil biss 25 pulzier, 42 pulzier oħxon u jiżen 132 libbra.
(Ħarġa 22, 10 ta' Settembru 1864. p.4.)

*L-eżekuzzjoni tal-mewt tas-suldat John Burns* - rakkont ta' suldat li wara li ngħata l-Griżma ta' l-Isqof direttament mill-Isqof Pace Forno, ġie mogħti l-forka.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.1.)

Artiklu li jsemmi li fit-tlettax tax-xahar li għadda daħal f'Port il-Kbir vapur li fuqu kien hemm il-Prinċep Luciano Murat, il-Prinċipessa Carolina, il-Prinċipessa Anna u l-Prinċep Luigi.
(Ħarġa 23, 20 ta' Settembru 1864. p.2.)

Tħabbira li fis-27 ta' dan ix-xahar, seħħet il-mewt ta' C. Don Filippo Amato Arcidiacono. Mibki minn ħafna nies, l-aħħar tislima saritlu bl-akkompanjament tas-Surmast Bugeja *a piena orchestra.*
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.2.)

Artiklu li jħabbar is-sejba traġika ta' tifel mgħarraq ġo bir.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.3.)

Kitba li ssemmi kif saret ġustizzja fuq il-qattiel ta' Latour u kif dan baqa' sa l-aħħar jirrifjuta r-reliġjon.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.4.)

Kitba li tirrakkonta kif kaptan ta' ġifen kellu kuntatt ma' ġifen ieħor. It-tieni ġifen ma kellux intenzjonijiet tajba, u dan juri dettalji tat-tbaħħir.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.4.)

*Fatt ta' Kelb Bniedem* - tirreferi għall-gazzetta *Times* ta' Londra: ħalliel jidħol taħt is-sodda ta' żewġ għarajjes. Wara li ħasbuh il-kelb tagħhom li daħal taħt is-sodda, u raqdu rashom mistrieħa, il-ħalliel ħareġ, seraq kulma sab jgħodd għalih u baqa' mistoħbi sa filgħodu, meta telaq 'il barra bla xkiel.
(Ħarġa 24, 30 ta' Settembru 1864. p.4.)

*Għal Min Jaqra* - twissija lill-qarrejja biex joqogħdu attenti għall-ħbieb li jaslu. Kitba li tgħid ftit imma li tinsinwa ħafna, l-aktar jekk taraha fid-dawl ta' kitbiet oħra u t-ton li jieħdu.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.3.)

*Aħbar* - kitba dwar raġel twil biss għaxart ixbar.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.4.)

*Un Pulito Avvertimento* - kitba qasira bit-Taljan, waħda mill-ftit, fejn *Il Giurnal Malti* titlob ċertu tali, li l-identita' tiegħu tibqa' misteru għalina, biex ma jkomplix jiffrekwenta ċertu mara, msemmija hija wkoll b'laqam li mid-deher kien magħruf f'dan iż-żmien, f'ċertu sigħat fit-tard, għax inkella l-ġurnal jesponih għall-pubbliku.
(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. p.4.)

*Avviż Ġenerali* - kitba li tiddeskrivi x'se jkun fih *Il Giurnal Malti* tal-ħarġa li jmiss. Jistieden in-nies biex jixtru dan il-ġurnal ħalli jkollu aktar saħħa u jkun jista' jissebbaħ, jgħid l-artiklu.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.4.)

Tħabbira tal-mewt tal-Monsinjur Ex-Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta Don Publio Maria de Conti Sant fl-għomor ta' 85 sena.
(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. p.3.)

Kitba li ssemmi serqa ta' deheb minn fuq wieħed fuq il-Monti. Rapport dettaljat ta' kif saret is-serqa u l-kumplott tal-ħallilin.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.2.)

*Aħbar tan-Niket* - kitba iffirmata *Leħen il-Poplu Kollu* li tħabbar b'niket il-mewt ta' Don Carlu Aquilina Arċipriet tal-Belt Vittoriosa.
(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

*Il-Kbir Funeral li sar lill-Mejjet Arċipriet Don Carlu Aquilina fil-Knisja tad-Dumnikani tal-Belt Vittoriosa fl-14 ta' Frar 1865* - deskrizzjoni ta' dan il-bniedem, u tal-preparamenti għall-funeral tiegħu u wara kif sar il-funeral. L-artiklu jfaħħar lil dan il-bniedem għall-ġid li għamel.
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.4.)

*Avviż lis-Soċji* - artiklu li jsemmi li l-kumpannija tat-teatrin *L'Armonia* kriet dar akbar. L-artiklu jqajjem il-kwistjoni ta' l-edukazzjoni li hija tant meħtieġa għall-poplu tagħna.
(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.4.)

*Aħbar tal-Viżtu* - tħabbira tal-mewt tas-Sur Vincenzo Dimech, prokuratur Legali.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. pp.3-4.)

*Disgrazzja Kbira* - jaqa' saqaf ta' maħżen mimli porvli, jordom taħtu xi ħaddiema u joqtol wieħed minnhom.
(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. pp.4-5.)

*Erba' Kelmiet lil min irid jisma'* - tifħira miftuħa lil dawk kollha li huma verament patrijotti Maltin, mhux bil-kliem. Bħala eżempju hemm in-nies li jagħmlu l-karita' ma' min ikunu jistgħu. Jissemma t-Tabib Carmelo Borg, li jgħin kif jista'.
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.3.)

*Avviż lill-Pubbliku* - kitba li tiġbed attenzjoni għal fatt li ġara f'ċimiterju ewlieni, fejn dfin li sar ma ġiex irreġistrat fid-dokumenti. Iffirmat *L-Ajru għandu Għajnu, Il-Ħajt għandu widintu.* Aktar dwar ir-rwol ta' dan il-ġurnal li jikxef abbużi li ssoltu jgħaddu bla ma ħadd ikun jaf.
(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.4.)

*Avviż lill-Pubbliku* - avviż li jgħid li min ma jkunx għadu ħallas il-ġurnal se jġibulu ismu fil-ħarġa li jmiss. Mod pjuttost effettiv kif timbarazza lill-abbonati sabiex iġġegħelhom iħallsu fil-ħin.
(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. p.4.)

*Avviż lis-Soċji* - il-ġurnal jitlob skuża lis-soċji talli dan il-ġurnal ma deherx fiż-żmien. Jgħid li għamel hekk biex ikunu jistgħu jiġu inklużi kummenti dwar il-festa ta' San Publiju fil-Furjana. L-istess artiklu jsemmi wkoll li l-festa kienet ippreparata tajjeb, u jilmenta biss għall-fatt li l-poplu ma fehem xejn la mis-sunett u lanqas mill-paniġierku, li għad li saru tajjeb ħafna, u l-ġurnal ifaħħar l-isforzi, dan ma kinux milħuqa mill-poplu għax saru bit-Taljan.
(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.4.)

*Nekroloġija* - tħabbira tal-mewt tal-Konti Vincenzo Manduca, u tifħir mod speċjali għax kien patrijotta kbir.
(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. p.4.)

*Nekroloġija* - tħabbira tal-mewt tal-Konti V. Manduca.
(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2.)

Artiklu li jgħid li fil-ħarġa li jmiss mhu se jidher xejn fuq dak tad-deheb li semmejna qabel (Ara Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.2. fit-taqsima ta' kitbiet ta' polemika u pika.)
(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.4.)

*Aħbar tan-Niket* - tħabbira tal-mewt ta' Maria Albanese Azzopardi, magħrufa għall-onesta' tagħha. F'Bormla l-festi li normalment isiru għas-solennita' ta' Għid il-Ħamsin mhux se jsiru bħas-soltu bħala luttu.
(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. p.4.)

*San Ġiljan* - dwar affarijiet amorużi illeċiti li qed isiru f'San Ġiljan. *Il Giurnal Malti* javża lir-raġel ta' ċerta Sinjura Żaża biex joqgħod attent għal ċertu Sur F. u ċertu imġieba ta' martu ma' dan l-imsemmi.
(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.3.)

*Sinjuri Soċji!* - attenzjoni għal ċertu artist, li f'Tas-Sliema qed idur viċin ċertu armla. Il-kittieb jgħid li jekk dan l-artist ikompli sejjer hekk, *Il Giurnal Malti* ixandar "poeżija a dovere, nofsha bit-Taljan u nofsha bil-Malti għax hemm bżonn bilfors li xi ħadd jifhimha."
(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865. p.2.)

*Tas-Sliema* - dwar namrar bil-moħbi li qed isir f'tas-Sliema. Il-ġurnal isemmi li f'Għar id-Dud ikun hemm ċerti nies li n-namrar tagħhom ikun sfaċċat. Il-kitba ssemmi wkoll in-nuqqas ta' trasport adekwat minn u għall-Belt minn dan il-post.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.3.)

*San Ġiljan* - kitba dwar namrat li mar jgħanni taħt it-tieqa ta' xbejba. Is-silta ġġib l-għanja li għanna, komposta minn żewġ kwartini.
(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.3.)

*Avviż lill-Lixandrini Maltin* - *Il Giurnal Malti* jirreferi għal dak li deher fl-aħħar ħarġa. Javża li dak li deher ma jirreferix għal dawn in-nies, imma għal-ħafna petiti li "billi jġibu biċċa ċarruta fil-kappell iridu jinnamraw ma' kull ġuvna li jaraw..."
(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.4.)

*Avviż lin-Namrati* - jirreferi għal żewġ namrati li anke jitkessħu fit-toroq. *Il Giurnal Malti* jhedded li jugża lix-xebba lil zijuha "jekk dan l-avviż ma jservix għall-għaqal"
(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865, p.3.)

*Avviż lis-Sinjuri Soċji* - kitba li tavża li Richard Taylor m'għadux inkarigat bħala kittieb ta' *Il Giurnal Malti.* Il-kitba tfakkar ukoll li min kien kien jirċievi l-ġurnal mingħand Richard Taylor għandu javża lil min hu inkarigat.
(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, p.4.)

Artiklu li jitkaża b'artiklu li deher fil-gazzetta *Lloyd Maltese*. Dan l-artiklu jħabbar il-kiri ta' karrijiet tal-mejtin. *Il Giurnal Malti* jgħid: "Minn hawn u koċċ ieħor naqraw xi avviż ieħor fejn jinbigħu it-twiebet...". *Il Giurnal Malti* hu tal-fehma li avviżi bħal dawn mhumiex f'lokhom f'gazzetta.
(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, p.4.)

Aħbar b'dispjaċir tal-mewt ta' Alfredo Calleja, li *Il Giurnal Malti* jirrispetta għax kien raġel virtuż. L-istess kitba ssemmi li miet b'kawża tal-kolera.
(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, p.4.)

*Sur Editur tal-Giurnal Malti* - kitba li tittratta ittra minn ċertu M.G.S. Fil-kitba tiegħu lil dan il-ġurnal, M.G.S. jgħid li minħabba l-kolera, huwa spiċċa bla xogħol u ħadd ma jrid jimpjegah. Hu u l-familja tiegħu qed jgħixu għaks kbir. Minħabba l-kolera, se jkollu jitlaq minn Malta.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, pp.2-3.)

*Sur Editur tal-Giurnal Malti* - ittra li ssemmi kif kittieb kiteb f'*Il Portafoglio* u qal li dan il-ġurnal huwa patrijottiku, u l-Gvernatur huwa bniedem żelanti. *Il Giurnal Malti* jirreaġixxi hekk: "Iftaħ għajnejk għalli ġej, għax jekk terġa' tinsolenta lill-maltin nibagħtuk lura pajjiżek ħin bla waqt..." Kitba iffirmata *Diversi Maltin Insolentati minn Frustier taħt il-maskra di un Vallettano.*
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, p.4.)

*Sur Editur tal-Giurnal Malti* - ilment li s-sagristan tal-Knisja tal-Karmnu fil-Belt qed iqassam aktar siġġijiet milli suppost.
(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, p.4.)

*Inserzjoni Komunikata* - tkompli żżid ma' dak li ntqal qabel dwar l-ilment tas-sagristan tal-knisja tal-Karmnu. Il-ġurnal josserva li l-abbuż li jissemma f'dak l-artiklu żdied minflok naqas.
(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, p.3.)

*Inserzjoni Komunikata* - kitba iffirmata minn P.P.Z. li tkompli titfa' l-ħatab fuq il-kwistjoni tas-siġġijiet fil-Knisja tal-Karmnu fil-Belt. Din il-kitba, pero', tfaħħar lis-sagristan, u tgħid li jekk dan jagħti żewġ siġġijiet minflok wieħed, dan għax ikunu talbuhulu.
(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.4.)

*Avviż lis-Soċji* - *Il Giurnal Malti* jiskuża ruħu talli ħareġ tard imma xorta jġib id-data ta' meta suppost ħareġ.
(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, p.4.)

Tħabbira tal-mewt ta' Dott. Luigi Pisani, tabib prinċipali ta' l-Isptar.
(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.4.)

*Saltimbank Duttur tal-Kallijiet* - jirreferi għal ċertu Dr. Rosentan, li seraq, b'għaqal kbir, bosta affarijiet mingħand diversi nies bil-qerq tiegħu.
(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, p.3.)

Kitba li ssemmi li ċertu Sur Adolfu spiċċa minn ma' l-għarusa tiegħu, ċerta Sinjorina Żeżina, u qed jitlob lura r-riġali kollha li taha u r-ritratt.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.3.)

Aħbar li ġej f'Malta professur li għandu magna tar-ritratti. Din il-kitba titlob li dan il-professur juża l-magna tiegħu biex jiġbed ritratt lin-namrati li jkunu jinnamraw fil-Knisja tal-Karmnu waqt il-quddiesa ta' l-għaxra.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.3.)

Kitba dwar l-għira ta' bejn żewġ nisa, li r-raġel ta' waħda minnhom iħobb iħares lejn l-oħra.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.3.)

*Kelmtejn lis-Sur Marruna* - *Il Giurnal Malti* jirreferi għal dan is-Sur Marruna, li qed jiffitta armla. Jekk se jkompli kif sejjer, dan il-ġurnal se jtih ħasla kif ħaqqu.

(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.4.)

*Parte Italiana* - fotografu Taljan irid il-membri tas-Soċjeta' Arkeoloġika biex jagħmel mostra bihom. Is-soċjeta' m'għandux għalfejn ifittex għall-fossili, għax il-fossili jinsabu fis-soċjeta' stess.
(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.4.)

Is-Sur Adolfu jwieġeb dak li nkiteb dwaru f'Ħarġa 68 (ara fuq f'din l-istess taqsima), u jgħid li hu ma talabx ir-rigali u r-ritratt, imma r-ritratt biss.
(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, p.4.)

Aħbar li nstab suldat tar-riġment 29 mgħallaq. Jaħsbu li dan is-suldat kien fis-sakra meta miet b'din il-mewt traġika.
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.3.)

Kitba bla titlu li ssemmi kif *Il Giurnal Malti* ntalab minn xi nies ikabbar id-daqs tiegħu. Il-ġurnal iwieġeb li dan jista' jsir biss jekk jinstabu aktar abbonati.
(Ħarġa 72, 20 ta' Frar 1866, p.4.)

**<u>Poeżiji:</u>**

*Il-Moda taċ-Ċirkiijiet* - poeżija li tgħaddi biż-żufjett lil kull min irid u jaħsibha favur iċ-ċirkijiet.
(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. p.4.)

*Ta' Namrat Għanja* - poeżija li tittratta t-temi ta' l-imħabba u l-emigrazzjoni.
(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. pp.3-4.)

*Il-Kliem tan-Nies* - poeżija dwar raġel, iben u ħmara li jkunu qed jagħmlu vjaġġ. In-nies jagħtu opinjonijiet differenti dwar min għandu jġorr it-tagħbija u min jirkeb il-ħmara. Ir-raġel jibqa' sakemm jitlef kemm it-tagħbija kif ukoll il-ħmara ħtija tal-kliem tan-nies.

Poeżija b'ton didattiku: il-morali hija : tagħmilx kif jgħidulek in-nies!
(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.1.)

*San Ġiljan* - poeżija qasira dwar ġuvni li jmur jgħanni taħt it-tieqa tat-tfalja tiegħu minn fuq dgħajsa f'San Ġiljan. *Il Giurnal Malti* jiddeskrivi x-xena mid-dgħajsa u jġib l-għanja sħiħa.
(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p.4.)

# APPENDIĊI III

## Ġabra tal-poeżiji kollha li dehru f' Il Giurnal Malti

## Kaptan Ingliż u Vitor

F'xi s-sagħtejn ta' wara nofsinhar,
F'ġurnata minn ta' Mejju,
Mir-Rikażli Ingliż niżel;
Kollu rwejjaħ ta' plejju.

Kif tela' fuq id-dgħajsa,
Ħares fitt lejn il-barklor:
*-Do you speak English?* qallu
*-No, Ser.* Wieġbu fis Vitor.

-*You stupid fellow!* Kompla.
Inkurlat wisq il-Kaptan:
U kważi ried jerfa' idu
U jagħtih imqar b'xitan.

Il-barklor baxxa rasu,
Baqa' jaqdef bħar-rieqed,
Sa ma qorob lejn in-nies,
Fejn imbagħad ma baqax sieket.

-*Ser?* qal hu, lil tal-kullar:
-*You spik Taljan? No. No.*
Bravu, ja Ingliż fis-sakra!
-Jien naf bit-Taljan, *Gio.*

-*Ser?* Għidli: *You spik Grieg?*
-*No.*-Il-mniegħel kemm int gabdoll,
Taf għax ma nurikx id-dlam
Għax f'rasek ma ġġibx imboll.

L-Ingliż baqa' jħares,
Bħala ljun ġewwa gaġġa:
Għaliex induna, li kliem
Vitor kien iweġġa'.

Wara ftit Vitor tkellem:
*-Ser? You spik, spik francè?*
*-No. No.* - Bravu, ja raħħal!
J'Alla t-tfal jgħajtu: Ghè!...

*-Ser? You spik Għarbi?Għid!*
- *No.* - Il-pesta kemm int ħmar!
Tafx li hawn kulħadd jafu?
Sal paletta tal-furnar!

*-Ser?...Iva irrispondini!*
*You spik portugiż, spanjol?*
*-No. No.* - Ara kemm hu injorant!
Dalwaqt nitfagħlu baljol!

*-What are you saying?*, Staqsa.
L-Ingliż, mimli bi nkejja,
Li billi xejn ma fehem,
Kien donnu ħaġa nejja.

*-Me say...Jen stuptu waħda*
*Għax ma nafx xi ngħid miegħek;*
*Imma int stuptu mija,*
*Għax taf biss bl-Ingliż tiegħek!!!*

(Ħarġa 5, 15 ta' Frar 1864, p.39.)

## Ix-Xitan iz-Zopp

**Sejjer jerġa' jwilli l-Infern, zopp minn siequ l-oħra.**

*L-Infern sa fl-aħħar - Fetaħ il-bieb,*
Mnejn ħareġ Ġaħan - Riħa ta' klieb;
*U ix-Xitan b'għajta - Jaqra kull ktieb,*
Sa dak tal-bhejjem - U dak tas-sriep,
*Fuq ta' bla fehma - Fuq il-għorrief,*
Ilesti n-nases - Jistendi x-xlief:
*Fuq in-nies fratas - Fuq in-nies criev,*
Jigdeb kemm jiflaħ - Sa klien tat-tlief.
*Sew gvernaturi - Kemm Maġistrati*
Jiddieħku biħ - Bla xejn disprati,

*Jidħlu fil-lista - Ta' l-iżmagati,*
Anzi jidhrulu - Fis il-patati.
*Min għandu moħħu - Xejn ma jittiefes*
Għax ma jkunx fih - Ħlief ħafna griexef:
*Għajr xi mażetta - Jiżloq fin-niexef,*
Li jkun imrobbi - Bħalu bl-intietef.
*Fil-lista jinżlu - Xi erba' mażetti,*
Li għandu jtihom - Sa tal-kalzetti,
*Li jridu forsi - Jiktbu l-gazzetti,*
u l-flus jitolbuh - Sa tal-pulpetti.
*Issa nuruhom - X'huma buffuni,*
Dawk in-nies kollha - Imqar bil-galluni;
*Ta' min isuqhom - Biss mal-muntuni,*
Hekk ma jibagħtuhx - Ħabs ta' l-ispjuni,
*Forsi xi darba - B'erba' ċajtiet,*
Ried kieku jfassal - B'erba' ċejċiet:
*Nikxfu l-imbrolji - Ta' xi xbejbiet*
Qal Ġaħan Zopp - Avolja miet.
*Tax-xjuħ u r-romol - L-aktar sfaċċati,*
Irid jisraq kieku - Xi erba' pożati;
*Daqqiet jeħtieġu - Jwissu 'l xi Abbati,*
Minn dawk li jgħarblu - Fejn kellu jagħti.
*Jibda biex jikteb - Mill-Kunsillieri,*
Għax ilu ftit - Sqewh l-ilma ġieri;
*Biex nifhmu x'inhuma - U x'jiġifieri.*
Għax tefgħuh f'ħabs - Qalb il-kalzieri.
*Nies patrijotti - Nies tal-ħaqq sewwa,*
malajr tawhielu - U tefgħuh ġewwa:
*U mhux bħal dawn - L-akbar għedewwa*
li jħalluh jagħmel - Sew kull indewwa.
*Fis ukoll jaħseb - Għall-impjegati;*
Li tefgħuh dejjem - Ma' l-ispjunati:
*U fl-għamil tagħhom - L-aktar sfaċċati*
Għax ħallewh dejjem - Il-ħabs ibati.
*Skużi ngħarrafkom - Il-Pulizija,*
Kemm hi ħanina - Għaz-zunnarija:
*Tagħmel xi ħwejjeġ - Bla xejn mistħija*
Għax tħallih jiġri - Fil-gallarija.
*Dawn bħat-tobba - Minn ta' l-Isptar,*
Billi hu bhima - Jisquh l-imrar:
*Jaħqru u jgħakksu - Sew kbar kemm żgħar*
Lilu fuq kollox - Bħala kbir Ħmar !
*Basta taparsi - Spalla ta' Gvern,*
ma ħallewh qatt - Jagħmel xi tern:
*Qalbhom f'sidirhom - Għan-nies infern*
Qatt ma jtuk ħabba - Għal xi kuntern.
*Għal kull persuna - Insibulha t-ton,*
Biex inġarrfuha - Sa minn fuq tron;
*Qima biss nagħtu - Lir-Reliġjon,*
Ta' Belżebu' - U ta' Minon.

*Dan id-demonju - Ta' ras hekk kbira,*
Dejjem bl-inkejja - U kollu għira:
*Lejl u nhar għassa - Fuq dik il-gżira*
li qatt ma riedet - Tagħtih xi ftira.
*Ġo l-uffiċini - Jidher kull ħejn,*
Biex forsi jħassel - Xelin jew tnejn:
*Zgur li minn għajnu - Ma jaħbi xejn,*
Sa kull fejn għandu - Irodd id-dejn.
*B'denbu jħaxwixhom - Hekk kif ikunu,*
Għax jifhem hu - Professurunu;
*U l-għaqal jiġi - B'daqqa bi qrunu,*
Li ħataf kien - Mingħand in-nunu.
*Sinjuri Soċji - La titmeżmżux*
Għax mhux biss zopp - Imma wkoll trux:
*Jekk tarawh fuqkom - La titniffsux,*
Iftakru dejjem - Li hu akrux.
*Għax dan jgħasses - Biss lill-ħajnin,*
Għax hu ftit jara - Lill-barranin,
*Ifhmuni tajjeb - Ħuti Maltin,*
Li hu x-xitan Ġaħan - Kap tal-ħaljin;
*Dal-kliern li qrajtu - Aħsbuh fis-skiet,*
Għax ma jafx x'jagħmel - Ħlief iġib ġlied:
*Għax min hu safi - Joqgħod fil-kwiet,*
U jgħidlu malajr - Miet, Miskin, miet !!!

(Ħarġa 6, 25 ta' Frar 1864, pp. 46-48.)

## Tapp għal Toqba

Waħda Sinjura,
Minn ta' daż-żmien,
Seba' bniet kellha,
Kollha bla snien.

La kienu waslu,
Kollha għaż-żwieġ,
U kull daqqaqa
Jaħsbuha tieġ,

U għalhekk hija,
Kull ġuvni sbejjaħ,
'Mqar ikrah ukoll,
Fis lilu ssejjaħ,

Ġo darha kienet,
Biex forsi tista';
Fl-aħħar mill-aħħar,
Tnaqqas mill-lista.

Bla xejn ma tagħti,
Xi waħda minnhom:
Imqar Grieg iswed,
Basta tgerfixhom.

Għall-ewwel kienet,
Iddaħħlu b'ħabib;
Wara ftit imma,
Tbiddillu s-salib.

U tgħid li daħal,
B'għarus ġo darha:
-U kkordajt kollox
Tgħid fis lill-ġara.

Fost dawk l-għożżieb,
Li taħtaf riedet;
Żagħżugħ smin sabet
U għandha ġiebet.

Iżda dal-ġuvni
X'inhuma n-nisa;
Kien jaf biżżejjed
Li huma bisa,

Bedgħet tliqqimlu,
Biex joqgħod magħha,
U jieħu waħda,
Mit-tfajliet tagħha.

Malli rat iżda,
Li għalxejn rasset;
Tippikah riedet
Fl-interess ħasset:

-Meta ħadt jiena
Lil Ninu tiegħi;
Hu xejn ma fittex
X'ġibt jiena miegħi

-Iżda dak ġara
Għax kont sabiħa;
Frotta tarija,
Wiċċ ta' tuffieħa.

-Eh! Kemm int kiesaħ
Għas-sieħba tiegħek;
Ma hemmx bżonn doti
Iservi qligħek!

Dan nafu kollu
Xejn la tgħiduli:
Biss ħaġa ngħidlek
Biex tneħħi l-buli,

Is-sieħba tiegħi,
Fqira neħodha;
U nħobbha dejjem
Qatt ma nobogħdha.

Kemm ili darb'imma,
Ma jkollix sriedeq;
U isbaħ tkun minnek,
U minn uliedek.

Kappellu qabad
Kif dal-kliem sema';
U qatt ma deher
Taħt dik l-imramma.

Kull ġuvni għaqli,
Kull fejn hemm xebba;
Ma jistax jidħol,
Għax issir debba.

Għax jekk ma jqassux,
Fuqu l-barranin;
Jaqbduh iridu,
Fis il-ġewwenin!

(Ħarġa 7, 5 ta' Marzu 1864, p.55.)

## Ballu in Mascra

Sinjuri Soċji - Allegri lkoll,
Aħna nhennukom - B'Kelmtejn ukoll,
Ix-xena tbiddlet - Minn tal-Govern,
Fl-aħħar ħariġna - Minnu l-Infern!
Avolja ħajjen - Għamlilna l-maskra,
Ra li nħobbuha - kultant il-bastra.
Eh!, Ja Sinjuri - Jekk timxu miegħi,
Assoċjaw a fisa - Għal dan il-kliem tiegħi,
Inkella Kaspru - Ma jimmendax,
Jaħseb li l-poplu - Ma jindunax,
Illi jrid minn rasu - ilibbsu l-qalziet,
Ħasibna għomi - Jew mingħajr fwied!
Bħalma xtaqulna - Dawk ta' madwarek,
Li jistgħu kienu ineżżgħuh - u jneżżgħu lil darek,
Fhimtni min huma - Mhumiex xi bagħal,
Kontrollur wieħed - Miegħu il-Fiskal,
Magħhom hemm ieħor - Il-Kollettur,
Li għandu speċi - Ta' kuritur,
Mnejn jagħti x-xita - Kuljum tal-flus,
Biex aktar jikber - U jsir gustuż!
Ma nafx min ħadmu - Dan it-TRIPIED,
Għaliex laqqagħhom - Ta' kbir ħaddied!-
Wieħed bil-lira - L-ieħor bil-flawt-
Bil-bronja l-ieħor - U aħna għas-sawt!!
Bil-maskra f'wiċċhom - Bil-lejl bi nhar,
Jafu illi aħna - Għadna ftit żgħar,
M'għandniex saħħa - Għajr wisq tlablib,
Jidhku jarawna - Mgħargħra fil-krib!
Araw il-ħażen - Ta' dat-TRIPIED,
Minn rasna jlibbsu - Iridu l-qalziet,
Iżda aħna sewwa - Għad ma għamejniex.
Daqs kemm jaħsbuna - Boloh m'aħniex!
Lil dawn it-tlieta - M'hemmx gazzetti,
Li la jgħadduhom - Kuljum mażetti.
Jeħtieġ naħsbulhom - It-tlieta sewwa,
U l-popli jagħraf - Li huma l-għedewwa,
Li qerdu l-poplu - Qerdu lill-gżira...
Għal-lum nagħtuhom - L-addio l-kbira!
Jeħtieġ f'numru ieħor - Nuru biċ-ċar,
Il-Kap jaħasra - kemm huwa ħmar,

Arrivederċi - Mela Sinjuri,
U f'numru ieħor - Għandi bosta rrid nuri,
Nibda b'kull ittra - Ta' l-alfabet,
Biex tgħidu hux huma - Jew jien ġannett,
Arrivederċi - la tonqsunix,
Ħażin jew tajjeb - la tmerunix!
BERTULDU

(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.1)

## L-Impusturita' ta' Stenterellu

Sur *Stentarellu* - Fejn sejjer b'rasek,
Jaqaw fl-iljieli - Titlef ingħasek?
Lil min taf twiddeb - Bil-ġurnalett
Ma tarax li inti - Għadek mażett!
Fis aqla' l-maskra - Kemm int baġan,
Il-ġurnal tiegħek - *Mediterran*!...
Tridx terġa' ssawwat - Lill-qassisin?
Titmax li tħobbok - Hawn il-Maltin!
Lil Garibaldi - faħħar kemm trid,
sa fl-aħħar taqa' - Kibx Petit!!-
Turi mal-poplu - Wisq liberali,
Int Din ma għandek - Ġens il-majjali!-
Attent fis oqgħod - U mhux bi ħlieqa,
Qassis ma ssibu - Sew waqt id-diqa!
F'siegħa tkun għandek - Iġġudikat,
Ar'li ma twilli - Skumnikat!-
Għax tfittex patri - U ma ssibux,
Attent mel'oqgħod - U la tkunx trux!
Titkellimx iżjed - Mill-qassisin,
'Ġa nafuk tajjeb - Għajb tal-Maltin!
Għal-lum biżżejjed - Dawn il-kelmiet,
Sabiex ingħaqqlek - Mill-ħmerijiet,
U tgħidx li int nisel - Minn tal-Maltin,
Iżda koċċ karfa - Garibaldin!

(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.3)

## Lezzjoni lill-Ħatar

**Sifja f'għajni l-waħda rajtha, u travu f'għajnejk ma tarahx (San Ġwann)**

Għidli *Sur Ħatar* - Kemm int pulit,
Vili l-kliem tiegħek - Daqs il-mazzit!
Min għallmek tikteb - ferħ ta' ġannett;
Ma tarax l'inti - Bosta mażett!
Din il-grammatika - Min għallimhielek,

Dix-xjenza kollha - Min għarrafhielek?
Ja boqqa brodu - Minn ta' qarnita!
Misjur minn raħeb - T'Arċimandrita!..
Lill-*Corrier* x'ridtu - Arċissmu ĊE!
Ja xkora bluha - Ma tafx liem BE!
Hekk isservihom - Min ġid għamlulek?
Forsi f'xi dwejjaq - Għommtok saddulek!
Ja skonoxxenti - Dan hu r-rispett,
Li ġġib imissek - Ja kbir ġannett!!
Af li hemm Alla - U fuq kulħadd,
Istor il-bniedem - Raġel bla għadd!!
Għadd minn tal-bluha - Ja kbir ġannett
Ma tarax li inti - L-akbar važett!!
Fejn qatt instema' - Minn Birkirkara,
Biex ingħidielek - Kif inhi ċara...
Inti li ssemmi - Fil-ġurnal tiegħek,
Xejn ma titbażża' - Tinqata' idejk?
Issemmi lil Fliena - U lil Flenia,
U mingħajr biża' - Mingħajr mistħija,
Tridx min isemmi - Lit-tifla tiegħek
Jekk kieku taħrab - Minn ma' ġenb driegħek?
Mela lil Fliena - U lil Flenia,
F'wiċċek ma għandek - L-ebda mistħija?
Kordin gawdejtu - Għal għaxar xhur,
Sentejn tistieden - Ma jonqsux żgur!
Liġġem ilsienek - Xomm taħt abtejk,
Qabel titkellem - Ħares ftit lejk!..
Għax dak li d-deni - Jixtieq lil ġaru,
Filgħodu kmieni - Jisbaħ bieb daru!-
Mur qerr u immenda - Agħmel praċett...
U qatt la tinsa - L'int kbir ġannett!!!-

(Ħarġa 10, 10 ta' Mejju 1864, p.3)

## Is-Sellum tal-Lanterna Maġika

Sew fl-aħħar għedna - Illi l-Govern,
Silitna fl-aħħar - Minn qiegħ l-Infern!
Irranġa kollox - Sew kif imissna,
B'għaġeb tal-poplu - Għalih ġa ħlisna,
Das-*sellum* fl-aħħar - Ma jemmnu qatt!
Ll jaraw ħwejjeġ - Sew fuq kulħadd!
Das-*sellum* x'huwa - Għad ma fhimt xejn,
Li titla' u tinżel - Bla ebda ħein!
Sir Gaspard fuqu - L-oħra mxabbtin,
Fhimtu min huma - Għajb il-Maltin!!!
Sir Gaspard għandu - Is-siegla f'idu,

Minn fuq il-poplu - Jeħodli ġidu!
Attent bħal gaffa - Jew nassa kbira,
Kif għandu jkaxkax - Lil din il-gżira!
It-*Tripied* miegħu - Sew ta' kuljum,
Il-poplu kollu - Ix-xatt igħum,
Bla nifs jaħasra - Għoddhom mejtin,
Minħabba f'dat-tlieta - Għajb tal-Maltin!
Dat-tlieta qiegħda - Hekkda ħajnin,
Sabiex bħas-sienja - Iduru fina.
Frattant il-poplu - Ituħ tamra b'tina
Ah msejken Gaspard - Qiegħed f'idejhom
U jistħi jħares - Daqqiet ġo fihom!
Wieħed il-bojja - L-ieħor is-sotta,
Biex għal xi ħaġa - Bħal żbiba kotta
Jara kif jagħmel - Fuq is-sellum,
Sabiex iqaxxru - Kull waqt kuljum,
Lill-povru poplu - Qatt ma jgħid xejn,
Għax għandu mserqa - Ta' żewġ idejn:
Ma għaliex iżda - Għamiltna mandra,
Ġibtna bħal ilsiera - Minn ta' Lixandra!
Indawru s-sienja - Bil-lejl bin-nhar,
U fl-ilma kiesaħ - 'Ġa l-kbar u ż-żgħar!
Bil-bard itertru - Bla jgħinek il-ħadd..
Iżda jekk jista' - Aring kulħadd!..
Das-sellum donnu - L-ogħla maċina,
L-ebda skaluna - Mhix sejf għalina!
Bħal ħmar tal-mitħna - Sewwa żżommuna!
Għajnejn imgħammda - Wisq jidorbuna,
Fejn hija Il-Qorti - fejn hi l-ġustizzja?
Ma narawx iżjed - Għajr inġustizzja!!
Das-*sellum* l-aħwa - Min jifhmu sewwa
Ma nsibux iżjed - Għajr fih għedewwa,
Tat-tliet ministri - Wisq tradituri...
Fhimtu min huma - (Skużi Sinjuri)
Id-duttur wieħed - Li hu il-Fiskal-
Hemm xi ħadd ieħor - Oħxon daqs bagħal,
Jien hawn nitħaddet - Minn dawk l-għedewwa,
Tal-gżira tagħna - Msejknin Maltin,
Illi jaħqruna - Kull waqt kull ħin...
Minn dawn it-tlieta - Ta dwar il-Gvern,
Mixħuta il-gżira - Ġewwa l-Infern!
Iridha missierkom - Gaspard il-Gvern!

Dat-*Tripied* l-aħwa - Għoqla jagħtina,
Sellum tal-forka - Hawna għalina!
Iżda għad jasal - Forsi xi jum,
Li daw jintemmu - Forsi xejn ma ddum;
Din hija x-xena - Minn ta' daħk kbir,
Ibda mix-xwejjaħ - Spiċċa fiż-żgħir,
Fl-aħħar mill-aħħar - Għad jiġi żmien,
Li naraw kewkba - Mhux bil-ħoqrien,
Igawdi l-poplu - Minn ta' dil-gżira,
Fost il-ġnus kollha għad iġġib għira!
GAGASENNU

(Ħarġa 11, 20 ta' Mejju 1864, pp.3-4)

## Stenterello Qiegħed Jhewden

Stenterello:
"U sa fl-aħħar irnexxieli:
Pio Nono sejjer imur;
Issa nagħmlu lil Mazzini,
U lil Garibaldi Imperatur!!!"

Arċimandrita:
Eh! Jaħasra Stenterello!
Dan huwa kolp ta' ġenn;
Dan il-ħsieb neħħi minn moħħok,
Għax Wied Inċita sejjer tintemm.

Stenterello:
"Pio Nono fl-aħħar spiċċa,
Kemm kont ili b'din il-ħrara;
Biex Imperatur nara lil Garibaldi,
Ġewwa Ruma mingħajr ħsara"

Arċimandrita:
Eh! Jaħasra, Stenterello,
Kif inħossok sejjer tintemm;
Pio Nono qawwi bħal blata,
U r-renju tiegħu qatt ma jintemm!!!

Stenterello intilef, rabtuh, u ħaduh Wied Inċita, marbut bil-ġlekk tal-forza fil-karretta taż-żibel.

(Ħarġa 20, 20 t' Awwissu 1864, p.3.)

## Aħbar tal-Miġja Fis ta' Gvernatur Ġdid għall-Gżira

Allegri! Allegri! - L-aħwa Maltin,
B'Ħakem inkunu - Fis mhennijin!
Telaq għal Malta - Bil-ġiri narawh,
Sabiex b'qalb waħda - Fis nonorawh!
Dan kif jgħidu - Raġel mir-rġiel,
Illi madwaru - Ma jħallix xkiel!..
Xkiel jiġifieri - Wisq xellugin...
Li dejjem għamlu - Ħsara 'l-Maltin!!
Dawn poplu ħuti - Mill-agħar nies,
Kemm deni għamlu - Le ma fihx qies!..
Fhimtu min huwa? - It-*Trianglu sewwa?*
Tal-poplu t-tlieta - L-akbar għedewwa!!
Intom fhimtuni - U ibqgħu fiż-żgur.
Min jaqra tajjeb - Ma jmurx errur!
Li jekk dat-tlieta - ma jinqerdux,
Ġo din il-gżira - Ruħ ma niħdux
Xejn le ma jservi - Gvernatur ġdid,
Jekk dawn it-tlieta - Ma jkunux bgħid.
Minn ħafna nases - Illi nsassuna,
Jekk jibqgħu iżjed - Fis jeqirduna...
Bħal meta tbiddel - Mgħallem tad-daqq,
Illi ilu jagħmel - Uġigħ ta' żaqq...
Għalxejn dan tibdlu - Raġel ta' l-arti,
Jekk int ma tbiddel - Tad-daqq il-karti.
Hekk xejn inqas - Lilkom ingħid,
Xejn ma jservina - Gvernatur ġdid,
Imbagħad madwaru - Jibqgħu is-sikarji,
Jaħsbu li huma - Kommissjonarji!..
U l-gżira tibqa' - Fil-biki tagħha,
Ħadd, le ma jkollha - Min jieqaf magħha!..
Jekk jibqgħu dawna - Kif għedna ċar
Illi bikkewna - Bil-lejl u bi nhar,
U dawn it-tlieta - Tal-Gvern ħbieb sewwa,
Iżda tal-poplu - L-akbar għedewwa!!-
Jistqarru iridu - Li huma Maltin,
U huma Lupi - L-aktar ħajnin!..
Thenna mela fisa - Ja poplu Malti,
Itma' wkoll bilġri - Li ma ddum tbati!
*Voce di Popolo* - Dal-Gvernatur,
La hekk ix-xnigħa - Hekk huwa żgur!
Fl-aħħar mill-aħħar - Alla semagħna-
U minn xuxitna - Aktarx refagħna,
Sabiex ingawdu - Ftit tat-tgawdija,
Wara li ilna - Wisq fit-tbatija,
Minħabba f'dat-tlieta - Fuq imsemmijin,
L-akbar għedewwa - Minn tal-Maltin!!!

(Ħarġa 25, 10 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

## Kelmtejn għall-Għaqal

Kemm karti toħroġ - Toħroġ gazzetti,
Illi jinkitbu - Sew mill-mażetti!..
Bil-malafami - Sew għal kull nies,
Lil min jaqrahom - Jimlewh bil-qżiez...
Insomma l-karti - Illi taqraw,
Bosta wisq minnhom - Li qatt ma draw
Jiktbu ta' Nsara - Sew kif il-ħaqq,
Dan mhux gideb - 'Mma tabilħaqq!
Ma rridx insemmi - Le dawk il-karti,
Illi jinkitbu - Bla ebda arti...
Basta jinbigħu - Bis-sitt ħabbiet
Mimlija ssibhom - Bil-ħmerijiet...
Iżda nsemmulkom - Xi ġurnaletti,
Donnhom miktuba - Mill-kbar ġannetti!
Hekk, per eżempju - L-i*Stenterellu*,
Għall-*Corrier* dejjem - velenu kellu...
Għax dejjem mixtri - Minn xi majjali,
Sabiex iwaqqa' - Lil xi ġurnali...
Illi jitħaddtu - Il-verita',
Bla qatt ma jonqsu - Mill-karita'!..
Illum dan vili - Jieħu l-partit,
Tad-dispotiżmu - O!, X'inhu Petit!!!...
U araw kemm huwa - Bniedem bla ruħ,
Kemm huwa vili - Mejjet bil-ġuħ...
Biex xi sold jaqla - L-Impreża faħħar,
Iżda għal dahru - Waqa' sa fl-aħħar!...
Ħadd ma jistagħġeb - Bih dan il-kliem,
Billi l-Impreża - Waslet fit-tmiem...
Minn tar-rovina - Sewwa kif jixraq...
Sabiex jitħallas - Issa min jisraq...
Lill-patrijotti - L-aħwa Maltin
Illi ingannahom - Kull waqt kull ħin!..
B'dik l-impostura - Minn ta' Impreżarju,
Li kulma juri - Kollox kuntrarju!..
Għal ħames skudi - Ħallih imur,
Lil Peppu l-obwe - Dan l-impostur...
Hawn issa jqaqi - Bħal iddisprat,
Għax ġuglar għandu - Tafuh? Suldat!!
Suldat li nota - Ma jafx imiss...
Dawn l-obwe tagħhom - Xi qatra biss!!-
Eh! Ja Impreżarju - Xi żball għamilt,
Mal-poplu jkollu - Kemm ġejt fi kbir għelt!
Sur *Stenterellu*, - Wieġeb għal dan...
U bil-ħaqq tkellem - La tkunx baġan!
Ar'qatt tmissilna - Il-Knisja tagħna,
Għaliex ingħidu - imbagħad m'intix magħna.
Kif diċerija - Ilha tingħad!...
Af stenna l-bqija - Għax ma żbrigat!!!

(Ħarġa 26, 20 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

## All the World is a Stage

**Id-dinja kollha *Palku Xeniku* - Shakespeare**

X'inhija tohlom - Hawn il-bnedmin;
L-iżjed f'dil-gżira - Tagħna l-Maltin?
Min jimpostura - Min jidħak bik,
Lil min iddejnu - Flus qatt ma jtik;
Minn fuq jgħajrek - Jinsulentak,
Jekk titlob ħaqqek - Jikkundannak!!
Il-liġi f'Malta - Ftit suprissat,
Ipproferita - Mill-Maġistrat,
Dan bla ma nsemmu - Ħawn il-ġurin,
Disa' ġurati - Tliet Imħallfin,
Kemm kien hemm kawżi - Tal-mewt mill-kbar,
Kienu meħlusa - Bħal kawżi żgħar!
'Mbagħad trid li tgħidu - L'aħna għorrief,
Lanqas tismagħhom - Dawna miċ-ċriev!!
Kemm kawżi ntilfu - Għax ma nftiehmux,
U hekk issum tibqa' - Bħala l-bebbux!-
Għax min jgħinek - Le ma ssib qatt,
Sew sew bħall-ħotbi - Jidħak biċ-ċonk.
Jidħak b'xi ġgawar - Min hu bla għonq,
Bla għonq niftiehmu - Mingħajr talent!
Kif bla tmun jidher - Xi bastiment!
Bħal miġnun jiġri - Hawn l-Impreżarju,
Għax kulma jara - Jarah kontrarju!
Miskin min jeħel - Mal-pruwa tiegħu,
Avolja ħela - Jkun dal-miskin.
Ħajtu minn żogħru - Bħala l-Maltin,
Li kollha jservu - B'nofs prezz vilment,
'Bagħad tridu l-aħwa - Ma jsir l-ilment??
Din hija d-dinja - Teatru Kbir,
Studjaw x'għedtilkom - Għax mhux tiswir!-
Tara xi wieħed - Xi sfaċċendat,
Li f'daru u f'surtu - Dejjem disprat,
Irid jgħaddi - Ukoll ftit taż-żmein,
Minn xi ras tajba - Jew fuq il-flien,
Li dan tassewwa - Ma tgħallem qatt,
Illi bluhitu - Tixhdu lil kulħadd!!-
Il-flien jinnamra - Fil-kantunieri,
Ma jafx dan l-iblah - Le, x'jiġifieri,
Li piż ta' mara - Hu piż mill-kbar,
Dan jafuh bosta - Sew kbar kemm żgħar!
Oqogħdu għaqla - Intom għożżieb,
Miżżewġa u romol - Intom ja rħieb,
Għaliex f'did-dinja - Ta' ħafna rdieden,
Ilkoll magħluqa - F'nassa tal-ġrieden!
Studja dal-versi - Li ktibt għalik,
Biex ħadd fid-dinja - Ma jidħak bik!!

(Ħarġa 27, 30 t'Ottubru 1864. pp.1-2.)

## Il-Farfett u l-Warda (La Favola dei Pignotti)

Farfett sbejjaħ liema bħalu
F'nofs ta' sajf jitfarraġ kien;
Ma' xi warda, issa mal-ħxejjex,
Li b'mitt lewn tarah fl-irkien.

Għonqu, ġewnħu, sidru mżejjen,
Tilmħu ilek bħad-deheb fin,
U bil-ġmiel minn ta' suritu,
Bedgħet hi titgħaxxaq fin.

Tiġri l-ħxejjex, kull sies tiġri,
Sa kull ward, kull fjur iżur:
Sabiex tagħżel l-isbaħ wieħed.
Biex bejtitha tibni żgur.

Le, fis-siġra hemm ma tieqaf,
La fil-pin u la fiż-żebbuġa:
Għaċ-ċakkara dawk u dawna,
Il-farfett jaf dawn maħmuġa.

Fuqek fis ukoll titajjar,
Tgħammar tgħammar kollha dija:
Lejn is-sema rasha tarfa',
Bħal sultana bis-sbuħija,

Sa filgħodu wkoll tittajjar,
Maż-żerniqa miegħek tersaq:
Lilek tnewwel ġidha kollu,
Li hu ħamrani, bla ma mberbaq.

Is-sisien din tagħha tqiegħed,
Hawn għorfitha tibni wkoll,
Sa l-għamara kollha tagħha,
Xtiel għażiż tibni lill-kol.

Ejja, duda belhanija,
Il-jum riesaq kull waqt lejk:
U mill-ħeġġa l-iżjed kbira,
Tara l-warda niexfa ħdejk.

L-għada s-siġra int tilmaħha,
Mingħajr weraq, u l-fjur miet:
U hekk id-dar ta' min jirvina,
Hija d-dar tal-mewt, tas-skiet.

Fik wisq dehen id-dud għandu,
Illi jibni mal-ward djarhom:
Iżd'aktarx tal-fehma l-bniedem,
Fiha jseħħ u s-sies sew bħalhom?

(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

## Il-Moda taċ-Ċirkijiet

1.
Tallalera, tallale',
Ħarġu moda ċ-ċirkijiet:
Min daqs baga, daqs lembija,
Romol, xjuħ, tfal u xbejbiet.

2.
J'ommi ċ-ċirku x'joqgħod sewwa,
Fuq li għandha kaddha wiesa':
U fuq dik li niexfa xiħa,
Basta ġġibu daqs inħasa!

3.
Tallalera, tallale',
Ħalli ngħannu għanja wkoll:
Sew biċ-ċirku u il-Kittipari,
Għala l-Mall, joħorġu lkoll!

4.
Kollha donnhom prinċipessi,
Sew tal-ġieħ kemm tal-fortuna:
Darhom kollha ssibha fiergħa,
Il-Monti ġgandhom bosta rhuna!

5.
Tallalera, tallale',
Għajtu fis biċ-ċirkijiet:
Tista' tkun xiħa żmagata,
Moħħha mimli ħmerijiet!!

6.
Ħarsu ħarsa lejn Peppina,
Liebsa ċirku daqs lembija:
L-oħra akbar ta' maġenbha,
Imlaqqma s-Sinjura Marija.

7.
Tallalera, tallale',
Ngħanni hawn ma nixba qatt:
Morru arawhom fis bla ċirku,
Kif idaħħku lil kulħadd!!

8.
J'ommi dawn għandhom fiera,
Dan iċ-ċirku xtraw b'irħis:
Kif tiġġennen u tiskanta,
Jekk taraw id-dell tal-qmis!

9.
Tallalera, tallale',
Għannu fis fuq il-vjolin:
Jekk iċ-ċirku 'l dawn tneżżagħhom,
Taraw xbiha tas-sardin!!

10.
Fis ngħannulkom għanja sewwa,
Ibda fis miċ-Ċemċumina:
Kollha aring lil ħadd ma tħallu,
Spiċċaw b'għanja lil Martina !!

11.
Tallalera, tallale',
Għannu għanja taqtgħu qatt:
Jekk tarawhom mingħajr ċirku,
Żgur idaħħku lil kulħadd!

12.
Tallalera, tallale',
Ibqgħu għannu, għannu fis:
Kif titwaħħax u tiġġennen,
Jekk tarahom mingħajr qmis!!!

(Ħarġa 28, 10 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

## It-Tama tal-Gżira

F'nofs ta' lejl qalb l-akbar ħemda,
Tlaqt indur fejn ma mort qatt:
Qalb wisq oqbra naħseb f'Malta,
Għax minsija minn kulħadd.

F'dak il-waqt li kont qed nisħet
Dawn il-ħorox żminijet,
Xbejba nilmaħ li ssabbarli
Dil-qalb mejta bħall-imwiet.

Bl-akbar ħmiel dix-xebba dehret,
Wiċċ li fih ma ssilbu ħtija;
Bl-oħla daħka fommha mżejjen,
Bl-isbaħ rand rasha miksija.

"Ah! Ja bniedem, (smajtha tgħidli),
Għax qed titfa saħtiet kbar,
Flok li għandek fuq il-gżira
Dmugh imxerred lejl u nhar?

Għandek taf kull bniedem għaref
Ma jaqtax it-tama f'xejn,
U l-errur li jaqa' fuqu,
Bih jitgħallem għalli ġej:

Għal daqshekk m'għandekx tibża';
Għandek titma' iżda fir-risq:
Ejja ngħidlekx'għad igħaddi
Minn dilgzira li tħodd wisq."

Magħha mxejt, qabditni ma' idi,
Hemm ressqitni qalb l-imwiet,
Fejn ilmaħt qalb dak il-għadam
Artal kbir fuq żewġ ħaġriet.

"Dan l-artal, (hemm bilġri qaltli,)
Tron ta' l-gherf ma jintemm qatt:
Jekk ma jiġu n-nies quddiemu,
Ma jissabbar jista' ħadd.

Żmien li jiġi, (tgħidli baqgħet),
Li l-Maltin f'kull nofs ta' triq,
Fis jintgħannqu b'bews ta' paċi,
Bit-tnehid id-dmugħ u l-lfiq

Dak il-kliem ta' ħila f'fommhom
Ikun kliem ta' l-aħwa lkoll;
U tal-hema wkoll tal-bidu,
Ta' kemm snin ghad jiġu nkoll."

Fil-waqt, siktet, jien qgħadt naħseb
Li għalkemm wasal it-tmien,
Kollni hieni qbadt fi triqti
Stampajt f'qalbi dan il-kliem:

"Titla' x-xemx ta' l-oħla nisel,
Għad fix-xefaq ta' dil-gżira,
Biex fid-dlam ma tkun qatt iżjed
U lil koll ġens timla bil-għira."

MALTI

(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. pp.1-2.)

## Fuq l-Ilsiera

1.
Sewwa Franza u l-Ingilterra
It-tnejn għamlu pattijiet:
Ma jħallux il-bejgħ tal-bniedem
Kif hu xieraq mis-smewwiet!

2.
L-Ingilterra tgħasses dejjem,
M'hemmx baħar ma hix fih:
Hekk xejn inqas Franza tgħasses,
Tiġri ssibha ma' kull riħ.

3.
Il-kbir patt ta' dal-potenzi,
Mewt għal dawk li jaqbduhom,
Kif l-eżempji bosta saru,
Ilkoll dan-nies fis idendluhom.

4.
Bosta eżempji rajna u bosta,
Mhux ftit għallqu u minħabba l-Isir:
Iżda l-ħemma li aħna nġarbbu,
Favur kollu minn tal-fqir!

5.
O! Xi ġmiel ta' liġi dina,
Ma nistgħux milmentaw qatt,
Kif il-popli ta' l-art kollha,
Ġiet mifdija minn kulħadd!

6.
Mhux hekk iżda fuq dil-gżira,
Fidwa għalina għad li m'hemmx;
Għax hawn huwa l-jasar tagħna,
Fuq dil-gżira, taħt ix-xemx!!..

7.
Jekk Gvern ġdid li jkun ġie Malta,
Ma jħallix min jidħak bih:
Mill-kbarat tafu min huma,
Tlieta mkaxkra mingħajr ġieħ!

8.
Tafu tajjeb dawn min huma,
Tlieta kbar madwar il-Gvern:
Kollha ħlewwa minn ġo fommhom
L-opri tagħhom iżda nfern.

9.
Alla ħares qatt ix-xita,
Kienet tkun f'idejhom biss,
Kieku żgur basta mill-foqra,
Qatra le ma jieħdu d'fiss!!

10.
Għax imbagaħd tidħol it-taxxa,
Fuq spallejna jagħfsu sħiħ:
Huma tħaxknu stagħnew tajjeb,
Kliemna lkoll jitfgħuh mar-riħ!!

11.
Aħna bosta agħar mill-Isiera,
Kif naraw fuq din il-gżira,
Kien imissna wisq xort'oħra,
Għal band'oħra nġibu għira!!

12.
Iżda dment il Gvern ma għandna,
Tliet ilpup biex ma ngħidx klieb:
Fuq bid-daqqa nibqgħu niżfnu,
Kulħadd jagħlaq jista' l-ktieb!

(Ħarġa 29, 20 ta' Novembru 1864. pp.3-4.)

## Ta' Namrat Għanja

X'siegħa sewda waslet fuqi,
Li tislima jien nagħtik:
J'ommi min qatt isabbarni
Li nitbiegħed u nħallik!!

Ftakar sejjer ja ħanina,
B'qalbi wisq wisq imbikkija:
'Mma min jaf jaħasra inti,
Tiftakarx xi darba fija!

Bħal miġnun fit-triqat niġri,
U il-ħaġar għalik insaqsi:
Jekk iddur id-dinja kollha,
Ħadd ma ssib illi jħobbok daqsi!

Ftakar mela ja ħanina,
Li għalik jien agunija:
'Mma min jaf jaħasra inti,
Tiftakarx xi darba fija!

Inti taf mindu kont ċkejken,
Kemm ħabbejtek b'għożża kbira:
Li kull min kien isellimlek,
Kien jimlini bl-akbar għira!!

Issa sejjer nibqa' sejjer,
Għad immut b'malinkonija:
'Mma min jaf jaħasra inti,
Tiftakarx xi darba fija!!

Ftakar, ftakar, li se nsiefer,
Forsi nibqa' bla tarani:
Biss ibgħatli aħbar tiegħek,
Imqar ikun ma' xi barrani!

Qalbi dejjem urejthielek,
Sew mill-għodwa u fil-għaxija,
'Mma min jaf jaħasra inti,
Tiftakarx xi darba fija!!

Bonosira, bonosira,
Ftakar kemm għamilt għalik:
Kemm għożżejtek, kemm ħabbejtek,
Ħsiebi dejjem kien biss fik!

(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. pp.3-4.)

## Il-Miġja ta' Sir H.Storks ħakem ta' Malta u ta' Għawdex: Merħba Bik !!!

1.
Merħba bik, ja Ħakem tagħna,
Il-Maltin xtaqitek wisq;
Kif it-tama ta' dil-Gżira,
Minnek tara għad xi risq!

2.
Kif jafuk bosta minn tagħna,
Li INTI raġel ta' l-użin:
Nittamaw li l-miżien tiegħek,
Ikun risq għala l-Maltin!

3.
Merħba bik, Sir Storks, O Merħba,
Ejja ħudna b'Missier tagħna:
Jekk tkun iva raġel sewwa,
F'qalbna tibqa' dejjem magħna!!

4.
Uh! Kemm għandna min wisq nafar,
Għaliex ġej il-Gvernatur:
'Ġa t-TRIANGLU intom fhimtuna,
Jidgħu s-siegħa u l-Vapur!

5.
Issa dan ħsieb wisq battal,
Alla jaħseb fina lkoll:
Ġid u risq għad naraw minnu,
Ħwejjeġ kbar taraw ukoll!

6.
Jekk dan-nagħġa ma jitniggeż,
Minn dal-kiefra erba' Maltin;
Tlieta kbar...Intom fhimtuna,
Dejjem saħta ġibtu f'ħin...

7.
Aħna ħienja lkoll inkunu,
U nbierku l-jum li għad fih ġie:
Ftit tas-sabar ħalluh jibda,
Imbagħad xejn tmieru, tgħidux le!!...

8.
Kien Korfu' maħbub wisq dejjem,
Żamm il-kmand dejjem f'idejh:
U l-kbarat li waqqgħu il-poplu,

Dejjem ġiebhom taħt riġlejh.

9.
Dan jaf il-ĦAQQ x'inhuwa,
Ħadd le żgur ma jidħaq bih,
Għax għajnejh it-tnejn imgħammda,
Kbir u żgħir ħaqqu jagħtih!

10.
Meta hu hekka poplu Malti,
X'tistennew minn dal-*Ħanin*,
Għajr jekk jixrob il-velenu,
Min ta' xi erba' kbar *ħajnin*!

11.
Iżda stabru, taħsbux iżjed,
Telgħet fl-aħħar iż-żerniqa:
Illi ġabet dal-kbir *Raġel*,
Biex jeħlisna minn kull diqa.

12.
Merħba bik intennu dejjem,
Kbar u żgħar miġmugħ qagħad:
Jekk taħkimna kif ħkimt l-Isoli,
Minn ġo qlubna ma tmur qatt!

(Ħarġa 30, 30 ta' Novembru 1864. p.4.)

## Tifħira

1.
Wasal fl-aħħar il-jum hieni,
Li MARIJA nħolqot fih!
Mingħajr tebgħa, mingħajr ħtija,
Fost in-nisa bl-akbar ġieħ!

2.
Kemm profeti f'iżmna qodma,
Kollha ħabbru l-Ħolqien Tagħha:
Kif mhux hekk, da' d-dinja tafu,
Għax għall-ħlejjaq Omm is-Saħħa!!

3.
Minn kull qabel żmien maħsuba,
Fil-kbir moħħ minn tal-kbir Alla:
Biex tal-Ġenna tkun Reġina,
Sa fuq l-Anġli wkoll tittalla' !

4.
Bħal Missier u Etern Kbir Alla,
Ried joħloqha b'Omm minn Tiegħu:
Safja u pura, mingħajr tebgħa,
Biex fil-ġenna titla' miegħu!

5.
O Marija x'Int ta' l-għaġeb!
X'ħin MAĦLUQA minn Alla ġejt:
L-Infern triegħed, thenni s-sema,
Kull dnub minnha nqered bgħid!!

6.
Piju Disgħa l-kbir monarka,
Lilha ħabbar kullimkien;
*Dogma* xerred ma' l-art kollha,
Li Hu nfallibbli dal-Ħolqien!!

7.
Ma' l-art kollha l-aħbar xterdet,
Ta' did-*dogma* hekk sabiħa:
Biex f'kull knisja infaħħruha,
Minn kull ġens qima jagħtiha!!

8.
Ma hemmx rokna ta' did-dinja,
Li ma tqimha b'wisq foħrija:
Tisma' l-ġnus tad-dinja tgħajjat:
Imbierka iva Ħluq Marija!!

9.
Sa l-eretiċi baqgħu ħiemda,
Lil dad-*dogma* qima taw:
Għaliex jafu illi dad-*dogma,*
Min ma jqimu jiżbaljaw!!

10.
U hekk mal-Knisja mqaddsa kollha,
Dal-ħolqien bosta għażiż:
Iġru O ħlejjaq, għal Marija,
Kant mill-isbaħ kantaw fis!!

11.
Hi mill-ogħla tat-tron t'Alla,
Lejn din l-art tħares bil-qalb:
L-ulied Tagħha toqgħod tisma',
Biex fi ħdanha jitla' t-talb.

12.
Mela iġru, ħlejjaq, iġru,
La tkunux iżjed ingrata:
Leħen wieħed għajtu u tennu:
KUNĊIZZJONI IMMAKULATA !!!!!

**Richard Taylor**

(Ħarġa 31, 10 ta' Diċembru 1864. p.4.)

## Il-Kliem tan-Nies

Illum li ngħoddu - Lin-nies tal-fax,
Min ta' dis-sena - Seklu Dsatax,
Irrid ingħarraf - Lill-kbar u liż-żgħar,
Kemm għandna fuqna - Ħmerijiet kbar,
Ma tistax tikteb - Fuq il-qdusija,
Bilġri jgħajruna - Bl-ipokrisija;
Jew jekk għad niktbu - Fuq ix-xbejbiet.
Bilġri jgħidulna - Dawn ħmerijiet!!
La nistgħu niktbu - (U ibqgħu fiż-żgur),
La kurunelli - la fuq namur.
U ar'kemm hu hekka - Jisma' kulħadd,
Inġib b'eżempju - Sejjer dal-fatt.
Kien hemma raġel - Li kellu ħmara,
Kien huwa u ibnu - Sejrin għax-xmara.
Għajr it-tagħbija - Il-missier fuqha,
U t-tifel jimxi - Sabiex isuqha,
Kien għaddej raġel - X'naf mnejn kien ġej,
Lemaħ il-ħmara - U 'l dawn it-tnejn:
Xbin (qal lir-riekeb) - Ma tħossx mistħija
Toqtol bil-mixi - Lil dit-tarbija?
(Qabeż missieru) - Qal sewwa l-flien,
Irkeb fis inti - Ħa nimxi jien.
It-tifel rikeb - Missieru jsuq.

Fis resaq ieħor - Kien ġej mis-suq.
Ma tistħix tirkeb - (Għajjat qatigħ)
U tħalli jimxi - Missierek xiħ?
Jeħtieġ mel'ibni - Bla żmien ta' xejn,
Biex ħadd ma jlumna - Nirkbu it-tnejn.
U hekk bilġri rikeb - Ħa s-sarġ f'idejh
Qagħad ftit lura - Bit-tifel ħdejh.
Filwaqt kien riesaq - Bejjiegħ it-tin,
Bonġornu!, qallhom - Bonġornu!, xbin,
Xbin għidli ħaġa - 'Ġa la ltqajt miegħek,
Mhux għal xi ħaġa - Dil-ħmara tiegħek?
Iva ja xbini - Sejrin għax-xmara,
Din se toqtolha - (qallu) F'nofs ħara!
Din il-kefrija - Dil-krudelta'
Tara l'int nieqes -Mill-karita'
Qal sewwa ir-raġel - (Qabeż ix-xiħ)
Waqqaf il-ħmara - Hemm minnufih!
Lil ibnu niżżlu - Biex jimxu it-tnejn
Sabiex ma jkollhom - Xi jgħidu xejn.
Kien għaddej ieħor - Għajjat Xbin! Sten'!
Bil-ħmara u timxi - Dan ma hux ġenn?
O! Bħal dal-ħwejjeġ - Jien ma rajt qatt
Kif nikkuntenta - Nibda 'l kulħadd?
Qal dan ix-xwejjaħ - Lill-iben tiegħu,
Illi kien qiegħed - Hekk hada driegħu
Tafx mel' kif nagħmlu - U hekk għandu jkun,
Nerfgħu aħna l-ħmara -B'dan il-bastun.
Hekk fl-aħħar għamlu - ma qallux le!
U n-nies ġriet warajhom - Jgħajtu *ge!*
Kif spiċċat fl-aħħar - L-insejkna ħmara
Inqata' l-ħabel - Waqgħet fix-xmara!
U xiħ imsejken - Bi kliem in-nies
Tilef il-ħmara - U l-ġid fil-qżież!
Mela f'did-dinja - La tinsew qatt:
Ma tikkuntenta - Żgur lil kulħadd!!!

(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.1.)

**Stedina lis-Soċji għal Nhar il-Milied**

Sinjuri Soċji - Il-Milied wasal,
Xejn tibagħtulna - Xi tewm jew basal,
Nittamaw iżda - Kemm kemm xbejbiet,
Li tkunu t'anqas - Minn għoxrin sena!
'Ġa intom fhimtuni - Eta' ta' l-hena!
Tara lill-għażeb - Għand in-namrata,
Jagħtiha qagħqa - Immarmurata!
Hija tistiednu - Fuq l-ixkumvat,
Basta l-lejl tgħaddi - Sew man-namrat!
Dil-ħbiberija - Minn taż-żagħżugħ,

Lix-xiħ xi tridu - Donnu qanżuħ!
Ħarsu lejn Nina - Tistenna lil Ġanni,
Biex bil-kitarra - Jidħol fis jgħanni!!..
Ix-xbejbiet kollha - Jinħallu fis...
F'dal-lejl hekk hieni - Hekk jum għażiż!!
Dalwaqt jiltaqgħu - Hemm dal-bankett;
Għaddi, int fejnek - Mari' Konċett?
Idħol ixxala - La tistħi xejn,
Nistħajlek tgħidli - M'aħniex li tnejn!!
Uh! M'intix goffa - Mal edukata,
Xejn ma jixraqlek - Li tkun namrata!!
Skużi Ninetta - Tiħux għalija,
Dan kollu ngħidu - Bil-ġelożija!
Xtaqt li ma tħares - Kieku lejn ħadd,
U li tinnamra - Ma' Ninu qatt!
Meta xi wieħed - Iħares lejk,
Bis-siġġu jersaq - Qajla qajla ħdejk...
J'ommi xi jżommni - Ma niddisprax,
Għid Ċetta tiegħi - Ma ninqalax
Daqs kemm il-għażeb - Minn ta' daż-żmien?
Jew forsi f'qalbek - Għandek il-flien?
Iżda tiżbalja - Ja qalbi Ċetta,
Qiegħda tinnamra - Ma' kbir fraxketta!
Mur saqsi għalija - Bilġri 'l kulħadd,
Jekk imaqdruni - La tħobbni qatt!
Is-sena t-Tajba - Issa nagħtik,
Ġo qalbi tibqa' - Qatt ma nħallik!!!

(Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864. p.2.)

**Il-Messija: Il-kbir jum tat-Twelid Imqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu**

1.
Glorja, Glorja *Osanna* għajtu,
L-anġli kollha fis-smewwiet:
Fuq il-għar sew minn ta' Betlem,
Bih jimtlew sew l-artijiet!

2.
Ir-rgħajja tal-Ġudeja,
Bilġri stembħu b'dan l-għajjat:
Nisa, rġiel, kemm xjuħ u żgħażagħ,
B'dak il-leħen fis skantat!!

3.
Xi tkun qatt did-dija kollha,
Bdew isaqsu ma' xulxin:
Is-smewwiet reġa' weġibhom,
Għaliex twieled il-*Bambin!!*

4.
Twieled iva, qagħad fi stalla,
Biex isseħħ il-profezija:
Twieled iva fl-akbar faqar,
Biex iseħħ kliem Iżaija!!

5.
Ir-rgħajja lkoll ta' Betlem,
Jiġru bdew għall-istalla:
Għax kulħadd qalbu ħebritu,
Illi twieled il-*Kbir Alla!!*

6.
0L-anġli tgħajjat, *Ersqu fisa,*
La titilfu l-ebda żmien:
Dawk fis ħarġu lkoll imgħaġġba,
Sa li kienu ġo l-għerien!!

7.
Glorja, Glorja *Osanna* għajtu,
Reġgħu l-anġli mis-smewwiet:
Tal-*Messija* t-*Twelid* ħabbru,
U n-nies f'daqqa kollha ġiet!!

8.
Iżda x'raw dawk ir-rgħajja,
F'dik il-lejla ta' kbir bard?
Raw *Bambin* ta' fqir imwieled,
Li Hu Sultan tas-Sema u l-Art!

9.
Kollha mgħaġġba fiss iħarsu,
Lejn it-Tfajjel imwieled f'Għar:
*Dan hu!!* qalu, *Il-Kbir Messija*,
Għeġubijiet mill-iżjed kbar!!

10.
Dak id-dawl ta' fuq l-istalla,
Iżjed nebbaħ lir-rgħajja:
Kollha f'daqqa iqimuh marru,
Minn kull naħa qtajja' qtajja'!!

11.
Min qatt twieled f'din il-lejla,
Bdew isaqsu lil xulxin;
Kif il-kant tal-Glorja nstama'.
Twieled żgur *Ġesu' Bambin*!!!

12.
Twieled dak li minn żmien ilu,
Imħabbar kien minn Iżaija:
Min hu, iżda, l-oħrajn wieħbu?
*Hu l-Kbir Kristu, il-Kbir Messija!!*

13.
O Kbir Alla, bdew jgħajtu,
Dal-*Messija* xi jkun qatt:
L-anġli wieġbu lir-rgħajja,
Dak li jifdi lil Kulħadd!

14.
Kollha f'daqqa għarkobbtejhom,
F'bieb l-istalla qima tawh:
Kbar u żgħar kulħadd inġabar,
Bħal sultan fis adurawh!!

15.
Hieni l-poplu ta' dat-Tempju,
Li f'dal-jum tqimuh ilkoll:
Bl-isbaħ żina ġewwa n-nieqa,
Pavaljun sawwartu wkoll!

16.
Qalb l-inċens u l-akbar fwieħa,
L-anġli tkanta t-tifħir tiegħu:
Hekk xejn anqas in-nies kollha,
F'dal-lejl hienja jersqu miegħu!!

17.
Ikantaw u jtennu dejjem,
Twieled twieled il-Messija:
Seħħ il-kliem minn tal-Profeti,
Illi d-dinja tkun mifdija!!

18.
Glorja mela nkantaw dejjem,
Kbar u żgħar kull waqt kull ħin;
Glorja, Glorja, *Osanna* fl-ogħla,
Għax twieled Ġesu' Bambin!!

**Richard Taylor.**

(Suppliment għal *Il Giurnal Malti,* Ħarġa 32, 20 ta' Diċembru 1864.)

## Is-Sena t-Tajba lis-Soċji Kollha għall-bidu ta' l-1865

Sinjuri Soċji - Lilkom ilkoll,
Sew ħabib tagħna - Sew għadu wkoll,
Is-sena t-tajba - Lilkom Sinjuri,
Sewwa lill-umli - sewwa lill-Kburi;

Nixtiequ s-sena - Tkun ġid għalikom,
Ma rridux j'ommi - Li ma tagħnikom!
Għal kulħadd nagħtu - Is-sena t-tajba,

Tifhmux li l-ħiena - Ġo fina mgħajba..

Le, le Sinjuri - Nħobbu lil kulħadd,
U minn ġo qlubna - Ma tmorru qatt!!!
Sua Eċċellenza - Il-Gvernatur,
L-ewwel post jieħdu - Kif imiss żgur!
Warajh l-Arċisqof - Ta' din il-gżira,
Għaliex jistħoqqlu - Qima wisq kbira
Is-sena t-tajba - Lill-Imħallfin,
Lill-Maġistrati - Li huma kibjin...

Il-kbarat kollha - Tal-Gżira wkoll,
Nixtiequ ngħaddu - Fih dan ir-roll...
Biex imbagħad tisma' - Lit-tfal bil-kxiexet,
Sew bniet biċ-ċlieqen - Kemm tfal bil-brieret,

Jiġu jittallbu - Fis ħabba strina,
U n-namrat jitlob - Strina l-ħanina!
X'ma tarawx l-aħwa - Lil dika Ċetta,
Tersaq fuq Toni - F'idha l-kaxxetta.

U Toni l-imsejken - Jaqla' wqitejn,
'Ġa dan bejniethom - Jafuh it-tnejn!
Ħarsu lejn Żaża - Ma' Pawlu tagħha,
Ġuvna sabiħa - Li tbigħ is-saħħa...

Pawl (tgħidlu) isma' - Għax ma ttinix?...
Għandek qalb kiefer - Ah! Tbikkinix!...
Iva, jaħasra - Nagħtik, nagħtik,
Itla' fis-Sala - Ħalli nurik,

Kemm għandi deheb - U fidda wkoll,
X'ħin jarawhomlok - Tgħaġġeb ilkoll!
J'ommi kemm nisa - Jittalbu l-flus,
Dal-jum għalikom - Bosta gustuż...

Basta jaqilgħu - Minn xi namrat,
Jekk mhux flus torta - Jew suprissat!
X'ħin tkun perzuta - ma jiddarsux,
Kulma twikkilhom - Kif la ma ddurx...

Għallex il-ħalja - Imdorrijin...
Fis jibku u jolfqu - Ma ttihom f'ħin!
'Mma stenna Żeża - Bil-mod Konċetta,
Xi trid nimlewlek - F'din il-kaxxetta?

Għandek kaxxetta - Sew daqs senduq,
Kemm inti rgħiba - Aktar ma dduq!..
Keka mhux bħalek - Aktar mistħija,
Tixbaħ sew sewwa - 'L oħtok Marija!..

Iżd' inti għandek - Wiċċek sfaċċat,
Mniefaħ kemm toqmos - Tilmaħ namrat!
Bil-mod xejn għaġla - Tilħaq tiżżewweġ,
Ma ddumx wisq friska - Għax dalwaqt tbewweġ!

Tbewweġ niftiehmu - Ma' l-għarus tiegħek,
Fl-aħħar mill-aħħar - Ma nkunux miegħek!
Xejn la tisserdaq - Fiha dis-sena,
Ar' li ma tibdel - Kbir hemm flok hena.

Għax inbagħad jibdew - Jiġu it-tfal,
Dan tafu bħalna - Slaleb wisq tqal...
Gawdi ftit ieħor - Xbubitek Ċett,
Mur iddeverti - Fis il-ballett!

Forsi ssib wieħed - Jagħtik l-istrina,
Qajla qajla jgħidlek - J'ommi l-ħanina
Ftakar x'kont ngħidlek - Nhar il-Milied,
Disa' xhur oħra - Nifhem tiżdied!

(Ħarġa 33, 30 ta' Diċembru 1864. pp.1-2.)

## It-Taqtigħ u l-Mewt ħarxa ta' l-Innoċenti f'Betlem ta' Ġuda

### Tifħira

1.
Xhir u għajat mill-iżjed qawwi,
Nstama' f'Betlem bl-aħrax hemm:
Kien tat-tfal kollha *Innoċenti*,
Mat-truf kien Ġerusalemm!

2.
Għagħa kbira, sjuf misluta,
Mgħaddsa wisq f'id il-bojjiet:
Mingħajr ħniena it-tfal jaħfnu,
Minn ġo ħdan wisq ommijiet!

3.
Minn t'Erodi l-liġi kienet,
Biex isib forsi l-Bambin!
Ta' sentejn kull sabi fisa,
Joqtluhomlu kollha f'ħin!

4.
Mill-Ġudea l-għajat semgħu,
Ta' Rakeli l-biki kien:
Illi l-leħen kien wisq qawwi,
'Nstama' bilġri sa fl-għerien!

5.
"O, ja intom li għaddejja,
Mexxu ilkoll fis hawn miegħi:
Ibbru tajjeb jekk hawnx weġgħa,
Illi tisboq 'l uġigħ tiegħi..."

6.
O ja kiefra nies bla rwejħa,
Tuni 'l ibni la ddumux:
Sejfek f'għantek kiefer daħħal
Ah! Jaħasra la toqtlux!!

7.
Qalb l-għajat ta' dik il-ġemgħa,
Għaxja dehru l-ommijiet:
Fuq uliedhom mejta jibku,
Ħniena jsejħu mis-smewwiet!!

8.
Iżda l-kiefra b'qablhom ġiefja,
Minn ħdan ommhom jisiltuhom:
Bla mogħdrija b'herra kbira,
Minn b'ħajr nifs bilġri joqtluhom!

9.
Ma hemmx omm mhix imbikkija,
Tara t-tfal taħt it-tagħan:
Ruħhom ħierġa kollha fienja,
Mixħuta taħt il-qigħan!!

10.
Minn qatt hawn jista' jsabbarna,
(Tisma' l-lfiq ta' l-ommijiet);
Mela ħniena ma tinqala'
Ħemdu wkoll hawn is-smewwiet?

11.
X' inhuwa ħtija t-tifel tiegħi,
Tisma' 'l omm tgħajjat qatigħ:
Iżda l-kiefra tqatta' u tehmed,
Kliemhom jixħtu lkoll mar-riħ!!

12.
Għaliex tagħlaq widnejk kiefra?
Lilek, int Ġerusalemm?
Għaliex ħniena ftit ma jkollok,
Minn tat-*Tfal* l-innoċent demm!!

13.
Jekk Erodi s-setgħa tagħkom,
Biex jinzerta lill-*Messija:*
M'għandkomx ja bojjiet kiefra,
B'dil-ħruxija iċċarċru d-dmija!!

14.
Kulma għamel, kulma ttanta,
F'dawk il-jiem minn tal-Milied:
Biex isib kieku l-*Messija*,
Minn tant kemm joqtol ulied!!

15.
Iżda le kiefer Erodi,
Din ix-xewqa ma tkun qatt:
Fi kliem tiġi Ġeremija,
Li tkun għajb minn ta' kulħadd!!

16.
Għax li ridt tarbija toqtlu,
Bħat-tfal l-oħra mgħargħa f'demm!!
F'Ġosafat ħaqq jagħmel minnek,
Kif kuljum fuqek il-hemm!!

**Richard Taylor**

(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

**Ta' kull Qassis Ġdid li qaddes l-ewwel jum ta' l-ewwel quddiesa - 25 ta' Dicembru 1864**

**Tu es sacerdos in eternum Secundum ordinem Melchisedech (Salm 109)**

1.
Waqgħu fl-aħħar il-ġnus kollha,
Minn tal-liġi d-dlamijiet:
Mill-kbir dnub t'Adam il-ħati,
Ħafru fl-aħħar is-smewwiet

2.
Dak il-*Verb* divin li nkarna,
Twieled, għex, miet fuq salib:
Mal-Missier għamilna paċi,
Sew bħall-anġli ġiebna qrib!

3.
Awl il-lejl ta' l-aħħar għaxa,

Lill-appostli ġabar miegħu:
Lilhom ordna saċerdoti,
Kif fissrilhom id-*Din* tiegħu!

4.
Setgħa bħalhom liema bħalha,
Bħalma 'l Pietru qallu kien:
Taħfer int, maħfur fis-sema,
Mingħajr għadd, u mingħajr żmien!!...

5.
Fuqek nibni l-Knisja tiegħi,
Tibqa' sseħħ bla tmiem, etern:
Illi ħadd le ma jegħlibha,
Lanqas il-bwieb ta' l-infern!

6.
O! Xi mħabba kemm hi kbira,
Wera Kristu! Hekk kbir *Qassis!*:
B'*Kelmtejn* biss *Konsagrazzjoni,*
Magħhom jinżel f'idhom fis!!

7.
Xorti kbira tkun għall-bniedem,
Li jkun f'din id-dinjita':
Għax fil-liġi jkun tal-Grazzja,
L'hija kollha karita'!!

8.
X'għandu jagħmel qatt Aronne,
Li qassis kien bosta kbir:
Ħdejn illum dal-*Qassis* tagħna,
Jidher bosta, bosta żgħir!!

9.
Taf San Pawl kien qal biżżejjed,
Fl-Ewwel Ittra lil-Gobranin:
Li qassis la tmiem ma għandu,
Jista' jmut u jgħaddu s-snin!!

10.
Qawwl qalbek b'dal-Kliem kollu,
Kun *Qassis* u appostlu wkoll:
Biex mad-dinja fuq il-pulpti,
Bl-Evanġelju lsienek tħoll!

11.
U hekk mil-lum il-popli kollha,
*Lilek* tagħti qima kbira:
Jekk tisimgħek għad tippriedka,

Kbar u żgħar jimtlew bil-għira!

12.
Mela llum kbir *Qassis* għamlek,
Ma jisgħobx bih għal daqshekk:
u *Qassis* għal dejjem tibqa',
Fuq għemil Melkisedek!!-

**Richard Taylor**

(Ħarġa 34, 10 ta' Jannar 1865. p.2.)

## L-Elezzjoni saret - Il-Kunsilliera li nġibdu fid-19 ta' Jannar 1865

**All' idea di quel metallo... (Don Basiglio)**

1.
Fl-aħħar nett inġibdu kollha,
Li nsejħulhom Kunsillieri:
Aqraw ftit Sinjuri Soċji,
Tkunu tafu x'jiġifieri.

2.
Intom tafu bosta tajjeb,
Li bil-flus tiftaħ kull triq:
Tgħaddi l-fehma minn ta' rasek,
Ma taħsibx f'biki u lfiq!

3.
Kemm għaddew flus baxx mal-gżira,
Min xi għani jrid isir:
Bosta kellhom għalih jaqgħu,
Għax hu sidhom l-aktar kbir!!

4.
U min huwa dan il-bniedem,
Li tah ġenn għal dal-Kunsill?
Hu Scicluna mgħobbi liri,
Daqs kemm jiflaħ kukkudrill!

5.
Mhux hekk iżda le dawk sħabu,
Għaliex ħabba ma nefqux:
B'xejn il-poplu l-vot jagħtihom,
Għaliex jaf ma jinbiegħux.

6.
Nieħdu l-ewwel lil Sciortino,
Kif sar l-ewwel kunsillier:

Għax il-poplu jaf wisq tajjeb,
Li għall-gżira l-aqwa plier!

7.
L-ebda wieħed le ma xtara,
B'għarukaża l-vot bil-flus:
Iżd'hemm bosta biex isiru,
Żvojtaw bosta mill-karus!

8.
Issa billi mimli liri,
Iżda għerf le ma għandekx:
Sabiex toqgħod fuq is-sedja,
Int taf żgur ma tixraqlekx!

9.
Issa x'nagħmlu jekk ma jkollok,
X'avukat li jkun maġenbek?
Bħala statwa tal-melħ tibqa',
Taħseb biss fil-gwaj u hemmek!

10.
Iżda l-oħra kollha tajba,
Ma biegħuna għadhom qatt:
Bħalma biegħna kien Scicluna,
Dana wkoll jafu kulħadd!!

11.
Iżda għandna l'hu l-prim wieħed,
Patrijotta Pulliċin:
Għalkemm żamm mal-gżira tagħna,
Daħal fis f'qalb il-Maltin!

12.
Lil Mifsud u 'l Torreggiani,
Ma ninsewhom nistgħu qatt:
Ma' l-għedewwa wisq ħaduha,
Dan ma jista' jmerih ħadd!!

13.
Patrijotti wkoll kbar għandna,
La venal' la 'nteressat:
U min huwa dan il-bniedem,
Negozjant Carlo Muscat!

14.
X'ma għamilx dana għall-gżira,
Sa ġieb kien l-Esebizzjoni:
Ta' l-Industrija minn ta' Malta,
Li din l-isbaħ fost id-doni!!-

15.
Tama kbira għandna f'Alla,
Li ma nkunu milgħubin:
Nitolbuh lill-Kunsill jaħseb,
Fejn inkunu midfunin.

16.
Għax il-poplu wisq imbikki,
X'ħin mill-Knisja intom toftmuh:
Biex mat-Torok, Protestanti,
Lhud ukoll hemma tordmuh!

17.
Iżda l-Gvern li għandna raġel,
Magħna jżomm kif jaf kulħadd:
Kelma tiegħu tkun mismugħa,
Ma jneħħiha jista' ħadd.

18.
Il-Kunsill hekk għandu jieqaf,
Mhux bil-flus iżda bil-għerf;
Minn ma jaqra u lanqas jikteb,
Ikun biss magħdud bħal serv.

19.
Hawn xi ħadd iżda jgħidilna,
Illi l-flus għall-kont u l-pont:
X'jiena llum jgħid Scicluna,
Xejn toqogħdu tfittxu x'kont!

(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

## Akrostiku

**S**'issa elf darba nganna l-ħbieb,
**Q**rajnieh elf darba f'kull ktieb!!
**A**ħna nibżgħu li hu impostur,
**L**-oqma ħobż, u hekk huwa żgur!!
**L**-aħwa warrbu il-*barranin*
**I**smu dan huwa Kajjin!...

(Ħarġa 35, 20 ta' Jannar 1865. p.4.)

## In-Nases tal-Gazzettieri

Kemm il-foll għandna taqraw,
Ma hemmx wieħed li jgħid sewwa:
Kulħadd jikteb kif jaqbillu,
Basta jnassas qalb l-għedewwa!

Dan narawh kuljum b'għajnejna,
L-iżjed mill-*Mediterran*!
Tistgħu tgħidu, u tibqgħu żguri,
L'huwa xibka tax-xitan!

Xi daqqiet sabiex jinqeda,
Jagħti n-nar lil *Stentarell*,
B'ħafna gideb u impostura,
Biex taraw hux purċinell!!-

X'ridt tmaqdarha l-elezzjoni,
Ja Buqrajq Garibaldin?
Mhux kulħadd induna sewwa,
L'inti l-għadu tal-Maltin!!-

Lil min ridtna li neliġu,
Rġiel onesti Kunsillieri?
'Ġa int bhima kont minn dejjem,
U ma tafx le x'jiġifieri!!

Ridt neliġu lil xi atju?
Wieġeb, wieġeb, la tibżax!
L-iskomunika imdorri biha,
Għal daqshekk ma tinqatax!!-

Lil Sciortino tiġi tmaqdar,
Wiċċ ma jistħi żgur minn ħadd:
Ma' dawk l-ateji ta' madwarek,
Kif illum jafu kulħadd!!-

Lil dawk iva ridna nagħmlu,
U mhux dawk illi ibiegħuna:
Wieħed sar kumbinazzjoni,
Illi huwa s-Sur Scicluna!

Iżda l-oħra lkoll għal qalbna,
Nies li jħobbu din il-gżira:
Iżda dawna mn'awl id-dinja:
Li l-*Ġakbini* kollha għira!!

Għax tmaqdrilna 'l Muscat tagħna,
Insejt kemm ħadem għall-Maltin?
X'ħin l-*Industrija* tal-fqar wera,
Sabiex għad jibqgħu ħenjin??

Staħba, staħba u aħsel wiċċek!
La tidhirx quddiem in-nies:
Int u sħabek l-akbar ateji,
Qegħdin f'qiegħ li ma fihx qies!!

X'int tistenna, *Pastorali*?
Inti darba ma kellikx??-
Mela immenda u isma' kliemna,
Inklele'..ma jaħfirlikx!..

Int xi tridhom lill-Gazzetti,
Li jitħaddtu l-verita'?
Tattakahom fl-unur tagħhom,
Bl-akbar stonku wisq vilta'??

Ftakar, ftakar, x'ħin qrawhielek,
Wara l-bieb tal-Knejjes kollha:
Li ngħidulha Pastorali,
U in-nies tiġri taqra folla!

X'bokka unur għandek mal-Gżira,
Dana jafu wkoll kulħadd:
Għax kemm ilek bil-Gazzetta,
Sewwa zgur le ma għedt qatt!!

Nases ġibt, gideb u imbrolji,
Fuq il-gvern u l-kbar ħbieb tiegħek:
Għalhekk issa jwarrbuk kollha,
Ma jagħmilha le ħadd miegħek!!

(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. pp.1-2.)

## Kelmtejn tal-Ħbiberija

### Akrostiku

**A**ktar bosta l-ħbiberija,
**L**i tingħaqad bejn l-iħbieb:
**F**ost kulħadd min b'xi tifkira
**R**ekken sew xi vers fi ktieb!
**E**kku mela l-ħabib tiegħi
**D**ak li qatt ma kien nassies:
**O**ħla bosta mexa miegħi,
'**G***a* minn ieħor għajb tan-nies
**A**ktar mela ma jnassuna
**T**riq il-għerf iżjed juruna!!-

**Richard Taylor**

(Ħarġa 36, 30 ta' Jannar 1865. p.4.)

## Il-Hemm u t-Tjassir tal-Gżira mnissel mill-Impjegati u l-Kbarat Maltin

1.
Min ma jafx hemm x'jiġifieri,
Jaqra fis dil-*werqa* tagħna:
Jara l-jasar ta' dil-gżira
Nistednuh biex jibki magħna!

2.
Kif tjassart ja Malta msejkna
Bl-impjegati kbar Maltin?
Wieħed biss fiċ-ċorma kollha
Ma ssibx żgur li huwa ħanin.

3.
Xi trid forst ssemmi l-Qrati?
Inkella s-segreterija!...
Ah! Xi lpup issib ġo fihom,
Nies imnissla bil-ħruxija!

4.
President ma jżommlokx servi,
Imħallfin lanqas karruzzieri:
U l-imsejken poplu mjassar
Bla jinduna x'jiġifieri!...

5.
Sa mill-inqas Kuntistabbli,
In-nies kollha magħfuġin:
U xi jġibu dal-gwaj kollu,
L-impjegati kbar Maltin!

6.
La tal-ħwienet tgħix tist' iżjed,
La tas-suq nies l-aktar fqar:
Bil-kirjiet bla nsemmu kollox,
Għarukażi l-aktar kbar!...

7.
Idħlu daħla ġewwa l-Qrati,
L-aktar dawk tal-Maġistrati:
Mingħajr LIĠI bla ĠUSTIZZJA,
Taraw bosta kkundannati!

8.
Min tliet xhur minn iżjed u min inqas
Mingħajr kont dawn priġunija:
Bħalma kellna wisq eżempji,
M'ilux wisq...mingħajr mistħija!..

9.
Dan fir-Russja qatt ma deher
Dispotiżmu impertinent:
Daqs kemm deher fuq din il-gżira
Imbagħad ma tridx li jsir ilment.

10.
Le ja kiefra nies bla ħniena,
Bħal dan hemm ma nstama' qatt:
Min ipinġi l-ħajja tagħkom,
Biex tingħarfu ma' kulħadd!!

11.
Xellerati nies ingrata,
Magħrufa ma' Malta kollha:
Imħaġġra jmisskom bħal San Stiefnu,
Taħt il-ħabs mill-agħar folla!

12.
Għidu l-aħwa, għidu s-sewwa,
Liema hu l-Malti ħanin!
Illi laħaq fuq xi sedja,
Mhux għajr l-akbar malandrin!

13.
Kemm ġo Malta hemm impjegati,
Qatt ma għamlu l-ebda risq:
Għax il-ħiena tagħhom kbira,
Xellerati ħżiena wisq.

14.
Il-patrizji ta' Venezja,
Ma kinux hekk xellerati:
Li b'mitt wiċċ ikellmuk kollha
Sa jħallukom iddisprati!!

15.
Ma tgħidx hemma wieħed fosthom,
L'huwa twajjeb, l'huwa jħenn:
Dawn ma jemmnu lanqas bihom,
Dawn ma fihom l-ebda kenn!...

16.
Din hija nofs l-istorja,
Minn tal-gżira u l-Maltin;
Għaliex xejn tittamamw l-aħwa,
Li ssib KBIR MALTI ħanin!!

**Leħen il-Poplu Mugugħ.**

(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. pp.1-2.)

## Il-Kbir Jum ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Nawfraġju

**L-10 ta' Frar 1865**

Liema lsien ħadd jista' jfisser,
Il-kbir BNIEDEM li ġie magħna?
L-aqwa rwiefen lilu kissru,
Arbli, poppa fuq l-art tagħna!

Pawl'APPOSTLU kien għal Alla,
Obbidjent biex lill-Maltin,
Sabbar b'liġi n-nies li tħalla,
Tal-Kbir Kristu id-Din ħanin,

L-aħwa, ħarsu dal-kbir BNIEDEM,
U waħdu ġarrab għarqa kbira:
Ma hemmx Malti ma sarx niedem,
Ikkonverta fuq dil-Gżira!!

Sal-Barbrin irdussaw miegħu,
Sehem mill-lifgħa qered fis:
Illi kliemu u l-Kbir driegħu,
Eh! Kemm deher x'kien qaddis!!

Rabta kienet ħadd ma jħollha,
Nistgħu ngħidu jaf kulħadd:
Aktar kotrot f'dik il-folla
Sal-lum le ma nħallet qatt!

Aktar iżda t-twemmin tagħna,
Nistqarruh iżjed kuljum:
Pawl li xerrdu kien biss magħna,
Alla semgħu u kien mitmum!!

Waħdek, PAWL, INT li tajthulna,
L- ebda ħadd ma jeħodulna!

**Richard Taylor**

(Ħarġa 37, 10 ta' Frar 1865. p.3.)

## Stedina għall-Karnival tas-Sena 1865

**Maskra**

1.

Jistidnuhom fis is-*Soċji*,
L-Edituri tal-*Ġurnal:*
Biex jitfarrġu b'xi ħmerija,
Li nsejħulha *Karnival!!!*

2.
Kemm Petiti tiġri tara,
Ma' l-ibliet sa ġewwa l-irħula!
Jifhmu l'huma l-iżjed għarfa,
U dawn huma l-iżjed fhula!!

3
Maskarati bil-gzuz tara,
Fanfaruni mhumiex ftit:
Iżda l-poplu kollu jikxfu,
L'hu spjantat, jew xi Petit!!!

4.
Bl-akbar ksuħa jaqra tisma',
Dak iż-żwieġ ta' Karnival:
Illi ħadd żgur ma jġerragħhom,
Anqas żgur il agħar majjal!

5.
Fanfaruni rġiel u nisa,
Sewwa xjuħ u kemm xbejbiet:
Ftakru darkom saret ħerba,
Żbriga l-jum tal-ħmerijiet!!

6.
Din is-sena kellna strina,
Ta' Gvern ġdid mhux impostur:
Illi ġid għall-Gżira għamel,
Dana ħaqq ibqgħu fiż-żgur!!

7.
J'ommi f'din il-Belt Valletta,
Kemm jitlibbsu maskarati:
Midjunin mhux biss fil-Monti,
Sa fil-ħwienet għandha tagħti!

8.
Morru, morru, staqsu 'l-ħwienet,
Sewwa t-tvieren f'kull ħanut:
Dawna bilġri bla żmien twieġeb,
Li ħadd xejn ma ġab fil-but!

9.
Tistgħu tilbsu maskarati,
Ja Petiti ftit spjantati:
Ħarsu ftit min huma nieskom,
Humiex bħalkom iddiprati!!!

10.
Għarukaża wisq għalikom,
Tridu tgħaddu ta' għorrief!!!
Aħna t-Tata nafuh tajjeb,
Ġej mir-razza ta' l-iċrief!!!

11.
Neħħi l-maskra ngħidu x'inti,
Je Petita Pulċinell:
Għoddok sirt *Mediterranju*,
Jew l-infami *Stentarell!!!!*

12.
U lil xbinti kif tlibbisha?
Wieġeb fis *Mediterran?..*
Xi tlibbisha ta' *Proserpna*,
Ma tarax l'inti baġan!

13
Karnival dana Sinjuri,
Ħalli jixxala fis kulħadd:
Nies Petiti hekk injuranti,
Fuq din l-art ma dehru qatt!

14
Kull Petita ta' dil-gżira,
Kollha draw sew f'bank il-għażż:
U mill-maskri l-iksaħ bosta,
Aktar mill-*Ġovedigrass!*

15
Hawn żbrigajna, ja Sinjuri,
Mill-għajdut tal-Karnival:
Biss ingħidu min qatt jilbes,
Ikun sew veru Majjal!!!-

16
Majjal le mhux biss għal darba,
Iżda (skużi) mit-tagħjir:
Għax kull minn il-maskra qala'
Huwa l-għaref l-aktar kbir!!!

(Ħarġa 38, 20 ta' Frar 1865. p.1.)

## L-Aħħar Jum tal-Karnival

Iġru l-aħwa u idħku daħka
Fl-aħħar jum tal-Karnival:
Kemm taraw ħmir u ġannetti,
Imnissla ilkoll mill-bagħal!

Kbar u żgħar ilkoll fis-sakra,

Irġiel u nisa kemm xbejbiet:
Jiġġerrew mat-triqat kollha,
Bl-akbar ksuħa ħmerijiet!

Iżda stenna mhux fis-sakra,
Dawn jixxejru wisq bil-ġuħ:
Għax la xorbu u lanqas kielu
Dana żgur u naħilfuh!

X'ma tarax irġiel miżżewġa,
Tħallu l-mara tqaqi d-dar:
Bla kafe' sabiex titrejjaq,
Lanqas ikel f'nofsinhar!

Dal-petit maskarat jilbes,
Jew ta' Żepp jew Pulċinell:
U hekk flus ħwejġu li kien raħan,
Fis jonfoqhom ġo burdell!

Tara karru kollu maskri,
Mal-Belt jiġru iddisprati:
Jifhmu l'huma sħan u ħelwa,
U huma kiesħa bħall-ġelati!

Fejn hu l-konfett ta' dari?
Ma għandhomx għajr ftit fażola:
L-imbukkat ta' dari fejnu?
Għajr ċulqana jew xi birjola!

Jifhmu dawna wisq gustużi,
Iksaħ huma minn Jannar:
Ta' barbrotti kollha liebsa,
Li ħerġin minn ġo l-Isptar!

U la taf min hu tal-galbu,
U la taf min hi l-onesta':
Lilu jdardrek tarah liebes,
Lilha l-aktar indiġesta!

L-uffiċjali ġewwa l-pjazza,
Għall-fastidju qiegħda biss:
Min bla kont jekk tkun tal-galbu,
Bla misthija jibda jmiss!

Iżda l-ħatab ommijiethom,
Għax taparsi ma ndunawx:
Hekku x-xbejba fil-għors tagħha,
L-ommijiet 'parsi ma rawx!

U x'jistenna l-għażeb tagħna,

F'dan il-jum hekk tal-bluha?
L-omm taparsi ma tinduna
Dawk jitgħammżu bla mistħija!

Iżda dan mhu xejn għal ommha,
Basta tkissbet b'uffiċjal:
Min jaħraqha omm dix-xbejba,
Fl-aħħar jum tal-KARNIVAL!

Juru ċar jagħmlu lit-tifla,
Versal kbir ta' l-uffiċjali:
L-ebda tigra dan ma tagħmlu,
U lanqas le jagħmluh majjali!

Għarukaża l-aktar kbira
F'dal-jum tilmaħ 'l-ommijiet:
Mat-triqat jixxekku kollha,
Biex iħarrġu lix-xbejbiet!

Missis Chiti! Missis Clari!
'Parsi dawna Ngliżi lkoll:
Hekk jitkellmu fejn tismagħhom,
L-aktar ħdejn xi Ngliż ukoll!

Ma tarawx l'intom Sensali,
Ja koċċ karfa t'ommijiet:
Illi tridu li jgħinuk tkissru,
Minn ta' wliedkom ix-xbejbiet!

U hekk dal-jum fl-aħħar jiżbriga,
Taqla' l-maskra tmur id-dar:
Wara xhur kemm tibki u tixher,
Tara 'l bintek fl-akbar agħar!!!

(Ħarġa 38A, 28 ta' Frar 1865. p.1.)

## Briedel Pubbliċi

### Ta' l-Erbat Ibliet, il-Furjana u li jmiss magħhom taħt it-titlu ta' ħwienet, porkeriji, Kafe' u kulma tixtieq

Jekk xejn ġid fil-Gżira ħalla,
Daka l-aħħar Gvernatur:
Duru Malta l-ħwienet tagħha,
Għandkom fis tikkrepaw żgur!
Fejn qatt dari ġewwa l-ħwienet,
Tara n-nisa supplikanti?
Jekk ma jkollhom pleġġ jew raġel,
Għax minn dejjem injoranti??
Iżda llum il-folja nqalbet,

Xejn ma għadha bħalma dari;
Għax bin-nisa l-ħwienet kollha,
Biex ibigħu...U għal xi affari!!..
Dan kuljum narawh b'għajnejna,
Mhux hawn biss san-naħa l-oħra;
Morru duru u tkixxfu tajjeb,
Araw dan hux ħaġa b'oħra!
Jekk xi mara trid tirtafa',
Taqta' l-viżta u d-dnubiet:
Rikors tagħmel ħanut tiftaħ,
Ħafna spejjeż ħlasijiet!..
Tintasablek fis biċ-ċirku,
Fuq il-għatba biex isservi:
Billi sbejħa u ftit dħulija,
Għandha l-lixka minn taċ-Ċervi!
Minn taċ-Ċervi ifhmuna tajjeb,
Agħrbluh sewwa dan il-kliem:
Jiżdingaw irġiel minn djarhom,
Se jġibuhom fl-aħrax tmiem!!
Rajtu xejn lil Pawlu tiegħi,
Nozzi tgħid lil Tereżina?
Dalwaqt rajtu f'ħanut jixrob,
Donnu speċi ta' kantina,
Kieku tmur dil-*povra* mara,
Taqbad bilġri f'tal-ħanut,
Min qatt tort jista' jagħtiha,
Fis tidlikha sa ma tmut?
Illum ma taf min hu tal-galbu,
Kollha jġibu ċ-ċirkijiet:
Ħafna kliem wisq faħxi f'fommhom,
Illi jinsġi l-ħmerijiet!!
Dik li għandha fuq u isfel,
B'żewġ tfajliet biċ-ċirku wkoll:
Dika żgur illi tistagħna,
Għax tirvina rġiel ilkoll!!
Dar-rigal li kien ħallielna,
(Fhimtu) L-aħħar Gvernatur:
Bħalu jista' jkun li jiġi,
Iżda agħar ma jkun qatt żgur!!
Biex permess ikollok dari,
Kont trid tonfoq il-mijiet:
Illum xejn tikkalkulawhom,
La fih tilmħu ċ-ċirkijiet!
B'dak iċ-ċirku wiċċ tost kollu,
Tagħti s-salt fis għall-baħrin:
Jew suldati, min jirkapta,
Jagħmlu kollha tal-ħelwin!
Is-suldat je' l-baħri jaqa'
Jara tfajla li tneħħih,
Tibqa', tibqa' sa ma ddaħħlu,

sa ma ssakkru u tnaqqih!!
Fil-għaxija f'dawk il-ħwienet,
Jiġru donnhom spiritati:
Tibda l-arpa ddoqq xi daqqa,
U hija tiżfen mas-suldati!
M'hemm bżonn tmur ġo l-Italja,
Anqas le ġewwa t-Turkija,
Dawn il-ħwienet li semmejna,
B'għarukaża wisq mimlija!!
Kif jgħix ħanut tal-galbu,
Li ma kienx Alla ħanin?
Irġiel tagħmel wisq għaċ-ċirku,
Ma jafux x'huma ħajnin!!
Immellsuk u jgħannquk kollha,
Sa ma tonfoq l-anqas ħabba:
Daqqa imbagħad u jkeċċuh barra,
Jgħajruh sa fejn trabba!!
Bravu, bravu x'rigal tana,
Daka l-aħħar Gvernatur,
Sakemm jibqgħu il-Briedel f'Malta,
Ma tinsihx il-GŻIRA żgur!!!

(Ħarġa 39, 10 ta' Marzu 1865. p.1.)

**Mhux Kulma Jleqq Deheb**

Dina ħaġa m'hawnx fid-dinja,
Fanfaruni ssib kull ħin:
Sew għożżieb, xebbiet u romol,
X'ħin tarahom indandnin!

X'għadkom żgħar sinjuri soċji,
Twaħħlu f'raskom bla qies xejn:
Intom tafu dal-petiti,
Jew xebbiet jilbsux bid-dejn!

Sinjur tilmħu fil-karozza,
Bil-familja u servi wkoll:
Sejrin jiġru mal-kampanja,
Kif kuljum naraw ilkoll!

Dan min hu xi sinjur qawwi?
Le! Iwieġbuk, Dana skrivan:
Jista' wkoll issa jiżżarġan,
Dari jaħsel il-qigħan!

Issa din kumbinazzjoni,
Tan-natura u iżjed xejn:
Iżda qatt tinsew, le l-aħwa,
Illi ilbieshom għadu dejn!!

Jekk tarahom ġewwa l-pjazza,
Passiġġata m'ommijiethom:
B'dak iċ-ċirku u l-kittipari,
Midjunin ilkoll missierhom!

Morru fis duru l-merkanti,
Juruk ftit il-kontijiet:
Tal-filoxx ħarir u kpiepel,
U kemm qatgħu ċirkijiet;

Daqs pannell ktieb isibulu,
Kontijiet tas-snin il-kbar:
Dan jitqanna, jkollu jtihom,
Frattant jidgħi lejl u nhar!

Fil-kampanja x'kera għandu,
Aktar wisq mill-paga tiegħu:
Iżda f'dan hemm xi misteru,
Xi ħadd forsi mxierek miegħu!

Kif mhux hekk se jmur il-kaċċa,
Dilettant ukoll tas-sajd,
L-omm li tilqa' l-merkant żjara,
Jinnamraw it-tfal mill-ħajt!

Tistgħu taħsbu mela l-aħwa,
   Min jaqlagħha lis-sinjura:
   Bir-rigali u ħwejjeġ oħra,
   Jistgħu jagħmlu wkoll figura!

Iżda da' nħalluh apparti,
   L'hija hekk sejra r-rutina:
   Hemm bosta negozjanti,
   B'dana marru fir-rovina!

Mela naqbdu fil-petiti,
   Illi jagħmlu d-damerini:
   Bl-akbar lussu kollhom polki,
   Midjunin maċ-ċittadini!

Kpiepel, żraben ta' l-alakka,
   Polki, arloġġi u ħafna ċrieket:
   Dawn għan-nies ħafna milordi,
   Midjunin kollha fil-ħwienet!

Jekk kafe' imorru jixorbu,
   'Parsi nesa l-flus id-dar:
   Jekk tal-ħwienet tibda tgħajjat,
   Joħorġuh bilġri bi ħmar!!

Sal-garżuni jidgħu jgħajru,
   Qaddejjin ma jafu xejn:
   U frattant dawn il-petiti,
   Jibqgħu sa jċappsuh bid-dejn!

Din hi l-moda tas-sinjuri,
   'Ġa sinjuri minn tal-lbies;
   Kemm ħajjata hemm li ħalfu,
   Ma jeħduhom le qatt qies.

Kull fejn jimxu fejn imorru,
   Kollha f'daqqa midjunin:
   Ftit li xejn issa jafdawhom,
   Għax ingħarfu dal-ħajnin!

Dina hi l-istorja mqaddsa,
   Tal-petiti u x-xbejbiet:
   Magħruf bosta issa l-petita,
   U x-xbejbiet miċ-ċirkijiet.

X'ħin tarawhom (iflu kliemna)
   Taraw 'l huma lkoll ħajnin:
   Bħalma qal ċar il-proverbju,
   Liema huma deheb fin!!!

(Ħarġa 40, 20 ta' Marzu 1865. pp.1-2.)

**Il-Partitarji tar-Real Teatru ta' Malta u li jmiss magħha**

Min irid tassewwa jidħak,
   Imur mawra sat-Teatru:
   L-akbar boloh ġo fiħ tilmħu,
   Tista' minnhom tpinġi kwadru!

F'xi palketti hemm xi spjantati,
   Bil-ġlied jieħdu xi partiti:
   Sa xjuħ tilmaħ wisq żmagati,
   Jibdew il-ġlied ma' xi petiti!...

Jekk xi lejla tkun serata,
   Tal-Kontralt jew tat-Tenur:
   Sew Petiti...Jew xjuħ żmagati...
   Dawn bid-daħk jaqsmuk hemm żgur!...

Int ja xiħ żmagat xi tridha
   Hemm lil Berti fis-serata?
   Ma tarax l'inti sirt Nannu,
   Min idurek bil-patata!

Għax tordnaw minn taħt sunetti,
X'ħin kien lest ma ħallastux:
Għedtu kellkom aħjar bosta,
U hekk taparsi ma tafux!..

Intom tfal u mara għandkom,
Għaliex sirtu Nanniet:
Kien imisskom taqtgħu jieskom,
Ma tagħmlux dal-ħmerijiet!

Ir-rigali li tajtuha,
Aħjar baqgħu ġewwa djarkom,
Jew sewwejtu xi ċappisa,
Minn dawn għandkom wisq madwarkom!

U int Petita xi trid tħabbat,
Inti tifhem fih il-kant?
Għax il-flus ma xtrajthomx porga,
Jew għamilt xi viżikant??...

Flus niftiehmu, xi ftit soldi,
Għax xelin ma jkollkomx żgur:
Jekk l-istwali jitqattagħlhom,
Fis iduru għall-karkur!..

Midjunin mal-ħwienet kollha,
Qatt ma jkollhom erba' soldi:
Bil-ferq f'rashom bħal tan-nies,
Biex jgħaddu ta' milordi!..

Fanfaruni impertinenti,
Ma jafux x'inhuwa ktieb:
Għad taslilhom jaqgħu f'daqqa,
U sa warajhom jinbħu l-klieb!..

Injorant tisma' l-Petita,
Jirraġuna fuq serata:
Xellerat wisq iżjed u iżjed,
Ġewwa l-Knisja bil-namrata!...

Iżda dina storja antika,
Xejn ma tidħol mas-serata:
L-uffiċjali iridu jirkbu,
Min idurhom bil-patata!

Għax ma jmorru jħallsu dejnhom,
Flok xelin tal-Prima Donna:
Tal-ħanut, ħabib jgħidlek,
Paċi nibqgħu bħalma konna!

Il-merkanti xi ftit tifraħ,
Jekk jagħtuhom kultant sold:
Iżda ilkoll jerġa' jibdielhom,
Kulħadd jifhem li hu milord!!

Din l-istorja bosta twila,
Inqassruha jeħtieġ ftit:
Għax kemm karti fiha d-dinja,
Huwa ftit għal kull Petit!!...

(Ħarġa 41, 30 ta' Marzu 1865. p.1.)

## In-Nassiesa fin-Nassa tal-Ġrieden

Xejn tistgħaġbu tilmħu 'l boloh,
Flimkien donnhom ħafna mġienen;
Billi jaħsbu illi huma għarfa,
Qiegħda f'nassa minn tal-ġrieden!

Dawna għarfa qatt ma kienu,
Għad li jidhru wisq puliti:
Tafu xejn min huma dawna?
Dawk il-*Ħbieb* l-akbar Petiti!!...

X'intom tnassu mal-belt kollha?
Tafu xejn Opra x'inhija?
Le! Tweġbuni qajla qajla,
B'xi dagħwiet l-iżjed faħxija!!

Għaliex mela lkoll thedduna?
Kontra dak li ibigħ l-unur!
Biex taparsi partitarji,
Ta' *Kontralt* jew xi *Tenur*!

Il-kantanti tat-Teatru,
Flus iridu u le sunetti:
Għax xejn taħsbu, ja Petiti,
Li huma ħsiebhom fiż-żufjetti!!..

Intom għadkom bosta lura,
Qatt ma tilħqu mal-kantanti:
Għax x'ħin jibdew iżiegħlu bikom,
Kollu jkun minħabba kontanti.

Ġià contanti, ma hux minnkom,
Għaliex jafu l' intom żondi:
Ifhmu tajjeb, nies kwadrati,
L'intom qatt ma tmutu tondi!

Għax ma tmorrux ftit l-iskola,
Tistudjaw il-BE e BE?
Inkella qatt ma titgħallmu,
L'intom l-akbar frieħ ta' ĊE!

Tridu tgħaddu biż-żufjetti,
Lil min skola kbira jtikom:
Aħsbu tajjeb dal-kliem tagħna.
La tħallux min jidħak bikom!

Għadkom ġrieden ta' l-imramma,
Għad m'intomx sewwa firien:
Bil-vilta' lkoll mgħobbija!
Bikom jidħku kullimkien!

Eh! Li kellkom is-snien x'tigdmu!
Iżda lanqas għandkom ħniek:
Kemm hemm fostkom tidhru kiltu,
Eh! Bil-wisq tkunu għar-riq!

Ġia għar-riq mhux biss mill-ikel,
Mill-iskola żgur ilkoll:
Morru tgħallmu ġibu rwieħkom,
Ma fikomx x'torbot u tħoll!

Intom tajba biss għan-nases,
Għal ħaġ'oħra xejn sigur,
Daqqiet tgħollu il-PRIMA DONNA,
Oħra tniżżlu lit-*Tenur!*

Sabiex twaqqgħu lil Bosisio,
X'ridtu tgħajtu *Viva Sgargi*?
Ma tarawx l'intom buffuni,
Donnkom ħuta mingġajr garġi!!

Sgargi bgħid, għax ġo l-Italja,
Għal Bosisio kien insult:
Magħmul minnkom, nies ma temmnu,
La b'Randan, lanqas b'Indult!

Dal-kelmtejn daħħluhom f'raskom,
Biex ma tgħaddux iżjed bi ħmir:
Inkella kull min jarakom,
Isellmilkom bit-tisfir!!

(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.1.)

## Għall-Kbir Insult li Sar lil Prima Donna Bosisio u t-Tenur Serazzi

**Flok il-Kuruna u l-Għajat *Viva La Sgargi* nkomplu aħna:**

**Tifħira**

Fejn qatt smajtu intom tenuri,
Jekk ma ħriġtu qatt mill-gżira?
Ma tistħux li intom kuntrarji,
Min b'dak leħnu jġib wisq għira!

Ikun dwett ma' Prima Donna,
Kif kuruna tixħtu biss?
Lit-Tenur iċċaħħduhielu,
Illi lilu kienet tmiss!!

Tafu xejn l-Iżgargi fejnha?
Ghomi truxa tajru n-ngħas:
Tifhmux, le tidħku b'Bosisio,
Ja nies boloh mingħajr ras!!

F'wiċċkom baqa' kulma għamiltu,
Daħaq bikom sas-smewwiet:
U tibkilkom issa u dejjem,
IL-PARTIT TAL-ĦMERIJIET!!!

(Ħarġa 42, 10 t' April 1865. p.4.)

**Tħejjija għal San Ġorġ**

Fl-aħħar nett ir-Randan żbriga,
Żbriga n-niket u t-tnehid:
In-nies kienet mingħajr sabar,
Sabiex jasal jum il-GĦID!

X'ma tarawx x'ferħ kbir fil-glorja,
L-allegrija mal-Belt kollha:
Il-lejl kollu ġewwa l-ħwienet,
Irġiel u nisa lkoll mill-folla!

In-namrat sab il-ħanina,
Fuq il-fosos tat-trunċieri,
Kienu jgħidu kelmtejn suwed
Dan ma tafu x'jiġifieri!

X'ma tarawx il-ħalja nisa,
Romol, xjuħ, bniet u xbejbiet:
Kollha jbakkru bħas-saħħara,
B'dawk il-ħalja ċirkijiet!

In-namrati bħala n-nemes,
Jistennew hemm lin-namrata:
Qajla qajla ġewwa l-folla,
Inewlilha xi qassata!

L-ommijiet xejn ma tinduna,
(Tabirruħkom ifhmu sewwa)
Sa jiskarta ftit mill-folla,
Bilġri imbagħad iddaħħlu ġewwa!

F'dak il-waqt kollha ftiehma,
Hekk kif niżlu l-garigor:
Kelma taw ta' l-unur tagħhom,
Li jiltaqgħu San Girgor!

Waslet fl-aħħar il-ġurnata,
Iltaqgħu t-tnejn ġo' Raħal Ġdid:
Swied ta' qalb tar-Randan żbriga,
Intesa l-biki u t-tnehid!!

Min fl-għelieqi mar jixxala,
Marsaxlokk xi wħud ukoll:
Fl-aħħarnett jiżbriga kollox,
Bl-akbar sakra fuq ilkoll!

Iżda dan mhux biżżejjed,
Mhux dat-tmiem tal-ħmerijiet:
Għax ma rajtu 'l xi petiti,
Ftiehmu kollha max-xbejbiet!

Biex San Ġorġ Ħal Qormi jmorru,
Jixxalaw ilkoll b'mazzita:
Mhux għax wieħed le jitkaża,
Tara jiżloq xi petita!

Jiżloq kif (nagħmlu tal-boloh)
Kollu ħtija 'l-ommijiet:
Dan kuljum narawh b'għajnejna,
Ksir il-għonq ta' wisq xebbiet!

Basta imbagħad toħroġ tiftaħar,
Illi bintha mgħarrsa 'l-flien:
F'qasir żmien jiskapriċċaha,
U n-nies tgħid ma' kullimkien!

X'effett fiha kien il-festa,
Ġo Ħal Qormi nhar San Ġorġ,
Kemm petiti ġewwa l-għorof,
Wisq mazziti ħbew ġewwa l-ħorġ!

L-effett tagħha iżda għad jidher,
Din il-festa għax-xebbiet:
F'qasir żmien jirtiraw kollha,
Jikbu d-dnub u l-ħmerijiet!

Bħalma ġara dawn il-ġranet,
Ġewwa Bormla b'wisq kefrija:
It-tfal sabu ġewwa xkora,
Kutrabandu ta' tarbija!

Ommijiet l-iżjed ingrati,
Qlub ta' tigra l-iżjed kbira:
L-ewwel tagħmlu d-dnub bil-moħbi,
Imbagħad jixxandar ġewwa l-Gżira!

Dan għax qatt ma sar eżempju,
Tgħallqet omm minn dal-kefrin:
Imbagħad tara kif jirżnu,
Kemm xbejbiet għandna Maltin!

(Ħarġa 43, 20 t' April 1865. pp.1-2.)

**<u>Il-Għerf tat-Tobba Maltin: tifkira għal kull nisel</u>**

Tromba tixraq illi ssemma'
Lin-nies kollha ta' dil-Gżira:
Jaraw ftit min huma t-TOBBA,
Għarukaża l-iżjed kbira!!

X'ġara? X'ġara, fis għidulna?
Fis fissrulna dan il-kliem;
Xejn tinqatgħu milli ngħidu,
X'ħin mit-tobba tilmħu t-tmiem...

Tmiem x'inhuwa, mewt jewwilla?
Fisser, fisser, titlifx żmien,
Aħna ngħidu fatt li ġara,
Jibqa' msemmi kullimkien!-

M'llux wisq ġewwa l-Belt tagħna,
Ċertu xiħ, Sinjur ukoll:
B'martu ħa żagħżugħa (is-serva),
Din tifkira tibqa' lkoll!..

Iż-żwieġ għamel l-effett tiegħu,
Tqila ħarġet diż-żagħżugħa:
Iżda t-tobba ma għarfuha,
Biex taraw kemm huma lura!

Bdew biex qegħduha f'sodda,
Qalu għandha kbir tumur:
Bejn konsulti u mediċini,
Qalu l-qabar tmur żgur!...

Diż-żagħżugħa nħallu taħsbu,
Għamlet f'daqqa l-mewta tagħha:
Bejn il-porog, bejn dil-qatgħa,
Imsejkna baqgħet mingħajr saħħa.

Dawn it-tobba kollha f'daqqa,
Fis għall-mewt ikkundannawha;
Bit-tumur li qalu għandha,
Tlitt ijiem żmien ħajja tawha!-

U la l-qwiebel, u la t-tobba,
Ma ndunaw x'inhuwa l-mard;
Wieħed biss fl-aħħar induna,
Forsi tqila... Imma kien tard!..

Dan bħal fatta ftit snin ilu,
Ta' Sinjura ta' dil-Belt;
Kollha qalu tumur kellha,
Spiċċaw fl-aħħar fl-akbar għelt!-

Qatlu 'l omm u lit-tarbija,
Dan fatt jafu kulħadd:
Li kemm tobba jmisshom jistħu,
Lejn in-nies ma jidhru qatt!-

Hekk l-istess ġara f'dil-mara,
Qalu għandha kbir tumur:
Li ma kienx Alla tal-ħniena,
Kieku l-qabar marret żgur!-

Dat-tumur x'kien fl-aħħar fiha?
Wieġbu, wieġbu bla mistħija:
It-tumur li kellha fiha,
Ħelset għamlet fis tarbija!-

Għid il-Palm lil dit-tarbija,
San Duminku fis għammduha:
U li kien għall-bhejjem tobba,
Kieku l-qabar fis bagħtuha!-

Iżda dan il-kbir miraklu,
Jibqa' msemmi kullimkien:
Ma rridux insemmu t-tobba,
Kulħadd b'ismu l-flien u l-flien!..

Le dal-Gvern jarah imissu.
Jara x'tobba hawn fil-Gżira;
Tneħħi wieħed jew tnejn l-iżjed,
L-oħrajn merħla ħmir mhux żgħira!..

Hekk ħajjitna qiegħda fuqhom,
Dawn it-tobba kbar moderni:
Jekk nurukom xi ħmir dawna,
Ma jservux għaxar KWINTERNI!!!

Dan il-fatt hekk kbir ta' l-għaġeb,
Ma jintesa jmissu qatt:
U kemm ħmir ta' tobba għandna,
Jista' jxandru żgur kulħadd!!

(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.1.)

## Giordmaina

### Akrostiku

**G**ħad li ddawru kixfu l-mertu,
**I**lli jmiss raġel qalbieni
**O**bbidjent ħabib il-fqajjar
**R**angu tawh - U l-poplu hieni.
**D**an unur lir-Riġment jagħmel,
**M**alti mnissel ġibtu wkoll:
**A**ħna nafu lkoll min HUWA,
**I**kbar għad narawh ilkoll!!
**N**ies ma hemmx ma ttihx foħrija,
**A**ktar għad narawh f'xi dija!!!

**Leħen tal-Pubbliku**

(Ħarġa 44, 30 t' April 1865. p.4.)

## Tħejjija għal Kunsillier Ġdid għall-Gżira ta' Għawdex lill-Poplu Għawdxi

**Lill-Poplu Għawdxi!**

Ja Għawdxin l-aħbar smajtuha,
Li mitilkom Kunsillier:
Tafu tajjeb wisq min huwa,
Li għal Għawdex kien kbir plier.

Raġel nobbli Indipendenti,
Konti kien, bla bżonn ta' ħadd:
'Mma l-mewt ħasditlu ħajtu,
Bħalu żgur ma ssibu qatt!

Ja Għawdxin lilkom ingħidu,
Ara tħallu min jagħmikom:
B'xi rigali jew opri tajba,
Kollu jkun biex jidħku bikom!

Hemm 'ġa min qed iħejji,
Minn taħt taħt is-sodda tiegħu:
Jifhem forsi minn xi Għawdxi,
Magħkom jista' jwassal driegħu.

Għaraftuh intom mill-ewwel,
X'ħin għażiltu l-Konti lkoll:
'Mma jgħammxilkom ried għajnejkom,
Dan tafuh żgur bħalna wkoll!

Ja Għawdxin lilkom ingħidu,
Bħala ħutna minn tal-qalb:
Żommu dejjem l-unur tagħkom,
La tagħmewx le wara t-talb!...

Min wegħedkom kien rigali,
Kollu kien għall-fini tiegħu:
Sabiex intom tagħmew fuqu,
U hekka fis iġibkom miegħu!

Ja Għawdxin isimgħu kliemna,
Għax ma tafu x'jiġifieri:
Ma tafux il-gran politka,
Ta' kemm għandna Kunsillieri!

Iwegħdukom bosta ħwejjeġ,
Sakemm taqgħu għalli jgħidu!!
Malli jsir Addio Patrija,
Fis jitlagħlkom, jaħseb f'ġidu!!

Għidu s-sewwa kemm nassiesa,
Hemm tiġġerra kullimkien?
Bl-isbaħ talb bl-akbar wegħdi,
Sabiex tagħmlu lkoll lill-flien!!

Iżda l-flien kif jafuh tajjeb,
Hemm wisq minnkom ma rawh qatt:
Jibqa' jsus sa tagħmlu lilu,
Imbagħad fis jinsa lil kulħadd!!

Dana dejjem ġera u jiġri,
Bosta ftit l'huma tajbin:
Kollha jwiegħdu l-baħar b'ħutu,
Imbagħad issibhom wisq ħajnin.

Għall-unur il-post iridu,
Mhux għall-ġid le minn tal-Gżira:
Għax la jsir, fil-Kunsill joqgħod,
Tagħkom jinsa l-wegħda l-kbira!

Ftakru, ftakru, kliemna isimgħu,
Meta sibna t-tradituri:
Miġjubin fil-ħitan kienu,
Biex inkunu iżjed żguri!

M'għaddewx xi snin li nsejna,
Il-gazzetti tkellmu ċar:
L-aħħar vjaġġ li svergonjawhom,
Kien fix-xahar ta' Jannar!

Konna lkoll b'rasna merfugħa,
B'erbgħa wisq t'abbilta':
F'daqqa b'ħiena mal-Gvern qalbu,
Biex taraw x'inhi vilta'!!

Dawn mhumiex le denji l-aħwa
Li jissejħu patrijotti:
Xellerati tradituri,
Taħt figura ta' barbrotti!

Kunsillier hekk kif isir:
Fis minn wiċċu l-maskra jħollha:
Jinsa x'wiegħed, jinsa x'ħalef,
Dana tafu d-dinja kollha!

Għaldaqshekk lilkom ingħidu,
Bħala ħutna ja Għawdxin:
Mn' erbgħa konna wisq traduti,
Fuq dil-gżira aħna l-Maltin!

Kien wisq tard x'ħin indunajna,
Illi ngann kien wisq kbir dan:
Stampajniehom fil-gazzetti,
Sa wrejniehom fil-ħitan!!

Sabiex din isservi xogħfa,
Ma jinganna ruħu ħadd:
L-erba' l-aħwa lkoll nafuhom,
Ma ninsewhom nistgħu qatt!

Għawdxin iftħu fis widnejkom,
Għala s-sewwa ta' dal-kliem:
Għax dawn l-ewwel juruk ħlewwa,
Imbagħad jagħfsukom taħt l-ilġiem!

Dit-tifkira għożżu tajjeb,
Biex ma jidħak bikom ħadd:
Araw tajjeb li ma tagħmlu,
Biex ma tagħlu tistgħu qatt!!

Li jkun raġel bħal Manduca,
Sinjur sew Indipendent:
Inklele' t-tagħbija tegħreq,
Bħalma tgħarrqu bastiment!!

(Ħarġa 45, 10 ta' Mejju 1865. pp.1-2.)

## Talba lis-Soċji ta' l-Editur u l-Istampatur

**Sinjuri Soċji!**

Sinjuri Soċji - Fis isimgħuna,
F'dit-talba tagħna - Fis fis agħdruna!
Għax bosta u bosta - Li ma ħallsux,
Xi wħud jinsewna - Jew ma jridux!

Intom Sinjuri - Tafu wisq żgur,
Li li ħadd minna - Ma hu sinjur;
Għaliex immela - Tabbandunawna,
Tħallu minn soċji - Hekk tiskartawna!

Le, le Sinjuri - Dan ma hux sewwa,
Jidhrilna li aħna - M'aħniex għedewwa,
Biex tiskartawlna - Ma tħallsuniex,
Ħadd ma weġġagħkom - ma hemmx għaliex,

Bħal xi wħud l-aħwa - Jassoċja f'wieħed,
Jagħlaq jibgħatna - Fis niflu l-briegħed!
Hux sewwa hekka - Tkellmu Sinjuri?
Għaliex tkellmuna - B'ħafna kuluri,

Jew trid tassoċja - Jew ma tridux,
    Wiċċna iżjed hawna - Le ma nħammrux!
Xi wħud iridu - Niktbu ftit serji,
    Xi wħud jgħidlek - Ksirtli l-*Kriterju*!

Xi wħud iridu - Xi buffonata,
    Biex niktbu forsi - Fuq xi xalata!
Xi wħud iridu - Xi ħaġa serja,
    Biex taraw dawna - X'bokka miżerja!

Din ma titlagħli, - Din ma tinżilli,
    B'xi Ass ħaduna - Jew stikka brilli!
Le le mhux hekka - Sinjuri ħbieb,
    Tafu ma rridu - Le nifthu l-ktieb,

'Ġa l-ktieb ftehemna - Mhux xi tgħajjir,
    Anzi l-kuntrarju - L-akbar tifħir!!
Ħadd ma jgħajjarkom - Li intom petiti,
    Le, le ma nidħlu - Fihom dal-liti,

Anzi l-kuntrarju - Nipproċedukom...
    Fuq xi bravura - Nibdew infaħħrukom!
Iżda nitolbu - Ħaqqna ituhulna,
    Mhux bħallikieku - Qatt ma tafuna!

Id taħsel l-oħra - U t-tnejn lill-wiċċ,
    Għax b'dil-burdata - Zgur ma jinfidx...
Għandna l-ispejjeż - Ta' tant lavranti,
    Jekk ma tħallashom - Bħal viżikanti,

Iżda l-imsieken - Tikkumpatihom,
    Meta s-Sibt jasal - Jeħtieġ taħjihom,
Il-paga tagħhom - Sew kif il-ħaqq,
    U hekk nibqgħu paċi - Barra bid-daqq!

Fhimtuna issa - Lilkom Sinjuri-
    Ħadd nitlob minnkom - Li ma jkunx kburi
Inkella għal dawn - Nużaw il-lima,
    Għal xi wħud oħra - Bilġri s-sarima.

Skużi Sinjuri - Mhux lil kulħadd,
    Dina l-azzjoni - Ma nagħmlu qatt!
Iżda *in casu* - Li ma tagħdruna,
    Minflok li tħallsu - Fis iċċanfruna,

L-insejken ġuvni - L-ispaċċatur,
    B'xi irċevuti - Żgur għeja jdur!..
Min jgħaddi għada, - Jew nhar is-Sibt,
    Xi mkien lill-ġuvni - Lil ħadd ma sibt,

Ħabbatt nofs siegħa - Għal darba tnejn,
Frattant Petita - Ma wieġeb xejn!
Din il-faċenda - tagħna Sinjuri,
Għoddkom qtiltuna - B'ħafna duluri!

Aħsbuha tajjeb - La tħallux gwaj,
Għax hekk kif tagħmlu - Taqtgħu is-saqajn!
Se tirvinawna - Jekk ma tħallsux
Issa jekk naqgħu - Żgur ma nqumux!

Skużi Sinjuri - Af niċċajtaw,
Għaliex tinqatgħu - M'aħniex BABAW!!
Dawn l-erba' versi - Jibqgħu bejnietna
U anqas nuruhom - Għandna 'l uliedna.

Nitwuhom bilġri - U ssiġillati,
B'siġill mill-akbar - Hawn imbullati!!!

(Ħarġa 46, 20 ta' Mejju 1865. p.1.)

**Il-Partenza tal-Kantanti u l-Biki u l-Ilfiq tal-Partitarji**

Minn qatt ra ħafna ħaġġieġa,
Iħejju ruħhom għall-vapur?
Biex iwasslu lill-Primi Donni,
Sew Baritni kemm Tenur!

Kollha bl-akbar sogħba jibku,
Għax jinfirdu minn xulxin:
U l-Kantanti kollha jidħku
Bil-kbir għama tal-Maltin!

Ja ħaġġieġa partitarji,
Għidu ftit minn dawna x'ħadtu?
Daħku bikom, irġiel kemm nisa,
Ersqu ftit, ħalli nitħaddtu!!

Taraw xjuħ sa negożjanti,
Jibku u jolfqu għal xi *Mara*...
Issa kollox baqa' f'wiċċhom,
Dana fatt sew kif jinqara!

Ħadd, le minnkom ma jinduna,
Ja żmagati *Inalfabiti*...
Min idurkom bil-patata,
Ja mkittfin ħafna Petiti!!

Minn kemm ġew kantanti f'Malta,

Bosta ftit hawn saru xjuħ:
Iżda hemm wieħed fosthom kollha,
Malti sar u qima ntuh!

L-oħra kollha jidħku bikom,
Xtiqu li intom xi milordi:
Iżda *asciutti come gli ossi*,
Il-but fieragħ mingħajr soldi!

Ħarsu, ħarsu tal-Bosisiu,
Partitarji minn tal-Berti:
Kollha dmugħ warajhom jiġru,
Għad li jidħku mhumiex ċerti!

Min tal-Moro r-ritratt jitlob,
Oħrajn folla tat-Tenur,
Wara Berti wkoll Bosisio,
Iwassluhom sal vapur!

O! X'addio x'inhu kiesaħ,
Li jagħtuhom dal-kantanti,
U intom boloh tibku u tolfqu,
Għandkom bżonn erba' purganti!

Biex jekk raskom ma tissewwa,
Tnaddfu ftit il-vixxri tagħkom:
Bħala berqa kollha jdubu,
Jidħku b'meta kienu magħkom!

Morru tgħallmu ftit l-iskola,
Tibqgħux iżjed injuranti:
Ja Petiti purċinelli,
Tilħqu tridu mal-Kantanti??

Il-Kantanti lkoll kemm huma,
Jidħku bikom ja mażetti,
Għaliex jafu m'intomx żwiemel,
Iżda skart minn tal-*ġannetti!!*

Aħsbu ftit f'dan il-kliem tagħna,
'Mma fid-dlam għandkom taħsbuh:
Fis taraw li lntom Ill-għama,
Għadma u ġilda, tneħħi r-ruħ!!

(Ħarġa 47, 30 ta' Mejju 1865. p.1.)

## <u>Taħrika bil-Magħluq</u>

### Tifkira

Tafuh lil Peppi, - Peppi Mazzita?
Wisq ordinarju - Mhux mal-pulita...
Dal-ġranet ġratlu - Ħsara fid-dar,
U issa l-imsejken - Fost l-akbar AGĦAR!!
Agħar! X'inti tikteb? - Każ l-aktar kbir....
Dan Peppi msejken - Kollu tferfir!
Nhar it-Tnejn sewwa - Kielu l-kawlata,
Minn kull ġid kellhom - Sa suprissata!!
Din il-kunjata - Trabbilu t-tfajla,
Dan tafu tajjeb - Mari' tal-bqajla!-
Dan Peppi tagħna - Ma nduna b'xejn,
X'huma jiftiehmu - Kuljum lit-tnejn!
Din is-saħħara - Mari' li għedna,
Ta' ċertu Alfredu - Hi l-akbar widna!..
Kienet biex twassal - Biss kull risposta,
Araw sinjuri - Kemm hija tosta!-
Dit-tfajla għandha - Sittax-il sena,
Xagħarha imġiegħed - Minn wiċċ il-hena!-
U dan Alfredu - Mhux impjegat,
Għal din it-tfajla - Kollu namrat,
Lil Mari' wiegħed - Li tbigħ il-qdajla,
Li ssibha waħedha - Tmur qajla qajla,
U hekka tkellimha - Bla ħoss ta' xejn,
Basta li jkunu - Huma it-tnejn!-
Wegħedha għandu - Li jiżżewwiġha,
Għaliex iġġennen - Għal imħabbitha!
L-imsejkna xbejba - Ikkonfondiet,
Kif ġiet toħtobha - Wisq bis-sigriet!..
Qalet liz-zija - Bih dan il-fatt,
Qaltilha f'ħemda - Ma jkun jaf ħadd!-
Iz-zija tagħha - Kienet tarah,
Hemm b'ħarsa bdiet - Fis tadurah!..
Ix-xena nqasmet - Issa fi tnejn,
Qalbkom ittaqtaq - Li jkun għalxejn,
Qallha Alfredu - Fejn hija Ċetta?
X'fhimt illi jiena - Ferh ta' fraxketta??
Le, le jaħasra - Għax tant ħabbejtek,
Mhux illum tafu - Dejjem obdejtek!
Int iżżewwiġha - Lil Ċetta tagħna,
Mal-patt maz-zija - Li tibqa' magħna!
Ar' dan Alfredu - Kemm hu xitan,
Fittillu ħadhom -Ġo San Ġiljan,
Il-għira waqgħet - L-aktar fuq Ċetta,
Qatt ma emmnitu - Li hu hekk fraxketta!-

Bdiet tant tibki - Tħabbat idejha,
U d-dmugħ qliel nieżel - Minn ġo għajnejha!
Ċetta miskina - Għandha raġun,
Ma kinitx temmen - Li hu hekk brikkun!
L-ewwel saħħarha - B'dawk għajnejh,
U b'wisq sinjali - Minn ġewwa jdejh...
Tisma' nies tiġri - U z-ziju ġej...
Ġieb Kuntistabbli - L-iżjed għat-tnejn;
Alfredu staħba - Ġewwa bewwiela,
Sabiex jaħrablu - Malli jkun tiela'...
Iżda żbaljalu - Ma ħadmitx sewwa,
Sab ruħu mdawwar - Bl-akbar għedewwa!
Ġie ċertu Ninu - Minn Balzunetta,
Ġuvni kapaċi - Mhux xi mażetta!
Il-kotra nġemgħet - Fuq dan il-fatt,
U issa hawn dnubhom - Jafu kulħadd!
Peppi Mazzita - Bħat-tentazzjoni,
Irid li jkollhom - Fis ċitazzjoni!
L-ewwel ma jħallas - Fis lill-kunjata,
Moħħu għaliha - Banda rrabjata!-
Kif tieħu 'l Ċetta - Ġo San Ġiljan,
U lil tal-bqajla - (Wiċċ ta' Xitan!!..)
Iżda l-ġustizzja - Fis tagħmel tagħha,
Ftit ġranet oħra - Mur biex tismagħha,
Taraw din-nassa - Li bħalha qatt.
Ll għandha ddaħħak - Żgur lil kulħadd!!!

(Ħarġa 48, 10 ta' Ġunju 1865. pp.1-2.)

## Il-Garibaldini u l-Antipasti Maltin: Frieħ t'Għożżieb bla Skola

### Tifkira

Min isib irkabtu jibda,
 Jikteb fuq wisq fanfaruni:
 Bl-injuranza kbira tagħhom...
 Jilbsu l-ġild ta' Geduni!!!

Juru ruħhom liberali,
 Basta jqassu fuq il-PAPAPA;
 Mingħajr l-ebda ftit ta' skola...
 Jgħattu dabra jridu b'tebgħa!

Eh ! Ja msieken pulċinelli,
 Tabilħaqq li għadkom tfal:
 L-ebda ħajt tal-kemm ma fikom,
 Kull fejn tidħru Karnival!!

X'għandna x'naqsmu ma' l-Italja

Nibdew minnek Malandrin:
Ma tarawx li ġġibu s-saħta,
Sew fuq l-art kemm fil-Maltin!

Ġewwa l-ħwienet fommkom tiftħu,
Sew biex tmaqdru r-Reliġjon:
'Mma min għandu ftit ta' l-għaqal,
Xejn ma jiżfen fuq dat-ton!!

B'għarukaża l-aktar kbira,
Tisma' dawn il-liberali:
Illi xejn ma taf x'inhuma,
Sew kbiex, sew majjali!!

Biex tagħmluha tal-gustużi,
B'Garibaldi tgħajtu lkoll:
Ja buffuni nies ta' l-Afrika,
Ma fikomx x'torbot u tħoll!!..

Ġewwa l-għatba minn tal-ħwienet,
Sa tistqarru bla mistħija:
Dawk il-bili ta' ġo qalbkom,
Imħallta kollha bl-ereżija!..

Lill-ministri tmaqdru kollha,
Minn tal-Knisja Nisranija:
Biex tagħmluha tal-gustużi,
Tisma' wisq kelmiet faħxija.

Xejn ma tafu li hemm Alla,
U hekk fl-art tarmu tridu d-Din:
Ftakru, ftakru, ja Petiti,
Li tnissiltu mill-Maltin!!-

Ftakru biss darba xi ġralkom,
Fl-ewwel jum tal-Karnival:
F' Kordin mortu lkoll kemm intom,
Ja koċċ karfa wlied il-bagħal!-

Dan li għednieh u ngħiduh dejjem,
Għax il-Knisja trijonfanti:
Intom fl-ajru karfa mxerrda,
Għad li tleqqu bħal djamanti!

X'għandna x'naqsmu ma' l-Italja,
Wieġeb ftit, Garibaldin?
Biex lill-Papa tiegħek tmaqdru,
Tfaħħar lis-Sultan Sardin!!

Ftakru, ftakru, ja Petiti,

Magħrufin quddiem kulħadd:
Dawn il-ħafna jerolifiċi,
Ma tinqalgħu tistgħu qatt!!

X'ardir għandkom Papiet tilbsu,
Ja nies le mingħajr kuxjenza:
Iżda l-ħabs kellu jgawdikom,
Nerfgħu kopja tas-sentenza.

Ja njoranti INALFABITI,
Ma tistħux tidhru man-nies?
Dak il-għama l-kbir li għandkom,
Għad tinstaħmu fl-akbar qżież.

Dan tarawh per esperjenza,
F'soċjeta' ma jkellmukomx:
Għax bħal spjuni ikkalkulati,
Id f'id ħadd ma jtihilkomx!!

Morru tgħallmu ftit fl-iskola,
U emmnu ftit bir-Reliġjon:
Nistħajjilkom li tgħidulna,
Ma jogħġobna dan it-ton!!

Aktar tard jew qatt ma tindem,
Tidħol daħla ġewwa fik:
Dil-LEZZJONI ifhmuha tajjeb,
Tħalli 'l ħadd min igħabbik!

Għaliex fl-aħħar li hemm jiġi,
Trid tiskappa u ma tistax:
Xejn ma toqgħod fuq xi tama,
Għax imbagħad ma tinqalax!!

(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.2.)

**<u>Kelmtejn lil Stenterellu</u>**

Sur *Stentarellu* - Kemm int buffun,
Ma nafux tajjeb - l 'inti miġnun!
Għednilek dejjem - La ssemmix nies,
Billi figurtek- Ikreh minn bies!..
Inti lill-folji - Kif issemmihom?
U malafama - Filwaqt tagħtihom?
Lill-*Corrier* dliktu - Dlikt oħra l-*Ordni*,
Qiegħed apposta - Għal xi diżordni!
Nafuk ben tajjeb - Garibaldin,
Mill-agħar xkuma - Għajb lill-Maltin!
Is-Sur Rużarju - X'ridt issemmih?

Ma tarax l'inti - Żembil bla qiegħ!..
Dak patrijotta - U mhux Ġakbin,
Ma jqassasx bħalek - Ja malandrin!..
Malta dan tafu - Jafu kulħadd,
Li f'ħajtu deni - Ma għamel qatt!
Infamajt raġel - Bla xejn mistħija,
Għedt li huwa mgħobbi - Bl-ipokrisija,
Int jafek hawna - Il-Kixx u l-Mixx,
Li ġewwa l-Knisja - Żgur ma tirfisx...
Mindu qrawhielek - Sew wara l-bieb,
Għaliex iduru - Għalik sal-klieb!
Mur, mur u staħba - La tidher qatt,
Għaliex iddaħħak - Hawn lil kulħadd
'Ġa kulħadd dawka - Mhux tal-partit,
Minn ta' Vitorju - la wisq la ftit,
Il-partit tagħna - Kien dejjem Ruma
Jisboq lil tagħkom - Kollha kemm huma!..
Sraqtu 'l Franġisku - Mir-renju u ġidu.
Vili ħadtulu - Sax-xettur mn' idu...
Iżda taslilkom -U ma ddum xejn
Sur *Stentarellu* - (bejnietna t-tnejn..)
Franġisku jerġa' - Ġo Napli jmur,
Fil-palazz tiegħu - Hu jidħol żgur...
Inħalluh apparti - Iżda dal-kliem,
Għad taraw kollox - Jasal it-tmiem
Is-Sur Rużarju - Ma hux kalzrat,
Sur *Stentarellu* - Wiċċ ta' ddisprat,
U kemm hemm miegħek - Garibaldin,
Vili imposturi - Għajb il-Maltin!
Ibqa' bis-sliema - Għal dal-mument,
Għaliex f'numru ieħor - Tibqa' kuntent!!!

(Ħarġa 49, 20 ta' Ġunju 1865. p.2.)

## Il-Lussu Kbir tal-Gżira ta' Malta

Sinjuri Soċji - Skużi t-tmaqdir,
Li jġib il-lussu - Lussu wisq kbir!
Xi impjegat tilmaħ - B'salarju ftit,
Jilbes, jiddandan - Basta Petit...
Għandu s-sinjura - Bil-lussu wkoll,
Bħalma b'għajnejkom - Taraw ilkoll!
Xallijiet, kpiepel - Polki moderni,
Imqar kienu niexfa - Donnhom lanterni...
Iċ-ċirku jgħatti - Minn kull difetti,
Tarawh ilebleb - Fuq il-kalzetti!
Trid li s-seftura - Timxi ftit lura,
Biex fit-triq tagħmel - Tista' figura!
Tarawhom ħierġa - B'erba' xbejbiet,

Imdandna bil-lussu - U kollha fsied,
L-iżjed xi waħda - Ikollha namrat,
Li mqar kien ikreh - Minn xi fatat,
Tilbes tiddandan - Trid bħall-milordi,
U msejknin nieshom - Ma jiksbux soldi!
Mela dan LUSSU? - Fuq din il-gżira,
L-ixbejbiet kollha - B'dik l-akbar għira...
Biex isbaħ jilbsu - Forsi mill-ġara.
Bil-kurkar ikbar - Bih timla ħara!..
Min hu missierhom? - (jgħid xi ħadd),
Lussu bħal dana - Jien ma rajt qatt!
Għandu jkun jista' - Sew ilibbishom,
Ibda mill-mama' - Wisq ifissidhom,
Żewġ skudi għandu - Għax impjegat
Kuljum dal-bniedem - Ittribulat,
Il-kera jasal - Jasal tal-lbies,
Ma jridx li jgħarraf - Imsejken lin-nies...
Li dak il-lussu - Għalih wisq kbir,
Dan nafuh kollna - sa l-anqas fqir!
Palkett Teatru - Dar San Ġiljan...
Nistħajjel tgħidu - 'Mma xi jkun dan?
Dana sinjuri - Paċenzja kbira,
Għax ismu mxerred - ġa fuq il-gżira!
B'dawn iż-żewġ skudi - Fejn tlaħħaq trid,
Xi ħadd jitħasseb - Mhux hekk, igħid?
Sew kif il-kalklu - Irid nofs lira,
Issa nfiehmukom - Ja nies tal-gżira!
Mela kif jagħmel - Qal dan l-imboll
Żewġ skudi inqas - tafuh ilkoll!
Dar il-kampanja - Il-Belt palkett,
Trid lira grassa - Dana kont rett!
L-oħrajn mnejn jiġu? - (Tisma' 'l xi ħadd),
Int flus infaddla - Ma kellek qatt,
Mela tassewwa - Ma nafx fhimtniex,
Hekk għandek pjaga - La turihiex..
Mnejn dan il-lussu - Lussu hekk kbir,
U int għal dir-refgħa - għadek wisq żgħir,
Hemm xi għajnuna - Għax ma terfax,
Għal dal-kbir lussu - Ma tinqalax!!
Nibdew is-Sinjura - B'dawk ix-xbejbiet,
'L hawn imdawrin - Kuljum bil-fsied...
Polkl kull xorta - Minn kull satin,
Bellus jew għażel - Mill-aktar fin,
Fil-għodu libsa - War' nofs siegħa oħra,
Tifhmux Sinjuri - Din ħaġa b'oħra!
Anzi xi ħwejjeġ - Ma ndeffsuhomx,
Bosta wisq oħra - Ma nsemmuhomx,
Dan inħallu taħsbu - Jista' jkun ħadd.
Iwieġeb forsi - Hawn xi ħadd,
Dal-kliem kif tgħidu - Taħsbu ħażin?

Dawn wisq wisq onesti - ('Mma aħna Maltin)
L-istorja twila - Ta' dawn in-nies,
Ta' min jisħaqhom - Kollha f'mehrież!
Tnejn passiġġata - Fuq il-Barrakka,
Bl-iskuża parsi - Jisimgħu daħka...
L-oħrajn għalihom - Forsi l-Furjana,
B'xi namrat magħhom - (Mhux gideb dana!!!)
Kif trid dit-tromba - Ma tinstemax,
B'dawn ix-xenati - Ma jinqalax!..
Mhux l-ewwel darba - Ġiebhom sinjur,
Biex toħroġ ħarġa - Tmur ftit iddur,
Daqqiet f'karozza - Bil-mixi wkoll,
X'fhimtu ġirienha? - Ma tafx ilkoll!
Dan huwa l-lussu - Mezzi m'hemmx,
Iżda l-familja - Sbieħ daqs ix-xemx!..
U msejken żewġha - Donnu ddisprat,
Għax qiegħed jikteb - Billi impjegat!
Issa jgħid f'qalbu - Jien x'jimpurtani,
Qiegħed l-uffiċċju - Jien l-akbar għani!
Issa la jidħol - Ġewwa mill-bieb,
U tabirruħu - Jaqra xi ktieb,
Dan huwa l-lussu - Tad-dinja kollha,
B'dal-kurunelli - Taraw mitt folla!
Bħal *Don Basilio* - L-iżjed kuntent,
*Vengan Denari* - Żbriga t-turment!!!

(Ħarġa 50, 30 ta' Ġunju 1865, pp.1-2.)

**Is-Supplikanti Nisa fil-ħwienet l-aktar fl-Erbat Ibliet u fil-Furjana**

**Lill-Gvern**

Dawna l-abbużi - Nisa msemmija,
Li tippermetti - Dil-pulizija!
Mill-agħar waħda - Insomma wkoll,
Fejn dawn ma fihom - X'torbot u tħoll:
Tnejn tnejn, erbgħ'erbgħa - Ġewwa ħanut,
Sabiex jisirqu - Bosta xi wħud...
Għożżieb, miżżewġa - Ta' kull karat,
Taparsi onesti - 'Parsi namrat...
Ikaxkruh tajjeb - Minn ġewwa butu,
Kif bosta għamlu - Lil ċertu Putu,
Serquh minn butu - Wara għajruh,
Illi l-imsejken - Baqa' bla ruħ!..
Min kien iħares - Ra kollox ċar,
Ma ħamilx iżjed - Bilġri dan far...
Ħebb għal dil-mara - F'dak il-burdell,
Bedgħet sew il-ġlieda - Sa kisser tnell...
Għax ma ried iżjed - jara dil-ħiena,
Far fis għall-mara - B'forza ta' JENA!!!
Kissru fis tazzi - Kissru ftit platti,

Għaliex għalltuhom - Minn dawk il-patti,
Li kkordaw kienu - Sew tant ir-ras,
X'ħin riedu jħallsu - Hemm beda l-qmas!...
Fis ċitazzjoni - Għal ġewwa l-Qrati,
Biex itellgħuhom - Bħal iddisprati,
Ix-xhieda qalet - Il-verita',
U xehdet sewwa - Bl-umanita',
Li flus il-mara - Raw teħodhomlu,
Kemm hija s-somma - Ma għaddewhomlu..
Frattant dan jaħlef - Jaħlef fiż-żgur,
Iżda l-imħallef - Hemm bilġri ifur...
Iridu jgiddeb - Minnu dal-kliem,
Inkella kalzri - Għal tlitt ijiem!..
Kif nista' ngiddeb - Ruħi sinjur,
Jekk rajt b'għajnejja - Altru la żgur,
Tista' tibgħatni - Sena kalzrat
Għax kif ħlift sewwa - Ma nkunx forzat!.
Dan għall-poplu - Joqgħod attent,
Biex ma jittellet - Ta' kull mument,
Fuq dawn il-qrati - Tal-maġistrati,
Tibgħat nies isfel - Kollha ddisprati!
O X'għarukaża - Li bħalha qatt,
X'ħin tara dana - Mgħaġġeb kulħadd!..
In-nisa għandhom - Il-preferenza,
Mill-Maġistrati - Għall-*Elokwenza,*
L-ilsien tal-mara - Biżżejjed dan,
Ilsien tista' tgħidlu - Minn tax-XITAN!!!
Morru sa Bormla - Tistagħġbu lkoll,
Donnhom imġienen - Saħħara wkoll!..
Biċ-ċirku jaqbżu - Hemm mas-suldati,
Li min jarahom - Donnhom iddisprati,
Morru l-Imsida - Morru l-Florjana,
Biex taraw l-aħwa - Hux gideb dana..
Bl-iskuża għandhom - Ukoll alloġġ,
Jisirquh iżda - U ma jorqodx..
Sewwa l-Isla, l-Birgu - Miżgħuda bihom,
U l-pulizija - Aktar tagħtihom,
Dawn il-liċenzji - Għall-kbir żufjett,
L-aktar jisirqu - Lil xi mażett...
Jew xi petita - Fis jillixkaw,
Biżżejjed ħarsa - Fis jingannaw..
Hemm bosta minnhom - Missirijiet,
Bil-ġuħ iħallu - Lill-ommijiet...
Sa t-trabi tibki - Ġewwa l-benniena,
Hix kiefra? - Din hix ħiena!
Xi jġibu dana? - Il-Pulizija!
X'ħin taħmel nisa - Mingħajr mistħija!..
Ftit unur għandhom - Jafu kulħadd,
Wiċċ tost bħal tagħhom - Ma deher qatt!
Hawn, hawn imissu - Il Gvernatur,

Jaqra dal-Versi - Biex ikun żgur,
Minn kulma għedna - U ktibna wkoll,
Sabiex il-poplu - Ngħarrfuh ilkoll,
Illi agħar bosta - Kif jaf kulħadd!
Jekk ma tkeċċuhom - Ma nfiqu qatt!

(Ħarġa 51, 10 ta' Lulju 1865. p.1.)

**<u>Il-Partitarji Ridikoli Nanisti u Buġejisti Maltin</u>**

Min qatt kien jemmen - L-aħwa Maltin,
Li hemm *Amfibji* - Mhumiex bnedmin!
Taraw dat-tali - Fosi qalfat,
Xi skarpar miegħu - Bosta ddisprat!
Għajnejh lejn l-orgni - Ma jaqlagħhomx,
U dawk il-karti - ma jifhimhomx!
Mhux l-ewwel darba - 'Mma ta' kuljum,
Jekk wieħed jirbaħ - imut mitmum!..
Erb' erbgħa ismagħhom - Ma' xi pilastru,
B'għajnejhom jieklu - Iridu s-Surmastru!
Ilagħbhom nieżel - Tant injoranti,
Fuq siġġu mċappas - Bħal viżikanti,
Forsi jkun hemma - Xi Buġejist,
Isaqsi 'l- ieħor - Inti Nanist?
Dil-ġmiel ta' mużika - Intix tismagħha!
Il-ħoss tat-tnabar - Jagħtik is-saħħa!
Għal trombun aħrax - Erb' Oflijiet,
Kuntrabaxx erbgħa - Trombi tiżdied,
In-nies marsusa - Fuq l-orgni qiegħda,
Dan jidher tajjeb - Tkun ftit imbiegħda,
Sabiex xi *Mgħallem* - Injorantun,
Għandu ġo moħħu - Ferħ ta' muntun!
Jibda jitkellem - U jirraġuna,
Dan l-imsejken- Ħaseb żarbuna!..
Jibda jagħtiha - Minn kull difett,
Biex taraw l-aħwa - Kemm hu ġannett!
Il-ħajjat jersaq - Fis-Soċjeta',
Aħjar li jitlob - F'tal-karita'..
Jew jirraġuna - Fuq l-imgħallmin,
Min huwa l-akbar - Mill-aktar fin!
Xi skarpar jaqbeż - Jien Nani tiegħi,
Xtaqt li kont prinċep - Inżommu miegħi!
Isma' 'l Serazzi - La tkunx buffun,
Attent oqogħdlu - Mhux bħal muntun!
Dik il-*qui sedes* - Tgħaġġeb 'l-Insara,
Isimgħu isimgħu - X'jaqdik bil-ħrara!!
U kif ma tħobbu - Lil Nani tagħna,
Xi biċċa ġdida - Għandu jsemmagħna!!
Isma' isma' l-obwe - Dan mhux Buġeja,
Għaliex int tongħos - Ħares ftit lejja...
Isma' 'l Del Riccio - F'dak il-*Laudamus*,
Donnux bil-ħlewwa - Ftit inbid *Samus* !..
Isma' l-kuturi - Dik parti kbira!..
Dak leħen oħxon - Li jġib l-għira!..
Insomma kieku - Ma jogħġbok qatt,

Dan mill-primi - Jafu kulħadd!!
Jien dan nafu - Għax jiena Landier,
Naf x'huwa toqol - Sew kemm leġġier,
Il-mazza tiegħi - Fuq dik il-landa,
Jekk int tismagħha - Taħsibha banda,
Ġejt smajt il-*Kyrie* - Smajt it-tanbut,
Bil-ħlewwa torqod - Qatt ma trid tmur!
Ej! Ej! Sur Pitu - Ħares ftit lejja,
Jaqaw insejtu - Int Il-Bugeja?
Li kieku msejken - Baqa ftit ħaj,
Kien jurihulhom - X'inhuwa l-gwaj!
Dak għandu mertu - Għall-Knisja biss,
U kulma kiteb - Sew kif imiss!
L-ieħor Mgħallem - Fuq l-imgħallmin,
Għala t-teatru - Hu żgur Divin!!
Dan x'jiġifieri - Ngħidu lill-qalfat,
Wieġeb għal dana - Wiċċ ta' ddisprat,
Jekk inti l-forma - Ma tafx x'inhija,
Injorant mill-akbar - Ħriġt mill-fisqija...
Lil dawn l-atturi - Għax isemmuhom,
Daqqiet bi kliemkom - Se toffenduhom!
Ħallih lill-mejjet - La ssemih qatt,
Dak kellu mertu - Jafu kulħadd!
Ja njorantuni - Ta' l-alfabett,
Istħi titħaddet - Man-nies gazzett!!
Xi tridu tgħallu - Jew tniżżlu lil dana?
Ħafna njoranti - Liebsa ċ-ċulqana!!
Nitħaddtu minnkom - Sew Buġejisti,
U l-partit l-ieħor - Minn tan-Nanisti!!!
Titkellmux iżjed - Fuqu dal-fatt,
Magħruf biżżejjed - Jafu kulħadd
Iddaħħqu l-ħaġar - Bil- buffunati,
Ja żniebel *Talpi* - Bis-Suprissati!
Buġeja jidħak - Bikom ilkoll,
Nani tant ieħor - Tafuh ukoll!..
Inti tas-Sema - Mur qerr mill-ġdid,
U tħallux iżjed - Il-poplu jgħid,
Ma tarax l' intom - Ħafna *Muntuni*,
Ta' Barberija - Ifhmuni ifhmuni,
Jekk trid tikkritika - Xi Professur,
Mun studja l-ewwel - Sabiex tkun żgur,
U jekk titgħallem - Ma' min ikun,
Joħorġok ta' kbir - Ta' kbir buffun!!
Għal-lum biżżejjed - Dawn il-kelmtejn,
Ja ħafna karfa - Ma tafu xejn!!!

(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. pp.1-2.)

**<u>Għanja</u>**

Jien taħt darkom ja ħanina,
F'lejla ġejt sabiex nistkenn;
F'dik il-ħemda nurik qalbi,
Jekk int toħroġ żgur li tħenn!

Int taf l-imħabba tiegħi,
Ma jisboqha jista' ħadd;
Ħalfa ħlift ġojja ta' qalbi,
Li minn qalbi ma tmur qatt!

Int taf tajjeb x'kont wegħidtek,
Fl-ewwel ġranet tan-namur;
Illi jekk jien ma nieħu lilek,
Żwieġ għalija ma hemmx żgur!

Għaliex lilek ħabbejtek dejjem,
Nibqa' nħobbok sa ma mmut:
Jekk int terġa' kelmtek lura,
Żgur tibagħtni ġo tebut!

Inti qalbi tafha tajjeb,
Illi żgur ma nħobbx għajr lilek:
Meta tasal din is-siegħa,
Illi niġi u ngħix miegħek?

O! X'ġurnata tkun għalija,
Li nkun ħdejk, b'*kunsens* tarani,
Biex ingħixu għala dejjem,
U mhux iżjed ta' barrani!

Bonosira bonosira,
Għax ma għandi l-ebda fjur:
Kont inħoll fis il-kitarra,
Intajjarulek inqar b'għasfur!

Se nħallik qalbi miksura,
Qalb ta' qalbi dawl għajnejja:
Ħajti tibqa' agunija,
Sakemm tkun tassew ġo jdejja!

(Ħarġa 52, 20 ta' Lulju 1865. p. 4.)

**<u>Il-Konverżazzjoni tal-Petiti u xi Mastranza fil-Ħwienet: Lir-Ridikoli</u>**

Qatt tidħlu daħla - Intom fil-ħwienet,
Taraw Petiti - Sew bħala it-twiebet,
Jitkellmu jibdew - B'filosofija,
Jaħsbu li għandhom - Xi ftit moqlija:
Ejja *Sur Donine - Come sta ella?*
X'qal dar-ridikolu - Bastun *Umbrella?*
Tkellimt ilbieraħ - F'ħanut la *ĊE*!
Urejt wisq ruħek - Bla *BA e BE,*
Dawk il-frustieri - Jidħku ilkoll bikom,
Għaliex wisq abbli - Skola jagħtikom!
Ħarra ġannetti - La tidhru qatt,
Tgħallmu fis l-ewwel - Seww' ma' kulħadd,
Jekk wieħed beda - Il- *BE e BE*
Irid jgħaddi - Ilkoll la *CE*!
Bħal dak li beda - Forsi l-vjolin -
Jew xi korista - Ta' leħnu fin..
Fis jirraġuna - X'inhu spartit?
Mur tgħallem aqra - Kemm int Petit!!
Af li Poeta - Semm kbir għalik,
X'ħin tiġi bżonnhom - Fis jidħku bik! -
Ismu li jagħmlu - Fil-karta żgur..
U għall-Iskola - Kun ftit għajjur!
Ħallik mill-ħwienet - Aqra il-Leġġenda,
Jekk taf taqraha - Taf kemm timmenda!!
Inti l-iskola - Għad ma tafhiex,
U hekk inti tidħak - Irrid naf biex..
Dawn il-Petiti - Parsi moderni,
Donnhom Katavri - Donnhom lanterni!
Fil-waqt fis jidħol - Hemm l-iskarpar,
Biex jara x'ġara - X'sar u x'ma sar..

Ikun hemm forsi - Ukoll landier,
Min jaqla' d-darsa - Minn il-kristier
Jibdew dat-tali - Jirraġunaw,
Fi knisja kbira - X'raw jew ma raw!!..
Smajtu lil Serazzi? - Ah injorantun!
Mur, mur, instaham - Ja kibx muntun,
Tgħidx li inti bniedem - Iżda kbir bhima!
U il-Professuri - Ġibulhom qima!
Iżda nitħaddtu - ma' xi ftit karfa,
Li palazz jaħsbu - Trunċiera mġarrfa..
Bilfors ja l-aħwa - Nidħku ferm bikom,
Ma hemmx le Malti - Jaf isib ġieħkom,
Injorantuċċi - Ħafna buffuni,
Donnkom sew merħla - minn tal-muntuni!
Int lilek lilek - Ja Sur Petit,
Toqgħod fuq mejda - Bla tħallas ftit,
Iżda jħallsulek - Kultant kafe',
Biex kollha jkollhom - Xi jgħajjruk , ħe'!
Dak l-ieħor joħlom - Li huwa Tenur,
Bid-daħk idaħħak - Sal-ħaġar żgur!..
Biżżejjed l-aħwa - Dawn il-kelmtejn,
Dawn bħal xi arloġġi - Ma jaħdem xejn!
Tara xi ieħor - Bil-kliem tal-mard,
Tal-ħanut jagħlaq - Għax jgħid tard...
Jibku xi erbgħa - li ma jħallsux,
Iżda min huma - Dawn ma nafux!
U hekka tiżbriga - din is-serata
B'xi ġlieda sewwa - U hekk tkun kantata,
Tal-fanatiżmu - Ta' bosta uħud,
Ikriegi(?) d-dinja - Ma' xi misħut..
Lil min iħallas - Tax-xorb ilkoll,
Tagħmlux bħall-bieraħ - Ngħid hawn ilkoll,
Dax-xugamani - Bħala turbant,
Ħafna kuluri - Dan sagrosant,
U jekk tfittxilhom - Ħabba fi bwiethom.
Ma jkunux qalgħu - Xejn 'mn ommijiethom,
Imbagħad imdandan - Dan fanfarun,
Kollu mustaċċi - Donnu miġnun,
Bit-Taljan sewwa - ma jinqalax,
Għajr ħażin tiegħu - Jafha għax għax,
Mur aħsel wiċċek - ja fanfarun,
Illima l-qrejna - Int ja muntun..
Għal-lum biżżejjed - Għal dal-mażetti,
Ja prużuntużi - Raxxa fraxketti,
Morru l-iskola - u tgħallmu ftit,
Tibqax fid-dinja - Iżjed Petit!!!

(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. pp.1-2.)

## Don Bażilju Sar Isqof

L-aħwa Maltin
Sar isqof ġdid,
Dan hu il-*Don Bażilju*
Li mhux ħażin ftit.

Oqogħdu attenti
Li ma teħlux miegħu,
Għax dan għaref
Daqs Ġanni Bliegħu.

Kollu daħkani,
Kollu impostura,
Lil min ikellem
Jagħmillu ċ-ċensura.

Hu l-akbar għaref
Għax rasu kbira,
Kulħadd jgħakkes
Għax għandu l-għira.

'Mma dan l-imsejken
Forza ftit għandu,
Biss bl-impostura
Idoqq il-bandu.

Dejjem jiftaħar
Li Kattoliku pur;
U minn ta' l-Isqof
Hu d-Difensur.

Dan għaliex jagħmlu,
B'malizzja kbira,
Bil-kelma Nisrani
Jisfoga l-għira.

'Mma Maltin ħuti,
Xejn la temmnuh,
Dan wisq fanfru
Jisserva bir-ruħ

Taħt il-maskra,
Minn tar-reliġjuż,
Għal kull riħ jaqleb
Basta għall-flus,

Dana jikkmanda
Kollox kif irid,
Iċ-ċensura itfa'
u jagħmel li jrid.

'Mma jiżbaljalek,
La tkunx buffun,
Rasek hija ftit tajba,
Daqs ta' miġnun.

Meta trid teħodha
Ma' xi ġurnal;
Tħaddet b'ċensura,
Ma tarax l'int ħmar?

Tonħor u tgħajjat
Bħal ħmar taż-Żurbett,
Il-kafe' ta' Said insibek
Biex nagħmlu żufjett.

B'dik l-elokwenza
L'int tippretendi;
Għaref mill-ikbar,
Bi lsienek toffendi,

Taħt il-mant
Minn tal-qdusija;
Bil-Maltin tidħak
Imma mhux bija.

Il-Maltin tafek,
Li inti impostur,
Taparsi qdejdes,
'Mma int traditur.

Għax għandek ħalfa
Li l-*Currier* tgħarraq
B'dik l-impostura
Ta' Kattoliku tgħarraf.

Sur *Don Bażilju*,
Kemm int buffun,
Kontra il-*Currier* ħadtha,
Mingħajr raġun.

Qalbek tinqasam,
Issir elf biċċa;

Il-*Currier* jikber
U int tispiċċa.

(Ħarġa 53, 30 ta' Lulju 1865. p.4.)

**<u>Il-Kunsillieri u s-Sanita' mat-Tobba Ikoll kemm Huma</u>**

Min ipinġi dan il-kwadru,
Minn tan-Nobbli Kunsillieri?
Eh!, Maltin, x'hemm waqa' fuqna,
Ħadd ma jaf dan x'jiġifieri..

Kemm tinsew x'ħin ridtu tkunu:
Kollha f'daqqa bil-partit:
Issa għidu x'rajna minnkom,
U la wisq u lanqas ftit!..

Ġurament int ħadt tas-sewwa,
Fuq kuxjenza l-aktar kbira:
Iżda llum biċ-ċar nurukom,
Kemm gwaj għandna fuq il-Gżira!

Intom l-ewwel illi tidhru,
Fil-Kunsill quddiem il-Gvern:
U issa l-poplu nsejtu f'daqqa,
dan igħajjat ma' l-Etern!

Ridtu s-sedja għall-unuri,
Għall-palazz u ħmerijiet:
Issa nsejtu l-Gżira tagħna,
Fl-hemm ġibtuna fl-artijiet!

Kien imisskom b'rikors qawwi,
Għal Govern fuq kwarantina,
Bħalma darba għamel Xerri
Mhux kulħadd ma jidħak bina!

Intom rajtu sa mill-ewwel,
Illi l-kolera kienet magħna:
'Mma titilgħu il-palazz darba,
B' Petizzjoni għar-risq tagħna!

Dawn tgħidulhom ġuramenti?
Meta ħadtu għall-ġid tagħna:
U issa kiefra sinagoga,
Ma nsibux min jieqaf magħna!

L-ewwelnett ma kellkomx taħkmu,
Lazzarett u s-Sanita':
U bħal dari n-nies titrejjaq,

B'loqma ħobż tal-karita'!

Iżda intom minn dan kollu,
Ħrabtu lkoll għala l-kampanja:
Biex imbagħad la l-gwaj jispiċċa,
Terġgħu tiġu għall-kukkanja!

Infettajtu l-pajjiż kollu,
Għax ma kellna kwarantina:
U issa ħabba ta' ħajjitna
Żgur ma jiġi min jagħtina!..

U sat t-tobba tal-Gvern tħassret,
Infettati jduru magħna:
Dina prova l-aktar ċara,
Illi jridu l-ħajja tagħna!

Fejnu l-Gvern u l-kbarat kollha?
Irtiraw għal San Anton:
'Mma la l-Gvern dal-kliem ma jogħġbu,
ma jridx jiżfen fuq dat-ton??

L-ewwel għandek tara l-poplu,
Bħal missier, missier ħanin:
Tqis li ismek ma jitgħabba,
Għal dejjem mal-Maltin!

Twissi t-tobba lkoll kemm huma
Li la għamlu d-dover tagħhom:
Vjatku Griżma bla ma jilmħek,
Ħadd ma hemm li jsus għal magħhom!

Dana, dana għandek tara,
Eċċellenza u mhux buskett:
Irrid naf min igiddibni,
Jew joħroġni ta' ġannett!!

Iżda dina l-kantaliena,
Ma titkanta qatt ta' qatt:
Aħjar jiġi jerġa' maghna,
Kif il-leħen ta' kulħadd!!

(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865. p.1.)

## Il-Kolera Morbus

X'inhija Kolera? - iwieġbu s-sinjuri
Ma hix għajr biża' - lbqgħu siguri.
Jekk taqta' qalbek - Minn il-mard,
Tmutu bħal ġifa - issa jew tard...

Lil dak ma nkellmu... - Jidħol suspett,
Tiġi l-mewt fuqu - U mhux żufjett!
Araw l-Ingliżi - Malli jiftħuhom,
Isibu l-għeneb - Dak jaqla' r-ruħhom!
Xi biċċa ħjara - Fl-istonku tiegħu,
Illi din qarrbet - Il-mewta miegħu..
Xi trid itbezza'? - Wieġeb mażett,
Ma tarax l'inti - Għadek ġannett!..
Ġannett mhux darba - Għal darba tnejn,
Għax inti proprju - Le ma taf xejn!...
Jekk tidħol f'darek - Issaqsi 'l-mara,
Ma nafx kif smajna - U billi ġara!
Wieħed miet bl-akbar - Indiġestjoni!
Li agħar hix biża' - Trid purgant *Cofioni.*
Rajna wisq mejta - 'Mma mhux Maltin,
Għax jieklu sewwa - Bosta ħajnin...
Din, din, il-kolera - Lilkom sinjuri-
Sabiex fuq kliemna - Tibqgħu siguri.
Għax aħna safja - M'għandna xej',
Intom tixtiequ - Flok jum il-lej'...
Intom tixtiequ - Li tkunu magħna
U dal-kliem sewwa, - Xi ħadd jismagħna!
Tmorru fil-ħwienet - Parsi gustużi...
L-ewwel ma tieħu - Żgur lil ozjużi!
Bħalek wisq ħadet - 'Ġa kollha Ingliżi,
Hekk kif imutu - Isiru lkoll griżi...
Illi jitbażża' - L-ewwel tabib,
Għax jara il-mewta - waslet u qrib!..
Le, le, Sinjuri - La taħsbu xejn,
Għax xejn m'għandna - Bejnietna jibqa',
Dan id-diskorsi - Twaħħlux le xibka!
Inkella nagħlu - Għax naraw ġara,
Mietet u miskina - għamlet wisq ħsara!
U minn dak kollu - Ma jkun hemm xejn,
La taħsbux iżjed - Ma hemmx għalfejn!!!

(Ħarġa 54, 10 t' Awwissu 1865. p.4.)

## It-Tobba u l-Ispiżjari Kollha

Fejn huma t-tobba - Ta' din il-gżira,
Din l-għarukaża - Mill-aktar kbira!
Kollha jaħarbu- Lill-morda kollha,
Dan nafuh tajjeb - Nafuh mill-folla!
Intom ja tobba - Tittraskurawhom,
X'ħin jiġu għalikom - Timposturawhom,
Nies tal-familji - Toħroġ ukoll,
Sa bil-lejl kiereħ - Nafuħ ilkoll,
Biex għandha ħuha - Attabeat sewwa,

Dak bilġri l-Vjatku - Griżma bla dnewwa!
Ħa jmorru jibżgħu - Lejn il-marib,
Biex tara almenu - X'inhu li trid!
Le dak il-kiefer - Ma jridx tassewwa,
Huwa u sħabu - L-akbar għedewwa,
L-akbar għedewwa - Fl-umanita',
Għall-poplu mweġġa' - Għall-karita'...
Dan dover tiegħek - Ja Sur Duttur,
Meta jgħajtulek - Jeħtieġlek tmur!
Xejn ma tiftakar- Fil-ġurament,
Illi kont ħadtu - Bosta kuntent!
U issa nsejt kollox - Bla tħoss turment...
Dan il-Gvern jara - Mill-aktar fis,
L-iżjed li għandna - Bosta tbagħbis,
Tbagħbis tal-kolera - Ja xellerati,
Tiċħad il-morda, Ja qlub ingrati
Mill-ħidma tiegħek - Skomunikati!..
Dan, dan huwa - lil-ġurament,
Kont taf x'se tagħmel - Mort wisq kuntent
Sabiex taparsi - Turi il-lawrjat,
Issa int taħrab - Ja skumnikat...
Għax ksirtu kliemek - M'intix maħfur,
Qatt ma tissejjaħ - Żgur Sur Duttur!...
Taparsi għandna - Ftit tobba magħna,
Sabiex ikunu - Għas-servizz tagħna
U issa ilkoll bqajna - Abbandunati,
Niġru mat-toroq - Bħal iddisprati!
Kulħadd jinqafel - Ma jidher ħadd...
Din il-kefrija - Ma nstemgħet qatt!
U x'tistenna jgħidu - Għall-ispiżjari,
Din wisq akbar - Ħaġa wisq rari,
Li mal-Belt kollha - M'hawnx spiżjari,
Hekk malli jidlam - Dana biċ-ċar!
Tabib ma tilmaħ - Lanqas spiżjar
Din hija sewwa - Li huma kbir agħar!
Hawn il-Gvern għandu - Jurina sewwa,
Jara li t-tobba -Kemm huma għedewwa,
L-ewwel ġibtulna - Dil-marda kbira,
Korla ngħajtulha - Fuq din il-Gżira!
U issa nitolbu - Ma jisma' ħadd,
Bħal dil-kefrija - Ma dehret qatt!
Il-Kunsill fejnu - Jara dix-xena,
Lil kulħadd jibki - Jitlob il-ħniena!..
'Mma l-Kunsillieri - Fejn hi biex tara?
Kulħadd imbikki - Mewt sa kull ħâra!
Xjuħ, nisa u romol - U wkoll il-bniet,
Anqas ma għandhom - erba' tibniet,
La biex jinsatru - l-imsejkna nies,
Mhux biex jitkattru - Dan-nies fil-qżież!..
Alla biss Alla - Irid ikun,

Li kulħadd minna - Dalwaqt midfun!..
Li wera dana - hawn sal-govern
Qiegħda tassewwa - Ġewwa l-Infern!
Iżda hemm Alla - Dak fuq kulħadd,
Missier il-popli - Ma ninsewk qatt!..
Nitolbu 'l Alla - U l'Ommu Marija,
Dawn biss li jsibu - Waqt l-Agunija!

(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.1.)

**Il-Għażż u l-Għira tas-Sinjuri Deputazzjoni**

Fl-aħħar mill-aħħar - Ġibuha tagħhom,
Il-Gżira ċappsuha - Ċappsuna magħhom!
Fejn huma issa - Il-Kunsillieri,
Nuruhom Liġi - Ftit x'jiġifieri,-
X'ħin ċappsuna - Skartajtu lkoll,
Da' l-poplu jafu - Tiegħemitu lkoll!!
Għax ma tiktakru - Kemm l-ittri ġrew?
L-obbligat Kolera - Tajtuna sew!-
Il-poplu jgħajjat - Lill-Kunsillieri,
Iżda fil-għama - Dan x'jiġifieri?
Tlabtu li tkunu - Biss Onorabbli,
U tlaqtu l-Poplu - Wisq miżerabbli!!-
Din l-għarukaża - Ta' dana l-ilment,
Żgur ħadd mill-poplu - M'huwa kuntent!-
Ġibtulna saħta - Ja Kunsillieri-
Issa nfissrilkom... Dan x'jiġifieri!-
Kemm tlabtu voti - Kollox mormija,
Iss' intom f'postkom - Din mhix ħmerija!
Ħmerija kienet - Xejn tajna l-voti,
U intom ma jmisskom - L-Ebda ftit prodi!
Għaliex ma tagħtu - Daqqa t'għajn,
Li kulma għamiltu - Kollox kien *ħajn!*
Ftakru, ftakru - Ja nies ingrata,
Biex taqilgħuna - mar kollox f'bata!-
Isthu biss tidhru - Lejn in-nies kollha
Għaliex attenti - ma hemmx fil-folla!
Nies bħalkom l-aħwa - tafuh dal-fatt,
Dawn issa tniġġżu - jafu kulħadd!!
Il-mejtin vittml - Ma nafx xi tgħid,
Għat-tobba u sieħbu - Jersaq mill-bgħid,
Fuq, xi marida - Ma jersqu ħadd
Dana tassewwa - jafu kulħadd!!
Għax il-kbir qiegħed - Ġo Sant' Anton,
Mondu hu hemma - Ma jafx b'dat-ton!!
Jekk aħna ntawlu - L-aħwa, titwal!
Dawn għoddhom l'huma - Sew karnival!
Nitolbu 'l Alla - Li jibdilielna,

Għaliex tassewwa - daka Missierna!
It-tama tagħna - ma taqta' qatt,
Da' l-poplu jafu - Jafu kulħadd!!

(Ħarġa 55, 20 t' Awwissu 1865, p.4.)

## Kelmtejn lis-Sur Fantanġlu

Fejnek, Fantanġlu,
X'inhu li ġralek:
Ħallejtni waħdi,
Ħsibtni ħmar bħalek.

Fantanġlu qalbi,
Kemm int ġannett:
Għax ħadt fastidju,
Għas-Suppliment?

Le, Sur Fantanġlu,
Dawn ħwejjeġ żgħar;
Ħalli ingħidlek,
Dejjem kont ħmar.

Qalbi Fantanġlu,
X'int iddisprat:
Bit-tnassis tiegħek,
Ma jtukx suprissat!

Fantanġlu tiegħi,
Ili ma narak:
Qatra ej' nieħdu,
Minn ta' Nurak.

Għax ħadt fastidju,
Fantanġlu qalbi:
Donnok mażetta,
Qawwejtli qalbi!

Ej' nagħmlu paċi,
Sur Fantanġlu!
Għal żmien il-Korpus,
Immorru għall-*Anġlu.*

Ejja Sur Fantanġlu,
Ħu qatra miegħi;
Inbid ta' Samus,
Inħallas minn tiegħi.

Inbid Marsala,
Ma jiswa xejn:
Niħduh ta' Faro,
Bis-saħħa tat-tnejn.

Inbid ta' Maskli,
Imħallat bis-sandlu:
Ejja għand Peppu,
Qalbi Fantanġlu.

Qatra nbid tajba,
Immorru niħduha;
Fantanġlu ruħi,
Bla ma nduquha.

Fejnek Fantanġlu,
Qatra nbid xrobt:
Xarrab dil-qagħqa,
Għax din int tħobb.

Ara x'tikkmanda,
Ara xi trid;
Fantanġlu tiegħi,
Kemm tħobb l-inbid.

Ħa qatra ċipru,
Oqgħod bilqiegħda
Biex tieħu qatra
Trid tagħmel wegħda.

O Sur Fantanġlu,
O Sur Poeta,
Qatra nbid tajba,
Tiswa daqs tlieta.

Paċi rrid nagħmel,
Miegħek Fantanġlu:
Qatra nbid tajba,
Immorru nitbandlu.

Ixrob bit-tazza,
Inbid mill-aħjar:
Int Sur Fantanġlu,
Għaddejt lil kull ħmar.

Fantanġlu evviva!
Viva l-poeta!
Tazza nbid nixrob
Minn ta' Loreta!

Ser inħallilek,
Il-bonasira;
Ixrob tazz'oħra,
B'saħħet il-gżira!!!!

(Ħarġa 56, 30 t' Awwissu 1865, pp.1-2.)

## Masu Qatgħulu Mnieħru

Sew sew f'xi l-għaxra,
Ta' nhar it-Tlieta,
Kunsill wisq qawwi
Sar f'siegħa kwieta.

Dawna min kienu,
Nistħajjel tgħiduli,
Żewġ galantomi
L-iżjed buffuni.

Kunsill wisq qawwi,
Għamlu bejniethom;
Tliet sigħat damu
Sa x-xemx keċċiethom.

Taħt il-palazz qagħdu,
Daż-żewġ għorrief,
Bil-karti f'idhom,
Jaqraw digriet.

Xejn ma ħasbuha
Li kien hemm min rahom
Bil-lapes u l-karta,
Kien jinnutahom.

Dawn żewġ irjus tajba
Imżejna bil-għerf,
Wieħed muntun xieref,
L-ieħor tari daqs cerv.

Wieħed kien jismu
Is-Sur Ġużepp
Liebes wisq ħelu
Donnu farfett.

Ġistakor kellu
Twil sa saqajh
Il-faldi jkarkru
It-tfal jiġru warajh.

L-ieħor kien jismu
Is-Sur Salvatur
Kollu parrokka
F'idu l-bastun.

Inħallikom taħsbu
Lilkom Sinjuri,
X'inkwatri kienu
Daż-żewġ figuri.

Jgħaddi Masu
Forsi diġa' tafuh,
Qsajjar qsajjar
Imnieħru minfuħ.

Dan daħal f'nofshom
Ħa l-parti magħhom,
Id-digriet ħataf
Għax qal li mhux tagħhom.

Qabeż u tkellem
Is-Sur Ġużepp,
"Id-digriet tiegħi
La tkunx mażett."

Fis reġa' qabeż
Is-Sur Salvatur,
Id-digriet tiegħu
Oqogħdu fiż-żgur.

Masu imbotta
Lis-Sur Ġużepp,
Jekk kont tarahom
Kien fihom żufjett.

F'daqqa tqabdu
It-tlieta flimkien,
In-nies ġiet tiġri,
Minn kullimkien.

Masu fis qabad
'Ġa għall-parrokka,
'Mma s-Sur Ġużeppi
Imnieħru imbokka.

Masu jgħajjat:
"Imnieħri qatgħuli,
Salavtur, iġri,
X'waħda għamluli."

Id-digriet spiċċa
Tlift sal-bastun,
Dan min kien ħtija
Masu l-fergħun.

Hekka spiċċat
Din ix-xinata,
Imnieħer Masu
Sar daqs suprissata.

Il-pulizija
Ġabret it-tlieta,
F'kalzri tefgħethom,
Qabżu mit-tieqa.

Is-Sur Ġużeppi
Kiser saqajh,
Is-Sur salvaturi
Weġġa' dirgħajh.

Masu bla mnieħer
Donnu xadin,
Hekk fis ġabruhom
Għal ġo Kordin.

Addio parrokka,
Addio digriet,
Il-bastun intilef,
It-traġedja spediet.

(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, pp.1-2.)

**It-Telfa tan-Namrat**

Ah ingrata kif ħallejtni
Wara li għamilt tant għalik,
Iva, tiġi dik is-siegħa,
Lejn min thares iħallik.

Safja qalbi kienet dejjem
Kemm għalik jiena sofrejt,
Iva, ingrata qalb ħażina,
Lil min ħabbek ittradejt.

Is-sema u l-art qegħdin jisimgħu,
Minn fommi dawn il-kelmiet,
Iva, tiġi dik is-siegħa,
Li niltaqgħu xi mkien fil-kwiet.

Il-ħin jgħaddi, o qalb ingrata,
Għoddhom wasluli s-sagħtejn,

Ejja tini l-bonosira,
Biex kwiet ngħaddi dan il-lejl.

(Ħarġa 58, 20 ta' Settembru 1865, pp.2-3.)

**Pulpetta lill-Portafolju**

Jien kont wegħedtkom - Li nkompli nikteb,
Il-ħajja tagħkom - Bla xejn ma nigdeb,
Frankuni għad narakom - Bħal iddisprati,
Bil-ġlekk tal-forza - Bħala suldati:
Katina f'għonqkom - Oħra f'idejkom
Lanqas il-bhejjem - Ma tħares lejkom.
Għall-fanfarunati - Għall-qerq u l-hena
F'wiċċ l-art ma dehru - Bħalkom nies bla fehma.
Bil-poplu tidħku - O nies bla ruħ?
Dak l'intom ktibtu - Għad tridu tgħiduh?
Bil-Maltin tidħku - Żewġ iddisprati,
Bil-qerq u l-ħażen - Manipulati.
Lilek *Observer* - Inqiegħed fis kwiet,
Ftakar li inti - Koċċ inkwiet,
Lill-*Portafolju* - dan il-buffun.
Iblaħ mill-aktar - Donnu l-miġnun,
Sew sewwa qallek - Dak *Stenterellu,*
Pulpetta lagħbulek - Minn ta' Raffaellu
Nistħajjilkom tgħiduli - Din x'jiġifieri,
Pulpetta mqadda - Imma le jagħtuhieli;
Sur *Portafolju* - X'għamilt b'idejk,
Kontra l-istampa tikteb - Iftaħ għajnejk.
Af li l-*Observer* - Jisserva bik
Int koċċ dgħajjef - Skużi nsemmik.
Int tiddefendi - Lir-Reliġjon,
X'ridtu *Observer* - Mhux galantom;
Lil Franġisku tfaħħar - U 'l-Papa wkoll,
X'ridt tissieħeb - Ma' dak il-foll,
L' huwa Protestant - Jafu kulħadd,
Favur tal-Knisja - Ma kiteb qatt;
Agħmel il-għaqal - La tkunx mażetta
Mort tinbigħ - Għal dik il-pulpetta,
Il-Pulpetta - Tispiċċa u tmur,
U il-*Portafolju* - Jibqa' bla unur,
Il-Maltin toboghdok - Tibqa' sa tmut;
Għax ta' l-istampa - Inti l-bedbud.
Frattant l-*Observer* - Isserva bik,
Għax ġurnal ieħor - 'Ġa ħaseb fik;
Kontra tiegħek - 'Ġa huma tnejn,
Minn dawna stenna - Swat kull jumejn.
Kwiet le ma toqgħod - Sur Editur
Għax ta' l-istampa - It-Traditur;
Dana int x'ridtu - ma kellekx bżonnu,

Tajjeb kont sejjer - U ħadd ma fetaħ fommu.
Dana ngħidulek - Għax inġiblek rispett,
Af li kulħadd bik - Qiegħed jagħmel żufjett,
Isma' minni- Ħu dan l-eżempju,
Għax dak l-*Observer* - Dejjem kien xempju.
Inti trid tikteb - Kollok bil-herra;
Għal dawk li kitbu - Kontra l-Ingilterra;
Hawn arrajtha - Ibqa' fiż-żgur,
Għax kull minn kiteb - Kontra l-Gvernatur
Kontra r-Reġina - ma kitbux żgur,
Dak qalu l-*Observer* - Għax bla unur;
Int ukoll għedtu - Biex tkompli miegħu,
Imma inti iblah - Daqs Ġanni Bliegħu.
Ftakar kemm ktibt - Kontra Sir Gaspard,
Kemm gideb għedtlu - U kliem paspart;
X'ma ġiekx fi Isienek - Ma baqax x'għedtlu.
Raġel stupidu - Minn kollox għidtlu.
Forsi kontra l'Isqof - Ta' Għawdex ma ktibtx,
Ma issoktajtx iżjed - Għax min poġġiek ma sibtx
Jekk noqgħod insemmilek - Ma nispiċċa qatt,
Dawn fattijiet ċari - jafhom kulħadd;
Kontra il-frustieri - Tikteb kuljum,
'Mma f'wiċċek jibqa' - La tkunx fanfarun.
Aħ! X'waħda ġratli - Il-pulpetta spiċċat,
Issa bqajt waħdi - Donni fatat.
Jeħtieġlek tikteb - X'tikteb hemm bosta.
Biex terġa' ittini - Nistenna ir-risposta.
Lilek ingħajjar - Sur *Portafoll,*
Jekk m'għandekx x'tagħmel - Intik xi tħoll.
Għal daqshekk issa - Qalbek kuntenta,
Għax il-Pulpetta - Kienet wisq lenta;
Imma kollox spiċċa - Ingħidulek Sur E
Kull fejn ma tgħaddi - It-tfal tgħajjat *ghe!.*

(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, pp.1-2.)

## <u>L-Ispjuni f'Malta</u>

Oqogħdu attenti - L-aħwa sinjuri,
Għax imdawrin - Partita spjuni.
Biċċa impjegati - Biċċa mhumiex,
Kollha ddisprati - Ma nafx ħtehemniex.

Iftħu għajnejkom - Minn dawna n-nies,
Araw kif titħaddtu - Tħaddtu bil-qies.
'Ġa dan ngħidulkom - Biex tiftħu għajnejkom,
Għax dawna t-tali - Ikunu ħdejkom.

O Malandrini - Nies ta' bla unur,
Ta' spija tagħmlu - Bi kbir diżunur.

Aħna nafukom - La taqtgħux qalbkom.
Il-poplu ngħarrfu - Li ġġibu f'ħalqkom.

Nippubblikawkom - Jekk hemm il-bżonn.
B'isimkom wieħed wieħed - Bil-qalb u bil-fomm.
Oqogħdu attenti - Ja ħafna bhejjem,
Għax frosta warajkom - 'Ġa jkollkom dejjem.

(Ħarġa 59, 30 ta' Settembru 1865, p.4.)

## Il-Miġja u l-Mawra ta' Malti bħalna li ilu nieqes tletin sena minn Malta

Saħħa Sinjuri - Aħna Maltin
Skużi nitlobkom - Għax ġejt dal-ħin;
Ġejt biex narakom - Kelli l-unur
Nara lil Malta - Fis nerġa' mmur.
Tfajjel kont għadni - Meta ħallejtkom,
'Mma għad li ċkejken - Ah! Kemm ħabbejtkom.
X'fatta tbiddiltu - L-aħwa Maltin,
Kollkom ħosbiena - Donnkom mejtin.
Jiena ġrejt l-Afrika - Ġrejt Barberija,
Sa ġewwa Franza - U fl-Alġerija;
Dħalt ġewwa l-Belġju - Inzilt ġo Spanja,
Kulħadd jiddeverti - Tistħajlek kukkanja.
Fi tletin sena - Id-dinja dort,
F'pajjiż bħal Malta - Le qatt ma żort.
Miżerja kbira - Ġo Malta nara,
Faqar mill-ikbar - Biki bħal xmara
Il-kera iebes - Ma nafx kif tħallsuh,
Ħadd m'huwa jaħdem - Kulħadd miblugħ.
Il-ħajja għalja - Ix-xogħol skarsa
L-istat ta' Malta - Sew sew bħal farsa.
Il-kummerċ sieket - Taħdem il-korla.
Jiddispjaċini - għall-Maltin kollha.
Sew tletin sena - Minn Malta nqast.
Din il-miżerja - ma nafha qatt.
'Mma dana x'ġiebu - Il-qlub wisq ħżiena,
Wieħed kontra l-ieħor - M'għandhomx ħniena.
Xejn la taħsbu - Hutl Maltln;
Li jien tajjeb - U miniex ħażin.
L-aħwa ħuti - Jien Malti bħalkom,
Ma dortx id-dinja - U rġajt ġejt magħkom.
Tlajt sa ġol-Qorti - Ma tarax ħlief folla,
Min jidgħi is-siegħa - U min jinkorla.
Il-listi tilmaħ - Bl-ismijiet ċitati,
L-avukati tiġri - Donnhom iddisprati.
Min hu iċċitat - Biċċa iċċitawhom,

Biex fis mandati - Tara għal warajhom.
Hemm trid tara - Dawk l-avukati,
Bħala imġienen - Bħal irvillati.
Lill-marixxalli - Jgħajtu f'mument,
U l-mandat f'idek - Ruħ ta' tavlament.
Hemm trid tara - Dak ix-xitan,
Ġewwa d-dar jidħol - Jikteb sa tigan.
Hemm trid tara - Lill-mara u t-tfal,
Kulħadd igħajjat - X'inhuwa dan.
Jaqbad jikteb - Il-mobbli kollha,
Jekk isib sorra - B'rabja jħollha.
Hekka jiktbulek - sa l-inqas biċċa;
Din inkwititudni - qatt ma tispiċċa.
Jien dort biżżejjed - Dort wisq pajjiżi,
Din wisq għaġġbitni - F'pajjiż l-Ingliżi;
Liġi infami - Li jħalluk b'xejn,
Kollox ibiegħulek - Ibigħuhom b'ħabbtejn.
Ħwejġek jeħdulek - Minn ġewwa darek,
Ibigħuhomlok - Sew ħaqq iċ-ċraret.
Minn mitt xejnijiet - ma jtukx ħamsin,
Kif qatt nista' - Ngħid ġid lill-Maltin.
Jekk dan l-imsejken - Kollox ħadtulu,
Fl-art huma jorqdu - Għax kollox ħatfulu;
O qlub ingrata - O qlub ħanina,
Povra familja - Iġibuha f'rovina.
Dan qatt ma rajtu - Le Maltin ħuti,
Dort wisq pajjiżi - Sa flus tawni ħuti.
Kulħadd iħobbok - Kulħadd jistmak,
F'pajjiż l-Insara - ħadd ma jista' jarak.
Kollkom għira - Kollkom tnassis,
Biex l-aħwa tgħarrqu - Mill-iżjed fis;
Min bil-mandat - Min b'ċitazzjoni,
Imbagħad fil-knejjes - Għad-devozzjoni.
Ja ħafna imposturi - Nies ta' l-użura,
Tridu intom tgħixu - B'din l-impostura.
'Ġa dan ingħidu - Għax rajtu b'għajnejja,
Jien Malta dortha - Kollha b'riġlejja.
Minn ġewwa Malta - Ma ndumx ma nsiefer,
Dan vizzju tagħkom - Mill-iżjed kiefer.
Jekk tilbes tajjeb - Iridu jafu mnejn,
Jekk flus ikollok - Isaqsuk minn fejn.
Jekk ħażin tilbes - Iduru għalik
Fl-aħħar jgħajruk - Ħudu ġo fik.
O Xellerati - Nies ta' bla qies,
Fuq ħutkom tgħidu - Kliem l-iżjed moqżież.
Kif qatt tistgħu - Aħwa Maltin,
Il-maħfra jkollkom - Minn tal-Bambin.
Nies għajjura - Nies invidjuża.
Lil ħadd ma taħmlu - Anqas qattusa.
Mhux kollha xorta - Mal-maġġorpart,

Taparsi jibżgħu - Għax hawn il-mard;
Dir-ruħ għandkom - L-ewwel ma tnaddfu,
Biex maħfra jkollkom - Minn dak li nqastu.
Ġid agħmlu ħuti - U ftakru fih,
Id-deni aħarbu - Sew bħala r-riħ.
Maħfra nitlobkom - Minn dak li għedt
Afu l-aħwa ħuti - Inġibilkom rispett.
Ikollkom ħniena - Mill-aħwa ħutkom,
Ġid agħmlu magħhom - Biex iħobbukom.
Afu l'aħna Nsara - Dan jafu kulħadd,
Għax San Pawl ħabbna - dan żgur hu fatt.
Ilsienkom qassru - La tgħidu fuq ħadd,
Qalbkom biddluha - Deni tagħmlu qatt.
Dil-ħajja biddlu - Ħuti Maltin,
Għinu lill-aħwa - Koċċ il-fqajrin.
Domt tliet xhur magħkom - Se nerġa' mmur,
'Mma niġi Malta - Le iżjed żgur.
Dan ir-rikordju - Jien inħallikom,
Biex jien minn barra - Niftakar fikom.
Addio Malta - Malta l-ħanina,
Malta sabiħa - Imdawra biż-żina.
'Mma nies li fiha - Wisq huma odjużi;
Mir-rispett jonqsu - nies velenużi.
Xi eċċezzjoni - Nagħmel jien nista',
In-nies it-tajba - Huma ġol-lista,
Għaliex dawna - ma jindaħlux,
Nies tgħix bir-renta - U għandhom il-flus.
Dawk l-ispjantati - Tgħid fuq in-nies,
Bi lsien infami - U l-aktar moqżież,
L-aħwa sinjuri - Wisq għandi x'nikteb,
Dan kollu veru - Li m'iniex nigdeb
Ser inħallikom - Bonswa sinjuri,
Le f'Malta niġi - Oqogħdu siguri!!!

(Ħarġa 60, 10 t' Ottubru 1865, pp.1-2.)

**<u>Il-Borma fuq Tlieta toqgħod</u>**

Allegri allegri - L-aħwa Maltin,
 Skrittur ġdid għandna - Wisq huwa fin.
Sqalli sa ruħu - Inganatur,
 Favur qiegħed jikteb - Tal-Gvernatur,
Dan tafuh bosta - Dan l-Impostur,
 Wisq ilu f'Malta - Magħna idur,
Mal-Maltin jimxi - Sa ġol-kafe'
 Ħaqqu dal-bniedem - Jgħajtu bih *ge'!*
Fadalx min jikteb - Kontra l-Maltin,
 Biċċa ta' Sqalli - Donnu xadin.
Issa il-borma - Qiegħda fuq tlieta
 Ingliż u Malti - L-ieħor poeta.

Tliet imposturi - Kontra l-Maltin,
Tlieta skritturi - L-aktar ħanin.
Il-*Portafolju* - U l-*Observer* tnejn,
L-ieħor hu Sqalli - Żgur ma jaf xejn.
Oqogħdu attenti - Ja Maltin ħuti
Għaliex minn dawna - Tkunu ttraduti.
Jiktbu iridu - Dawn l-iskritturi
Mal-Gvern iżommu - Oqogħdu żguri.
'Mma xejn temmnuhom - Minn dak li jiktbu,
Għax għall-panjotta - L-unur jibdlu
Kollha daħkana - Kollha impostura
'Ġa tnejn minnhom - Waqgħu f'ċensura.
Wieħed minnhom - Hu Protestant,
It-tieni wieħed - Ftit huwa osservant.
Kontra il-Papa - Ma għamilx ftit,
Favur tal-Knisja - Qatt ma qal ġid.
Sur *Portafolju* - Oqgħod attent,
Tagħmilhiex magħhom - Biex toqgħod kuntent.
Ikteb bħal dari - Biex tkun maħbub,
Tagħmilhiex magħhom - Għax tkun milgħub.
Int taf ben tajjeb - Kemm konna mgħajrin,
'Ġa mill-*Observer* - Għax jinsolenta 'l-Maltin,
Issa iridu - jagħmluha miegħek,
Biex il-ġurnali jiġbru - Mill-fehma tiegħek.
Hekk minflok wieħed - Ikunu tnejn,
Lill-Maltin isawtu - Int ma taf xejn.
Dawna wisq fini - Sa ma jaqbduk,
Minn taħt idejhom - Le jitilquk.
Isservew huma - Bik dawn is-sriep
Int għalik taħseb - Li huma xi ħbieb.
Mela għajnejk iftaħ - La tkunx sturdut,
Għax minn dawna - Tkun żgur ittradut.
Taf kemm għamlulek - Taf kemm sawtuk,
Issa ġew bżonnok - Biex jiġu minn fuq.
Ah! Li kienu jistgħu - Jaqbdu lill-oħra,
Il-Maltin taqa' - Sieqhom ġol-ħofra
Aħna li niktbu - Mhux kontra l-Gvern,
Biss li nixtiequ - Inkunu fil-ħin,
Iħobbna jista' - Sir Henry Storks,
L-Għedewwa jkeċċi - Minn hawn bilfors,
Aħna nħobbu - Wisq l-Ingilterra,
'Ma hija jmissha - Teħlisna mill-qilla
Sir Henry Storks - Isma' t-talb tagħna,
Kun missier tajjeb - Biex tibqa' magħna.
Għajtu ilkoll - L-aħwa Maltin,
L-Isqalli inkeċċu - Dal-wiċċ ta' xadin.
Fadalx min jiġi - Biex jinsolentana,
Biċċa ta' Sqalli - Jeħodha magħna.

(Ħarġa 61, 20 t' Ottubru 1865, p.1.)

## L-Għedewwa kontra l-Maltin

Rajtuh xejn l-*iStenterellu*,
Kemm kiteb fuq Fra Gawdenzju,
Li kontra l-Maltin ħadha,
Irid iwaqqagħhom fis-silenzju.

X'taħseb inti Fra Gawdenzju,
X'ħin għajjartna frammasuni,
Niktbu konna u niktbu nibqgħu,
Ma nibżgħux mill-imbroljuni.

Imbroljuni, iva ngħidulkom,
Għax intom ħafna Sqallin,
Ġejtu tiktbu ġewwa Malta,
Imbagħad tiktbu kontra l-Maltin.

Sewwa qallek *Stenterellu*,
Li qalb ta' patri hija jrid ikun,
Biex kontra l-Maltin jikteb,
U jżomm favur tal-Gvernatur.

Tridux tafu dawn min huma?
Dawn il-ħafna imposturi;
Fra Gawdenzju u l-Isqalli,
Magħhom hemm żewġ edituri.

X'ingħidu imbagħad għall-*Popolaccio*,
Dak li jikteb fil-*Portafoll*,
Xi inserzjoni ikkupjata,
Basta jċappas f'dak il-Foll.

Min f'figurtu jidher li hi iblah
Jew inkella xi miġnun,
Il-Maltin għajjar popolaccio,
Biex ħa parti tal-Gvernatur.

'Mma dal-bniedem koċċ belhieni,
Inħalluh għall-Karnival,
Inlibbsuh ta' Purċinella,
Biex igħajtu bih it-tfal.

Lill-Isqalli ntuh il-qoffa,
Biex imur jiġma' koċċ tal-karfa,
U jekk kontra l-Maltin jikteb,
Inwaħħluh fil-pompa l-Marsa.

X'nagħmlu bih lil Fra Gawdenzju
Dana wkoll wisq insulent,
Kontra l-Maltin qiegħed jikteb
Jeħtieġ nagħlquh ġewwa kunvent.

Mill-*Observer* xejn ma ngħidu
Għaliex dana Protestant
Xejn ma jservi li huwa jikteb
Għaliex dal-folju injurant.

Fl-aħħar nett il-*Portafolju*
Dana jaqleb ma' kull riħ
Għaliex min ikollu bżonnu
Bi kwalunkwe prezz jixtrieh.

Tlieta kienu l-imposturi
Li huma kitbu kontra l-Maltin,
L-*Observer, Portafolju* u l-Popolaccio,
Issa żdiedu żewġ Sqallin.

Wieħed minnu Fra Gawdenzju
L-ieħor Sqalli konteġġat,
Juri ruħu li daħkani
'Mma donnu bniedem iddisprat.

Fra Gawdenzju għalkemm hu qsajjar
'Mma huwa bniedem wisq qalbieni,
Jekk itellaq mal-ħmir kollha
Żgur li huwa jieħu t-tieni.

(Ħarġa 62, 30 t' Ottubru 1865, p.1.)

## Kelmtejn lil Wiċċ ta' Indannat

Allegri! Allegri!
L-aħwa Maltin,
Għax skrittur tajjeb,
Dana l-miskin,

Tafux min huwa,
Dal-wiċċ ta' ndannat,
Kollu nuċċali,
Donnu ddisprat .

Fl-*Observer* jikteb
Ġià bit-Taljan,
Żgur dan imħallas
Wiċċ ta' xitan.

Twil donnu lasta,
F'wiċċu n-nuċċali,
Fil-Kummerċ issibu,
Donnu Makari.

Dan qiegħed jikteb
Kontra l-Maltin,
Kemm jista' jaqla',
Żgur xi xelin.

Dan huwa daka,
Ta' fl-elf tmin mija tnejn u sittin,
Nhar San Pawl sewwa,
Ħadha kontra l-Maltin.

F'dik l-okkażjoni,
Tal-Papa-Re,
Il-bandieri ried ineħħi,
Mat-tfal jagħjruh ghè.

Issa fl-*Observer*
Foll Protestant,
Kontra l-Maltin jikteb,
Dan l-injorant.

Buffun minn dejjem,
Għaref qatt ma kien,
Biċċa ta' Sqalli,
Mkeċċi minn kullimkien.

Sew huma erbgħa
Li jagħmluha miegħu,
'Mma wisq magħrufa,
Għax refgħulu ġieħu.

Xejn, le, la taħsbu,
L-aħwa Maltin,
Għax xejn ma jagħmel,
Dal-wiċċ ta' xadin.

'Ġa hu ftit jaf jikteb,
Għax ma jafx Grammatika,
Jekk mal-ħmir itellaq,
Żgur jieħu l-Panatica.

Xi tridu l-Papa
O buffun Sqalli,
Mur ġo pajjiżek
U lill-Maltin ħalli.

U xejn tindaħal
Fl-affarijiet tagħna,
Ja ħażin Sqalli,
M'intix magħna.

Il-Papa inħobbu
Missier tal-Maltin,
U lilek naħtru
Wiċċ ta' xadin.

Int kontra l-Papa
M'għamiltx ftit
Biex it-*Tre Regnu* tneħħi,
O vili Petit.

Il-bandiera tal-Papa
Tatek fastidju,
Qajjimt rivoluzzjoni
Fil-ġranet tat-tridu.

Ħsibt li aħna nsejna
Kemm kont nassast.
Lill-Pulizija tirrikorri
U ma semgħek ħadd.

Xejn ma kien serva
dak it-tnassis,
Kontra San Pawl ħadtha,
Ma' dak kbir qaddis.

Kollox kien għadda
A kapriċċ tagħna,
Il-festa saret,
U kulħadd żamm magħna.

Oħroġ 'il barra,
Wiċċ ta' Indannat,
Kontra l-Maltin ħadtha,
Donnok fatat.
Xejn, le, ma jservi
Li tikteb fl-*Observer*,
Għax int ġo Malta
Li għadek tferfer.

Jekk tmur f'pajjiżek,
jitfgħuk taħt l-art,
swat ibellgħulek,
u tgħajjat daqs fart.

(Ħarġa 63, 10 ta' Novembru 1865, pp.1-2.)

## In-Negozjanti tal-Qamħ

Eh Matin ħuti
Kemm aħna żvinturati.
X'fatta qatluna
Dax-xellerati.

Dawna min huma
Ħlief Maltin ingrati,
Biex lilna jgħakksu
Juru li huma ċivili.

Tridux tarawhom
Morru sal-Borża,
Hemma jinġemgħu
Biex jagħmlu l-forza,

X'inhi dil-forza
Nistħajjel tgħiduli,
Forsi jiġġieldu
Dawk is-sinjuri.

Le, ma jiġġieldu,
L-aħwa Maltin,
'Mma hemm jiltaqgħu
Dawn in-nassesin.

Hemm trid tara
Dawk is-sensali,
Imdawrin magħhom
Donnhom servizzjali.

Kollha jiftiehmu
Kif għandhom jaħsbu,
Biex lill-poplu Malti
Bl-imħatra jaħsdu.

Hemm il-pjan jagħmlu
Minn tal-battalja,
Fis jispedixxu
Dawn ġol-Kampanja.

Din il-vuċi jxerrdu
Ma' Malta kif iddur,
Li l-qamħ se jogħla
Għax ġej il-vapur.

Notizji ħżiena
Dal-vapur ġieb,
Li l-qamħ naqas
Jgħid dal-giddieb.

U hekka jirvella
Il-furnari kollha,
Biex il-qamħ jixtru
Jiġru ġol-folla.

Hemm is-sensali
Tagħmel kukkanja,
U n-negozjanti
Tirbaħ il-battalja.

Dawn pieni ħorox
Mhux ta' Malakof?
Dan manipulju
Mill-iżjed goff.

Il-poplu tgħakksu
O ħafna Indjani,
Il-qamħ għollejtu
Għax xtrajtuh għali.

M'intomx kuntenti
Li ttradejtuna,
'Mn idejn il-Gvern
Il-qamħ ħadtulna.

O qlub ta' tigri
Nies ta' bla unur,
Il-qamħ ħadtulna
Bi kbir diżunur.

Il-qamħ jgħollu
Għax bdew isifruh,
Pronti l-furnari
Il-ħobż jgħolluh.

Jekk imbagħad
Din ix-xalata,
Il-Maltin tidgħi
Bħal iddisprata

Lin-negozjanti
Ilkoll kemm huma,
Bin-nases tagħhom
Għamlu fortuna.

Lill-poplu qaxxru
Dan-nies ta' bla ruħ,
Tasal il-ġurnata
Li dan għad trodduh.

O ħafna għedewwa
Ittradejtuna,
'Mn idejn il-Gvern
Il-qamħ ħadtulna.

Intom wegħedtu
Lill-poplu kollu,
Bl-irħis mill-iżjed
Il-ħobż kollu.

O xellerati
O tradituri,
Il-qamħ ħadtulna
Ħafdna imposturi.

Issassnajtuna
O ħafna ingrati,
Xejn le ma taħsbu
Ja nies interessati.

Eh! Dħaktu bina
U ttradejtuna,
Biex il-qamħ tieħdu
Kemm wegħdtuhulna.

Li l-ħobża nieklu
B'żewġ soldi r-ratal,
Kulħadd ixxala
Sa n-nies tar-raħal.

Il-poplu kollu
Kemm kien ferħan,
Li il-qamħ jorħos
U jkun mill-aħjar.

Fis petizzjoni
Ma' kullimkien,
Isimkom agħmlu
Ba telf ta' żmien.

Il-Maltin kollha
Tiġri fil-folla,
Għax kienu zguri
Li l-qamħ ikollha.

Il-petizzjoni
Fis kienet lesta,
U hekk ġiet mibgħuta
Bi kbira festa.

Ftit taż-żmien għadda
Biex ġiet ir-risposta,
Li l-qamħ tawhulna
'Mma kemm kienet tosta.

Eh! Xi żball għamilna
Aħna imsejknin,
Ftit żmien għadda
L-aħwa Maltin.

Jekk kif ħadulna
Il-qamħ f'idejhom,
B' suppervja kbira
Ma kontx tħares lejhom.

Il-Korla tispiċċa
Inbdiet il-pesta,
Minn tan-negozjanti
L-aktar funesta.

Kemm intom ingrata
Lill-poplu tgħakksu,
Nies l-iżjed kwieta
M'hemmx żgur daqsu.

Il-qamh f'idejkom
Tagħmlu li tridu,
Il-poplu tgħarrqu
Dan intom tgħidu.

'Mma fl-aħħar jiġi
Dak il-mument,
Li jisġiċċa
Dana t-turment.

(Ħarġa 64, 20 ta' Novembru 1865, pp.1-2.)

**Ix-Xiħ imkeċċi minn Ġannina**

Min iħobb lilek ħanina
Aħjar iħobb lil ta' l-Infern,
Kif ġennintni kif bellaħtni
Qasir l-għomor se nintemm.

Eh! ingrata xellerata
Fik ma kont nobsor qatt
Irrid noqgħod sagħtejn fuq mejda
Noqgħod nikteb dan il-fatt.

Tlitt snin sewwa ili mtajjar
Wara ġmielek ja ħanina,
Ġarrabt il-gwaj tad-dinja kollha
Wara mħabbtek ja Ġannina.

Is-smewwiet u l-art jixhduli
L-imħabba li jien ħabbejtek,
Iva Ġannina qalbi
Il-fedelta' tiegħi wrejtek.

Ħallejt marti u abbandunajtha
Wara mħabbtek ja Ġannina,
Meta kiltli kulma kelli
Fis keċċejtni ja ħanina.

Mentri kelli ġewwa jdejja
Kont tmellisni u żżiegħel bija,
Issa għax il-flus naqsuni
Issawwatni u tidħak bija.

Eh! imqarraq kont bil-bosta
Meta dħalt fil-ħanut tiegħek,
Għax raġel mill-eta' tiegħi
Qatt ma kelli nitħallat miegħek.

'Mma dal-ħsieb jien qatt ma ġieni
U dan l-iżball qatt ma ħsibt fih
Dan ir-rikordju rrid inħalli
Li taħarbu min-nisa bħar-riħ.

Wara li kilitli kollox
Barra fis hija keċċietni,
Xiħ għajritni u ddisprat,
Wara li għarwien ħallietni.

Mentri kelli l-flus ġo buti
Ġuvni kont mill-isbaħ tfal
Issa ja, il-flus naddfitli
Ratni ikrah daqs Xitan.

Ah! Jaħasra x'waħda ġratli
Abbandunajt il-mara tiegħi
Din hija wisq ħabbitni
Ma tridx terġa' tiġi miegħi.

Iva raġun bil-bosta għandha
Li iżjed ma tridx taf bija,
Meta niftakar fl-errur tiegħi
Nibda nibki daqs tarbija.

Oqogħdu attenti o rġiel miżżewġa
Għax in-nisa jittradukom,
Jiklulkom kull ma jkollkom
U bil-vergonji huma jkeċċukom.

Dana fatt li ġara lili
F'temp ta' sena ippruvajtu,
Il-ħbieb kollha huma qaluli
'Mma dan kollu xejn ma stmajtu.

Ħarsu ħarsa lejja msejken
Donni qasba fir-riħ tixxejjer,
Imkeċċi minn Ġannina
Naqbad ħwejġi u nsiefer sejjer.

Il-mara ma tridx taf bija
Post ieħor le m'għandix,
Fit-triq niġri iddisprat donni
Kwiet le iżjed m'għandix.

Sewwa jgħid il-Proverbju
Li min jgħarra b'rasu jbati b'ġismu,
Dina ħaġa qatt ma tintesa
Li ta' Giuseppe jibqa' ismu.

Hekka spiċċa l-kapriċċ tiegħi
Tal-misħuta dik Ġannina,
Wara li kilitli kulma kelli
Sa hedditni bis-sikkina.

(Ħarġa 65, 10 ta' Diċembru 1865, p.1.)

## Il-Festa tal-Milied

X'festa din kemm hi sabiħa,
Minn ta' lejlet il-Milied;
Kulħadd jixxala u jiddeverti,
Jiġġerrew mat-Tlitt Ibliet.

Min b'żummara u tanbur f'idu,
Min idoqq u min jgħanni;
Il-ġuvintur kollha tixxala,
Hemm trid tara lill Mastru Ġanni.

Iva, allegra din il-festa,
Minn ta' lejlet il-Milied,
Jixxalaw ix-xjuħ u r-romol,
Ġuvintur u kemm xbejbiet.

Katarina, Peppu u Ċikka,
Magħhom tilmaħ lil Konsolat,
Jaqlu l-ftajjar u l-imqaret,
Bl-inkejja ta' Fortunat.

Dawn inġemgħu qtajja' qtajja',
Hemma jagħmlu il-qastanija,
Min jagħġen u min ilembeb,
Ilestu l-qagħaq għal filgħaxija.

Hemma tara lil Katarina,
Tlesti l-qagħqa għal Peppu tagħha,
Tlestihielu milll-aktar tajba,
Biex imbagħad joħroġ magħha.

Tara lil Żeża bil-geżwira,
Grezzju jdoqq daqqa t-tanbur,
Martin idoqq iż-żummara,
Grezzja xxejjer bil-maktur.

Emma tilmaħ lil Ġannina,
Tisma' d-daqqa tal-Milied,
Tara 'l Żeppi, raġel xwejjaħ,
Jiddobba xi żewġ qagħqiet.

J'ommi, ruħi, kemm int ħelwa,
Tisma' x-xwejjaħ igħannilha,
Qatra nixrob fuq din id-daqqa,
Biex il-għanja iġbed twila.

Jaqbeż Salvu biż-żummara,
Idoqq daqqa tal-Milied,
Miġmugħin il-ġuvintur kollha
Magħhom tgħanni ix-xbejbiet.

Hekka tispiċċa din il-festa,
Qalb id-daqqa tal-Milied,
Ġuvintur u xbejbiet jiskru,
Għax jixorbu fuq il-qagħqiet.

Fis jinġabru għal ġo darhom,
Kemm ġuvintur sew ix-xbejbiet,
Tispiċċa din il-festa,
Ninu Ninu tal-Milied.

(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, p.1.)

## Gwerra Dikjarata bejn il-Ġeneral Ġurnal Malti u l-Gran Torri ta' Babel

O! Sinjuri x'waħda ġralna,
Kif ninsabu assedjati,
Bejn il-balal u l-kanuni
Kavallerija u suldati.

Kannizzari u Mustaċċuni
Lanċieri u Kavallieri,
Draguni u Artillerija,
U msejknin ja Turkillieri.

Kompożituri u Battituri,
Kulħadd l-armi jieħu fis,
Distributuri u edituri,
Jimmarċjaw mill-aktar fis.

Is-sinjal ta' din il-gwerra
Ikun mogħti minn *Lanciacorna*,
Ġeneral Kmandant *in capo*

Imblukkawna fuq il-blataforma.

Hekk kif is-sinjal jagħti,
Dan il-valoruż Kmandant,
It-Torri ta' Babel jibda jispara,
*Il Giurnal Malti* jieħu l-kmand.

Kif tispiċċa dil-battalja,
*Lanciacorna* jibda jdoqq,
Kulħadd imur għal loku,
U b'hekk jinfetaħ fis l-imblokk.

(Ħarġa 66, 20 ta' Diċembru 1865, pp.1-2.)

## Is-Sena 1865

Spiċċat is-sena,
Bid-diq il-qalb,
Sitt xhur sew sewwa,
Qalb l-ikreh mard.

Miżerja kbira,
Biki u tnehid,
Dan min kien ħtija,
Il-Gvernatur ġdid.

Għax rasu iebsa,
Daqs tentazzjoni,
Għax ma jridx jisma'
Mill-Petizzjoni.

Frattant il-poplu,
Kemm kien beżgħan,
Min kien il-ħtija,
Wiċċ ta' xitan.

Il-ħajja għalja,
Is-suq infern,
Ix-xogħol skarsa,
Kif ma jtikx ġenn.

Kulħadd imriegħed
Kulħadd musfar,
Kulħadd bid-dieta,
Bil-lejl, bi nhar.

Eh! Din is-sena,
Kemm kienet ingrata,
Il-kunsillieri tibża'
O Xellerata.

Wara li sirtu,
Fis Kunsillieri,
Tabbandunawna,
Dan x'jiġifieri.

Gvern li ma għandna,
U la Kunsillieri,
Borża ġurnali,
U moħħhom frustieri.

Iftħu għajnejkom,
La temmnu lil ħadd,
Li jaqbżu għalikom,
Dan ma jkun qatt.

Tmien Kunsillieri,
Għandha l-Maltin,
Inneħħu tnejn minnhom,
Li huma tajbin.

Dawna min huma
Nistħajjel tgħiduli,
Żewġ negozjanti
Li huma sinjuri.

Is-sitta l-oħra
Xejn ma jogħġbuna,
Għal xi mpieg moħħhom ,
Ma' dil-Kuruna.

Hekka jaħasra
X'aħna mqarrqin,
Jidħku kif lridu
Bina l-Maltin.

Is-sena elf tmin mija
U ħamsa u sittin,
Għaddiet qalb dwejjaq
O aħwa Maltin.

F'numru ieħor nitħaddtu

Intukom l-ewwel tas-sena,
'Mma xejn la tifħmu
Li tkun wisq ta' l-hena.

Skond 'ġa kif rajna
Ir-riħ dawwari,
Kunsillieri u Borża
Magħhom il-Ġurnali.

Le, Maltin ħuti
Għall-aħjar tisperawx,
Għax ir-rota nqalbet
Le ġid ma tarawx.

Kollha ferħana
Bil-Gvernatur,
Il-ġid għal erbgħa
Oqogħdu żgur.

Hekka jaħasra
X'aħna mberkin,
Dawn jidħku bina
L-aħwa Maltin.

Addio assoċjati,
Tal-*Giurnal Malti*,
Għalkemm qiegħed nikteb
Kemm qiegħed inbati.

Inħabbel rasi
Noħroġ mill-but,
Patrijott nibqa'
U nikteb sa ma mmut.

Xejn ma jimporta
Għax m'għandix soċji,
Nikteb u nonfoq
Sa ma ttini rasi.

(Ħarġa 67, 30 ta' Diċembru 1865, pp.1-2.)

## Proklama tal-Ġeneral Kmandant Ġurnal Malti fl-10 ta' Jannar 1866

### Fizzjali u Suldati!!

Oqogħdu attenti,
Minn dan-nemik;
Għax jattakkana,
Dan donnu jrid.

Kollu qalbieni,
Kollu kuraġġ,
Jeħodha magħna,
Dana l-viljakk.

L-Assedju 'ddikjara
Hekk hemm il-bżonn,
Gwerra huwa jagħmel,
Hekk qal bil-fomm.

Dana min huwa,
Dan il-valent,
Ġeneral Lanciacorna,
Kollu kuntent.

Oqogħdu attenti,
Bravi suldati,
Kif iddoqq it-trumbetta,
Kunu armati.

Għall-gwerra immorru,
Għall-gwerra immarċjaw;
Lill-Lanciacorna,
Hemm nattakkaw.

Għax magħna jeħodha,
Irid dal-fergħun,
Biex iwaqqagħna,
Donnu miġnun.

Lestu l-balal,
Għal ġol-kanuni,
Ħudu ix-xwabel,
Ħudu t-trumbuni.

U t-tamborlini,
U t-trumbettieri,
Magħhom timmarċja,
Sal-granatieri.

Lestu ruħkom,
Għal dina l-gwerra;

Għax Lanciacorna,
Sejjer jisferra.
Oqogħdu attenti,
La tibżgħu xejn;
Għax Lanciacorna,
Ma jiswa xejn!

Kunu lkoll pronti,
Kif is-sinjal jagħti,
Bl-armi f'idejkom,
Bħal veri suldati.

Fizzjali u Surġenti,
F'idejhom ix-xwabel,
Man-nies jikkumbattu,
*Tat-Torri ta' Babel.*

Jekk il-vittorja,
Aħna nirbħuha,
*It-Torri ta' Babel,*
Aħna niħduha.
Hemm inwaħħlu,
L-istandard tagħna,
Il-Lanciacorna,
Inwaqqgħuh magħna.

Issir il-paċi,
Fuq it-tanbur,
Kulħadd għal loku,
Fis jerġa' jmur.

Bravissmi suldati,
Oqogħdu allerta,
Għax din il-gwerra,
Hija wisq ċerta.

Mogħtija din l-ordni,
Fil-għaxra ta' Jannar,
Fil-kwartier tagħna,
Mill-Kmandant Ġeneral.

(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, pp.1-2.)

**Is-Sena 1866**

*Ecco il nuov' anno gia cominciato,*
Ta' l-elf tmin mija sitta u sittin,
*Ecco che l'altro ci ha lasciato*
Nirrah imgħarraq kemm kien ħażin.

*Pei negozianti era disgusto*
Anqas xejn ma kien inbigħ,
*Pei naviganti terribil gusto!*
Kulħadd imħarrab bħala r-riħ.

*Era funesto per le donzelle*
Anqas namrati ma kienu jsibuh,
*E doloroso per le vedovelle*
Għax raġel ieħor kienu jriduh.

*I giovanetti tutti dolenti,*
Qalbhom sewda u mingħajr flus,
*Del passat'anno tutti scontenti,*
Kollha ddisprati wiċċ ta' qattus.

*I giornalisti... insomma ognuno,*
Jidgħi kulħadd lill-Gvernatur ġdid,
*Ognuno disperato nemmeno uno,*
Għax rasu iebsa daqs il-ħadid.

*Tutti gridiamo l'anno novello,*
Notizji ħżiena għandna bil-bosta,
*Piu' peggio del passato si piu' di quello,*
Kunsillieri u ġurnali huma wisq tosta.

*O giovanetti o care donzelle*
Kulħadd dis-sena jkun iddisprat,
*I vecchiotti, le vedovelle,*
Li ħadd minnkom ma jkun konsolat.

*Viva gridiamo il novell'anno,*
Fuqu ingħajtu bħal iddisprati,
*Or'cominciato il vero inganno,*
Ta' dawk il-ħafna, uċuħ iddisprati.

(Ħarġa 68, 10 ta' Jannar 1866, p.2.)

**Xebgħa 'il- Ommijiet**

O xellerati
O ommijiet,
Intom rovina
Minn tax-xbejbiet.

Tridu żżewġuhom
Lill-barranin,
Lil xi frustieri,
Avolja baħrin.

Xejn kont ma tagħtu
Minn tax-xbejbiet,
Tħalluhom jagħmlu
Il-ħmerijiet.

Basta żżewġuhom
Lil xi fizzjal,
Għax bil-ġlekk aħmar
Avolja xi kapural.

O ħafna mġienen
M'għandkomx fehma,
Minn ta' wliedkom,
Ma tagħtux tema.

Basta tagħtuhom
Lil xi Ingliż,
Jew xi Sqalli
Inkella Franċiż.

Jekk ikun Russu,
Jew Ungeriż,
Italjan tajjeb
Jew Portugiż.

Basta mhux Malti
Imma 'l-frustieri,
Jagħtu 'l uliedhom
Dan x'jiġifieri.

Sew sew igawdu
X'erbat ijiem,
Għax dana jaħrab
Bla telf ta' żmien.

Addio dota
Jgħibu l-flus,
It-tfajla tibqa'
Donnha fellus.

O omm infami
Intix kuntenta,
Żommha lil bintek
Għandekx xi renta.

Basta għallaqtha
Ma' ġuvni Ingliż,
Mar u ħallieha

Mill-aktar fis.

Ftit huma l-eżempji
Minn tal-Maltin,
Li jħallu l-mara
Mhumiex ħamsin.

Jekk huma ħallewhom
Għal xi raġuni,
Għall-ġelosija
U għax fanfaruni.

Ftit żmien jgħaddi,
Li ma jagħmlux paċi,
U flimkien tarahom
Aktar vivaċi.

Hekka jerġgħu
Fis għal flimkien,
Bi kbira inkejja
Minn tal-ġirien.

Kemm nisa żżewġu
Ħadu 'l xi Ingliżi,
Baqgħu bla raġel
U neqsin mill-fidi.

Għaliex dawna
Ippersegwitawhom,
Fir-reliġjon tagħna
Huma jattakawhom.

Hekka jispiċċa
dana iż-żwieġ,
Il-għarus jaħrab
U jħalli l-ulied.

Dana eżempju
Minn ta' l-ommijiet,
Hu kbir skandlu
Minn tax-xbejbiet.

Għaliex ix-xebba
Fjur ta' l-imħabba,
Malti għandha tiegħu
Għax taf fejn trabba.

Dan le ma jsiefer

Le jmur u jħalliha,
Għax jekk jiġġieled
Fis jaqa' għaliha.

Jaf li hi martu
Lilha għandu jħobb,
Għaliex ulied Malta
Mill-isbaħ frott.

Mela ja xbejba
Iftaħ għajnejk,
Malti fis agħżel
Li joqgħod ħdejk.

Dana le żgur
Ma jingannakx,
Għaliex minn Malta
Ma jillargax.

Frustier jekk tiegħu
Żgur hu jittradik,
Għax jixba minnek
Imur u jħallik.

Dan huwa eżempju
Mill-aktar ċar,
Għax issuċċieda
Ġo BOSTA djar.

Djar tas-sinjuri
U xebbiet sbieħ,
Jinsabu waħedhom
Iferfru mar-riħ.

Għax dawna iva
Abbandunati,
Mir-rġiel tagħhom
U min-namrati.

Fl-aħħar lilkom
O ommijiet,
La tkunux rovina
Minn tax-xebbiet.

Għax kastig ikrah
Intom taraw,
Meta 'l uliedkom
Tabbandunaw.

(Ħarġa 69, 20 ta' Jannar 1866, p.1.)

**Ir-Rovina ta' Balalu wara n-Namrata**

Tridux taraw lil dak balalu
Li bil-għali ser jintemm.
Għax ħallietu in-namrata
Sar ikrah daqs ta' l-infern.

Tarawh jiġri mal-belt kollha
Iħabbat wiċċu mal-ħitan,
Xagħru imqanfed fuq wiċċu
Sar ikrah donnu Xitan.

Kulma kellu kollu tajru
Wara l-imgħarrqa namrata,
X'fatta ġġennen x'fatta tbellaħ
Fejn issibu taħt il-Camerata.

Donnu għassa liebes l-isewd
Dan ħasbuh suldat tar-rejfel,
Twil, irqajjaq, bastun f'idu
Minn figurtu donnu Stejfen.

X'waħda ġralu povru ġuvni
Kulma ħadem sarlu suf,
Innamra ma' waħda armla
U kilitlu ħafna flus.

Issa marret u ħallietu
Għax flus iżjed m'għandux,
Ah! Jaħasra, povru ġuvni
Dik ta' qabel ma tridux.

Eh! Jaħasra dan balalu
Ħwejjeġ iżjed m'għandux,
Il-ħajjat li għamillu libsa
Mingħajr flus ma jtihilux.

Dan l-imsejken ta' balalu
Kif baqa' mingħajr żarbun,
l -iskarpan ma jridx jagħmillu
Mingħajr flus għandu raġun.

Jekk imur jixtri l-ingwanti
Isaqsuh jekk għandux flus,
Għax bid-dejn ma nistgħux nagħtu
B'dil-munita ma nħallsux.

Jekk il-kappell mar jixtri
Talbu l-flus qabel ippruvah,
Għax jekk huwa jdaħħlu f'rasu
Żgur li iżjed ma jarah.

Eh! L-imsejkem dan balalu
Ħarsu ftit fiex kellu jinsab,
Spiċċawlu l-flus li kellu
Issa jinsab donnu ddisprat.

Ħbiebu kollha *a la larga*
Bih iżjed ma jridux jafu,
Mentri kellu l-flus ġo butu
Kulħadd ifittxu u kulħadd sabu.

Eh! Imsejken ja balalu
Ara x'tagħmel fejn tirtira,
Għax il-flus kollha spiċċawlek
Dina sservik żgur tifkira.

Int għaqal xejn ma kellek
Għax id-dinja qarreqija,
Min il-flus fi żmienu jberbaq
Tħallih fqajjar fil-Kburija.

(Ħarġa 70, 30 ta' Jannar 1866, p.1.)

## Malta

Ġuvna twila liebsa l-abjad,
Wiċċha smajjar bil-wardiet,
Xaharha iswed, għajnejha koħol
Ilha l-fjur minn tax-xbejbiet.

Jekk dina Malta inxebbaħha
Għax hija mill-isbaħ bliet,
Imdawra kollha bil-baħar
Donnha ġifen qalb is-skiet.

Malta hija belt sabiħa
Imsemmija ma' kullimkien,
Port mill-isbaħ hija għandha
Fih iżejnu dak l-iġfien.

Malta żgħira wisq sabiħa
Imdawra imżejna bis-swar,
Ma tixbax li tħares lejha
Minn bil-lejl sa nofsinhar.

Tħares ħarsa lejn is-swar tagħha
Kemm huma sbieħ u qawwija,
Imdawrin ma' l-isola kollha
Għax mis-slaten ġew mibnija.

Malta ħelwa u grazzjuża
Sa isimha kien maħtur,
Int ġibt għira lid-dinja kollha
Jieħdok ried il-Gran Sinjur.

Int ġibt għira lid-dinja kollha
U kulħadd jitpaxxa bik,
Il-frustieri li jiġu f'Malta
Ħadd ma jrid kieku jħallik.

Jekk it-Torok jeħduk riedu
U bosta drabi ġew għalik,
Battalji taw l-aktar qawwija
U ħadd ma seta ibattik.

Għalkemm ħabtu kontra tiegħek
Qatt ma setgħu huma jeħduk,
Nies intilfu fil-battalji,
'Mma le setgħu jeqirduk.

Ġemma ħelwa u prezzjuża
Dina Malta il-ħanina,
Fi żmien l-Ordni tal-Kavallier
L-iżjed nobbli kienet dina.

Kellha ġ-ġfien u kellha x-xwieni
Ilkoll battew bi kbir unur,
Laqgħu sħiħ battalji għamlu
Ma' l-armata tal-Gran Sinjur.

Malta dejjem ġabet għira
Imħabbta kienet minn kulħadd,
Bonaparti biġ-ġfien tiegħu
Ittradiha ħin bla waqt.

Wara ftit abbandunaha
Għax il-Maltin ma riditux,
F'idejn l-Ingliżi tawha
Li jgawdiha ma rnexxielux.

Jekk din Malta sfortunata
Kmand li jħobbha ma kellhiex,
Imħabbta min-nies tagħha
Kwieta le ma jħalluhiex.

Biss San Pawl li dejjem ħabbha
U ħarisha minn kull ħsara,
Kemm fil-mard u kemm fil-battalji
Dan l-Appostlu ta' l-Insara.

Għax dan Pawlu Malta tiegħu
Minn Damasku lil Malta għażel,
Fis kissrilna l-idoli kollha
Lill-Maltin insara għamel.

(Ħarġa 71, 10 ta' Frar 1866, pp.1-2.)